CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
ST.GEORGE'S FIEF STREET
VICTORIA GOZO
TEL. 2156 0479

# BULLETTIN TAL-ARCIDJOCESI U LITURGIJA TAL-KELMA

WERREJ

Ottavarju għall-Għaqda tal-Knejjes ... ... ... .. 1
Messaġġ tal-Papa dwar ix-xjuħija ... ... ... ... ... 13
Is-XVI-il Jum tal-Paċi ... ... ... ... ... ... 19
Is-Solidarjetà ... ... ... ... .. ... ... ... 20
Ittra tal-Papa fuq S. Franġisk ta' Assisi ... ... ... ... 32
Messaġġi u omilija tal-Arċisqof ... ... ... ... ... 44
Diretttivi dwar l-Ordo Paenitentiae l-ġdid .. ... ... 55
Ċirkularijiet u dokumenti oħra ... ... ... ... ... 58
Eżempju ta' omiliji ... ... ... ... ... ... ... 71

MISSJONI DJOĊESANA
Ittra tal-Papa lill-Isqfijiet ... ... ... ... ... 115
Novena tal-Milied ... ... ... ... ... ... 119
Marija fil-misteru ta' Kristu u l-Knisja .. ... ... 136
Marija Omm il-Ħniena ... ... ... ... ... ... 149

35

# BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
# U
# LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 35 Avvent 1982/83


## OTTAVARJU GĦALL-GĦAQDA TAL-KNEJJES

18 — 25 JANNAR 1983

Il-ħsieb għall-Ottavarju ta' din is-sena hu mfisser hawn taħt. Fil-knejjes kollha sagramentali għandha ssir il-Quddiesa għall-għaqda ta' l-insara kif hemm indikat fl-Ordni. Fejn issir ċelebrazzjoni ewkaristika, ma' tul l-Ottavarju għandha ssir b'dan il-mod.

1 Innu
2 Qari skond il-ġurnata li jmiss
3 Ħsieb qasir fil-linji tar-riflessjoni li hemm għal kull jum.
4 Talba tal-fidili (p. 783 tal-Lezzjonarju tal-Qaddisin).
5 Barka.

## ĠESU' KRISTU — IL-ĦAJJA TAD-DINJA

"Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-verb, il-kelma tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom. Għax il-ħajja dehret u aħna rajniha u qegħdin nixhdu għaliha. Qegħdin inxandrulkom il-ħajja ta' dejjem li kienet għand il-Missier u dehret lilna. Qegħdin inxandrulkom dak li aħna rajna u smajna, biex intom tissieħbu magħna, u l-għaqda tagħna tkun mal-Missier u ma' Ibnu Ġesu' Kristu. U qegħdin niktbu dan biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ" (I Ġw 1, 1-4).

### *I Daħla*

Il-ħsieb li din is-sena se jmexxi t-talb tagħna għall-għaqda ta' l-insara hu: "Ġesu' Kristu — il-ħajja tad-dinja". Dan huwa s-suġġett ewlieni li fuqu se jitkellmu dawk li se jieħdu sehem fis-VI Assemblea Dinjija tal-Kunsill tal-Knejjes li se tiltaqa' f'Vancouver, fil-Kanada, mill-24 ta' Lulju sal-10 ta' Awissu 1983. L-insara kollha huma mistiedna biex, bi spirtu ta' mħabba nisranija, jitolbu għal din il-laqgħa u jżommuha fi ħsibijiethom.

Għażilna bħala l-qofol tal-meditazzjonijiet tagħna f'dan l-Ottavarju, il-bidu tal-ewwel ittra ta' l-Appostlu San Ġwann. Din is-silta mill-ittra ta' San Ġwann, kemm jekk inqisuha fiż-żmien li nkitbet, u kemm jekk inqisuha fid-dawl tal-qagħda ta' żmienna, turina x'importanza għandha x-xirka tal-insara bejniethom fil-Knisja. Aħna u nisimgħu din is-silta, għandna nintebħu kemm hi meħtieġa l-għaqda tal-insara u għalhekk inħossu li għandna nitolbu biex l-insara kollha jerġgħu jkunu ħaġa waħda bejniethom. Din is-silta wkoll turina x'inhuma l-problemi tal-ħajja tal-lum fid-dinja.

Din is-silta, meta naqrawha għall-ewwel darba, tolqotna bil-mod kif turina li seħħet il-laqgħa tal-Appostli mal-Mulej Ġesu': ġew maħtufin minn Kristu kollhom kemm huma: rawh, semgħuh, messewh. Sabu l-Kelma tal-ħajja bl-istess esperjenza tagħhom, u qegħdin iħabbrulna l-ħajja ta' dejjem biex aħna naqsmuha magħhom u biex il-ferħ tagħna jkun sħiħ flimkien magħhom.

Vers 1

Alla mhux waħdu. Il-ħajja ta' Alla hi xirka minn dejjem ta' dejjem ta' Tliet Persuni: il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Mill-bidu l-Iben kien il-Verb, il-Kelma tal-ħajja (1 jum)

Vers 2

Il-Verb, il-Kelma ta' ħajja rajnih meta sar bniedem, meta niżel igħammar fostna (ara Ġw. 1, 14). Dawk li lilhom Ġesu' għarraf lilu nnifsu setgħu jaraw kemm tassew kellu sehem min-natura tagħna l-bnedmin (2 jum).

Vers 3

Meta sar bniedem, l-Iben ta' Alla, baqa' jgħammar mal-Missier, u lilna wassalna għall-għaqda ħajja mal-Missier, għaqda li seħħet bl-Ispirtu s-Santu (3 jum).

Vers 3a

Din l-għaqda ħajja mal-Missier u ma' l-Iben tidher fix-xirka tal-Knisja fejn l-insara jżommu sħiħ "fit-tagħlim tal-Appostli u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u t-talb" (Atti 2, 42) (4 jum).

Vers 4-7

Din il-għaqda ma' Alla u bejnietna hi mhedda mid-dnub, min-nuqqas ta' mħabba, mid-dlam kollu li aħna lqajna fil-ħajja tagħna u fi ħdan is-soċjetà. Għalhekk din il-għaqda tibqa' u tissaħħaħ biss jekk nimxu fid-dawl (5 jum).

Vrus 2-3

Din l-għaqda fiha nfisha hi ġa stqarrija u xhieda li Alla jrid li jkollna sehem mill-ħajja tiegħu. Iżda, barra dan, aktar ma l-knejjes jingħaqdu flimkien biex ixandru l-Kelma tal-ħajja, aktar ma jingħaqdu flimkien biex ifaħħru 'l Alla u jaqdu lil min hu fil-bżonn, aktar tkun ħaġa ħafifa għad-dinja tilqa' l-istedina ħa tissieħeb f'din il-għaqda ta' ħajja (6 jum)

Vers 2

Bil-għaqda tagħna ma' Kristu rxoxt, ġa beda jseħħ fina dak li jibqa' għal dejjem. It-tiġdid tal-istess ħajja tagħna, tad-dinja li fiha ngħixu, tal-ħolqien kollu jseħħ f'kotra ta' ħajja li tegħleb kull qawwa tal-mewt (7 jum).

Vers 4

Il-ferħ li jiġina minn din l-għaqda ma' Alla u minn din ix-xirka bejnietna, ukoll waqt it-tiġrib, jagħtina ħjiel tal-kotra tal-ħajja li ġiet imwegħda lilna. Irridu nagħtu xhieda ta' dan il-ferħ, għax dan teħtieġu d-dinja. B'hekk ikun xhieda tas-saltna li għad trid tiġi (ara Rum 14, 17) (8 jum).

---

Wara li nkunu qrajna u immeditajna din is-silta mill-ewwel ittra ta' San Ġwann, inħossu ruħna mħawdin għaliex il-qagħda tal-knejjes u l-qagħda tad-dinja ma jaqblu xejn mal-bxara ta' ħajja f'xirka waħda ta' mħabba.
Min-naħa nemmnu li Kristu hu l-Kelma tal-ħajja, il-ħajja tad-dinja, għax bih u fih Alla jagħti l-ħajja lid-dinja (ara Ġw 3, 16). Il-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu hi s-sagrament tal-għaqda ta' Alla mal-bnedmin u tal-bnedmin bejniethom.
Min-naħa l-oħra, il-firdiet bejn l-insara jfaqqru din il-għaqda u hekk huma ta' tfixkil biex tiġi milqugħa l-Bxara t-tajba u huma ċaħda tax-xhieda ta' ħajja fl-imħabba.
F'liema qagħda tad-dinja, qegħdin ngħixu llum dawn il-firdiet bejn l-insara? Illum, aktar milli fl-imgħoddi, il-ħajja hi mhedda minn gwerer, ġuħ, inġustizzji, sistemi mibnija fuq l-egoiżmu u l-moħqrija, nuqqas ta' tifsir tal-ħajja, nies mitluqin waħedhom... F'dan kollu naraw nuqqas ta' għaqda ta' mħabba, il-konsegwenzi tad-dnub. Illum, aktar milli fl-imgħoddi, il-kliem qiegħed jitlef it-tifsir tiegħu. U d-dinja teħtieġ kelma: il-Kelma tal-ħajja.
Hu f'din il-qagħda tad-dinja, li dejjem aktar tinħass il-ħtieġa tal-għaqda tal-knejjes għas-servizz, għall-ġustizzja, għall-paċi, għall-missjoni — f'kelma waħda, għall-ħajja tad-dinja. Hi f'din il-qagħda tad-dinja li t-talba ta' Kristu għall-għaqda (Ġw 17) biex id-dinja temmen u ssib kotra ta' ħajja, hi stedina dejjem aktar ħerqana għalina. Jalla l-Ispirtu s-Santu jiftaħ qlubna u fehmietna biex it-talba ta' Krsitu ssir dejjem aktar tagħna wkoll, kollha kemm hi.

---

L-ewwel abbozz ta' dan id-dokument tħejja mill-"Irish Council of Churches" u mir-"Roman Catholic Advisory Committee on Ecumenism of Ireland", xogħol ekumeniku flimkien li fih innifsu huwa xhieda ta' ħajja u ta' għaqda f'nofs imwiet u firdiet. L-abbozz ġie mbagħad rivedut u adattat biex jiġi mxerred mad-dinja kollha mill-grupp li qed iħejji ċ-ċelebrazzjoni tal-Ottavarju għall-għaqda tal-insara, grupp imsejjaħ mill-"World Council of Churches" u mis-Segretarjat Pontifiċju għall-għaqda tal-insara.

---

## *II. Proposti ta' ċelebrazzjoni għal kull jum*

L-EWWEL JUM — Il-Kelma tal-ħajja hi mill-bidu

QARI I. Lezzjoni

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin 1, 15-17

Ħuti: Kristu hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, Troni u Ħakmiet, Prinċipati u Setgħat. Kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox u kollox fih qiegħed iżomm.

Il-Kelma tal-Mulej

2. Salm responsorjali — Salm 33

℟. Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej

Kull ħin imbierek il-Mulej
tifħiru dejjem fuq fommi.
Bil-Mulej tiftaħar ruħi:
jisimgħu l-fqajrin u jifirħu
Xandru l-kobor tal-Mulej miegħi.
ħa ngħollu ismu flimkien. ℟

Jien fittixt il-Mulej u weġibni,
minn kull biża' tiegħi ħelisni.
Ħarsu lejh u jiddi bil-ferħ wiċċkom,
u ma jkollkomx għax tistħu. ℟

Dan il-fqajjar u l-Mulej semgħu,
u fid-dwejjaq kollha tiegħu ħelsu
L-anġlu tal-Mulej igħasses
madwar dawk li jibżgħu minnu u jeħlishom, ℟

Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej;
hieni l-bniedem li jistkenn fih.
Ibżgħu mill-Mulej, qaddisin tiegħu,
għax xejn ma jonqsu min jibża' minnu.
Is-setgħana jiftaqru u jbatu l-ġuħ
min ifittex lill-Mulej xejn ma jkun jonqsu ℟

3. Evanġelju

Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 1, 1-4

Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma' Alla. Hu kien fil-bidu ma' Alla. Kollox bih sar u xejn ma sar mingħajru; kull ma sar kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.

Il-Kelma tal-Mulej

*Riflessjonijiet*

Hemm ċerti problemi li jolqtu lill-bnedmin fil-fond ta' qalbhom: Mnejn ġej il-bniedem? Minn fejn il-ħajja? Bħala nsara aħna nemmnu li "fil-bidu" kien hemm Alla li, bil-kelma setgħana tiegħu ħalaq is-sema u l-art u ta l-ħajja lill-bniedem. Il-ġrajjiet tal-Iskrittura jiżgurawna li mhux biss "kellu l-ħajja fih", imma li Alla hu "il-Kelma tal-ħajja". Din il-ħajja hi x-xirka mal-Missier, ma' l-Iben u ma' l-Ispirtu s-Santu, xirka u għaqda magħhom li ma naslu qatt biex nifhmu. "Kollox fih qiegħed iżomm" għaliex hu ħalaq kollox. Iżda aħna qegħdin naraw kollox jiġġarraf madwarna, u n-nies qegħdin jinfirdu minn Dak li jagħtihom il-ħajja. Jeħtieġ niġġeddu f'ħajjitna u nagħrfu mill-ġdid li hu Alla li ħalaqna u qiegħed iżommna.

IT-TIENI JUM — Il-Verb, il-Kelma ta' Alla tidher fostna

QARI 1. Lezzjoni

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin 4, 4-7

Ħuti: Meta waslet il-milja taż-żminijiet Alla bagħat lil Ibnu mwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' ulied. U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba, Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben, werriet ukoll permezz ta' Alla.
Il-Kelma tal-Mulej

2. Salm responsorjali — Salm 98

℟. L-art kollha rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna

Għannu lill-Mulej għanja ġdida,
għax għamel ħwejjeġ ta' l-għaġeb.
Ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu,
u d-driegħ imqaddes tiegħu.
Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu,
f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu.
Ftakar fit-tjieba u l-fedeltà tiegħu
mal-poplu ta' Israel.
L-art kollha minn tarf għall-ieħor
rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna ℟

Għajtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha,
infexxu fil-hena, ifirħu u għannu.
Għannu lill-Mulej biċ-ċetra,
biċ-ċetra u bil-ħlewwa ta' l-għana
bit-trombi u b'leħen it-trombetti,
għajtu bil-ferħ quddiem il-Mulej, is-sultan. ℟

Ħa jriegħed il-baħar u kull ma fih
id-dinja u kull min igħammar fiha.
Ħa jċapċpu x-xmajjar idejhom
u l-muntanji flimkien igħajtu bil-ferħ
Quddiem il-Mulej għax ġej,
biex jagħmel ħaqq mill-art,
hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja
u mill-popli bis-sewwa. ℟

3. Evanġelju

Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 1, 9-18

Ġwanni ġie biex jixhed għal dak id-dawl veru li jdawwal kull bniedem huwa u ġej fid-dinja. Kien fid-dinja, u d-dinja saret bih, imma d-dinja ma għarfitux. Ġie f'daru u niesu ma laqgħuhx. Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu mhux mid-demm, lanqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla. U l-Verb sar bniedem u għammar fostna u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala ibnu il-waħdieni, mimli grazzja u verità. Ġwanni ta xhieda fuqu meta għajjat u qal: "Dan hu li għalih għedtilkom: Jiġi warajja imma hu aqwa minni, għax kien qabli". Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna, grazzja fuq grazzja. Alla ta l-liġi permezz ta' Mose', imma l-grazzja u l-verità seħħu permezz ta' Ġesu' Kristu.

Lil Alla għadu ħadd ma rah, imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier.

*Riflessjonijiet*

Alla jrid jagħti l-ħajja lil kulħadd, u għalhekk wera l-Kelma setgħana tiegħu li tagħti l-ħajja, diversi drabi u f'ħafna manjieri. Minn barra Mose', li ta l-liġi lill-poplu ta' Israel, Alla sejjaħ nies minn kull żmien biex iwasslu l-Kelma tal-ħajja bi kliemhom u b'egħmilhom. Fi Kristu, il-Kelma tal-ħajja dehret b'mod ġdid u darba għal dejjem. Huwa u jxandar is-saltna ta' Alla, huwa u jwaqqaf ix-xirka tal-Appostli, huwa u juri ħniena ma' kulħadd, fih id-dinja setgħet tara l-Kelma tal-ħajja. Permezz tal-Ispirtu ta' Kristu rxoxt aħna wkoll, bħala nsara nistgħu nuru lid-dinja l-Kelma ta' Alla li tagħti l-ħajja.

IT-TIELET JUM — Ħajja f'għaqda ma' Alla

QARI 1. Qari mill-ewwel ittra tal-Appostlu San Ġwann 4, 13-16

Egħżież: aħna nafu li aħna ngħammru fih u hu fina, għaliex tana sehem mill-Ispirtu tiegħu. Aħna rajna u nagħtu xhieda li l-Missier bagħat lil Ibnu s-Salvatur tad-dinja. Kull min jistqarr li Ġesu' hu l-Iben ta' Alla, Alla jgħammar fih u hu f'Alla. U aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminniha.
Il-Kelma tal-Mulej

2. Salm responsorjali — Salm 63

℟. Alla tiegħi int, lilek ħerqan infittex

Alla, Alla tiegħi int, lilek ħerqan infittex,
ruħi bil-għatx għalik, għalik imxennaq jiena
bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma.
Għalhekk ġejt narak fit-tempju mqaddes tiegħek,
biex nitgħaxxaq bis-setgħa u l-glorja tiegħek,
Għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja,
Għalhekk inbierkek tul ħajti kollha
ngħolli jdejja u nsejjaħ ismek.
xofftejja jxandru t-tifħir tiegħek ℟

Bħal b'ikel mill-aħjar li jsemmen nimtela
u jgħannilek fommi b'xofftejn ferrieħa
meta mimdud fuq friexi fik niftakar
u naħseb fuqek tul is-sahriet tal-lejl
Għax int kont għajnuna għalija
għad-dell ta' ġwenħajk ngħanni bil-ferħ
Miegħek tingħaqad ruħi.
u tweżinni bil-leminija tiegħek ℟

3. Evanġelju

Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 15, 1-5

F'dak iż-żmien Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu: "Jiena hu d-dielja vera u Missier il-bidwi. Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha;

u kull waħda li tagħmel il-frott, jiżborha u jnaddafha biex tagħmel frott aktar. Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għidtilkom. Ibqgħu fija u jiena fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott, għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn".
Il-Kelma tal-Mulej

*Riflessjonijiet*

Il-ligijiet biss ma jwasslux lin-nies biex igħixu f'għaqda ma' Alla: hi meħtieġa wkoll bidla fil-qalb, li hi don tal-Ispirtu s-Santu; din il-bidla mill-qalb, din il-konverżjoni twaqqaf relazzjoni ġdida ma' Alla u aħna nwieġbu b'qalbna kollha u b'ruħna kollha, minn rajna, għas-sejħat tal-Mulej li fdiena. Hu b'dan l-ispirtu ta' mħabba li aħna f'Alla u hu fina. Ikollna l-ħajja sakemm inkunu magħqudin ma' Kristu bħalma fergħa tkun magħquda mad-dielja. Bi Kristu ningħaqdu mal-Missier fl-Ispirtu s-Santu. Ix-xewqa għal din il-għaqda tiġi mill-Ispirtu s-Santu li jagħti l-ħajja u li jgħammar fina.

IR-RABA' JUM — Ħajja ta' għaqda ma' l-aħwa

QARI 1. Qari mill-Atti ta' l-Appostli 2, 42-47

F'dak iż-żmien: kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-Appostli u fil-għaqda bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb. Waqa' mbagħad il-biża' fuq kulħadd għax ħafna kienu l-mirakli u s-sinjali li kienu jsiru permezz ta' l-Appostli. Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibiegħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd skond il-ħtieġa ta' kull wieħed. U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja, u kienu jfaħħru lil Alla u l-poplu kollu kien iġibhom. U minn jum għall-ieħor il-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi.
Il-Kelma tal-Mulej

2. Salm responsorjali — Salm 133

℟. Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa li l-aħwa jgħammru flimkien

Bħal żejt mill-aħjar imsawba fuq ir-ras
li jinżel mal-laħja ta' Aron.
li jinżel mal-leħja tiegħu
sa fuq il-għonq ta' ħwejġu ℟
Hu bħan-nida tal-Hermon
li tinżel fuq l-għoljiet ta' Sijon,
għax hemm il-Mulej jagħti l-barka
hemm jagħti l-ħajja għal dejjem ℟

3. Evanġelju

Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 13, 33-35

F'dak iż-żmien, il-Mulej qal lid-dixxipli tiegħu: "Uliedi, ftit ieħor se ndum magħkom; intom tfittxuni, u, bħalma għedt lil-Lhud, hekk ukoll ngħid lilkom: Fejn sejjer intom ma tistgħux tiġu. Nagħtikom kmandament ġdid li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom."

Il-Kelma tal-Mulej

*Riflessjonijiet*

Fl-ewwel ittra tiegħu, San Ġwann meta jgħid "aħna" jkun jifhem il-komunità tal-insara miġbura madwar l-Appostli. Imma l-kelma "aħna" tista' tfisser ukoll kull komunità miġbura mis-servizz ta' ministeru li ġej mill-Appostli ħa tiċċelebra s-sagramenti, u tistqarr il-fidi ta' l-Appostli. F'komunità bħal din, u biha, aħna ningħaqdu ma' Alla l-Missier, fi Kristu, bl-Ispirtu s-Santu. Nitolbu llum biex bl-għajnuna ta' Alla t-tħabrik tagħna ħa sseħħ l-għaqda sħiħa tal-knejjes kollha nsara, biex inkunu xbieha tal-komunità nisranija fi żmien l-Appostli. Meta dan iseħħ għal kollox, tidher fil-milja kollha tagħha dik l-imħabba ta' l-aħwa, li hi l-veru sinjal ta' min hu dixxiplu tal-Mulej.

IL-ĦAMES JUM — Il-ħajja mhedda mid-dlamijiet

QARI 1. Lezzjoni.

Qari mill-ewwel ittra ta' San Ġwann Appostlu 1, 5-7

Egħżież: Din hi l-aħbar li smajna minn għandu u li qegħdin inxandrulkom, li Alla hu dawl u li ebda dlam ma hemm fih. Jekk ngħidu li aħna mseħbin miegħu imma nimxu fid-dlam, inkunu qegħdin nigdbu u ma nagħmlux il-verità. Iżda jekk nimxu fid-dawl, kif inhu fid-dawl hu stess, aħna nissieħbu flimkien u d-demm ta' Ġesu' Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub.

Il-Kelma tal-Mulej

2. Salm responsarjali — Salm 37

℟. Afda fil-Mulej u agħmel it-tajjeb

La tagħdabx minħabba l-ħżiena
la tgħirx għal dawk li jagħmlu d-deni.
għax bħal ħaxix malajr jitbielu
u bħan-nibbieta malajr jinxfu. ℟

Afda fil-Mulej u agħmel it-tajjeb
għammar fl-art u tgħix moħħok mistrieħ.
qiegħed fil-Mulej l-għaxqa tiegħek
u jagħtik dak li tixtieq qalbek. ℟

Erħi fil-Mulej it-triq tiegħek,
afda fih u jagħmel hu.
Hu juri bħad-dawl is-sewwa tiegħek
u d-dritt tiegħek bħal nofs in-nhar. ℟

Serraħ rasek fil-Mulej u ittama fih
tinkeddx minħabba f'min jirnexxi
u f'min jimxi bil-ħżunija.
Ħallik mill-korla u tirrabjax,
tinkedd xejn għax deni jiswielek ℟

Għax il-ħżiena jitqaċċtu 'l barra
min jittama fil-Mulej jikseb l-art.
Ftit ieħor u l-ħażin ma jkunx aktar
għad tħares fejn kien u ma ssibux.
imma l-ġwejdin għad jirtu l-art,
u bi sliem kotran jitgħaxxqu ℟

Jonsob il-ħażin għall-bniedem ġust
u jgħażżeż snienu kontra tiegħu
imma l-Mulej bil-ħażin jidħaq
għax jara li wasal żmienu ℟.

3. Evanġelju

Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 23, 44-49

Għall-ħabta ta' nofs in-nhar waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sat-tlieta għax ix-xemx iddalmet. Il-velu tas-santwarju ċċarrat min-nofs. Imbagħad Ġesu' għajjat għajta kbira u qal: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi. U kif qal hekk, ruħu ħarġet. Iċ-ċenturjun meta ra x'ġara, beda jfaħħar 'l Alla u jgħid: "Kien tassew bniedem ġust dan ir-raġel!" U n-nies kollha li kienu nġabru hemm biex jaraw, meta raw dawn il-ġrajjiet, reġgħu lura jħabbtu fuq sidirhom. Dawk kollha li kienu jafuh, qagħdu jaraw kollox mill-bogħod, hekk ukoll xi nisa li kienu ġew warajh sa minn meta kien għadu fil-Galilija.
Il-Kelma tal-Mulej.

*Riflessjonijiet*

Id-dnub, l-inġustizzji, il-vjolenza, il-qerq jeqirdu l-għaqda fost il-bnedmin. Dawn is-setgħat tal-ħażen ġarrbu 'l Kristu msallab, u huma theddida għad-dixxipli tal-Mulej għaliex jheżżulhom il-fidi u jżommuhom 'il bogħod minn Alla. In-nisrani ma jistax jgħid li hu f'għaqda ma' Alla jekk jaħdem għal rasu. Il-firdiet bejna l-insara huma qabel kollox problema spiritwali li tintrebaħ biss b'konverżjoni sinċiera, fedeltà lejn l-Evanġelju u sinċerità ma' xulxin. Aktar ma ningħaqdu ma' Kristu, aktar nissaħħu għall-ġlieda kontra d-dnub, nissaffew minn ħtijietna, u nibqgħu sħaħ fil-verità u jkollna aktar għajnuna ħa naħdmu għall-għaqda tal-knejjes.

IS-SITT JUM — Il-ħajja mħabbra lid-dinja

QARI 1. Lezzjoni

Qari mill-Ktieb tal-profeta Isaija 61, 1-4

L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax il-Mulej ikkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, bagħatni ndewwi l-qalb miksura, biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u lill-ħabsin i-ftuħ tal-ħabs, biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej u jum il-vendetta ta' Alla tagħna, biex infarraġ lill-imnikktin, biex inferraħ lil dawk li jibku f'Sijon, nagħtihom kuruna flok irmied, żejt tal-ferħ flok l-ilbies tal-viżtu, il-għana tal-foħrija flok ruħ mitluqa. Insejħilhom "ballut tas-sewwa", imħawla mill-Mulej għall-foħrija tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej

2. Salm responsorjali — Salm 33

(ara l-ewwel jum paġ. 4)

3. Evanġelju

Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew 28, 16-20

F'dak iż-żmien: il-ħdax-il dixxipli telqu lejn il-Galilija u marru fuq il-muntanja fejn kien ordnalhom Ġesu'. Kif rawh inxteħtu quddiemu għalkemm xi wħud iddubitaw. Ġesu' resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. U għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara jiena magħkom dejjem sa l-aħħar taż-żmien."

Il-Kelma tal-Mulej

*Riflessjonijiet*

Isaija jħabbar il-miġja ta' wieħed li se jwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, ħelsien lill-imjassrin u ferħ u għajnuna għall-bini mill-ġdid tal-belt tal-bnedmin. Din il-fiduċja tal-fqajrin fil-Mulej iħabbarha wkoll is-salm responsorjali. Għall-insara, dak li ħabbar Isaija seħħ fi Kristu bil-ħajja, il-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Huma jintbagħtu fid-dinja biex jagħtu xhieda ta' din it-tama bi kliemhom u b'ħajjithom kollha, minkejja t-tiġrib u l-persekuzzjonijiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom. Din it-tħabbira biex titwemmen, titlob xhieda flimkien tal-insara kollha kemm huma.

IS-SEBA' JUM — Il-ħajja ta' dejjem

QARI I. Lezzjoni

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin 3, 1-4. 11-15

Ħuti: Jekk intom rxuxtajtu fi Kristu fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla. Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk ta' l-art. Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla. Meta jidher Kristu, li hu l-ħajja

tagħna, imbagħad intom ukoll tidhru flimkien miegħu fil-glorja.
Fih ma hemmx Grieg jew Lhudi, ċirkonċiż jew mhux, Barbru jew Skita, ilsir jew ħieles, iżda f'kollox Kristu u f'kulħadd. Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin u jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru 'l xulxin: bħalma l-Missier ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħin biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr.
Il-Kelma tal-Mulej

2. Salm responsorjali — Salm 16

℟. Int tgħallimna t-triq tal-ħajja

Mulej, int is-sehem tal-wirt u tar-riżq tiegħi
int iżżomm f'idejk xortija.
Il-kejl tani art li tgħaxxaq,
messni sehem tassew għal qalbi. ℟

Imbierek il-Mulej li tani l-fehma
imqar bil-lejl qalbi tgħallimni.
Inżomm il-Mulej dejjem quddiemi,
għax bih f'leminti qatt ma nitħarrek
Hekk tifraħ qalbi u tithenna ruħi
u ġismi wkoll jistrieħ fil-kwiet. ℟

Għax int ma titlaqnix fl-imwiet
ma tħallix il-maħbub tiegħek jara l-qabar.
Int tgħallimni t-triq tal-ħajja
hemm il-milja tal-ferħ quddiemek,
hemm il-għaxqa għal dejjem f'lemintek.

3. Evanġelju

Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 5, 24-27

F'dak iż-żmien: Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu: "Tassew, tassew ngħidilkom li min jisma' kelmti u jemmen f'min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem u ma jsirx ħaqq minnu imma għadda mill-mewt għall-ħajja. Tassew, tassew ngħidilkom, li tiġi s-siegħa, u anzi issa hi, meta l-mejtin jisimgħu l-leħen ta' l-Iben ta' Alla, u dawk li jisimgħuh igħixu. Għax bħalma l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, hekk ukoll ta lil Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu u tah ukoll is-setgħa li jagħmel ħaqq għax hu Bin il-Bniedem.
Il-Kelma tal-Mulej

*Riflessjonijiet*
Aħna l-insara nafu x'inhi l-mewt u x'inhi t-tentazzjoni tad-dispra-ment. Għaliex kuljum, bl-esperjenza tagħna stess naraw kemm hu ta' kelmtu l-Mulej, u t-tama bla heda tiġġedded fina u l-mewt tinbidel f'ħajja. Din kienet it-triq tal-Mulej Ġesu', u aħna, bħala nsara,

aħna mseħbin fil-mewt u l-qawmien tal-Mulej. Kristu żgurana mill-ħajja ta' dejjem, hu li, bħal Missier, għandu l-ħajja fih innifsu. Fiż-żmien li fih tant bnedmin qegħdin jistaqsu xi tfisser il-ħajja u huma vittmi ta' ideoloġiji li jiċħdu l-ħajja ta' dejjem, aħna msejħin, wisq aktar minn qabel, biex flimkien inxandru l-fidi tagħna lid-dinja.

IT-TMIEN JUM — Il-hena tal-ħajja flimkien

QARI 1. Lezzjoni

Qari mill-ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin 4.4-9

Ħuti: Ifirħu dejjem fil-Mulej: nerġa' ngħidilkom: Ifirħu. Il-ħlewwa tagħkom ħa jkunu jafuha l-bnedmin kollha. Il-Mulej qorob. Tħabbtu raskom xejn. Fit-talb tagħkom itolbu u uru lil Alla x jkollkom bżonn: iżżuh ħajr. U s-sliem ta' Alla, sliem li jgħaddi kull ma l-moħħ jista' jifhem, iżommilkom qalbkom u moħħkom sħaħ fi Kristu. Mill-bqija, ħuti, f'dan għandkom taħsbu: f'kull ma huwa veru, f'kull ma hu xieraq, f'kull ma hu ġust, f'kull ma hu safi, f'kull ma jiġbed l-imħabba, f'kull ma jistħoqqlu l-ġieħ, f'kull ma hu virtu', f'kull ma ħaqqu t-tifħir: f'dan kollu aħsbu. U kull ma tgħallimtu u ħadtu minn għandna, u smajtu u rajtuh fina, agħmluh. Alla tas-sliem ikun magħkom.

Il-Kelma tal-Mulej.

2. Salm responsorjali — Salm 149

℟. Il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu

Għannu lill-Mulej għanja ġdida
fil-ġemgħa ta' ħbiebu t-tifħir tiegħu.
Ħa jifraħ Israel bil-ħallieq tiegħu
u jithennew ulied Sijon bis-sultan tagħhom.
Ħa jfaħħru biż-żfin l-isem tiegħu
bid-daqq tat-tanbur u taċ-ċetra ℟

Għax il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu
u jsebbaħ lill-fqajrin bir-rebħa.
Bil-glorja jithennew ħbiebu
u jaqbżu bil-ferħ fuq friexhom.
It-tifħir ta' Alla jkun fuq fommhom
u sjuf b'żewġt ixfar f'idejhom.
biex jistgħu jitħallsu mill-ġnus
u jagħtu kastig lill-popli
jorbtu bil-ktajjen is-slaten tagħhom
u b'irbit tal-ħadid il-kbarat tagħhom
jagħmlu minnhom il-ħaqq miktub għalihom:
dan hu tifħir għall-ħbieb tiegħu kollha ℟

3. Evanġelju

Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 15, 10-15

F'dak iż-żmien: Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu: Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi intom tibqgħu f'imħabbti, kif jien ħarist il-kmanda-

menti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu. Għidtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ. Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien. Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. Intom ħbiebi, jekk tagħmlu dak li jiena nikmandakom. Ma nsejħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kull ma smajt mingħand Missieri jiena għarraftulkom".

Il-Kelma tal-Mulej

*Riflessjonijiet*

Il-hena ma jistax ikun nieqes mill-ħajja, hu meħtieġ għall-għaqda ma' Alla, għax il-hena hu d-dija ta' din l-għaqda ma' Alla. Il-Mulej Ġesu' jridna lkoll inġarrbu l-hena tiegħu fil-milja kollha tiegħu. Għalhekk jistedinna biex inkunu nafu perfettament x'inhi r-rieda tal-Missier u jridna nħobbu 'l xulxin bħal aħwa. Kull min jagħti ħajtu biex jimxi wara Ġesu', joħloq il-ħajja u jsib il-hena. Il-hena u l-ferħ li l-komunità ta' l-insara tgħix u tfakkar, huma l-frott tas-salib ta' Kristu. Jimlew il-ħajja tagħna ta' kuljum u jqanqluna għarradd ta' ħajr; jagħtu xhieda lid-dinja tal-ħajja li l-Ispirtu ta' Alla jagħti lill-komunitajiet insara.

## MESSAĠĠ TAL-PAPA LIL-LAQGHA INTERNAZZJONALI MSEJHA MILL-ĠNUS MAGHQUDA DWAR IX-XJUĦIJA TAL-POPOLAZZJONI

Aktar minn darba, is-S. Sede uriet interess kbir u laqgħet b'tama sħiħa l-inizjattiva tal-Ġnus Magħquda għal-laqgħa internazzjonali fuq il-problemi tax-xjuħija tal-popolazzjoni u fuq il-konsegwenzi ta' dan għal kull persuna u għas-soċjetà kollha kemm hi. Meta dan il-ħsieb beda jseħħ, f'kull imkien bdew jintebħu b'dan il-fenomenu demografiku ta' żmienna u jgħarbluh sewwa; dan wassal kull pajjiż u s-soċjetà internazzjonali kollha kemm hi biex tibda tistaqsi lilha nfisha x'inhu d-destin, x'inhuma l-ħtiġijiet, x'inhuma d-drittijiet, x'inhuma l-kapaċitajiet speċifiċi tax-xjuħ, li l-għadd tagħhom dejjem iżjed qiegħed jikber. Mhux biss kull persuna, imma l-istess organizzazzjoni tas-soċjetà għandu jkollha fi ħsiebha dan il-qasam tal-popolazzjoni tagħha.

Jekk nistudjaw sewwa x-xogħol ta' thejjija li sar għal din il-laqgħa internazzjonali u l-pjan ta' ħidma li bħalissa qiegħed jiġi eżaminat mill-pajjiżi kollha li huma membri tal-Ġnus Magħquda naraw li hemm ħafna punti li s-S. Sede tħaddan b'mod partikulari. Insemmihom: l-attenzjoni mogħtija lix-xjuħ bħala xjuħ u lis-sura ta' ħajja li qegħdin igħixu llum; ir-rispett għad-dritt tagħhom li jibqgħu jitqiesu bħala membri attivi tas-soċjetà li huma taw sehemhom għall-bini tagħha; ir-rieda li tiġi 'l quddiem organizzazzjoni soċjali fejn kulħadd, hu x'inhu ż-żmien li għandu, jagħti

schmu flimkien ma' l-oħrajn kollha; u fl-aħħarnett appell għall-kreattività f'kull qasam soċjo-kulturali biex ikun hemm tweġiba xierqa għaxxewqa li x-xjuħ jibqgħu jagħmlu kull xorta ta' ħidma skond in-nisel u l-edukazzjoni li jkollhom, skond il-ħila u l-esperjenzi tagħhom u skond il-kultura u t-twemmin tagħhom. Dan kollu ġa juri li ma għandniex quddiemna problemi astratti u tekniċi biss, imma għandna quddiemna bnedmin, kull wieħed bil-ġrajja partikulari tiegħu, bl-għeruq tagħha fuq il-familja ta' dak li jkun, bir-rabtiet soċjali li għandu, bis-suċċessi jew fallimenti professjonali tiegħu, li xi darba influwenzaw jew għadhom jinfluwenzaw l-istess ħajja tiegħu.

Il-Knisja tixtieq tikkontribwixxi l-ħsieb tagħha, l-esperjenza tagħha, il-fidi tagħha fil-bniedem, f'din il-laqgħa internazzjonali kollha mehdija biex tistudja aktar fil-fond dawn ir-realitajiet u ssib soluzzjonijiet konkreti u għaqlin għalihom. Fil-prattika il-Knisja qiegħda tipproponi dehra nisranija tax-xjuħija li tixraq lill-bniedem, u l-konvinzjoni tagħha li l-familja u istituzzjonijiet li għandhom sura ta' ħajja ta' familja, huma l-aħjar postijiet għax-xjuħ biex ikunu f'sikithom, u l-għajnuna tagħha għall-ħerqa tas-saċjetà ta' żmienna biex taqdi x-xjuħ.

I

## Ix-xjuħija: il-milja tal-ħajja

Niftakar b'emozzjoni kbira l-laqgħa li kelli max-xjuħ f'Novembru tal-1980 fil-kattidral ta' Munich. Dak in-nhar għidt bil-qawwa kollha li x-xjuħija tal-bniedem hi sura naturali ta' ħajja u hi ġeneralment il-milja tagħha. Din il-fehma tqis li x-xjuħija — meta wieħed jasal għaliha — hija element ta' siwi partikulari fil-ħajja kollha tal-bniedem, u għalhekk titlob ukoll fehma ċara ta' x'inhu l-bniedem, li hu fl-istess ħin ruħ u ġisem. Hu f'dan id-dawl li l-Iskrittura spiss titkellem fuq ix-xjuħija u fuq ix-xjuħ b'rispett u ammirazzjoni. Il-ktieb tal-Ekklesjastiku biex insemmu eżempju, wara li jinseġ it-tifħir ta' l-għerf li nsibu msieħeb max-xagħar abjad (25,4-6), jinseġ paneġirku twil tal-missirijiet li "ġisimhom indifen fis-sliem, waqt li isimhom jibqa' ħaj min-nisel għal nisel" (ara kap. 44 sa 51). U l-kotba tal-Patt il-Ġdid huma mimlijin ġieħ għax-xjuħ. San Luqa kollu mqanqal ipinġilna l-kwadru tax-xwejjaħ Xmun u ta' Anna l-profetissa huma u jilqgħu 'l Kristu fit-Tempju. U fi żmien l-ewwel komunitajiet insara naraw l-Appostli jagħżlu xi xjuħ (presbuteroi) biex jieħdu ħsieb il-knejjes ġodda li huma waqqfu. Il-Knisja tittama bil-qawwa kollha li l-pjan ta' ħidma li hemm imħejji, ikun miftuħ għall-fehma bħal din tax-xjuħija, li għandha titqies mhux biss bħala proċess li ma tistax iżżommu ta' ħajja li qiegħda tnin bil-mod il-mod, jew bħala żmien miftum għal kollox miż-żminijiet l-oħra tal-ħajja, imma għandha titqies bħala fażi possibbli ta' svilupp naturali tal-ħajja ta' kull bniedem, li tagħha x-xjuħija hija l-milja.

Il-ħajja hi don ta' Alla lill-bnedmin, maħluqin b'imħabba sura xbieha tiegħu — din hi verità. Meta

nifhmu din id-dinjità qaddisa tal-bniedem, naslu biex nagħtu valur lil kull mument tal-ħajja tal-bniedem. Din hi kwistjoni ta' ġustizzja, ta' qbil fil-fehmiet tagħna. Ma jistax ikun li tara verament is-siwi tal-ħajja ta' xiħ, jekk ma tagħrafx is-siwi tal-ħajja ta' tarbija sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha fil-ġuf. Hadd ma jaf fejn nistgħu naslu jekk ma nibqgħux nirrispettaw il-ħajja bħala ġid qaddis li ma nistgħux inwarrbuh minna. Mela rridu nistqarru bil-qawwa kollha, flimkien mal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi fid-Dikjarazzjoni tagħha dwar l-ewtanasija tal-5 ta' Mejju 1980, li "xejn u lanqas ebda bniedem ma jista' qatt jippermetti bl-awtorità tiegħu l-qerda ta' ħajja ta' bniedem bla ħtija, fetu jew embrju, tarbija jew xiħ, marid li ma jistax ifiq jew qiegħed agunija ... Haġa bħal din hi ksur tal-liġi ta' Alla, offiża lid-dinjità tal-persuna tal-bniedem, delitt kontra l-ħajja, u attentat kontra l-bnedmin kollha kemm huma". Jaqbel ukoll iżżid dak li tgħid l-istess dikjarazzjoni dwar l-użu ta' mezzi terapewtiċi: "Illum hi ħaġa importanti ħafna li d-dinjità tal-persuna tal-bniedem fil-mument tal-mewt, u l-fehma nisranija tal-ħajja jkunu mħarsa minn ċerta teknika li qiegħda ssir abbuż". Il-mewt hi parti mix-xefaq tal-bniedem, u tagħtih id-dimensjoni vera u misterjuża tiegħu. Id-dinja ta' llum, l-aktar fil-punent, jeħtiġielha titgħallem terġa' ddaħħal il-mewt fil-ħajja tal-bniedem. Min ma jixtieqx għall-bnedmin ħutu, u għalih innifsu wkoll li jilqa' u jħaddan dan l-aħħar mument ta' ħajtu fuq l-art b'dik id-dinjità u dak l-hena li żgur ikollhom dawk li jemmnu?

U issa rrid flimkien magħkom nara x'inhuma l-karatteristiċi taxxjuħija. Xi whud huma ta' tbatija, u diffiċli taċċettahom, l-aktar jekk tkun waħdek. Oħrajn jagħtu għana liema bħalu lil min ikun u lill-oħrajn Kollha flimkien huma parti mill-esperjenza tal-ħajja ta' min hu xih il-lum u ta' min ikun xiħ fil-ġejjieni.

L-aspett ewlieni tat-tielet u r-raba' żmien huwa naturalment in-nuqqas tas-saħħa tal-ġisem, u ħeġġa inqas fil-ħsieb u r-rieda, it-tnaqqis bil-mod il-mod tal-ħidmiet li magħhom il-qalb tkun intrabtet, il-mard u t-tbatijiet li dejjem jiżdiedu, u l-ħsieb tal-firdiet li jseħħu mat-tluq għad-dinja l-oħra. Dawn il-karatteristiċi ta' niket jistgħu jiġu mibdula permezz ta' konvinzjonijiet filosofiċi, imma l-aktar, permezz taċ-ċertezza u tal-fidi għal dawk li għandhom id-don li jemmnu. Għal dawn, l-aħħar żmien tal-ħajja fuq l-art jistgħu jgħixuh imseħbin b'mod misterjuż ma' Kristu l-Feddej, miexi fit-triq tas-salib tiegħu qabel is-sebħ glorjuż ta' l-Għid. Iżda b'mod aktar ġenerali nistgħu ngħidu li l-mod kif soċjetà ċivilizzata tilqa' x-xjuħija u l-mewt bħala element essenzjali tal-ħajja, u l-mod kif tgħin il-membri xjuħ tagħha ħa jgħixu l-mewt tagħhom, huwa l-kriterju deċisiv li fuqu tqis x'rispett għandha għall-bniedem din is-soċjetà.

Hemm ukoll l-aspetti sbiħ taxxjuħija. Hu ż-żmien li fih il-bniedem jista' jiġbor l-esperjenzi ta' ħajtu kollha, jagħżel bejn dak li hu essenzjali u dak li hu aċċidentali, jikseb grad kbir ta' għerf u ta' hena. Hu ż-żmien li l-bniedem ikollu ħafna ħin tiegħu, anzi l-ħin kollu tiegħu ħa jidra jħobb l-ambjent li fih qiegħed igħix, għex għal ftit taż-żmien jew għal dejjem, b'dak is-sabar, u b'dak il-ferħ rżin, li naraw f'tant xjuħ. Ix-

xjuħ li jemmnu, imbagħad jistgħu wkoll fil-hena jimmeditaw il-ġmiel tal-fidi u jitolbu bla xkiel.

Dawn il-valuri sbiħ jagħtu ħafna frott li jibqa', jekk iseħħu żewġ kondizzjonijiet għal kollox meħtieġa. L-ewwel kondizzjoni trid li x-xjuħ stess jaċċettaw il-fatt li huma xjieħu u fl-istess ħin jaraw is-siwi ta' kull ma jistgħu jagħmlu fi xjuħithom. It-tieni kondizzjoni tolqot is-soċjetà ta' llum. Din trid tasal biex tagħraf il-valuri morali, affettivi, reliġjużi li jgħammru f'qalb ix-xjuħ u tħabrek biex issibilhom post fiċ-ċiviltà tagħha ta' llum, mġarrba kif inhi mid-differenza kbira li hemm bejn il-livell tekniku li għandha u l-livell morali tagħha. Ix-xjuħ ma jistgħux igħixu, jekk mhux bi tbatija kbira, f'dinja li ma tagħrafx li għandha dimensjoni spiritwali wkoll. Jaslu biex jistmerru lilhom infushom meta jaraw li l-ħila għall-qligħ tal-flus hi l-aqwa ħaġa li jista' jkollu ċ-ċittadin, waqt li l-kwalitajiet l-oħra kollha tal-bniedem huma minsijin jew imwarrba. Qagħda bħal din ma tħallix ix-xjuħija tilħaq il-milja tagħha u tagħti frott, twassal biex wieħed jingħalaq fih innifsu, u, kollu mnikket, jibda jħoss li ma jiswa għalxejn, hekk li fl-aħħar jasal biex jitlef kull tama u jiddispra. Imma ta' min itenni bil-qawwa kollha, li tkun is-soċjetà kollha kemm hi li tkun qiegħda tiċċaħħad minn kull ma jagħniha u jmexxiha, meta tasal biex tqis li biss iż-żgħażagħ u l-bnedmin fl-aħjar ta' saħħithom jistgħu jgħinu fl-isvilupp tagħha, waqt li l-oħrajn kollha ma jistgħu jagħtu xejn, meta fil-fatt hemm provi ċari mill-esperjenza li hu veru proprju l-kuntrarju.

II

## Ix-xjuħ u l-familja

Fl-esortazzjoni tiegħi **Familiaris consortio**, fid-dawl tal-verità tal-fatt li l-familja hi ġejja minn Alla, jien fakkart li hi l-imħabba li turina x'inhi n-natura tal-familja u x'inhuma d-dmirijiet tagħha: "Il-familja twaqqfet bħala "komunità intima ta' ħajja u ta' mħabba"... u għandha l-missjoni li tħares, tgħarraf u tagħti l-imħabba... Il-membri kollha tal-familja, kull wieħed skond is-sejħa tiegħu, għandu l-grazzja u d-dmir li jibni, minn jum għall-ieħor, l-għaqda bejn il-membri kollha tal-familja, ħalli hekk jagħmel il-familja 'skola ta' umanità aktar sħiħa u aktar għanja' ".

Dan igħinna naraw x'tista' tkun il-familja għax-xjuħ, kemm billi tieqaf magħhom bil-fedeltà kollha, ħaġa li għandhom dritt jistennew minnha, u kemm mill-għajnuna li x-xjuħ stess jistgħu jagħtu lill-familja fil-ħajja u l-missjoni tagħha. Veru li mhux dejjem ix-xjuħ jistgħu jsibu post fid-dar ta' wliedhom jew ta' xi qraba oħra tagħhom; anzi, xi kull tant bla ebda mod ma jista' jkun li x-xjuħ ikollhom dan. F'dan il-każ trid tinsab soluzzjoni oħra għax-xjuħ, iżda b'mod li uliedhom jew qraba oħra jibqgħu jżommu rabtiet regolari magħhom kollhom imħabba. Iżda hija ħaġa żgura li x-xjuħ, meta jkunu jgħixu ma' qrabathom, jistgħu jagħmlulhom ħafna ġid, meta tiġihom l-okkażjoni u meta jkun hemm il-għaqal: jistgħu

juruhom imħabba u jgħinuhom bil-għerf tagħhom, jifhmuhom u jgħadruhom, jagħtuhom pariri tajba u jfarrguhom, igħinuhom bil-fidi u t-talb tagħhom, kariżmi kollha dawn ta' tmiem il-ħajja fid-dinja. Meta x-xjuħ ikunu jagħmlu dan, ikunu wkoll jerġgħu jġibu 'l quddiem, l-aktar bl-eżempju tagħhom, imġiba li llum tilfet ħafna mis-siwi tagħha, dik l-imġiba li toqgħod tisma' 'il ħadd ieħor, jew li toqgħod imwarrab fil-ġenb, jew tgħix fil-hena miġbur fik innifsek, jew li tagħti bla ma tistenna xejn lura, jew li turi ferħ rżin li minnu jgawdi kulħadd... Ta' min isemmi wkoll li l-preżenza tax-xjuħ fi ħdan il-familja tagħhom, dejjem jew xi kull tant, twassal biex ikun hemm għaqda u l-ftehim bejn il-kbar u ż-żgħar fiż-żmien li għalhekk ma jaqblux ma' xulxin għalkemm jeħtieġu dejjem lil xulxin Din ir-rabta fil-ħajja tal-familja li qiegħed insemmi, skond iċ-ċirkostanzi, tista' tkun għajn ta' hena u ta' ħajja, ta' umanità u ta' spiritwalità għal din iċ-ċellula ewlenija tas-soċjetà li tissejjaħ b'isem li għandu tifsir kbir fl-ilsna kollha tad-dinja: il-familja.

III

## Ix-xjuħ fis-soċjetà

Bil-progress demografiku ta' żmienna, is-soċjetà qiegħda tara jinfetaħ quddiemha qasam ġdid ta' ħidma għall-qadi tal-bniedem li jiżgura għax-xjuħ il-post li jistħoqqilhom fil-komunità ċivili u l-għajnuna li jeħtieġu biex jagħtu l-kontribut speċifiku tagħhom għall-isvilupp tagħha.

Ix-xjuħ li f'xi sistemi leġislativi u soċjali qed jaraw ruħhom bil-mod il-mod imwarrba mill-produzzjoni ekonomika, qed jistaqsu — u xi kull tant b'qalbhom maqsuma — x'post u x'ħidma fadlilhom f'din is-sura ġdida ta' soċjetà. Kif se jużaw il-ħin tagħhom, issa li ġew imġiegħla jirtiraw hekk kmieni? Is-soċjetà ta' llum, fl-isvilupp u l-orjentament tagħha, tistenna xi ħaġa mill-membri tagħha xjuħ u pensjonanti? Hi ħaġa ċara li, quddiem dan il-problema ġdid u kbir, is-soċjetà kollha, u b'mod speċjali dawk li huma responsabbli fiha, għandhom bis-serjetà kollha jaraw x'soluzzjonijiet jistgħu jsibu li jkunu jaqblu max-xewqat tax-xjuħ. Dawn is-soluzzjonijiet ma jistgħux ikunu ta' sura waħda. Jekk hi ħaġa normali li s-soċjetà tgħin lix-xjuħ biex jibqgħu jgħixu fi ħdan il-familja tagħhom u fl-ambjent tal-ħajja tagħhom meta din is-soluzzjoni hi possibbli u għalhekk ta' min ifittixha, għandu jkun hemm ukoll soluzzjonijiet oħra għan-nies tat-tielet u r-raba' żmien. Soċjetà, li verament tagħraf id-dmirijiet tagħha lejn il-ġenerazzjonijiet kollha li taw sehemhom għall-istorja tal-pajjiż, għandha taħseb biex twaqqaf istituzzjonijiet adatti għax-xjuħ li ma jistgħux igħixu ma' qrabathom. Biex il-ħajja tax-xjuħ f'dawn l-istituti tkun kontinwazzjoni tal-ħajja li kienu jafu u għexu, jeħtieġ li l-ħajja f'dawn l-istituzzjonijiet tkun sura ta' ħajja ta' familja, jiġifieri dawn l-istituzzjonijiet għandhom ifittxu jagħtu lix-xjuħ dak il-wiri ta' mħab-

ba tant meħtieġ fiż-żminijiet kollha tal-ħajja imma l-aktar fix-xjuħija, u fl-istess ħin jagħtuhom ċerta awtonomija li tkun taqbel mal-ħtiġijiet ta' ħajja komunitarja; joħolqulhom għadd ta' attivitajiet li jaqblu malkapaċitajiet fiżiċi u intellettwali tagħhom, u fl-aħħarnett jaħsbulhom għal kull ma jkun meħtieġ miżżmien li għandhom. Veru li ġa hemm istituzzjonijiet ta' din is-sura; imma żgur li għad iridu jisviluppaw. Ippermettuli dwar dan infakkarkom fil-ħidma karitativa tal-Knisja permezz ta' tant istituti ikkonsagrati għas-servizz tax-xjuħ, sa minn żmien ilu. Ta' min jifirħilhom u jinkoraġġihom. Soċjetà tikseb ġieħ speċjali meta tgħin biex dawn ilmezzi ta' qadi tal-bniedem jitjiebu, hija u tirrispetta x-xjuħ u l-istituzzjonijiet li jilqgħuhom.

Tajjeb li nfakkar darb'oħra u filqasir xi wħud mis-servizzi ġodda li s-soċjetà tista' tagħti lill-pensjonanti u lix-xjuħ biex tiżguralhom post u ħidma fil-komunità tal-bnedmin. Fi ħsiebi għandi l-formazzjoni permanenti li ġa qed tingħata f'ħafna pajjiżi u li, għal dawk li jgawdu minnha, hi mezz mhux biss biex jistagħnu personalment imma hi mezz ukoll li jagħmilhom kapaċi jadattaw ruħhom għas-soċjetà u jieħdu sehem fil-ħajja tagħha ta' kull jum. Fil-fatt ix-xjuħ għandhom risorsi ta' għerf u ta' esperjenza li mwettqin u msaħħin bi proċess adatt ta' formazzjoni permanenti, jistgħu jintużaw f'ħafna oqsma ibda minn dawk tal-edukazzjoni sa dawk umli tal-qadi soċjali u karitativ. Dwar dan, wieħed jista' joħloq inizjativi ġodda flimkien ma' l-istess xjuħ u mal-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom. Jidhirli wkoll li s-soċjetà għandha tħabrek biex ikun hemm aktar minn sura waħda ta' attivitajiet, hija u tqis il-ħila ta' kull wieħed u l-qagħda tagħhom li tinbidel minn kontinent għall-ieħor. Bejn uniformità li ddejjaq u fantasija li ma tieqaf qatt, jista' jkun hemm għażla bil-għaqal bejn xogħol professjonali u ieħor, bejn qari u studju, f'attivitajiet rikreativi, f'laqgħat organizzati jew le ma' nies oħra u f'ambjenti oħra, u żmien ukoll għall-ġabra fis-skiet u t-talb. Servizz ieħor li s-soċjetà tista' tagħti lix-xjuħ hu li tħajjarhom, meta hu l-każ, biex iwaqqfu assoċjazzjonijiet għax-xjuħ u li tgħin l-assoċjazzjonijiet li ġa hemm. Ġa taw il-frott tagħhom, meta ħarġu lix-xjuħ minn qagħda ta' waħedhom u wasslu-hom biex iwarrbu l-fehma li, għax xjuħ, ma jiswew għal xejn aktar.

Dawn l-assoċjazzjonijiet jeħtieġ li jkunu magħrufin minn min hu responsabbli fis-soċjetà bħala leħen ix-xjuħ, u l-aktar leħen dawk li huma l-aktar nieqsa minn kollox. Fl-aħħarnett ħsiebi jmur fil-ħidma tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, speċjalment fil-ħidma tat-TV u r-radju: dawn jistgħu u għandhom iħabirku biex ixandru dehra aktar vera u mġedda ta' l-aħħar żmien tal-ħajja u ta' dak li dan iż-żmien jista' jagħti għall-ħajja u għall-hena tas-soċjetà. Dan jitlob li min hu responsabbli tax-xandir u tal-ġurnali jkun konvint mill-fehma — jew almenu jirrispetta l-fehma li l-ħajja tal-bniedem għandha titqies mhux biss kemm tiswa materjalment, minn kemm tiswa għall-qligħ tal-flus, imma trid titqies li għandha tifsir wisq aktar għoli u għalhekk jista' dejjem ikollna sviluppi u progress tassew ta' l-għaġeb sa l-aħħar mumenti tal-ħajja f'din id-dinja, l-aktar meta l-ambjent jgħin għal dan.

Fi tmiem dawn il-ħsibijiet u s-suġġerimenti tiegħi, sur President, nixtieq li l-konklużjonijiet tal-laqgħa internazzjonali ta' Vjenna fuq il-problemi tax-xjuħija jkollhom bil-mod il-mod frott bil-kotra li jibqa' F'dan il-qasam, u f'oqsma oħra li ġa ġew studjati u miġjuba 'l quddiem, mill-assemblea tal-Ġnus Magħquda, it-tfal, l-inkapaċitati eċċ, hemm żgur l-issa u l-ġejjieni taċ-ċiviltà tal-bniedem. Kull kultura, hi f'liema kontinent hi, hi f'liema pajjiż hi, hi ta' liema żmien hi, ma jistax ikollha siwi, ma jistax ikollha qawwa jekk ma tfittix l-ewwel l-iżvilupp sħiħ tal-persuna tal-bniedem mill-ewwel sa l-aħħar pass tiegħu f'din id-dinja, minkejja il-ġenn tas-soċjetà ta' llum għall-produzzjoni bla waqfien ta' ħafna affarijiet ħa tużahom bla rażan ta' xejn. Jalla r-responsabbli tad-dinja ta' llum ikunu jistgħu jaħdmu flimkien ħa jġibu 'l quddiem 'il-bniedem u jiġbdu l-popli tagħhom warajhom f'dan. Dan kollu mhux biss hu xewqa kbira tagħna imma qegħdin nitolbu għalih bla heda lil Alla li minnu jiġi kull ġid.

Mill-Vatikan, it-22 ta' Luliju, 1982.

Gwanni Pawlu pp II

## IS-XVI JUM DINJI GHALL-PAĊI — 1 ta' Jannar 1983

### Komunikat tal-Uffiċċju Stampa tal-Vatikan

L-aspett li l-aktar jolqtok f'din it-tema hu l-ħtieġa tad-djalogu fid-dinja ta' llum. Tant ġrajjiet traġiċi, gwerer, ġlied, tant opportunitajiet li ntilfu, tant negozjati li ma waslu mkien, tant konferenzi internazzjonali li ma ikkonkludew xejn — dan kollu juri kemm hu meħtieġ djalogu veru bħala strument għall-paċi fi żmienna.

Dan it-tema ta' djalogu hu marbut mal-ħsieb tal-Knisja u tal-Papa li ġie mxandar fil-Jiem il-Paċi tas-snin li għaddew, u l-aktar is-sena l-oħra: "Il-Paċi, don ta' Alla fdat lilna". Dak in-nhar it-tema ta' Jum il-Paċi kien jinsisti, min-naħa fuq il-fatt li l-paċi hi don ta' Alla u minn naħa l-oħra fuq ir-responsabbiltajiet tagħna. Id-djalogu jgħinna nifhmu aħjar dawn iż-żewġ fatti. Ftit ilu, il-Papa nsista fuq l-importanza tad-djalogu, meta tkellem f'Coventry, fid-diskors tiegħu lill-President Reagan, u fil-messaġġ tiegħu lit-tieni sessjoni speċjali tal-assemblea ġenerali tal-Ġnus Magħquda dwar id-diżarm.

Żewġ dokumenti tal-Knisja jinsistu b'mod speċjali fuq il-ħtieġa ta' djalogu malajr, u jgħidulna dwar xiex għandu jkun, **Gaudium et Spes** titkellem spiss fuq id-dmir ta' djalogu bejn l-aħwa fil-Knisja, fil-komunità u fis-soċjetà, u tgħidilna: "... il-Knisja trid tidher bħala sinjal ta' dik l-imħabba bejn l-aħwa li tippermetti djalogu bl-onestà kollha, u ssaħħu ... nistgħu u għandna naħdmu flimkien, bla vjolenza u bla qerq, ħa nibnu d-dinja, f'paċi vera" (n. 92). Fl-ewwel enċiklika **Ecclesiam suam**, il-Papa Pawlu VI qal x'inhu djalogu fid-dinja ta' llum, u jgħidilna li djalogu bħal dan "ma għandux ikollu limiti u l-anqas ħsibijiet moħbija ... jeskludi kull kundanna minn qabel, u polemika kollha nsulti li għadda żmienha": is-sinjali li bih jingħaraf djalogu bħal

dan huma: li jkun ċar, u juri tjieba, fiduċja u għaqal.

Id-djalogu għall-paċi llum, iktar minn formola għall-paċi, hu sfida lid-dinja. L-ewwelnett, hemm l-isfida biex wieħed jiċħad il-vjolenza u l-qawwa ħa jtemm xi nuqqas ta' qbil. It-tieni nett, hemm l-isfida li twarrab diskorsi fil-vojt u qagħdiet maħsubin minn qabel biex tikseb vantaġġ għall-interessi tiegħek u biex tinqeda b'ħaddieħor. It-tielet, hemm l-isfida li tibda djalogu **veru**: mhux diskussjonijiet fil-vojt biex taħbi l-fehmiet egoistiċi tiegħek u tevita diskussjoni bl-onestà kollha ħa ssolvi l-problemi li jkun hemm; imma djalogu meqjus u mfittex bħala mezz ta' bdil ta' fehmiet bl-onestà u s-sinċerità kollha, bla ebda ħabi, ħalli jiġu megħluba d-differenzi permezz ta' negozjati. Djalogu veru biss jista' jiżgura l-paċi fi żmienna. Il-ġrajjiet ta' dawn l-aħħar xhur fid-dinja kollha wrew darb'oħra li djalogu veru biss jista' jġib soluzzjonijiet ġusti li jibqgħu u jħarsu l-paċi.

Djalogu li jkompli bla ma jaqta', li jsir bil-għaqal u bis-sinċerità kollha, bi spirtu ta' mħabba bejn l-aħwa, b'rispett u mħabba għal xulxin: djalogu fuq il-livelli kollha talħajja, fi ħdan il-familji, bejn nies ta' żmien mhux l-istess, bejn gruppi soċjali u nazzjonijiet, bejn reliġjonijiet u ideoloġiji, hu l-isfida li l-Papa jridna nilqgħu permezz ta' din it-tema:

**Id-djalogu għall-paċi: sfida għal żmienna.**

## Diskors tal-Papa f'Ċinevra lit-68 Sessjoni ta' l-I.L.O.

## IS-SOLIDARJETA'

*Ġieħ lix-xogħol tal-bniedem*

...Nixtieq permezz tagħkom l-ewwelnett nagħti ġieħ lix-xogħol tal-bniedem, hu x'inhu, isir fejn isir fid-dinja, u ġieħ lil min jagħmlu, raġel jew mara li jkun, mingħajr ebda għażla bejn xogħol jew ieħor, kemm jekk hu xogħol "ta' l-id" u kemm jekk xogħol "tal-moħħ"; kemm jekk u xogħol biex "toħloq" jew "tipproduċi" xi ħaġa, u kemm jekk hu xogħol ta' tfittxija ta' dak li għada jista' jkun il-pedament li fuqu jinbena xogħol l-oħrajn, u kemm jekk hu ħidma ta' organizzazzjoni ta' kondizzjonijiet u strutturi taxxogħol; u, fl-aħħarnett, kemm jekk hu x-xogħol ta' min imexxi u kemm jekk hu x-xogħol ta' dawk li jgħidilhom x'jagħmlu min ifassal il-programmi tal-ħidma li trid issir. Fis-suriet kollha tiegħu, ix-xogħol ħaqqu rispett speċjali għaliex hu ħidma tal-bniedem, u għaliex, f' kull xogħol hemm xi ħadd ħaj, hemm bniedem. U huwa millbniedem li x-xogħol jikseb issiwi u d-dinjità tiegħu.

F'ġieħ din id-dinjità, li hi d-dinjità ta' kull sura ta' xogħol tal-bniedem, nixtieq nuri l-istima kollha tiegħi għalikom, għal kull wieħed minnkom li jinsab hawn. Il-karattru universali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, jagħtini l-opportunità li nwassal kelmti

lil kull min hu rappreżentat hawn, ħa nfaħħar l-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw ir-riżorsi li għandhom għall-ġid tal-membri kollha tagħhom, ir-ġiel u nisa, magħqudin flimkien minn żmien għal żmien fil-ħafna postijiet tax-xogħol.

*Il-għan ta' l-I.L.O.: xogħol jixraq lill-bniedem*

Fl-aħħarnett — u hawn nista' ngħid li mhux qed nitkellem biss f'isem is-Santa Sede imma f'isem ukoll dawk kollha li hawn preżenti — nixtieq nuri l-apprezzament u l-ħajr kollu tiegħi lill-Organizzazzjoni internazzjonali tax-Xogħol. L-Organizzazzjoni tagħkom għandha post importanti fil-ħajja internazzjonali kemm għaliex hi waħda mill-eqdem organizzazzjonijiet internazzjonali u kemm għall-kobor ta' l-għan tagħha. Imwaqqfa fl-1919 mit-Trattat ta' Versailles għażlet bħala għan tagħha t-tħabrik għall-paċi dejjiema fid-dinja, billi ġġib 'il quddiem il-ġustizzja soċjali: dan hemm miktub fil-bidu tal-kostituzzjoni tagħha: "Għaliex paċi dejjiema f' kull imkien fid-dinja ma tistax ma tkunx mibnija fuq il-pedament tal-ġustizzja soċjali...." Kien dan l-impenn ewlieni għall-paċi li d-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni tagħkom fakkar fis-simposju li sar Ruma fil-bidu ta' April li għadda, organizzat mill-Kummissjoni Pontifiċja "Iustitia et Pax", meta semma l-parċmina li tinsab taħt l-ewwel ġebla tal-palazz tal-"Bureau International du Travail" f'Ġinevra, li fuqha hemm miktub: *"Si vis pacem cole iustitiam"* — Jekk trid il-paċi, ġib 'il quddiem il-ġustizzja.

Il-merti tal-Organizzazzjoni tagħkom jidhru fil-ħafna konvenzjonijiet li ffissaw regolamenti għax-xogħol li jorbtu fid-dinja kollha, "regolamenti ġodda ta' mġiba soċjali", sabiex iġiegħelu "l-interessi ta' kull wieħed iċedu quddiem id-dehra aktar wiesgħa tal-ġid ta' kulħadd" (Diskors tal-Papa Pawlu VI lill-I.L.O. fl-1969). Il-merti tal-Organizzazzjoni tagħkom jidhru wkoll fil-ħafna attivitajiet li nbdew biex jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet ġodda li nħolqu bit-tibdil dejjem sejjer tal-istrutturi soċjali u ekonomiċi. Dawn il-merti jidhru wkoll meta wieħed iqis ix-xogħol ta' kuljum, bla waqfien, tal-impjegati tal-"Bureau International du Travail", u l-għajnuniet li twaqqfu biex jissaħħaħ ix-xogħol tal-Organizzazzjoni bħalma huma l-"Istitut International d'Etudes Sociales", l-"Association internationale de la Securité", is-"Centre Internationale de Perfectionnement Professionel et Technique".

Jekk jien, fl-enċiklika tiegħi *Laborem exercens* semmejt l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, dan għamiltu kemm biex nigbed l-attenzjoni ta' kulħadd fuq dak kollu li għamlet u kemm biex inħeġġigha tkompli tkattar il-ħidma tagħha ħa tagħmel ix-xogħol aktar jixraq lill-bniedem. Ridt nuri wkoll li meta l-Organizzazzjoni tagħkom tfittex tibni x-xogħol tal-bniedem fuq dak li hu veru ġid — u dan jaqbel mal-prinċipji tal-morali soċjali — l-għan tagħha ma jkunx 'il

bogħod wisq minn dak li l-Knisja u s-S. Sede jridu jilħqu filqasam tagħhom u b'mezzi li jaqblu mal-missjoni tagħhom. Dan qaluh kemm-il darba l-Papiet li ġew qabli, Piju XII u Ġwanni XXIII u b'mod speċjali Pawlu VI fiż-żjara tiegħu hawn meta ġie biex jissieħeb fiċ-ċelebrazzjoni tal-50 sena tat-twaqqif tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

Illum, kif fl-imgħoddi, il-Knisja u s-S. Sede huma ferħanin li qed jaħdmu id f'id mal-Organizzazzjoni tagħkom, ħidma li ilha sejra aktar minn ħamsin sena u ġiet formalment imwettqa meta fl-1967 is-S. Sede bagħtet Osservatur permanenti fil-"Bureau International du Travail". B'hekk is-S. Sede riedet turi bil-fatti r-rieda tagħha li tgħin u turi wkoll l-interess li għandha fil-problemi tax-xogħol il-Knisja Kattolika, ħosbiena dejjem għall-veru ġid tal-bniedem.

*Il-bniedem hu dejjem quddiem*

Il-kliem li tistennew minni llum ma jistax ikun ma jaqbilx mal-kliem li għidt f'postijiet oħra, fejn jinġabru r-rappreżentanti tal-popli tan-nazzjonijiet kollha tad-dinja: fl-Assemblea ġenerali tal-Organizzazzjoni t a l - Ġnus Magħquda (UNO), fl-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda għall-Ikel u għall-Biedja (FAO), u fl-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO). Ħsibijieti huma kollha ispirati minn idea fundamentali, minn ħsieb wieħed: il-kawża tal-bniedem, iddinjità tiegħu u d-drittijiet li joħorġu minnha u li ma jistgħu jitwarrbu qatt. Fl-ewwel enċiklika tiegħi *Redemptor hominis* insistejt fuq il-fatt li "il-bniedem hu l-ewwel triq li minnha trid tgħaddi l-Knisja, triq li Kristu stess uriha..." (n. 14). Għall-istess raġuni, fl-okkażjoni tad-90 sena tar-*Rerum novarum,* ridt noħroġ dokument, importanti ħafna għall-pontifikat tiegħi, fuq *il-bniedem li jagħmel ix-xogħol.* Għax mhux biss kull xogħol juri id il-bniedem, imma hu fix-xogħol li l-bniedem isir jaf għalfejn qiegħed igħix fid-dinja, f'kull xogħol, meqjus bħala ħidma tal-bniedem, hi x'inhi s-sura tiegħu, hu x'inhu l-post fejn isir. Ix-xogħol hu "is-sura ewlenija tal-ħajja tal-bniedem fid-dinja għaliex il-ħajja tal-bniedem tinbena kuljum bix-xogħol, u mix-xogħol tikseb id-dinjità proprja u speċjali tagħha, iżda fix-xogħol insibu wkoll toqol u tbatija għall-bniedem, niket u tiġrib, u inġustizzji li jinżlu sal-qiegħ tal-ħajja soċjali u tal-ħajja ta' kull nazzjon u tal-ħajja tad-dinja kollha" *(Laborem exercens* 1).

*Is-solidarjetà fid-dinja tax-xogħol*

Fil-problemi tax-xogħol — problemi li jolqtu l-oqsma kollha tal-ħajja u fil-livelli kollha tagħha, individwali, familjari, nazzjonali u internazzjonali — nittaqgħu ma' ħaġa li fl-istess ħin hi *esiġenza* u *programm: is-solidarjetà.* Nixtieq nurikom l-importanza tagħha.

Inħossni mġiegħel inwasslilkom dawn il-ħsibijiet tiegħi l-ewwelnett minħabba l-fatt li s-

solidarjetà, b'xi mod jew ieħor, hi parti min-natura tax-xogħol tal-bniedem, imma wkoll minħabba l-għan tal-Organizzazzjoni tagħkom, l-aktar minħabba l-ispirtu li bih din titmexxa. L-ispirtu li bih l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ġabet 'il quddiem sa mill-bidu l-missjoni tagħha, hu spirtu ta' *universaliżmu*, spirtu li għandu l-pedament tiegħu fil-fehma li n-nazzjonijiet kollha huma ndaqs u l-bnedmin kollha huma ndaqs, fehma li minnha trid tibda u għaliha trid twassal kull politika soċjali.

L-ispirtu tal-Organizzazzjoni tagħkom hu wkoll spirtu ta' *umaneżmu* kollu medhi li jġib 'il quddiem kull ma l-bniedem jista' jagħmel kemm materjalment u kemm spiritwalment. U fl-aħħarnett hu wkoll spirtu *komunitarju* li jidher ċar mit-tliet taqsimiet li għandhom l-istrutturi kollha tagħkom. Dwar dan nixtieq nagħmel tiegħi l-kliem li kien qal il-Papa Pawlu VI fiż-żjara tiegħu fl-1969: "L-istruttura oriġinali u organika tagħkom tfittex tressaq lejn xulxin ittliet forzi li jagħtu sehemhom kontinwament fid-dinamika soċjali tax-xogħol tal-lum: ilgvernijiet, dawk li jħaddmu, u l-ħaddiema. L-għan tagħkom hu li tressqu lejn xulxin dawn it-tliet forzi biex ma jkunux aktar kontra xulxin imma jaħdmu flimkien bil-kuraġġ kollu u b'suċċess, ħalli jistudjaw il-problemi li jinqalgħu u jiġġeddu kontinwament, ħa jsibu soluzzjoni għalihom" (Diskors tal-10 ta' Ġunju 1969). Il-fatt li intom ħsibtu biex tħollu l-problemi tax-xogħol billi tlaqqgħu flimkien il-partijiet kollha interessati biex jinnegozjaw fil-kwiet bejniethom għall-ġid tal-bniedem fix-xogħol tiegħu u għall-paċi fis-soċjetà, juri li intom tħossu l-ħtieġa tas-solidarjetà li tgħaqqadhom għall-isforz flimkien 'il bogħod minn kull nuqqas ta' qbil li jkun hemm u minn kull firda li tista' tiġi.

*Ix-xogħol igħaqqad*

Din il-fehma fundamentali li dawk li waqqfu l-organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol riedu jdaħħlu b'mod hekk wiesgħa fl-istruttura stess tal-Organizzazzjoni, fehma li bħala konsegwenza tagħha għandha l-fatt li l-għanijiet ta' l-Organizzazzjoni ma jistgħux jinkisbu jekk mhux bi sforz ta' kulħadd flimkien, taqbel ma' dak li hu verament ix-xogħol. Jekk inħarsu sewwa fil-fond, insibu li x-xogħol fih innifsu hu dejjem l-istess f'kull imkien fid-dinja, f'kull pajjiż u f'kull kontinent; fost l-irġiel u n-nisa ta' kull razza u kull nazzjon, li ma jitkellmux bl-istess ilsien u huma ta' kulturi mhux l-istess; fost nies ta' reliġjonijiet diversi u li jfissru b'mod divers ir-rapporti tagħhom mar-reliġjon u ma' Alla. Ix-xogħol fih innifsu hu dejjem l-istess, għalkemm taħt ħafna suriet differenti: xogħol ta' l-id u xogħol tal-moħħ, xogħol tal-biedja u xogħol industrijali, xogħol ta' servizz fl-edukazzjoni terzjarja u xogħol ta' riċerka, xogħol tas-snajja' u x-xogħol tat-teknika, ix-xogħol tal-għalliem u x-xogħol ta' l-artista,

ix-xogħol tal-omm fid-dar, ix-xogħol tal-ħaddiem fil-fabbrika u x-xogħol ta' dawk li jmexxu u huma responsabbli fil-fabbrika. Mingħajr ma naħbu d-differenzi li hemm u li spiss jagħżlu b'mod tassew radikali minn xulxin 'il dawk, irġiel u nisa, li jagħmlu dawn il-ħafna suriet ta' xogħol — ix-xogħol fih innifsu joħloq għaqda bejn kulħadd f'ħidma li għandha l-istess tifsira u l-istess bidu. Ix-xogħol hu għal kulħadd ħtieġa, dmir u ħidma. Għal kull wieħed u għal kulħadd hu l-mezz biex jikseb l-għajxien, l-għajxien tal-familja u l-valuri ewlenin tagħha; hu t-triq ukoll li twassal għall-ġejjieni aħjar, it-triq tal-progress, it-triq tat-tama. Ix-xogħol tal-bniedem għalkemm ta' ħafna suriet u għalkemm hu mxerred ma' kull imkien fid-dinja, igħaqqad il-bnedmin għaliex kull bniedem ifittex fix-xogħol "li jkun dak li hu, kollu kemm hu, biex isseħħ is-sejħa tiegħu li jkun persuna, sejħa ġejja min-natura tiegħu stess bħala bniedem" (*Laborem exercens* 6). Iva, "fix-xogħol jidher sinjal speċjali tal-bniedem u tal-familja kollha tal-bnedmin, is-sinjal ta' persuna taħdem fi ħdan komunità ta' persuni" (*Laborem exercens*, daħla). Ix-xogħol hu sinjal ta' għaqda u ta' solidarjetà.

Min-naħa l-oħra, aħna u neżaminaw quddiem din l-assemblea, dehra hekk wiesgħa u ta' tant suriet, dehra, fl-istess ħin, hekk universali, bħalma hu x-xogħol tal-familja kollha tal-bnedmin, hi ħaġa diffiċli li ma tismax fil-fond ta' qalbek il-kliem tal-ktieb tal-Ġenesi fejn ix-xogħol ġie mogħti lill-bniedem bħala ħidma biex biha jaħkem fuq l-art (Ara Ġen. 1, 28).

*Ix-xogħol: is-sens tal-ħajja tal-bniedem*

Hi l-istes natura tax-xogħol tal-bniedem, li ġġiegħelni nkellimkom fuq is-solidarjetà. Il-problema tax-xogħol hu marbut b'rabta liema bħalha mas-sena tal-ħajja tal-bniedem. Minħabba din ir-rabta l-problema tax-xogħol isir problema ta' natura spiritwali, u hekk hu tassew. Dan il-fatt ma jnaqqas xejn mill-aspetti l-oħra tax-xogħol, aspetti li jistgħu jitqiesu aktar malajr u għandhom marbutin magħhom strutturi u ħidmiet li jidhru u huma ta' aktar minn sura waħda, fuq il-livell tal-organizzazzjoni. Iżda dan il-fatt, iwassalna biex ix-xogħol tal-bniedem, hi x'inhi s-sura tiegħu, inqisuh *fil-bniedem innifsu,* jiġifieri fil-qofol tan-natura tal-bniedem bħala bniedem, f'dak li hu proprju tal-bniedem, f'dak li jagħmel lill-bniedem, bniedem u bniedem li jagħmel ix-xogħol. Il-konvinzjoni li hemm rabta essenzjali bejn ix-xogħol ta' kull bniedem u s-sens sħiħ tal-ħajja tal-bniedem fid-dinja, insibuha fil-qofol tat-tagħlim nisrani fuq ix-xogħol — nistgħu ngħidu fit-tokk tal-"Evanġelju tax-xogħol" — konvinzjoni li tinfluwenza b'ħafna manjieri t-tagħlim u l-ħidma tal-Knisja, f'kull pass li tagħmel biex twettaq il-missjoni tagħha fid-dinja. "Qatt aktar ma għandu jkun ix-xogħol kontra l-ħaddie-

ma, imma x-xogħol għandu jkun dejjem għall-qadi tal-bniedem": ta' min jerġa' jsemmi llum dan il-kliem li ntqal 13-il sena ilu mill-Papa Pawlu VI (Diskors fl-ILO 10-6-1969). Jekk ix-xogħol irid dejjem jaqdi 'l-bniedem, jekk kull programm ta' progress ma jistax iseħħ jekk mhux bix-xogħol tal-bniedem, nistgħu ngħidu li hu dritt fundamentali tiġġudika l-progress skond dan il-kriterju: ix-xogħol qed jaqdi tassew il-bniedem? Jaqbel maddinjità tiegħu? Is-sens veru tal-ħajja tal-bniedem qed jidher fl-għana kollu u fis-suriet kollha tiegħu permezz tax-xogħol?

Bid-dritt kollu naħsbu hekk fuq ix-xogħol. Anzi hu dmirna. Għandna d-dritt u d-dmir mhux li nqisu l-bniedem minn kemm jiswa jew ma jiswiex għax-xogħol, imma li nqisu x-xogħol skond kemm jiswa jew ma jiswiex għall-bniedem. Għandna d-dritt u d-dmir li nikkunsidraw ix-xogħol fid-dawl tal-ħtiġijiet tal-bniedem fir-ruħ u l-ġisem, u dan, f'kull soċjetà u f'kull sistema, f'postijiet fejn hemm ħafna ġid u f'postijiet fejn ma hemmx ħlief faqar kbir. Għandna d-dritt u dmir li nimxu b'dan il-mod meta rridu jkollna x-xogħol fir-relazzjoni tiegħu mal-bniedem u mhux bil-maqlub — bħala l-kriterju ewlieni biex bih niġġudikaw is-siwi tal-progress fih innifsu. Kull progress dejjem jitlob li nqisu s-siwi tiegħu u nagħtu ġudizzju fuqu: għandna għalhekk naraw jekk progress "jixraqx tassew lill-bniedem", u huwiex biżżejjed "universali"; jekk iservix biex inaqqas id-differenzi kbar li hemm bejn bniedem u ieħor, differenzi li huma kontra l-ġustizzja; jekk jgħinx biex ikun hemm ġejjieni ta' sliem u paċi għad-dinja; jekk fix-xogħol humiex imħarsa d-drittijiet ewlenin tal-bniedem, tal-familja, ta' kull nazzjon. F'kelma waħda irridu dejjem nistaqsu jekk ix-xogħol huwiex iservi biex jinkiseb is-sens tal-ħajja tal-bniedem. Waqt li nkunu qegħdin infittxu tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet kollha, aħna u nqisu l-proċessi soċjo-ekonomiċi kollha flimkien, ma għandniex inħallu fil-ġemb dawk l-elementi u dawk il-ħwejjeġ kollha li jagħmlu l-bniedem, bniedem fih innifsu, jiġifieri l-iżvilupp ta' l-għerf u tal-kuxjenza tal-bniedem. Ir-rabta li hemm bejn ix-xogħol u s-sens tal-ħajja tal-bniedem fid-dinja hi dejjem xhieda li x-xogħol ma jbiegħedx il-bniedem mill-iskop ta' ħajtu, ma jiġix imjassar mix-xogħol. Anzi, bil-maqlub, din ir-rabta twettaq il-fatt li x-xogħol hu l-allejat tal-bnedmin, igħinhom igħixu fil-verità u l-libertà, f'libertà mibnija fuq l-verità li tħallihom igħixu, fil-milja kollha tagħha, ħajja tassew tixraq lill-bniedem.

*Meħtieġa solidarjetà ġdida mibnija fuq ix-xogħol*

Għall-inġustizzji li jitolbu vendetta, inġustizzji ġejjin missistemi tas-seklu l-ieħor, il-ħaddiema, u l-aktar il-ħaddiema fl-industrija, għamlu reazzjoni; fl-istess ħin, minkejja l-miżerja li fiha kien jinsab

kulħadd, kienu qawwija bil-qawwa li tiġi minn ħidma flimkien. Kienu vittmi tal-istess inġustizzji u ngħaqdu flimkien ħa jaħdmu flimkien. Fl-enċiklika tiegħu fuq ix-xogħol tal-bniedem jien sejjaħt din ir-reazzjoni, "reazzjoni soċjali ġusta"; qagħda bħal din wasslet "b'qawwa liema bħalha (biex) jinħoloq spritu kbir ta' solidarjetà bejn il-ħaddiema u l-aktar u l-ewwelnett bejn il-ħaddiema industrijali Fid-dawl tal-morali soċjali, kienet importanti ħafna s-sejħa għas-solidarjetà u għall-ħidma flimkien li saret lill-ħaddiema — speċjalment lil dawk li kienu jagħmlu xogħol speċjalizzat limitat ħafna, xogħol monotonu li kważi jeqred il-personalità tal-bniedem fl-azjendi industrijali meta l-magna tasal biex taħkem fuq il-bniedem. Din is-solidarjetà kienet reazzjoni kontra d-degradazzjoni tal-bniedem: bħala suġġett tax-xogħol, bħala dak li jagħmel ix-xogħol... Din ir-reazzjoni għaqdet id-dinja tal-ħaddiem f'komunità li wriet solidarjetà kbira" *(Laborem exercens* 8). Minkejja t-titjib li nkiseb minn dak iż-żmien 'il hawn, minkejja r-rispett sħiħ u veru tad-drittijiet ewlenin tal-ħaddiema f'ħafna pajjiżi, għadd ta' sistemi mibnija fuq ideoloġiji u fuq il-forza, ħallew jeżistu sitwazzjonijiet ta' inġustizzji ċari u ħolqu wkoll sitwazzjonijiet ġodda ta' inġustizzji. Barra dan, il-bnedmin illum jafu aħjar x'inhi ġustizzja soċjali, u dan wassal biex jingħarfu qagħdiet ġodda ta' inġustizzja soċjali li huma verament sfida għall-bnedmin kollha għaliex jinsabu mxerrdin ħafna mad-dinja kollha u juru disprezz kbir għad-dinjità tal-bniedem li ħadd ma għandu jiċħadhielu. Jeħtieġ li llum ikun hemm solidarjetà ġdida mibnija fuq it-tifsir veru tax-xogħol tal-bniedem. Għaliex biss meta wieħed jitlaq minn fehma ġdida tax-xogħol, jista' jasal biex igħid x'inhu l-għan li trid tikseb din is-solidarjetà u liema huma s-suriet li jrid ikollha.

*Solidarjetà għall-ġustizzja soċjali*

Id-dinja tax-xogħol hi d-dinja tal-bnedmin kollha, irġiel u nisa, li bil-ħidma tagħhom ifittxu li jwieġbu għas-sejħa tal-bniedem biex jaħkem fuq l-art għall-ġid ta' kulħadd. Is-solidarjetà fid-dinja tax-xogħol għandha mela tkun solidarjetà li twessa' l-orizzont tagħha biex tħaddan mhux biss l-interessi ta' kull bniedem u ta' grupp ta' bnedmin, imma wkoll il-ġid ta' kulħadd fid-dinja kollha kemm fuq livell ta' nazzjon u kemm fuq livell internazzjonali u planetarju. Trid tkun solidarjetà għax-xogħol, li turi ruħha fil-ġlieda għall-ġustizzja u għall-verità tal-ħajja soċjali.

X'tiswa solidarjetà li tinħela fi ġlieda kontra l-oħrajn, f'qagħda ta' oppożizzjoni li ma tintemm qatt kontra ħadd ieħor? Il-ġlieda għall-ġustizzja ma tistax twarrab fil-ġenb l-interessi leġittimi ta' ħaddiema magħqudin flimkien għax għandhom l-istess professjoni jew għax b'mod partikulari huma milqutin minn ċerti suriet ta' inġustizzja. Taf li fost il-gruppi

jista' jkun hemm tensjonijiet li jistgħu jwasslu għall-ġlieda fid-dieħer. Is-solidarjetà vera trid ġlieda għall-ordni soċjali ġust fejn it-tensjonijiet kollha jintemm fix-xejn, u fejn għal kull ġlieda — kemm fuq livell ta' gruppi u kemm fuq livell ta' nazzjonijiet — tinsab malajr soluzzjoni. Biex toħloq dinja ta' paċi u ta' ġustizzja, is-solidarjetà trid iġġarraf is-sisien tal-mibegħda, tal-egoiżmu, tal-inġustizzja, li spiss isiru ideoloġiji jew liġi essenzjali tal-ħajja fis-soċjetà. Fi ħdan l-istess komunità ta' xogħol, is-solidarjetà twassal biex wieħed jagħraf il-ħtieġa tal-għaqda flimkien, għaqda li x-xogħol fih innifsu jitlobha, u mhux it-tendenza li wieħed jingħażel mill-oħrajn u jkun kontra tagħhom. Din is-solidarjetà ma tridx tqis is-soċjetà bħala soċjetà' li trid tiġġieled "kontra" ħadd ieħor, u anqas trid tqis ir-rapporti soċjali biss bħala ġlieda dejjem sejra bejn klassi u oħra. Is-solidarjetà għandha l-bidu tagħha u l-qawwa tagħha fin-natura stess tax-xogħol tal-bniedem, jiġifieri, fil-fatt li l-persuna tal-bniedem hi 'l fuq minn kull ħaġa oħra; għalhekk tagħraf toħloq strumenti ta' djalogu u ħidma flimkien kapaċi jġibu fix-xejn kull oppożizzjoni mingħajr ma jeqirdu 'l min jagħmilha.

Le, m'hijiex ħolma tgħid li tista' tagħmel id-dinja tax-xogħol, dinja ta' ġustizzja.

*Solidarjetà bejn in-nazzjonijiet*

Hu meħtieġ li l-bniedem jiddefendi x-xogħol tiegħu u jħarsu minn kull ideoloġija ħa juri x'inhu t-tifsir veru tax-xogħol tiegħu. Dan jidher ċar ħafna, meta nqisu d-dinja tax-xogħol u s-solidarjetà li titlob fil-qasam internazzjonali. Il-problema tal-bniedem fuq ix-xogħol illum irridu nħarsu lejha fuq livell internazzjonali, u dan ma jistax ikun li ma nagħmluhx. Il-problemi kbar tal-bniedem fis-soċjetà llum huma problemi tad-dinja kollha. Illum irridu nħarsu lejhom kif inhuma, iva, fid-dinja kollha, imma bi spirtu ta' tiġdid, bi spirtu li jitlob tiġdid. Kemm jekk huma problemi dwar risorsi naturali u kemm jekk problemi ta' progress u ta' impiegi, is-soluzzjoni adatta għalihom ma tinstabx jekk ma nqisuhomx fuq livell internazzjonali. Ħmistax-il sena ilu, fl-1967, il-Papa Pawlu VI fil-*Populorum progressio* kien ġa qal: "Illum il-fatt l-aktar importanti li għandu jiġi meqjus minn kulħadd, hu li l-kwistjoni soċjali saret kwistjoni li tolqot id-dinja kollha" (n. 3). Minn dak iż-żmien 'l hawn, ħafna ġrajjiet komplew juru kemm hu veru dan. Il-kriżi ekonomika tad-dinja llum, bl-effetti kollha li qiegħda tħalli f'kull imkien fid-dinja, iġġagħlna nistqarru li l-problemi huma dejjem aktar problemi tad-dinja kollha. Il-mijiet ta' eluf ta' bnedmin li qegħdin imutu bil-ġuħ jew ma għandhomx x'jieklu biżżejjed, bnedmin li huma wkoll għandhom id-dritt li jintrefgħu mill-faqar li fih jinsabu, għandhom iwassluna biex nifhmu li dan il-fatt qiegħed jolqot direttament il-bnedmin kollha tad-dinja.

Hemm il-ġid ta' kulħadd li llum ma jinkisibx aktar b'xi kompromess ftit jew wisq igħodd għalina bejn għadd ta' rivendikazzjonijiet partikulari, jew b'xi kompromess bejn esiġenzi li huma biss kollha kemm huma ekonomiċi. Illum aħna fid-dmir li nagħmlu għażliet morali ġodda: irridu nsawru fina kuxjenza internazzjonali ġdida: kull wieħed minna, mingħajr ma jiċħad ir-rabtiet li għandu mal-familja tiegħu, ma' ġensu u ma' pajjiżu, u mingħajr ma jiċħad id-dmirijiet li jiġuh minn dawn ir-rabtiet, għandu jqis ruħu wkoll bħala membru ta' dik il-familja kbira li hi l-familja tal-bnedmin kollha taddinja.

Dan ifisser li x-xogħol għandna nqisuh kif inhu f'kull imkien fid-dinja, ħa nsibu t-tifsir ġdid tax-xogħol tal-bniedem u hekk naraw x'ħidma ġdida rridu nagħmlu. Dan ifisser ukoll li l-ġid ta' kulħadd fid-dinja jitlob solidarjetà ġdida li tmur 'il hemm mill-fruntieri li jagħżlu nazzjon minn oħra. B'dan ma rridx innaqqas xejn mill-importanza tal-isforzi li kull pajjiż jagħmel bis-setgħa li għandu skond it-tradizzjonijiet kulturali tiegħu, u skond dak li jeħtieġ biex ikollu l-progress soċjali u ekonomiku li verament iħares il-karattru proprju ta' kull grupp fil-pajjiż u tal-poplu kollu. U anqas għandna malajr naħsbu li ġa hemm din is-solidarjetà għaliex ilkoll ninsabu fuq dgħajsa waħda, li hi din id-dinja. L-ewwelnett wieħed irid jiżgura li l-isforzi li l-pajjiż qed jagħmel bir-riżorsi spiritwali u materjali tiegħu se jkunu ta' għajnuna wkoll għall-pajjiżi l-oħra, u mbagħad għandu jinsisti dwar il-ħtieġa li jkun hemm din is-solidarjetà internazzjonali bl-istrutturi kollha li titlob. U wieħed irid ukoll iżomm ħajja din it-tensjoni għax tiswa biex turi kemm dawn iż-żewġ fatti huma minnhom orjentati lejn xulxin, għaliex kull pajjiż, kif ukoll kull bniedem, għandu fih innifsu, fl-istess ħin, l-individwalità proprja tiegħu u hu miftuħ ukoll għall-oħrajn.

*Is-solidarjetà max-xogħol: il-qagħad*

Is-solidarjetà fid-dinja taxxogħol, is-solidarjetà tal-ħaddiema turi ruħha f'suriet diversi. Hi solidarjetà tal-ħaddiema flimkien; hi solidarjetà malħaddiema; hi, fuq kollox, filqofol kollu tagħha, solidarjetà max-xogħol, meqjus fid-dawl tal-ħajja tal-bniedem fuq l-art, li mix-xogħol tikseb is-sens sħiħ tagħha. Meta nifhmuha b' dan il-mod, is-solidarjetà titfa' dawl speċjali fuq il-problema tal-impjegi, li llum hu wieħed mill-ikbar problemi tas-soċjetà, problema li ta' spiss wieħed jasal biex jinsa kemm hu problema drammatiku għall-ħaddiema, l-aktar meta dawn ma għandhom ebda għajnuna missoċjetà; hu problema drammatiku għal dawk il-pajjiżi wkoll li qed jiżviluppaw, fejn hu problema li ilu sejjer żmien twil; hu problema drammatiku għallbdiewa li spiss igħixu ħajja mill-llum għal għada biss, u għalihom hu problema kemm jekk jibqgħu jaħdmu fil-kampanja, li dejjem aktar qed tagħtihom xogħol inqas, u kemm

jekk jippruvaw imorru fl-ibliet ifittxu xogħol li ma tantx isibuh; hu problema drammatiku għall-intellettwali għax kemm fil-kategoriji tagħhom u kemm fil-ħafna oqsma tax-xogħol fid-dinja, illum jistgħu jiltaqgħu ma' sura ġdida ta' polarizzazzjoni fejn il-kontribut tagħhom jitlef is-siwi sħiħ tiegħu minħabba t-tibdil li qed isir fis-sistemi soċjali u fil-kundizzjonijiet tal-ħajja.

Kulħadd jaf li l-kawżi tal-qagħad jistgħu jkunu, u fil-fatt huma, ħafna. Waħda minn dawn il-kawżi hi l-fatt li l-istrumenti tal-produzzjoni dejjem qegħdin ikunu aktar perfetti, u għalhekk tonqos dejjem aktar il-ħtieġa tal-ħidma diretta tal-bniedem fil-proċess tal-produzzjoni. Dan jista' jwassal għal sitwazzjoni ta' l-oppożizzjoni bejn ix-xogħol tal-bniedem u l-"kapital", fis-sens li l-"kapital" ikun l-istrumenti kollha tal-produzzjoni, jiġifieri kemm ir-riżorsi naturali u kemm il-mezzi li bihom il-bniedem jagħmel tiegħu dawn ir-risorsi mogħtijin lilu b'xejn biex jittrasformahom skond il-ħtiġijiet tiegħu. B'dan il-mod inħoloq problema ġdid, li biss issa qiegħed jidher fil-kobor kollu tiegħu u bil-konsegwenzi kollha li jista' jġib miegħu. Jekk wieħed jintebaħ b'dan il-problema għalkemm għadu mhux ċar biżżejjed għalih, dan ifisser li hu lest sabiex ifittex soluzzjoni għalih sa mill-bidu, mingħajr ma joqgħod jistenna li kulħadd jintebaħ bih mill-ħsara li jġib miegħu. Is-soluzzjoni ta' dan il-problema għandna nfittxuha fis-solidarjetà max-xogħol, billi naċċettaw li fix-xogħol il-bniedem jiġi l-ewwel, qabel dak kollu li titlob il-produzzjoni u qabel kull liġi ekonomika. Il-bniedem għandu jkun l-ewwel u l-aħħar kriterju tal-pjanifikazzjoni tal-impjiegi; is-solidarjeta' max-xogħol għandha ġġagħlna qabel kollox li nfittxu s-soluzzjonijiet kollha meħtieġa u niftħu qasam ġdid fejn il-bniedem jista' juri l-ġenju u l-ġenerożità tiegħu.

### *Is-solidarjetà u ż-żgħażagħ qiegħda*

Għalhekk fil-*Laborem exercens* issugrajt ngħid li "l-qgħad huwa dejjem deni u meta jilħaq ċertu livell, huwa veru diżastru soċjali. U l-qgħad ikidd ħafna meta jolqot l-aktar iż-żgħażagħ," (n. 18). B'eċċezzjoni ta' xi pajjiż privileġġjat, id-dinja kollha llum qiegħda ġġarrab dan il-fatt li jnikket. Qed nintebħu xi traġedja dan hu għal tant żgħażagħ, li "qed jaraw miġjuba fix-xejn ix-xewqa sinċiera tagħhom li jaħdmu u l-ħrara tagħhom li jidħlu għar-responsabbiltajiet tagħhom fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-komunità li tagħha huma membri" (ibid). Kif tista' togħġobna qagħda li tista' tħalli ż-żgħażagħ bla tama li xi darba jsibu x-xogħol jew, jiġri x'jiġri, se tinfluwenzahom tul ħajjithom kollha? Hu problema komplikat ħafna, u s-soluzzjoni m'hijiex ħafifa u ma hemmx soluzzjoni waħda għas-sitwazzjonijiet kollha li hemm u għal kull pajjiż. Id-Direttur Ġenerali tal-I.L.O. dan urih ċar fir-rapport li għamel f'din it-68 sessjoni, u fid-diskussjonijiet tagħkom dawn

il-problemi żgur se tgħarbluhom sew. It-tħabrik tagħkom għas-soluzzjoni ta' dan il-problema kemm fuq livell ta' pajjiż u kemm fuq livell tad-dinja kollha, għandu jkun ispirat mill-kriterju li x-xogħol tal-bniedem hu dritt u dmir ta' kulħadd, li x-xogħol tal-bniedem juri x'inhi d-dinjità tal-persuna tal-bniedem u fl-istess ħin ikabbarha. Barra dan it-tħabrik ħa jinsabu soluzzjonjiiet għal dan il-problema jrdi isir fi spirtu ta' solidarjetà bejn kulħadd. Iva, f'dan ukoll is-solidarjetà hija l-muftieħ li jiftaħ il-bieb għas-soluzzjoni tal-problema tal-impiegi. Dan ngħidu bil-qawwa kollha, kemm fuq livell nazzjonali u kemm fuq livell internazzjonali; soluzzjoni pożittiva tal-problema tal-impieg, u speċjalment tal-impieg taż-żgħażagħ titlob is-solidarjetà sħiħa tal-popolazzjoni kollha u tal-popli kollha tad-dinja biex kulħadd ikun lest jaċċetta s-sagrifiċċji meħtieġa, biex kulħadd igħin ħa jseħħu l-programmi li jitfasslu u l-ftehim li jsir biex il-politika ekonomika u soċjali tkun tassew wiri veru ta' solidarjetà, u biex kulħadd igħin ħa jkun hemm strutturi ekonomiċi, tekniċi, politiċi u finanzjarji adatti — dan kollu jitlob it-twaqqif ta' ordni soċjali ġdid ta' solidarjetà. Ma rridx nemmen li l-bnedmin tal-lum, hekk kapaċi jwettqu għemil tekniku u xjentifiku liema bħalu, ma humiex imbagħad kapaċi bi sforz kreattiv ispirat min-natura stess tax-xogħol tal-bniedem u mill-ispirtu ta' solidarjetà li jgħaqqad flimkien il-bnedmin kollha, isibu soluzzjonijiet ġusti u effikaċi għall-problema li hu kollu kemm hu problema tal-bniedem, il-problema tal-impiegi.

*Is-solidarjetà u l-libertà tat-"Trade unions"*

Soċjetà li fiha kulħadd jaqbeż għal xulxin tinbena kull jum, l-ewwel billi toħloq, u mbagħad billi tiddefendi dawk il-kondizzjonijiet li bihom kull wieħed verament u minn rajh ikun jista' jieħu sehem fil-ħidma ta' kulħadd flimkien. Kull poiltika li trid il-ġid ta' kulħadd trid tkun frott ta' għaqda organizzata li fiha jissieħbu minn rajhom il-forzi soċjali kollha. Din hi wkoll sura ta' dik is-solidarjetà mitluba mill-ordni soċjali, solidarjetà li tidher b' mod speċjali fl-għaqdiet tal-ħaddiema, u fil-ħidma tagħhom. Id-dritt, li l-ħaddiema, minn rajhom iwaqqfu l-għaqdiet tagħhom, hu dritt ewlieni ta' dawk kollha li huma marbutin mad-dinja tax-xogħol, u li jiffurmaw il-komunità tax-xogħol. Dan ifisser li kull bniedem fix-xogħol la hu waħdu u lanqas hu mħolli waħdu; dan hu xhieda tas-solidarjetà ta' kulħadd għall-ħarsien tad-drittijiet tagħhom, drittijiet li ġejjin minn dak li jitlob ix-xogħol; bħala regola dan jagħti l-mezzi biex wieħed jissieħeb attivament sew f'dak li hu meħtieġ ħa jsir ix-xogħol li għandu jsir u sew f'dak kollu li għandu x' jaqsam max-xogħol li għandu jsir, immexxi dejjem bil-ħsieb tal-ġid ta' kulħadd. Dan id-dritt jissupponi li l-ħaddiema huma liberi li jingħaqdu fil-"union" li jagħżlu huma u li

jmexxuha huma stess. Għalkemm id-dritt tal-libertà tat-"Trade unions" jidher bħala dritt li hu magħruf minn kulħadd bla ebda kontestazzjoni — dan titolbu l-konvenzjoni n. 87 (1948) tal-I.L.O. — huwa dritt li għandu kontrih theddida qawwija, hu dritt li xi kull tant hu mwaqqgħa għaċ-ċajt kemm bħala prinċipju, u kemm — u dan aktar ta' spiss — f'xi wieħed jew ieħor ta' l-aspetti fundamentali tiegħu, b'mod li l-libertà trejdunjonistika tiġi mdgħajfa. Ta' min ifakkar li l-għaqda tal-forzi soċjali bejniethom għandna dejjem nixtiquha, u għandha tkun l-effett ta' deċiżjoni ħielsa ta' kull min hu interessat, deċiżjoni meħuda indipendentement minn kull poter politiku; u għandu jkollha l-organizzazzjoni interna tagħha, il-mod kif taħdem u l-attivitajiet trejdunjonistiċi tagħha imfassla bil-libertà kollha. Il-bniedem fix-xogħol, minn rajh, għandu jiddefendi l-verità u d-dinjita' vera tax-xogħol tiegħu. Il-bniedem, fix-xogħol tiegħu, ma għandux għalhekk isib tfixkil biex iwettaq din ir-responsabbiltà tiegħu sakemm ikun qiegħed iqis il-ġid ta' kulħadd.

*Egħluq: it-triq tas-soildarjetà*

Sinjuri, 'l hemm minn kull sistema, minn kull reġim, minn kull ideoloġija li trid tmexxi hi r-relazzjonijiet soċjali kollha, ipproponejtilkom is-solidarjetà, it-triq tas-solidarjetà fid-dinja tax-xogħol. Hi solidarjetà miftuħa u dinamika, mibnija fuq il-fehma ta' x'inhu verament ix-xogħol tal-bniedem, solidarjetà li tara fid-dinjità tal-persuna tal-bniedem, li rċieva l-kmand ta' Dak li ħalqu, l-ewwel u l-aħħar kriterju tas-siwi tagħha. Jalla din is-solidarjetà tmexxikom fid-diskussjonijiet tagħkom u fid-deċiżjonijiet tagħkom.

L-I.L.O. ġa kiseb ħafna fil-qasam tal-ħidma tiegħu. Fassaltu għadd kbir ta' dikjarazzjonijiet u konvenzjonijiet internazzjonali, u għad tfasslu oħrajn biex taffrontaw problemi ġodda u tagħtu soluzzjonijiet dejjem adatti. Fassaltu orjentamenti u għamiltu ħafna programmi, u min-naħa tagħkom intom deċiżi li tkomplu dik il-ħidma nobbli li tagħmlu x-xogħol dejjem aktar jixraq lill-bniedem. F'isem is-S. Sede u l-Knisja u l-fidi nisranija, nixtieq minn qalbi nifirħilkom mill-ġdid għall-merti kbar tal-Organizzazzjoni tagħkom. U fl-istess ħin, nawguralkom li l-ħidma kollha, l-isforzi kollha, u x-xogħol kollu tagħkom ikompli jkun għall-qadi tad-dinjità tax-xogħol tal-bniedem u tal-progress veru tal-bnedmin kollha. Nawguralkom li tagħtu sehemkom bla mistrieħ għall-ħolqien taċ-ċiviltà tax-xogħol tal-bniedem, ta' ċiviltà ta' solidarjetà, anzi, nissogra ngħid, ta' ċiviltà ta' l-imħabba tal-bniedem. Jalla l-bniedem, bl-isforzi kbar u kotrana tiegħu jaħkem fuq l-art (Ġen 1, 28), jikseb il-milja tan-natura tiegħu ta' bniedem li hu, dik id-dinjità li ffissalu l-Għerf u l-Imħabba ta' dejjem.'

## S. FRANĠISK MA KIENX BISS BNIEDEM TA' FERH U TA' MHABBA

Ittra tal-Papa Ġwann Pawlu II lil Ġwann Vaughn, ministru ġenerali tal-Franġiskani Minuri, lil Vitale Bonmarco, ministru ġenerali tal-franġiskani minuri konventwali, lil Flavju Carraro, mnistru ġenerali tal-kappuċċini, u lil Roland Faley, ministru ġenerali tat-Terz'Ordni Regolari franġiskan, f'egħluq it-tmien mitt sena mit-twelid ta' San Franġisk ta' Assisi.

Għeżież uliedi, sliem u barka appostolika.

"Kien ixerred dija bħal kewkba tiddi fis-swied tal-lejl u qisu bi nhar f'nofs id-dlamijiet"; b'dan il-kliem xandar lil San Franġisk ta' Assisi, Tumas minn Celano, l-ewwel wieħed li kiteb il-ħajja ta' dan il-qaddis (1). U dan nixtiequ wkoll inxandru, aħna u nagħmlu t-tifkira tat-tmien mitt sena mit-twelid ta' dan il-bniedem hekk magħruf. Aħna, biex nagħtu bidu għas-sena ta' tifkira ta' dan it-twelid, fit-3 ta' Ottubru tas-sena l-oħra, fil-bażilika ta' San Pietru waqt ċelebrazzjoni ta' vġili mqaddsa, kellimna għadd kbir ta' membri tal-erba' familji franġiskani, ta' sorijiet u ta' oħrajn li għażlu jimxu t-triq tal-ħajja wara l-Missier serafiku tagħhom; ftit ilu erġajna kellimna bir-radju għadd kbir ta' nsara miġburin fil-kattidral ta' Assisi flimkien ma' l-Isqof ta' dik il-belt. Issa, b'din l-ittra, qisna qegħdin inkomplu dan id-diskors tagħna, irridu nsemmu xi punti mit-tagħlim tal-Evanġelju li dehru fil-ħajja ta' San Franġisk, u nwasslu lilkom u, permezz tagħkom, lil kemm nistgħu nies, it-tħabbira li hu, milli jidher, irid jagħti lill-bnedmin ta' żmienna.

Fil-ktieb magħruf bħala l-*Fjuretti* ta' San Franġisk, fra Masseo, wieħed mill-ewwel dixxipli ta' San Franġisk igħidilna li darba wieħed staqsa lil San Franġisk: "Għaliex kulħadd ġej għandek?" (2) Wara tmien mitt sena mit-twelid ta' San Franġisk, din il-mistoqsija għadha tgħodd, anzi llum hemm raġunijiet aqwa għaliex għandna nagħmluha. Dan mhux biss għaliex kotor l-għadd ta' dawk li għażlu li jimxu wara S. Franġisk u jħarsu r-regula ta' ħajja li hu fassal, imma wkoll għax l-ammirazzjoni għalih u l-interess fih wara tant żmien, kontra dak li soltu jiġri fil-ġrajjiet tal-bnedmin, ma naqsux iżda żdiedu u xterdu aktar; u sinjali ta' dan narawhom fit-tħarriġ spiritwali nisrani, fl-arti, fil-poeżija, u fissuriet kollha tal-kultura tal-punent. L-Italja, li hu ġieħ kbir tagħha li tat it-twelid lil dan il-bniedem kbir, għażlitu bħala patrun ewlieni tagħha quddiem Alla flimkien ma' persuna oħra li għandha isem mill-aqwa, Santa Katarina ta' Siena, li mxiet fuq il-passi tiegħu. Il-fama tiegħu xterdet 'l hemm mill-Ewropa, tant li bir-raġun kollu nistgħu ngħidu għalih dak li hemm fl-Evanġelju: "Kull fejn tixxandar din il-bxara t-

tajba fid-dinja kollha, li għamel dan jingħad ukoll" (3)

L-imġiba ta' San Franġisk f'ħajtu kollha kienet imġiba li togħġob lil kulħadd għaliex dawk kollha li jafu ħajtu, ilkoll ifaħħru l-eżempju li hu ta ta' mħabba għall-bnedmin kollha. Għalhekk ma tidhirx barra minn postha f'din is-sena li fiha qegħdin infakkru t-800 sena tat-twelid ta' San Franġisk, li ntennu bis-sempliċità kollha l-mistoqsija ta' Fra Masseo: Għaliex id-dinja kollha tiġi għand San Franġisk ta' Assisi?

Għal din il-mistoqsija nistgħu nwieġbu billi ngħidu li l-bnedmin jammiraw u jħobbu lil dan il-qaddis għax jaraw li fih seħħu, u b'mod tassew ta' l-għaġeb, dawk il-ħwejjeġ li tant jixtiquhom, iżda li spiss ma jistgħux jiksbuhom f'ħajjithom: dawn huma l-ferħ, il-libertà, is-sliem, l-għaqda tal-qlub u l-ħbiberija tal-bnedmin ma' xulxin u ma' kull ħaġa fid-dinja.

## I BNIEDEM TA' FERĦ, TA' MĦABBA U TA' LIBERTA' EVANĠELIKA

Dawn il-ħwejjeġ kollha, flimkien ma' tant oħrajn, narawhom jiddu fil-ħajja tal-Fqajjar ta' Assisi.

U l-ewwelnett il-ferħ, għaliex San Franġisk hu magħruf sew bħala bniedem ta' ferħ perfett. Tul ħajtu kollha "dejjem fittex.. li jkollu ħerqa kbira għall-ferħ spiritwali, mnin barra u minn ġewwa, u jgħożżu bis-sħiħ" (4).

Spiss — u dan nafuh middokumenti ta' ħajtu — il-qawwa tal-ferħ li kien iħoss, ma kienx jista' jżommu ġewwa fih hekk li, qisu wieħed mit-"troubadours" ta' żmienu, b'żewġ biċċiet ta' l-injam, qisu għandu vjolin f'idejh, kien ikanta t-tifħir ta' Alla bil-provenzal (5). Il-ferħ li bih kien mimli San Franġisk kien ġej mill-mod li hu, fis-sempliċità u l-innoċenza tiegħu, kien iħares kollu mistagħġeb lejn kull ma kien hemm jew kien iseħħ madwaru; dan il-ferħ kien ġej l-aktar mit-tama li kellu f'qalbu u li kienet twasslu biex igħid: "Tant hu kbir il-ġid li qiegħed nistenna li, b'kull tbatija nithenna" (6)

Għalkemm qatt ma uża l-kelma "libertà", ħajtu kollha kienet xhieda tal-libertà evanġelika. L-imġieba kollha tiegħu, kull ma kien jagħmel, kienu jixhdu l-libertà tal-ispirtu li kien igawdi u l-fehma li wasslitu biex minn rajh iqis l-imħabba bħala l-aqwa kmandament u jingħaqad għal kollox ma' Alla. Waħda mill-ħafna provi ta' dan hija l-libertà li, fl-ispirtu tal-Evanġelju, ta lil aħwa li jieklu minn kull ma jpoġġilhom quddiemhom (7).

Il-libertà li San Franġisk fittex u għolla ma tmurx kontra l-obbedjenza lejn il-Knisja u lanqas kontra "kull bniedem li hawn fid-dinja" (8), iżda, għall-kuntrarju, tiġi minnha. F'San Franġisk tiddi b'mod speċjali

dik is-sura perfetta li kellu l-bniedem fil-bidu, sura li kienet tagħmel il-bniedem ħieles u sid il-ħolqien kollu (9). Hu għal-hekk li l-ħlejjaq kollha kienu juru tant ħlewwa u tant familjarità ma' dan il-Fqajjar ta' Kristu. Għalhekk l-agħsafar kienu jisimgħuh huwa u jippriedka (10), għalhekk lupu — kif tgħid il-ġrajja magħrufa minn kulħadd — immansa (11), u n-nar taffa l-ħeġġa tiegħu u sar il-"curialis" tiegħu, jiġifieri sieħbu, wieħed ta' ġewwa (12). Għalhekk, kif igħid min kiteb l-ewwel ħajja tiegħu, li għadna kemm semmejna, "għax mexa fit-triq tal-obbedjenza u għax qagħad b'mod l-aktar perfett għar-rieda ta' Alla, kiseb dinjità kbira quddiem Alla bl-obbedjenza tal-ħlejjaq" (13). Il-libertà ta' San Franġisk kienet ġejja l-aktar mill-faqar tiegħu li wasslu biex iwarrab minnu nnifsu kull xewqa u kull tħassib għall-ġid ta' l-art, hekk li sar wieħed minn dawk in-nies li skond l-Appostlu San Pawl, "ma għandhom xejn, għad li kollox huwa tagħhom" (14).

San Franġisk barra li kien bniedem imżejjen bil-ferħ u l-libertà ta' l-ispirtu, kien ukoll bniedem li dejjem ġie miqjum bħala wieħed li kellu mħabba kollha ħlewwa għas-sliem u għall-għaqda tal-bnedmin kollha bħal aħwa. Is-sliem li kien igawdi San Franġisk u li kien ixerred madwaru, kien ifittxu mingħand Alla, li hu kien iqis bħala l-għajn tas-sliem; kien jitolbu b'dan il-kliem: "Int il-ħlewwa, int il-ħarsien, int il-kwiet" (15). Dan is-sliem deher f'sura ta' bniedem u kiseb qawwa fi Kristu Ġesu' li huwa "is-sliem tagħna" (16): fih, fi Kristu, kif kiteb San Franġisk, fuq it-tagħlim ta' San Pawl, "kull ma hu fis-sema u kull ma hu fl-art kiseb is-sliem u tħabbeb ma' Alla li jista' kollox" (17) "Il-Mulej jagħtik is-sliem": b' dan il-kliem, li tgħallem b'rivelazzjoni mingħand Alla, San Franġisk kien isellem lil kulħadd. Kien tassew bniedem 'paċifiku' (19) għaliex kien iġib is-sliem u jħabbeb flimkien in-nies — kien wieħed minn dawk li l-Evanġelju jsejħilhom "hienja" — għaliex "kliemu kollu kien dejjem bil-ħsieb li jġib fix-xejn kull ma kien jagħmel in-nies egħdewwa ta' xulxin u jġib 'il quddiem kull ma jagħmilhom ħbieb mill-ġdid" (20). Wassal għall-paċi u l-għaqda n-nies ta' beltu, li kienu qegħdin jiġġieldu bejniethom u jxerrdu demm xulxin, u bit-talb tiegħu ħarrab ix-xjaten li kienu qegħdin iġibu l-ġlied u l-firda fil-belt (21). Wassal għall-paċi bejniethom bliet miġġieldin ma' xulxin, kleru u poplu, u, kif igħidu, bnedmin u bhejjem ukoll. San Franġisk kien konvint li l-paċi tiġi meta jkun hemm il-maħfra: għalhekk biex jagħmel paċi flimkien il-maġistrat u l-isqof ta' Assisi, li kienu qegħdin jiġġieldu bejniethom, fl-għanja tal-ħolqien żied dan il-vers: "Tkun imfaħħar, Mulejja, minħabba dawk li jaħfru għall-imħabba tiegħek" (22).

San Franġisk qatt ma qjies lil ħadd għadu tiegħu, imma qjies dejjem kull bniedem ħuh. Dan wasslu biex ma jagħtix każ ta' dak kollu li bih in-nies ta' żmienu kienu jingħażlu u jin-

firxu minn xulxin, u biex ixandar l-imħabba ta' Kristu fost l-istess Misilmin: b'hekk qiesu żera' fi qlub il-bnedmin rieda għat-taħdit u l-ekumeniżmu ma nies ta' kultura, razza u reliġjon oħra, ħwejjeġ li huma fost l-aktar importanti u li fihom imxejna ħafna 'l quddiem fi żmienna. B'din l-imħabba ta' l-aħwa għal kulħadd, S. Franġisk ħaddan il-ħlejjaq kollha, dawk ukoll li ma għandhomx nifs ta' ħajja: ix-xemx, il-qamar, l-ilma, ir-riħ, in-nar, l-art. Dawn kollha kien isejħilhom ħutu u kien jurihom ħlewwa ta' ġieh (23). Fuq dan, insibu miktub: "B'ġieh u mħabba ta' l-għaġeb kien iħaddan kollox, u jitkellem magħhom fuq Alla, huwa u jħeġġiġhom ħa jfaħħruh" (24). Aħna qiesna dan kollu meta ridna nilqgħu x-xewqa ta' dawk li llum għandhom għal qalbhom l-ambjent naturali li fih igħixu l-bnedmin, u, bl-ittra appostolika tad-29 ta' Novembru 1981, bis-siġill tas-sajjied, ħtarna lil S. Franġisk ta' Assisi patrun fissema ta' l-ekoloġisti kollha.(25). L-eżempju ta' S. Franġisk f'din il-ħaġa hu prova ċara li l-ħlejjaq u l-elementi naturali mhumiex ħielsa minn ħsara ngħusta u ta' deni, jekk wieħed ma jħarisx lejhom, fid-dawl tal-ħolqien u tal-fidwa skond l-Iskrittura, bħala ħlejjaq li lejhom il-bniedem hu marbut bi dmirijiet u mhux li jagħmel li jrid bihom, għax il-ħlejjaq kollha flimkien mal-bniedem qegħdin jistennew u jittamaw li "jkunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir u jiksbu l-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla" (26).

## III IT-TRIQ TAS-SALIB

Sa issa tkellimna fuq ħwejjeġ li minħabba fihom il-bnedmin bir-raġun kollu jiftakru b'San Franġisk ta' Assisi, u qatt ma jieqfu jammirawh; tkellimna fuq il-ferħ tiegħu, il-libertà tal-ispirtu, is-sliem u l-imħabba tiegħu għal kulħadd bħal aħwa. Iżda jekk nieqfu biss fuq dan, l-ammirazzjoni tagħna tkun ħaġa fiergħa, li ma għandha ebda siwi, jew ftit għandha, għat-tagħlim tan-nies tal-lum ħa jiksbu l-ġid li semmejna aktar 'il fuq. Dan ikun qisu qegħdin nigbru frott minn siġra li ma ħadniex ħsieb l-egħruq u l-friegħi tagħha.

Biex iċ-ċelebrazzjonijiet ta' egħluq it-800 sena mit-twelid ta' S. Franġisk iqanqlu qlub il-bnedmin u jħallu xi sinjal fihom, jeħtieġ naraw u nagħarfu x'kienu l-egħruq tal-ħajja ta' dan il-bniedem serafiku li tat frott hekk ta' l-għaġeb. Il-ferħ, is-sliem, il-libertà ta' l-ispirtu, l-imħabba ma ngħatawx lil S. Franġisk biex iżejnulu ruħu b'kumbinazzjoni, u lanqas ġew min-natura tiegħu, imma kisibhom bi ħsieb u b'ħajja tassew iebsa, li hu fissirha b'dawn iż-żewġ kelmiet: "tagħmel penitenza". Hekk kiteb fil-bidu tat-Testment tiegħu: "Il-Mulej jagħti lili, fra Franġisk, li nibda nagħmel penitenza; għax kont

fid-dnub, kont naraha ħaġa qarsa li nħares lejn l-imġiddmin. U l-Mulej innifsi ħadni fosthom u jiena wrejthom ħniena. U meta tlaqthom, dak li kont inqisu qares inbidel fija fi ħlewwa fir-ruħ u l-ġisem; u wara dan ftit domt li ma ħriġtx mid-dinja" (27).

"Tagħmel penitenza", "tgħix fil-penitenza": dan il-kliem ta' S. Franġisk spiss niltaqgħu miegħu fil-kitba tiegħu, għaliex il-ħajja tiegħu kollha u l-predikazzjoni tiegħu tinġabar tajjeb ħafna fi ftit kliem. Meta ġie biex jara kif se jgħix sewwa l-ħajja ġdida tiegħu — mument importanti ħafna — ried ikollu l-parir ta' Kristu, u fetaħ il-Ktieb ta' l-Evanġelju, u sab hemm din it-tweġiba tal-Mulej, tweġiba li fuqha sawwar ħajtu kollha sal-mewt. "Min irid jiġi warajja jiċħad lilu nnifsu" (28). U tassew, fiċ-ċaħda tiegħu nnifsu S. Franġisk sab "ruħu" jiġifieri l-ħajja tiegħu (29). Kiseb il-ferħ għax għaraf jistaħar bit-tiġrib, kiseb l-imħabba għall-ħlejjaq kollha għax għaraf jobgħod lilu nnifsu, jiġifieri kif igħallimna l-Evanġelju, għax għaraf jirbaħ lilu nnifsu. Darba huwa u kien miexi fit-triq lil Fra Ljun fissirlu kif il-ferħ tassew jinsab filli wieħed jilqa' biss bis-sabar kull xorta ta' mrar u tiġrib, għall-imħabba ta' Kristu (30).

"Tgħix fil-penitenza" skond S. Franġisk hu daqs li kieku tagħraf id-dnub fil-kobor tiegħu kollu: tgħix bla heda quddiem Alla fi spirtu ta' penitenza: iddaħħal fis-sura kollha ta' ħajtek b'taħriġ axxetiku iebes, sentimenti ta' sogħba u ta' niket. F'dan, tant mexa 'l quddiem San Franġisk, li qabel miet, qiesu jitlob maħfra, stqarr li "kien għamel ħafna dnubiet kontra l-ġisem ħuh", għaliex tul ħajtu kien tant ħaqru bittgħakkis tiegħu (31).

Din it-triq li minnha mexa S. Franġisk tissejjaħ mill-insara, it-triq tas-salib. Kien u għadu sal-lum il-ħabbar u x-xandar li, bil-qawwa kollha, isejjaħ 'il Knisja għall-għan ewlieni tagħha li hu l-predikazzjoni tas-salib, qiesu Alla, bil-qaddej fqir tiegħu S. Franġisk, irid jiżra' mill-ġdid is-siġra tal-ħajja "f'nofs il-belt" (32), jiġifieri f'nofs il-Knisja. Kien għalhekk li, din is-sena, iddedikata għat-tifkira tat-twelid ta' dan il-qaddis, fil-pellegrinaġġ li għamilna fuq il-qabar tiegħu, tennejnielu din it-talba: "Ir-raġuni moħbija ta' l-għana spiritwali tiegħek tinsab fis-salib ta' Kristu... Kif San Pawl għallem lilek, għallimna ma niftaħrux jekk mhux bis-salib ta' Ġesu' Kristu Sidna" (33).

Kristu msallab kien dak li mexxa lil San Franġisk tul it-triq ta' ħajtu minn meta beda l-ħajja ġdida tiegħu sat-tmiem ta' ħajtu f'din id-dinja; fuq l-għolja tal-Alvernja, Kristu ħallielu jidhru f'ġismu s-sinjali mqaddsa tal-passjoni tiegħu, hekk li quddiem in-nies S. Franġisk seta' "jidher imsallab" (34). San Franġisk, kollu kemm hu, sawwar lilu nnifsu u sar jixbah lil Kristu msallab: hu għex ħajja ta' faqar kbir, proprju biex ikun jixbah 'il Kristu msallab meta kienet qiegħda toqrob il-mewt tiegħu, San Franġisk fisser l-esperjenza spiritwali

speċjali tiegħu b'dan il-kliem, tant sempliċi, imma wkoll tant għoli: "jiena naf 'il Kristu fqir u msallab" (35). U tassew, minn meta dar lejn Alla, għex fir-rażan bħala wieħed li għandu l-marki tal-passjoni ta' Kristu.

Nerġgħu mela għall-mistoqsija tal-bidu: "Għaliex id-dinja kollha ġejja għandek?" It-tweġiba issa tidher ċara ħafna, u nsibuha f'dan il-kliem tal-Mulej: "Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja" (36). Il-bnedmin kollha jinġibdu minn S. Franġisk ta' Assisi għaliex hu mexa fuq il-passi tal-Imgħallem Ġesu' u ried b'xi mod "jintrefa' 'l fuq mill-art", jiġifieri jkun imsallab hekk li mhux hu jkun igħix, imma Kristu jgħix fih, biex nużaw dan il-kliem tal-Appostlu għal San Franġisk (37).

Lin-nies ta' żmienna, li bil-qawwa kollha tagħhom qegħdin ifittxu li jwarrbu n-niket mid-dinja, għalkemm dan kollu għalxejn, anzi qegħdin isibu ruħhom maħkumin mit-tiġrib wisq akbar, San Franġisk, bi ftit kliem iva, imma bil-qawwa kollha tal-awtorità ta' ħajtu, jurihom it-triq nisranija li twassal għal dak li jridu: għax fl-aħħar mill-aħħar li hemm bżonn hu li titwarrab il-kawża ewlenija ta' kull niket u kull inġustizzja, u din hi d-dnub, u l-aktar id-dnub ta' l-imħabba żejda tiegħek innifsek. Jekk il-bniedem jagħraf isallab l-imħabba tiegħu nnifsu, hu jġib fix-xejn dik il-marda li biha jfittex li jdawwar kollox għall-interessi tiegħu biss mingħajr ma jimpurtah mill-oħrajn kollha: meta jsallab l-imħabba tiegħu nnifsu l-bniedem ikun qisu jkisser iċ-ċirku tal-qedem u tal-mewt u jidħol f'dinja ġdida li f'nofsha jinsab Alla u li fiha jinġabru l-aħwa kollha: hu jsir fl-aħħar mill-aħħar "ħolqien ġdid fi Kristu" (38).

Meta nqisu dan kollu, f'din is-sena li fiha qegħdin infakkru t-800 sena tat-twelid ta' S. Franġisk u li issa qiegħda tersaq lejn it-tmiem tagħha, tidher providenzjali li t-tħejjija tas-Sinodu tal-isqfijiet li se jsir fis-sena 1983, u li bħala tema għandu "Ir-Rikonċiljazzjoni u l-penitenza fil-missjoni tal-Knisja".

Jalla San Franġisk, li kellu esperjenza liema bħalha tal-frott speċjali li jiġi mill-"egħmil ta' penitenza", egħmil li hu għażel li jagħmlu b'fehma sħiħa, jaqlagħlna, lilna l-insara ta' dan iż-żmien, il-grazzja li nifhmu sewwa l-verità li ma nistgħux insiru bnedmin ġodda u ngawdu l-ferħ, il-libertà tal-ispirtu u s-sliem, jekk fix-xejn tagħna ma nagħarfux id-dnub li jinsab fina, jekk ma nitnaddfux bil-ħasil tal-penitenza vera, u jekk fl-aħħarnett ma nagħmlux "frott xieraq ta' penitenza" (39).

## IV SAN FRANĠISK U L-KNISJA TA' KRISTU

Ma rridux nagħalqu din l-ittra, li biha fakkarna t-800 sena mit-twelid ta' San Franġisk, bla ma nsemmu r-rispett speċjali li kellu San Franġisk għall-Knisja u r-rabtiet ta' tjieba u ħbiberija li biħom kienu marbutin uliedu mal-Papiet skond iż-żmien li jkun. San Franġisk kien żgur li min ma "jiġborx" mal-Knisja "ixerred", għalhekk dan il-bniedem ta' Alla, sa mill-bidu, fittex li l-ħidma tiegħu titwettaq bl-approvazzjoni tal-"Knisja mqaddsa ta' Ruma" u tkun taħt il-ħarsien tagħha; din il-fehma tiegħu hu fissirha bil-kliem li ġej fir-Regola tiegħu: "noqogħdu dejjem għall-Knisja mqaddsa, mixħutin f' riġlejha, sħaħ fil-fidi (ara Kol 1, 23) kattolika, u nħarsu bil-qawwa kollha l-faqar, l-umiltà u l-Evanġelju mqaddes ta' Sidna Ġesu' Kristu, kif wegħedna" (41).

L-ewwel wieħed li kiteb il-ħajja ta' S. Franġisk igħidilna dan għalih: "Kien tal-fehma li, fost kollox u qabel kollox, il-fedeltà lejn il-Knisja mqaddsa ta' Ruma, għandha tiġi mħarsa, miqjuma w imitata għaliex fil-Knisja ta' Ruma biss tinsab is-salvazzjoni ta' dawk li jsalvaw. Kien juri ġieh kbir lis-saċerdoti u kien iħaddan b'imħabba kbira kull ordni fil-Knisja" (42).

Il-Knisja wriet il-fiduċja tagħha fil-Fqajjar ta' Kristu mhux biss għax approvat ir-regola tiegħu, imma wkoll għax urietu tjieba kbira u tagħtu ġieh speċjali. Tkellimna fuq din l-imħabba ta' San Franġisk għall-Knisja meta ħabbarna il-bidu ta' sena speċjali b'tifkira tat-twelid ta' San Franġisk, u fost ħwejjeġ oħra għidna dan: "il-kariżma u l-missjoni profetika ta' San Franġisk ingħatawlu biex b'mod żgur juri li l-Evanġelju ġie fdat lill-Knisja, li wieħed irid igħix bl-Evanġelju u jdaħħlu f'ħajja l-aktar bħala eżempju ta' ħajja fil-Knisja u dan bil-permess u bl-approvazzjoni tal-istess Knisja" (43)

Il-qagħda tal-ħajja li l-Knisja qiegħda tgħix illum tidher qisha twissina biex nistħarrġu aħjar kif San Franġisk fi żmienu verament kellu sehem attiv fil-ħidma tal-Knisja. Dawk iż-żminijiet kienu importanti u speċjali għaliex it-tiġdid liturġiku u morali fil-Knisja kien qiegħed jitmexxa 'il quddiem b'qawwa kbira: din il-ħeġġa laħqet il-qofol tagħha fir-raba' Konċilju Lateran li sar fis-sena 1215. Għalkemm hi ħaġa żgura li San Franġisk ma ħax sehem f'ebda sessjoni ta' dan il-Konċilju, ma hemmx dubju li ma kienx jaf bil-fehmiet sbieħ tal-Konċilju u b'dak li kien qiegħed jistħarreġ fih; hu u l-Ordni li hu waqqaf taw sehem sħiħ ħa jseħħ it-tiġdid imfassal mill-Konċilju. Żgur għandha x'taqsam mad-digriet tal-Konċilju u ma' l-ittra tal-Papa Onorju III, it-tħabrik qaddis dwar l-Ewkaristija, li l-qaddis ta' Assisi fittex li jagħmel biex ikunu aktar ta' ġieh il-knejjes, it-tabernakli u t-tgħamir qaddis tal-knejjes, l-aktar biex mill-ġdid toktor l-imħabba lejn il-Ġisem imqaddes u d-Demm ta' Sidna

Ġesu' Kristu (44).

San Franġisk ukoll ħaddan il-fehma tat-tiġdid tal-penitenza, li l-Papa Innoċenz III kien ħabbar fid-diskors tiegħu lil min kien preżenti għall-ftuħ tal-Konċilju Lateran. F'dan id-diskors, dan il-Papa kbir, ħeġġeġ lill-insara kollha, u l-aktar lis-saċerdoti, għal tiġdid spiritwali, għall-konverżjoni lejn Alla, u għall-bidla fl-imġieba: huwa uża l-kliem profetiku li nsibu fil-ktieb ta' Eżekjel, kap. IX, u qal li l-ittra TAU (li fl-aħħar sura ta' l-alfabet ebrajk għandha forma ta' salib) hi s-sinjal ta' dawk "li salbu l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu" 45), u li jitniedu u jitnikktu minħabba li l-bnedmin qegħdin jitbiegħdu minn Alla: "Dan is-sinjal iġibuh fuq ġbinhom, dawk li f'egħmilhom juru l-qawwa tas-salib" (46).

Minn fomm il-Papa, S. Franġisk ħa u għamel tiegħu din l-esortazzjoni għat-tisfija u t-tiġdid tal-Knisja. Dan għaliex, minn dak in-nhar — kif igħdu — hu beda jagħti ġieh liema bħalu lill-ittra TAU: kien iniżżilha b'idejh stess bħala firma fl-ittri li kien jikteb — kif naraw l-ittra qasira li kiteb lill-Fra Ljun — naqqaxha fiċ-ċelel tal-aħwa, u fit-twissijiet tiegħu — kif igħidilna San Bonaventura — kien jirrikmandaha "qisu li l-ħerqa kollha tiegħu kienet li, skond ma kien qal il-profeta, jagħmel is-sinjal tal-ittra TAU fuq ġbin il-bnedmin kollha li, jolfqu u jitnikktu, iduru tassew lejn Kristu Ġesu'" (47).

Dan kollu, u tant affarijiet oħra, juru li San Franġisk kien tal-fehma li l-ħidma tiegħu, fix-xejn tagħha, tkun kollha kemm hi għall-qadi tal-fehma tal-ġerarkija tal-Knisja għat-tiġdid spiritwali. Għal dan il-għan hu ta sehmu bi qdusitu, għajnuna li ebda ħaġa oħra ma setgħet tieħu postha. Hu kien ġa mħejji biex jobdi lill-Ispirtu f'kollox, għax kien qiegħed isir dejjem aktar xebh ma' Kristu msallab, u għalhekk sar qiesu strument f'idejn l-Ispirtu għat-tiġdid tal-Knisja minn ġewwa, ħa tkun "qaddisa u bla tebgħa" (48). Il-bniedem ta' Alla, għamel dan kollu, "imnebbaħ minn Alla", kif kien imdorri jgħid, jiġifieri mqanqal mill-ħeġġa tal-Ispirtu s-Santu; f'kollox fittex "l-Ispirtu u l-ħajja" (49), u ta' spiss kien itenni dawn il-kelmiet ta' San Ġwann. Minn hawn il-qawwa ta' l-għaġeb għal tiġdid veru, li nsibu fih u f'ħajtu. B'hekk hu sar tassew dak li ġab 'il quddiem it-tiġdid tal-Knisja, u dan, mhux b'ċanfir u kundanni, imma bil-qdusija (50).

Iż-żmien li l-Knisja qiegħda fih illum, b'xi mod jixbah iż-żmien li fih għex San Franġisk. Il-Konċilju Vatikan II ta ħafna direttivi u twissijiet għat-tiġdid tal-ħajja nisranija, iżda, kif igħidna fl-ittra li ktibna fl-okkażjoni tal-1600 sena mill-Ewwel Konċilju ta' Kostantinopli u 1550 sena mill-Konċ. ta' Efesu, "kull ħidma għat-tiġdid tal-Knisja li b'mod providenzjali talab u ta bidu għaliha il-Konċilju Vatikan II, ma tistax isseħħ jekk mhux fl-Ispirtu s-Santu, jiġifieri bl-għajnuna

tad-dawl u l-qawwa tiegħu" (51). Din il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, li għandha importanza kbira, ma sseħħx bħala regola jekk mhux permezz talbnedmin, li f'qalbhom l-Ispirtu ta' Kristu jissawwab u huma jsiru qishom strumenti li jwasslu b'ħafna modi, f'ħuthom, l-istess Spirtu ta' Kristu.

It-tifkira tat-twelid ta' San Franġisk, li din is-sena qiegħda tiġi ċelebrata b'mod hekk solenni, hi, fil-fehma tagħna, fiddawl ta' dak li għidna, grazzja speċjali ta' Alla mogħtija lill-Knisja fi żminijietna. Permezz ta' din il-grazzja, il-movimenti tal-fidili u l-qawwiet ġodda, li Alla llum qiegħed iqajjem fil-Knisja, huma mwissijin biex bil-qawwa kollha jħabirku ħa jkunu ħaġa waħda għal kollox mal-Knisja — kif għamel San Franġisk — biex ma jkomplux iħaddnu l-fehmiet proprji tagħhom ta' tiġdid, imma, fix-xejn tagħhom jużaw il-kariżma mogħti lilhom skond il-fehma tal-Knisja kif dehret fil-Konċilju Vatikan II. Illum huma meħtieġa, kif kienu meħtieġa fi żmien San Franġisk, nies li waslu għall-ħajja ġdida billi qasmu ma' Kristu t-tbatijiet tiegħu (52) u li bihom jista' jinqeda bla xkiel l-Ispirtu s-Santu għall-bini tas-Saltna. Jekk dan ma jseħħx, jista' jiġri li l-ordnijiet u d-direttivi tal-Konċilju Vatikan II, ukoll jekk huma mill-aħjar, ma jkunu jiswew għalxejn, jew ma jaslux biex jagħtu dak il-frott li wieħed jistenna għall-ġid tal-Knisja.

Dan il-kliem ta' tħeġġiġ il-Knisja trid tgħidu lil uliedha kollha, u l-aktar, f'din l-okkażjoni, lil dawk kollha li għażlu li jimxu aktar mill-qrib wara l-Fqajjar ta' Assisi, fl-Ordnijiet u l-Istituti kollha li hu waqqaf jew li jridu jimxu skond ir-regola tal-ħajja li hu fassal. Il-Knisja tittama li dawn, b'ħeġġa aqwa, bi qdusithom igħinuha timxi 'l quddiem hekk li b'xi mod jerġa' jqum dak id-don li fl-imgħoddi, ingħata lid-dinja permezz ta' S. Franġisk ta' Assisi. Qawwijin f'din it-tama, lilkom, għeżież uliedi, u lill-familji reliġjużi li tagħhom intom is-superjuri, lis-sorijiet franġiskani kollha u l-membri tattielet Ordni ta' S. Franġisk, minn qalbi nagħti l-barka appostolika rahan ta' kull barka mis-sema u xhieda ta' mħabbitna.

Minn Ruma, minn San Pietru, nhar il-15 ta' Awissu, solennità tal-Verġni Mqaddsa Marija mtellgħa s-sema, tas-sena 1982. ir-raba' waħda tal-pontifikat tagħna.

Ioannes Paulus pp II

**NOTI:**

1. Vita prima sancti Francisii, n. 37; Analecta Franciscana, 10, Ad Claras Aquas, 1926 41 p. 29
2. Ara Actus beati Francisci et sociorum eius, ed. P. Sabatier, Pariġi 1902, 10, p. 40; ara wkoll I Fioretti di San Francesco, ed. Bughetti, Firenze 1926, 10 p. 55 ss
3. Ara Mt 26, 13
4. Legenda antiqua S. Francisci, ed. Perouse, Pariġi 1926, p. 56 n. 97; ara wkoll Compilatio Assisiensis, Porziuncola 1975, 120, p. 384; Scripta Leonis, Rufini et Angeli sociorum S. Francisci, Oxford 1970, n. 97, p. 260.
5. Ara Tumas minn Celano, Vita secunda S. Francisci n. 127; Analecta franciscana p. 205.
6. Bit-taljan: "Tanto e' il bene ch'io aspetto, ch'ogni pena m'e' diletto". Actus b.

Francisci et sociorum eius, 9, p. 31; ara De conformitate vitae b, Francisci ad vitam Domini Iesu, auctore Fr. Bartholomaeo de Pisa; Analecta franciscana I, 479; 580; ara Testimonia minora saec. XIII de Considerazioni sulle Stimmate I: Fonti francescane, Assisi 1977, n. 1897

7. Regula bullata 3, 14: "Et secundum sanctum Evangelium de omnibus cibis, qui apponuntur eis, liceat manducare" (ara Lq 10, 8). Ara Opuscula sancti Patris Francisci Assisiensis (Bibl. Franc. Ascetica Medii Aevi 12), Grottaferrata 1978, p. 230

8. Salutatio virtutum 14-16; Opuscula sancti Patris Francisci Assisiensis 303; ara Fonti francescane n. 258; I Piet 2, 13

9. Ara Gen 1, 28; Għerf 9, 2-3

10. Ara Tumas minn Celano, Vita prima s. Francisci n. 58; Analecta franciscana 10, 44s; Fonti francescane n. 424

11. Ara Actus b. Francisci et sociorum eius, 23, pp. 77-81; De lupo ferocissimo per sanctum Franciscum reducto ad magnam mansuetudinem; I Fioretti di S. Francesco, 21; Fonti francescane n. 1852

12. Tumas minn Celano, Vita secunda s. Francisci n. 61; Analecta franciscana 10, 47; ara ibid n. 166, 227: "Frater mi ignis, esto mihi in hac hora propitius, esto curialis!"

13. Tumas minn Celano, Vita prima s. Francisci n. 61; Analecta franciscana 10, 47

14. 2 Kor 6, 10

15. Laudes Dei altissimi 4; Opuscula s. Patris Francisci Assisiensis 90

16. Ef. 2, 14

17. Epistula toti Ordinis missa 13; Opuscula sancti Patris Francisci 140; ara Kol 1, 20

18. Testamentum 23: "Salutationem mihi Dominus revelavit ut diceremus: Dominus det tibi pacem": Opuscula sancti Patris Francisci Assisiensis 311 s

19. Mt 5, 9

20. Tumas minn Spalato, Historia Pontificum Salonitarum et Spalatensium, Monumenta Germaniae Historica, XXIX p. 580 de s. Francisco Assisiensi, Tubingen 1961 p. 72; Fonti francescane n. 2252

21. Ara Tumas minn Celano Vita secunda S. Francisci n. 108; Analecta Franciscana 10 p. 194

22. Opuscula s. Patris Francisci Assisiensis 88; ara Mt. 6, 12. Canticum fratris solis vulgari quidem eloquio est compositum; ara Legenda antiqua s. Francisci (Legenda perusina), ed. Delorme 44, p. 27; Scripta Leonis, Rufini et Angeli sociorum s. Francisci, ed. Brooke p. 168; Fonti francescane n. 1593

23. Ara Tumas minn Celano, Vita prima s. Francisci n. 165; Analecta franciscana 10, 57-60

24. Tumas minn Celano, Vita secunda S. Francisci n. 165; Analecta franciscana 10, 226

25. Ara AAS 71 (1979) p. 1509

26. Ara Rum 8, 21

27. Testamentum 1-3; Opuscula s. Francisci Assisiensis 307s

28. Ara Tumas minn Celano, Vita secunda s. Francisci n. 15; Analecta franciscana 10, p. 140; Mt 16, 24; Lq 9, 23

29. Ara Mt 10, 39

30. Ara De Vera et perfecta laetitia 15; Opuscula s. Patris Francisci Assiensis 324-326; ara wkoll s. Francisci Admonitio 9, 8; ibid 6, 7; Fioretti 8; Fonti Francescane n. 1836

31. Ara Legenda trium sociorum n. 14, ed. Desbonnet. Arch. Fran. Hist 67, 1974, 100

32. Ara Apok 22, 21

33. Ara Osservatore Romano 13-3-82

34. Ara Gal 3, 1. Ara wkoll Tumas minn Celano Vita prima s. Francisci 112; Analecta Franciscana 10, 88: "Resultabat revera in eo forma crucis et passionis Agni immaculati, qui lavit crimina mundi, dum quasi recenter et cruci depositus videretur, manus et pedes clavis confixos habens et dextrum latus quasi lancea vulneratum"

35. Tumas minn Celano, Vita secunda s. Francisci n. 112; Analecta Franciscana 10, p. 192

36. Gw 12, 32

37. Ara Gal 2, 20

38. Ara 2 Kor 5, 17

39. Ara Lq 3, 8

40. Ara Lq 11m 23

41. Regula bullata 12, 4; Opuscula s. Patris Francisci Assisiensis, 237

42. Tumas minn Celano, Vita prima s. Francisci 62; Analecta Franciscana 10, 48

43. Ara AAS 73 (1981) p. 731 (3-10-1981)

44. Ara Conc. Later. IV cann. 19-20 f' Conciliorum Oecumenicorum decreta, Bologna 1973, p. 244; ara wkoll l-ittra apost. ta' Onorju III Sane cum olim 22-11-1219

fil-Bullarium Romanum III, Turin 1858 p. 66; ara l-ittra ta' S. Franġisk lill-Kleru: De reverentia Corporis Domini f'Opuscula s. Patris Francisci Assisiensis p. 96s

5. Gal 5, 24

46. Mansi, Sacrorum Conciliorum nova et amplissima collectio, Venezia 1778, p. 971; ara PL 217, 677

47. Leġenda minor 2, 9; Analecta Franciscana 10, p. 662; ara Legenda Maior, Prologus, 2, ibid p. 558

48. Ef 5. 27

49. Regula bullata 12, 1; Regula non bullata 2, 1; Opuscula s. Patris Francisci Assisiensis p. 237; ara wkoll S. Bonaventura Legenda maior 10, 2; Analecta Franciscana 10, p. 602

50. Ara Testamentum 13; Epistula ad fideles (recensio prior) 2, 22; Epistula ad fideles (recensio posterior) 20; Opuscula s. Patris Francisci Assisiensis p. 309ss; 112; 118

51. Epistula A Concilio Constantinopolitano, 25-3-81, AAS 73 (1981) p. 521

52. Ara Fil 3, 10

## ITTRA TAL-PAPA LIX-XJENZJATI F'ERICE

To Professor
ANTONIO ZICHICHI
Director of the International
Centre for Scientific Culture

It was kind fo you to inform me or the Second Session of the International Seminar on World Implications of a Nuclear Conflict, which will be held from the 20th to the 23rd of August at the International Centre for Scientific Culture in Erice, of which you are Director.

While thanking you for this thoughtful gesture, I wish to extend my respectful greetings to all the illustrious scientists and other experts who will gather there to study one of the most crucial and disquieting issues for people today and to express my good wishes that their generous efforts will be crowned with consoling results.

It is not for me to go into the technical espects of the subjects on the agenda of your seminar. One aspect however is closely linked with my pastoral mission and is a matter of deep concern. Reflection on the possibility and consequences of a nuclear war means considering the very survival of mankind and the fate of the heritage accumulated down the centuries by human civilization.

This is a disturbingly radical issue on which I have felt it my duty to speak forcefully in defence of man and civilization. I have done so before international institutions such as the United Nations Organization (2 December 1979) and UNESCO (2 June 1980), during my apostolic journeys, especially at Hiroshima (25 February 1981) and Coventry (30 May 1982), and in various addresses to national authorities and those in positions of responsibility in the scientific community. I have also sent delegations composed of members of the Papal Academy of Sciences to the capitals of some countries in possession of nuclear weapons, to make known the results of a study on the catastrophic effects of a nuclear conflict.

On all these occasions I spoke on behalf of the conscience of millions, and in keeping with my min-

istry I called for a halt to the arms race, especially in nuclear weapons, so as to prepare for real progress towards disarmament and peace.

Scientists and people involved in the technological application of scientific discoveries have a particular role to play in this matter. In view of their special responsibility I make bold to address this message to all the illustrious personalities participating in the seminar.

You, the participants, are in a better position than others to gauge the apocalyptic effects of a nuclear war: in particular, the unheard of sufferings and the tremendous destruction of human lives and works of civilization. You can more easily ascertain that the logic of nuclear dissuasion cannot be considered a final goal or an appropriate and secure means for safeguarding international peace.

The balance of nuclear weapons is a balance of terror. It has already used up too many of mankind's resources for death-dealing works and instruments. And it is continuing to absorb immense intellectual and physical energies, directing scientific research away from the promotion of the most authentic human values and towards the production of destructive devices.

In this way science itself is degraded and its deepest meaning: the discovery of the universal and immutable laws that govern nature, so as to offer man a dominion (cf. **Gen** 1:28) consisting in conscious docile adherence to the loving purposes that the Creator entrusted to nature from the beginning.

Science and religion are by no means in conflict. They are both involved in bringing about God's plans for man. For his part, man has the awesome responsibility of making decisions either in harmony or in contrast with these plans and thus creating a culture either of love or of hatred.

For this reason, the Church, aware of the promptings to evil that can lure the human heart, proclaims the truth of Christ, the Redeemer of man, who has sown the seed of an authentic civilization of love, granting to those who believe in him the courage to be brothers and sisters to all who are children of the same Father in heaven, and bestowing the grace that transforms the human heart, making it docile to God's teaching (cf. **Jn** 6:45).

I make a heartfelt appeal to you scientists, to your committment, your prestige, your conscience, so that by throwing light on the senseless and catastrophic effects of war you may foster a culture — the only culture worthy of man — based on the perennial values of truth and love. Upon the work of your seminar I invoke the light and encouragement of the Most High God.

Castel Gandolfo,
14 August 1982.

IOANNES PAULUS PP. II

# STQARRIJA TA' L-ISQFIJIET FUQ ID-DRITTIJIET FONDAMENTALI TAL-BNIEDEM

Aħna dejjem appellajna biex kulħadd skond il-kompetenza fil-qasam tiegħu, jikkontribwixxi għall-għaqda u s-sliem f'pajjiżna. L-għaqda u s-sliem jinsabu fejn ikun hemm l-ordni; għalhekk huwa valur li kull min iħobb lill-pajjiżu u lil għajru għandu igħożż u jħares u b'hekk joħloq atmosfera soċjali fejn ikun possibbli li ngħixu tassew ta' aħwa.

Kif igħid il-Konċilju Vatikan II fid-dokument "Gaudium et Spes" n. 3, għal dan il-għan "xejn ma hemm aħjar milli tinkoraġġixxi s-sentiment intern tal-ġustizzja u ta' l-imħabba kif ukoll tas-servizz tal-ġid komuni u ssaħħaħ il-konvinzjoni fondamentali dwar il-vera natura tal-komunita' politika, kif ukoll dwar il-għan, l-eserċizzju korrett u l-limiti tal-awtorità pubblika."

Il-ġid komuni ma jintlaħaqx u l-ordni jiġi mfixkel meta d-drittijiet fondamentali tal-bniedem m'humiex imħarsa. Il-ġustizzja titlob, fost ħwejjeġ oħra, li ħadd ma jitqies bħala ħati, qabel ma tiġi ippruvata l-ħtija tiegħu, li tingħatalu l-fakolta' li jiddefendi ruħu, u l-ġudizzju jsirlu skond il-liġijiet eżistenti magħrufa u l-kastig ikun imdaqqas skond il-ħtija.

Dan huwa tagħlim kattoliku li jista' jitfa' dawl ta' soluzzjoni fuq il-qagħda mwiegħra ta' għadd ta' nies li jiddependu mix-xogħol jew impieg tagħhom biex igħixu huma u jżommu l-familji tagħhom u li dan l-aħħar tilfu x-xogħol jew sabu ruħhom inċerti dwar il-mezz tal-għixien tagħhom.

F'isem il-prinċipji li semmejna u mingħajr ma nidħlu f'oqsma li m'humiex tagħna, nappellaw għal darba oħra biex kull min hu responsabbli jagħti s-sehem tiegħu biex jinżamm kif jixraq l-ordni f'pajjiżna.

Aħna nħossu li n-nies kollha ta' rieda tajba, hi x'inhi l-fehma politika tagħhom, jifhmu li l-kuxjenza tagħna titlob minna li nagħmlu dan l-appell.

Inħeġġukom bħala nsara biex f'dawn il-granet ta' tħejjija għall-festa ta' Santa Marija, Patruna ta' Malta, tingħaqdu magħha fit-talb għall-ġid ta' pajjiżna.

Maħruġa llum 2 ta' Awissu mill-Kurja Arċiveskovili, il-Furjana

† Ġużeppi
Arċisqof ta' Malta

† Nikol
Isqof ta' Għawdex

## MESSAĠĠ TA' MONSINJUR ARĊISQOF FL-OKKAŻJONI TAL-FESTI ĊENTINARJI TA' SANTA TEREŻA TA' ĠESU'

Santa Tereża ta' Ġesù hi waħda mill-istilel kbar tal-Knisja, tant li l-Papa Ġwann Pawlu II, fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-sena Tereżjana ħass li kellu jibgħat messaġġ lill-Prepostu Ġenerali tat-Tereżjani biex juri kemm Santa Tereża hi qaddisa għaż-żmien tagħna bħala xempju u għalliema tal-virtà, u l-aktar tal-virtù tat-talb. U fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji li se jsiru fil-Knejjes reliġjużi tagħha f'pajjiżna, ħassejt li jiena wkoll għandi nibgħat messaġġ ta' ħajr u ta' ferħ lill-provinċjal u lill-komunità tereżjana f'Malta.

Il-messaġġ tiegħi ma jistax ikun ħlief dak tal-Papa Ġwann Pawlu II messaġġ li nixtieq jasal mhux biss lil dawk li jagħarfu lil Santa Tereża bħala Omm, għaliex minn għandha jafu s-sura tal-ħajja reliġjuża li ġew imsejħin biex igħixu. Jalla minn għandha, li kienet verament "bint il-Knisja", jitgħallmu jgħixu marbutin mal-Knisja b'rabta li ma tiġi qatt nieqsa, f'ħajja ta' talb u ta' kontemplazzjoni bla heda, ħalli huma u jiksbu esperjenza dejjem akbar ta' Alla, fil-mixi tagħhom fit-triq tal-perfezzjoni, fl-istess ħin ikunu ta' għajnuna għal kulħadd, biex kull wieħed jilħaq dik il-perfezzjoni li Alla jrid minnu.

Il-messaġġ tiegħi fl-aħħarnett hu għall-Maltin kollha, u b'mod speċjali għat-terzjari tereżjani u għad-devoti kollha ta' Santa Tereża: jalla jitgħallmu minnha jkunu nies ta' talb, għaliex, kif hi stess tgħid, "aktar ma wieħed ikun 'il quddiem fit-talb, aktar ikun imħeġġeġ biex iwassal faraġ u salvazzjoni lill-għajru, l-aktar fir-ruħ.

Santa Tereża, igħidilna l-Papa f'egħluq il-messaġġ tiegħu, għadha tgħix u titkellem fil-Knisja: nagħtu widen għalhekk għat-tagħlim tagħha, nimxu fuq l-eżempju tagħha, biex bħalha, aħna wkoll, inkunu dejjem ulied il-Knisja u nies ta' talb u ta' kontemplazzjoni, veri ħbieb tas-Salib ta' Kristu.

B'rahan ta' dawn ix-xewqat tajba għalikom f'din l-okkażjoni hekk sabiħa fil-ġrajja tat-Tereżjani f'Malta, minn qalbi nagħti lilkom u lil kull min qiegħed jifraħ magħkom f'dawn il-ġranet, il-barka pastorali tiegħi.

Illum, 6 ta' Awissu, 1982, festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.

## MESSAGE FROM HIS GRACE THE METROPOLITAN ARCHBISHOP TO THE ST. JOHN AMBULANCE ASSOCIAION, MALTA

28th August 1982

It is our duty to give thanks to God through Our Lord Jesus Christ every time an occasion presents itself to remind us of the benefits we receive from an all-loving and almighty God.

The celebrations to commemorate the establishment in Malta of the St. John Ambulance Association a hundred years ago, is one of these happy occasions. We therefore do well today to thank God for having given us so many occasions to exercise the noble and Christian virtue of voluntarily helping the sick, the infirm, and all those in need of others.

May all the members of the Malta Branch of the St. John Ambulance Association continue, with renewed vigour, their noble task of serving Christ in their fellow men, irrespective of creed, colour and condition.

I heartily impart to all the members of the Association and to all their friends my pastoral blessing as a pledge of heavenly favours on the work they do with so much smypathy and gentleness.

Archbishop of Malta.

## MESSAĠĠ TA' MONS. ARĊISQOF FL-OKKAŻJONI TAL-50 SENA TAR-RIVISTA "KNISJA MISSJUNARJA"

Ilqajt bil-ferħ l-aħbar li bi ħsiebkom toħorġu numru speċjali tar-rivista KNISJA MISSJUNARJA b'tifkira tal-ġublew tad-deheb ta' din ir-rivista li għal ħamsin sena sħaħ żammet ħaj l-ispirtu missjunarju fost il-Maltin.

F'din l-okkażjoni ħsibijietkom żgur imorru f'dawk li taw bidu għal din ir-rivista: f'Dun Nikol Zammit u fis-seminaristi li għenuh jagħti bidu għal moviment missjunarju li kiber u ssaħħaħ tul is-snin kollha li għaddew. U fost dawn is-seminaristi ma tistax ma tiftakarx f'Mons. Antonio Cilia u f'Dun Ġwann Sciberras li għal tant snin ħadu ħsieb joħorġu kull xahar il-MALTA MISSJUNARJA, kif dak iż-żmien kienet magħrufa r-rivista tagħkom.

L-istess bdil tal-isem tar-rivista juri kemm l-Uffiċċju Missjunarju f'Malta jżomm ruħu aġġornat mal-moviment missjunarju fil-Knisja. Kif igħid il-Papa Ġwann Pawlu II, fil-messaġġ tiegħu ta' din is-sena għall-Ġurnata Missjunarju, l-enċiklika FIDEI DONUM tal-Papa Piju XII tat sura ġdida lill-pastorali missjunarja, sura li ġiet imbagħad imwettqa mill-Konċilju Vatikan II: kull knisja lokali għandha tħoss fiha dejjem aktar qawwija s-sejħa missjunarja, tkun verament "knisja missjunarja".

L-isem li għandha llum ir-rivista tagħkom, hi xhieda ħajja ta' kemm tassew l-għan tagħkom hu l-ħolqien ta' kuxjenza missjunarja ħajja fid-djoċesi tagħna; u jien naf tajjeb li dan il-għan qegħdin tilħquh dejjem aktar. Ta' dan inroddu ħajr lil Alla mill-fond ta' qalbna.

Jalla tkomplu b'ħeġġa dejjem akbar f'din il-ħidma tagħkom, u b'rahan ta' kull ġid mis-sema, minn qalbi nagħti l-barka pastorail tiegħi lir-rivista KNISJA MISSJUNARJA, u lil dawk kollha, saċerdoti, reliġjużi u lajċi, li b'xi mod jew ieħor, qegħdin iħabirku biex dejjem aktar jikber fostna l-ispirtu missjunarju.

Illum, 24 ta' Ġunju, 1982, solennità tat-twelid ta' S. Ġwann Battista.

## MESSAĠĠ TA' MONSINJUR ARĊISQOF LILL-POPLU TA' ALLA F'TAS-SLIEMA FL-OKKAŻJONI TAL-FESTI TA' S. FRANĠISK T'ASSISI

Xtaqt inkun il-lejla f'Tas-Sliema biex nissieħeb magħkom fil-ġieh li l-parroċċi kollha ta' Tas-Sliema, magħqudin flimkien f'xirka waħda ta' mħabba, qegħdin jagħtu lill-Fqajjar ta' Assisi f'egħluq it-tmien mitt sena mit-twelid tiegħu.

San Franġisk, għex tmien mitt sena ilu, u, għalkemm għadda dan iż-żmien kollu, innies lil San Franġisk għadhom ifittxuh, għaliex il-messaġġ tiegħu għadu jiswa, u forsi llum jiswa wisq aktar milli kien jiswa fl-imgħoddi.

Iż-żmien li fih San Franġisk kien igħix jixbah ħafna liż-żmien li qegħdin ngħixu fih illum. Żmienu kien żmien ta' ġlied u ta' vjolenza, ta' għira u ta' mibgħeda, u San Franġisk tul ħajtu kollha ħabrek sabiex iġib is-sliem kullimkien: kull kelma li kien igħid, kien igħidha biex iġib fix-xejn kull ma jagħmel lill-bnedmin egħdewwa ta' xulxin, u jġib 'il quddiem kull ma jerġa' jagħmilhom ħbieb. Għalih il-bnedmin kollha kienu aħwa u, għax kien iħobb kull bniedem qisu ħuh, ried iwassal l-Evanġelju tas-salvazzjoni lill-Misilmin ukoll, għax lil dawn ukoll kien iqishom bħala ħutu, u dan fi żmien li l-Mislem kien meqjus bħaal l-akbar għadu tal-Knisja ta' Kristu. Din l-imġiba ta' San Franġisk hi ta' eżempju liema bħalu għalina llum, meta qegħdin inħabirku tant għall-ekumeniżmu, tant biex dawk kollha li jemmnu fi Kristu jaslu biex jegħilbu kull ma jifridhom ħa sseħħ dik l-għaqda li Kristu jrid fil-Knisja tiegħu.

San Franġisk b'imħabbtu kien iħaddan mhux biss il-bnedmin imma lill-ħlejjaq kollha, u lilhom stieden, fl-għanja tiegħu tal-ħlejjaq, biex ifaħħru 'l Alla u jagħtuh ġieh. Kien għalhekk li l-Papa, sena ilu, għażel lil San Franġisk biex

ikun patrun fis-sema ta' dawk kollha li llum tant qegħdin jirsistu għall-ħarsien tal-ġmiel tan-natura u tal-ħlejjaq kollha ta' "oħtna l-art li, bħala omm ħanina

minn ħdanha trodd, biex aħna ngħixu,
ħxejjex, ilwien ta' ward, u frotta bnina."

Imma San Franġisk hu għalina llum fuq kollox eżempju mill-aqwa ta' fedeltà lejn il-Knisja u l-valuri nsara li wiritna minn għand missirijietna. Hu għex fi żmien meta l-Knisja kienet qegħda tħabrek biex tiġġedded fid-dawl ta' dak li seħħ fir-raba' Konċilju Lateran, kif illum il-Knisja qiegħda tiġġedded fid-dawl tal-Konċilju Vatikan II. San Franġisk ħabrek għat-tiġdid tal-Knisja fi żmienu mhux biċ-ċanfir u l-kundanni, imma b'egħmejjel ta' penitenza u ta' qdusija. Hu fittex it-triq tas-salib u ried ikun jixbah 'il Kristu msallab, ħalli mhux hu jkun igħix, imma Kristu jkun igħix fih. It-triq tal-qdusija hi t-triq tas-salib, u S. Franġisk illum qieghed ighidilna li jekk irridu nharsu l-valuri nsara li jaghmluna dak li ahna, jehtiġilna nsallbu ġisimn bil-ġibdiet u l-passjonijiet kollha tieghu, jiġifieri billi naqbdu t-triq tas-salib, li hi t-triq tal-penitenza, taċ-ċaħda ta' kull ħażen u ta' kull qerq, u tal-materjaliżmu, ħwejjeġ kollha li jwassluna biex nagħmlu egħmil li bih nitilfu l-wirt tas-sema il hemm imħejji għalina.

Din is-sena ċentinarja ta' San Franġisk kienet barka tas-sema għalina, l-aktar f'dan iż-żmien ta' tiġdid bi tħejjija għall-Kungressi Marjani ta' Settembru tas-sena d-dieħla. San Franġisk uriena li kull tiġdid veru jseħħ biss f'għaqda sħiħa ma' Kristu fit-tbatijiet tiegħu. Magħqudin ma' Kristu, l-Ispirtu s-Santu jinqeda bina għall-bini tas-Saltna ta' Kristu f'pajjiżna, għat-tiġdid tagħna lkoll. Hekk jaħdem Alla s-salvazzjoni tad-dinja: jinqeda bil-bnedmin li f' qalbhom għandhom l-Ispirtu ta' Kristu, u għalhekk egħmilhom kollu hu frott ta' l-Ispirtu: hu mħabba, sliem, sabar, ħniena, maħfra, tjieba, ħlewwa u rażan.

Jalla ma nxekklux l-Ispirtu ta' Kristu li jaħdem fina, biex imqanqlin mill-Ispirtu tal-Fqajjar ta' Assisi, naħdmu lkoll għat-tiġdid ta' pajjiżna bit-talb, fi spirtu ta' rikonċiljazzjoni, bi qbil sħiħ bejn il-fidi u l-ħajja tagħna, f'għaqda ta' mħabba u ubbidjenza mal-Papa u ma' l-isqfijiet tagħna.

B'rahan ta' dan kollu minn qlabi nagħtikom il-barka Apostolika tiegħi.

Illum 31 ta' Ottubru 1982.

## APPREZZAMENT TAS-SERVIZZ TA' L-ABBATINI F'SAN PIETRU

Reverendo Signore,

Al Santo Padre è pervenuta la cortese lettera, che Ella ha voluto farGli pervenire a nome dei Chierichetti di Malta, impegnati nel servizio liturgico nella Basilica Vaticana.

Il Sommo Pontefice desdera ringraziare di cuore per tale filiale atto di affetto dei cari ragazzi ed anche per i sentimenti di ossequio presentati, per loro tramite, dai parenti, dai fedeli u dai Pastori delle varie Comunità dell'Isola, nonchè, in modo particolare dall'Arcivescovo di Malta e dal Vescovo di Gozo, tutti uniti nella fede e nella devozione.

Sua Santità intende pure esprimere il Suo vivo compiacimento per il benemerito e dignitoso impegno dei Chierichetti e, mentre assicura una speciale preghiera a Maria SS. Assunta in Cielo per la loro amata Patria, volentieri imparte l'implorata propiziatrice Benedizione Apostolica.

Per quanto riguarda il desiderio espresso di un incontro con il Papa, Ella può prendere previ accordi con la Prefettura della Casa Pontificia.

Profitto della circostanza per confermarmi con sensi di distinto ossequio.

della Signoria Vostra Rev.da
Dev. mo nel Signore
E. Martinez Sost.

Reverendo Signore
Mons. LUIGI DEGUARA
Preseminario S. Pio X
CITTA' DEL VATICANO

## OMELIJA TA' MONSINJUR ARĊISQOF FL-ANNIVERSARJU TA' L-ORDINAZZJONI TIEGĦU BĦALA ISQOF

Għaddew tmien snin minn mindu ġejt ordnat Isqof; jien bdejt dan l-appostolat tiegħi l-ewwel bħala Awżiljarju u Vigarju ta' l-E.T. Mons. Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, u mbagħad, iktar tard, bħala suċċessur tiegħu fit-tmexxija tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

Għaddew tmien snin u llum inħossni fid-dmir li quddiem kulħadd ngħid minn qalbi grazzi lil Alla u lill-Maltin kollha. Il-Mulej wera miegħi mħabba kbira meta, mhux għall-ħila tiegħi, iżda għax għoġob Lilu, għażilni u għanieni bil-milja tas-saċerdozju u qegħedni biex inkun il-mexxej spiritwali tal-komunità Kattolika Maltija.

Meta għażilni għal dan il-qasam ta' apostolat, il-Mulej kellu f'moħħu u f'qalbu lilkom, maħbubin uliedi Maltin, u talab minni li jiena bħala Arċisqof tagħkom naħdem għall-ġid tagħkom u nfittex dak biss li hu ta' fejda għalikom, billi ngħarrafkom il-Kelma ta' Alla. Il-Mulej irid għalhekk li ma jkunx

tiegħi it-tagħlim li nxandar, iżda dak li nwassal jien ikun tal-Mulej u hekk il-Mulej ikun il-veru ragħaj u hu jmexxi lilkom permezz tiegħi li għoġbu jsejjaħli għal din il-ħidma.

Il-Mulej irid li jiena, bħala Arċisqof tagħkom, ngħallimkom li fi Kristu hija t-tama kollha tagħna u li kull ġieħ tassew u fejjiedi tagħna huwa Kristu.

Il-Mulej iridni ngħallimkom li huwa waqqaf fuq din l-art il-Knisja tiegħu biex il-bnedmin jitwieżnu bil-grazzja t'Alla u jsibu l-qawwa u l-għajnuna sabiex jersqu lejn Alla u jingħaqdu bejniethom. Il-Knisja li waqqaf Ġesu' hija waħda, qaddisa, kattolika u apostolika.

Il-Mulej irid li ngħallimkom li aħna nħobbu lil Ġesu' meta nħobbu l-Knisja tiegħu: dan ifisser li ma nkunux inħobbuh meta ma nħobbux lill-Knisja tiegħu. Il-Mulej irid li ngħallimkom li aħna nħobbu l-Knisja tiegħu meta nħobbu lill-Papa u l-Isqfijiet: dan ifisser li ma hemmx vera mħabba lejn il-Knisja ta' Kristu fejn jonqsu r-rispett u l-imħabba lejn il-persuna ta' l-Isqfijiet u lejn it-tagħlim li jwasslulna huma. Inħobbu wkoll lis-saċerdoti kif kien iħobbhom S. Franġisk li fit-testment tiegħu ħalla: "inħobb lis-saċerdoti... minkejja d-dnubiet tagħhom".

Ġesu' jrid li aħna nħobbu lil xulxin bħal ma jħobbna Hu u hekk ngħixu bħal aħwa bejnietna, ilkoll ulied ta' Missier wieħed: dan ifisser li jekk aħna nħallu barra mill-imħabba tagħna anki persuna waħda, ma nkunux inħobbu tassew lil xulxin kif iridna Ġesu'. Inkunu nħobbu lil Ġesu' meta nkunu nħobbu tassew lil kulħadd. Huwa Ġesu' li jgħallimna kif għandna nħobbu. Dan it-tagħlim Alla jrid li nwassalulkom mhux biss bil-kitba u bil-fomm iżda fuq kollox bl-imġieba tiegħi magħkom u jitlob minni li nkun inħobbkom tassew. Il-Mulej irid li jien inkun magħkom għax inħobbkom tassew, inkellimkom għax infittex biss il-ġid tagħkom, u nitlob għalikom biex Huwa jgħinkom twieġbu b' ġenerożità għall-imħabba tiegħu, li hija biss għandha s-setgħa li teħlisna minn kull irbit ta' jasar. Il-Mulej irid li jiena nżommkom ilkoll f'qalbi: ħaġa li Huwa jgħinni dejjem inwettaq.

Infatti, f'din l-okkażjoni, bl-umiltà kollha nixtieq ngħidilkom li jien inħobb lil kull wieħed u waħda minnkom mingħajr ma nħalli barra lil ħadd.

Alla għoġbu jafda din ir-responsabbilta' f'idejja ,u ta' dan Huwa jitlob minni kont bir-reqqa. Madankollu, matul dan iż-żmien jien ħassejt dejjem li Alla qed jgħinni biex naqdi din il-missjoni tiegħi u ta' dan nixtieq li jiena, flimkien magħkom aħna lkoll, ngħidu grazzi lil Alla.

Grazzi ieħor inħoss li għandi nagħtih ukoll lill-Maltin, b'mod speċjali lill-morda. Naf tajjeb kemm jiftakru fija u fit-talb tagħhom joffru t-tbatijiet tagħhom għalija.

Hija wkoll konsolazzjoni kbira tara numru sabieħ ta' nies li qegħdin jagħarfu l-bżonn tat-talb f'ħajjithom. It-talb tagħhom igħin ħafna l-ħajja tagħna. Dan il-fatt huwa sinjal li Alla qed jgħinna niftħu għajnejna

biex naraw x'ħajja qed ngħixu u fl-istess ħin idawlilna moħħna biex naqbdu t-triq tas-sewwa. Għandna ħafna tajjeb fostna u fina, iżda b'dispjaċir irridu nammettu wkoll li d-dinja u l-ħsara mhumiex neqsin u dawn qegħdin jheddu l-ħajja tal-bniedem fis-setturi kollha tagħha, bħalma huma d-drogi, in-nuqqas ta' rispett lejn xulxin, it-tkissir tal-familji, il-firda li tinsab bejnietna bil-konsegwenzi koroh kollha tagħha, u l-ispirtu ta' materjaliżmu u sekolarizzazzjoni li qed iniġġes il-moħħ u l-qalb ta' xi whud.

Aħna ngħidu bil-fomm li nħobbu lil Alla. Iżda l-fatti x'juruna? Il-ħajja li ngħixu meta nkunu d-dar, meta nkunu 'l bogħod mill-familja, fuq il-post tax-xogħol u fil-qadi ta' l-uffiċċju u l-karigi tagħna, qed nuru li aħna nħobbu lil Alla u nemmnu li Hu biss il-ġid tagħna? Bil-kliem għadna ma wasalniex li niċħdu lil Alla; iżda ħafna fatti mill-ħajja tagħna juru li qegħdin naħsbu li nistgħu ngħixu mingħajr Alla. Qed jintilef is-sens tad-dnub u naħsbu li nistgħu nkunu nsara fejn u meta jaqblilna. Għemilna ma jirriflettix dejjem it-twemmin nisrani tagħna. Meta nwarrbu lil Ġesu'' nkunu nwarrbu l-paċi u nkunu ngħibu d-dizordni fina u madwarna.

Iżda Alla jħobbna u l-fatt li qegħdin inħossu l-ħtieġa tattalb juri li Hu għadu jiġri warajna u jgħidilna neżaminaw il-kuxjenza tagħna: jekk id-diffikultajiet ta' bejnietna humiex konsegwenza tar-relazzjonijiet imħarbta li aħna għandna ma' Alla.

Inħoss ukoll li għandni nirringrazzja lil dawk kollha — saċerdoti, reliġjużi u lajċi — li barra t-talb tagħhom qegħdin jimpenjaw ruħhom biex iwasslu t-tagħlim veru ta' Kristu lill-oħrajn. Minkejja li għadna mmorru l-Knisja u nkunu preżenti għall-funzjonijiet reliġjużi, f'pajjiżna hawn nuqqas kbir ta' dan it-tagħlim u dawk kollha li jagħmlu ħilithom f'dan il-qasam qegħdin jagħtu servizz kbir lill-Knisja u lis-soċjetà tagħna. Ħafna nuqqasijiet ma jsirux kieku jkollna iktar tagħlim. Irridu bl-umiltà kollha nammettu li huwa t-tagħlim ta' Ġesu', kif twassalulna l-Knisja, li għandu l-qawwa li jagħti l-veru ħelsien u l-paċi tal-qalb lill-bnedmin.

Wara r-ringrazzjament tiegħi lil Alla u lill-ħuti l-Maltin, nixtieq nitlob fl-aħħar nett l-għajnuna tagħkom biex nerġgħu naraw f'pajjiżna l-għaqda u l-paċi. Biex isseħħ din ix-xewqa li Alla żgur iridha u lest li jagħtiha, nagħmel appell lill-Maltin kollha biex fuq l-eżempju ta' Ġesu' inħarsu lejn xulxin bi spirtu ta' maħfra u mħabba sinċiera. Meta tassew naħfru lil xulxin, inkunu nħobbu verament u nkunu naħdmu għall-għaqda u l-paċi.

## OMELIJA TA' MONSINJUR ARĊISQOF FIR-RABA ANNIVERSARJU TAL-GĦAŻLA TAL-PAPA 16.ix.82

Qegħdin infakkru llum ir-raba anniversarju mill-għażla tal-Papa Ġwann Pawlu II bħala suċċessur ta' S. Pietru u Vigarju ta' Kristu fuq din l-art. Ġwann Pawlu II huwa l-mexxej spiritwali tal-fidili imxerrdin mad-dinja. Jifirħu llum l-insara kollha u jixtiequ lill-Papa kull Barka mis-Sema.

Għalina, mbagħad, il-Maltin, dan il-ferħ għandu tifsira profonda. Aħna qegħdin ħafna f'qalb il-Papa. Biżżejjed niftakru li fid-29 ta' Settembru li għadda, għall-ftuħ tal-Missjoni Djoċesana, huwa għoġbu jibgħat, permezz tal-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, it-tislijiet tiegħu lill-maħbub poplu kollu ta' Malta. Dawn it-tislijiet juru l-imħabba li għandu lejna u l-ġid li jixtieq lilna bħala Maltin kattoliċi u bħala Nazzjon Maltija. Iħobb ħafna jsejħilna "ulied San Pawl" u jħobb jara l-għaqda nazzjonali bejnietna.

Aħna l-Maltin nifirħu f'din l-okkażjoni sabiħa tal-Missier spiritwali tagħna u b'turija ta' l-imħabba tagħna lejh, illum, inġeddu l-impenn tagħna li nilħqu wkoll l-istedina għat-tiġdid spiritwali tal-Poplu Malti kollu li għadu kif għamlilna.

Il-Papa f'din l-ittra jħeġġiġna inkunu veri kattoliċi Maltin u hekk inkunu nistgħu tabilħaqq insejħu lil San Pawl "l-Appostlu tagħna". Dan jitlob minna, permezz tat-talb li nagħmlu bla heda, li aħna nżommu sħiħa l-fedeltà tagħna lejn Kristu kif għadu jgħix fil-Knisja tiegħu, u dan kemm bl-istqarrija tal-fidi kif ukoll fil-ħajja ta' kuljum. Inkunu fidili lejn Kristu meta nħobbu l-Knisja tiegħu, nuru rispett lejn xulxin u jkollna ubbidjenza kollha mħabba għar-Rgħajja tal-fidili li huma l-Isqfijiet. Mingħajr għaqda sħiħa mal-Isqfijiet u mal-Papa, mingħajr imħabba u rispett lejn il-persuna u t-tagħlim tagħhom, m'hemmx fedeltà lejn Kristu.

Hija din il-fedeltà sħiħa lejn Kristu u l-Knisja tiegħu li tgħin kemm lill-umli u kemm lil min għandu responsabbiltajiet għolja, biex iwettaq dmiru bħala nisrani u ċittadin li japplika t-tagħlim tal-Knisja ta' Kristu għal kull sitwazzjoni konkreta tal-ħajja tiegħu u b'hekk jgħin biex iġib il-quddiem il-wirt Malti tal-valuri nsara, li jgħaqqad flimkien u jagħti dehra vera lin-Nazzjon Maltija.

Il-Qdusija Tiegħu il-Papa għandu ħafna għal qalbu l-għaqda nazzjonali tagħna li hija s-saħħa u s-sliem ta' pajjiżna. Din l-għaqda tinkiseb u tissaħħaħ, anki meta, bħal-lum, hija mhedda mill-firda u mill-mibgħeda, jekk aħna nqajmu ġewwa fina u fostna r-rispett għal xulxin, bħall-aħwa, kif titlob l-imħabba nisranija. Dan jitlob bosta drabi li aħna nagħmlu sagrifiċċji kbar biex aħna naħfru anke lil min għamlilna d-deni, nitolbu għalih u nixtiequlu l-ġid. Iżda l-Q.T. il-Papa jħeġġiġna biex ma nieqfux quddiem it-tfixkil għaliex Marija, Omm Alla hija wkoll Ommna

ħanina. Marija dejjem ħabbet lil Malta u dejjem lesta biex tgħinnha: rridu biss inħarsu lejha u nitolbuha.

Dawn huma t-tislijiet sbieħ li bagħtilna l-Papa, tislijiet li huma wkoll xewqat li aħna nkunu aktar magħqudin ma' Alla biex inkunu tassew magħqudin bejnietna. Dawn it-tislijiet jitolbu minna mpenn biex aħna ngibu dejjem 'l quddiem lilna nfusna, lill-Knisja f'Malta u lis-Soċjetà Maltija.

Aħna llum nifirħu lill-Papa u mal-Papa, filwaqt li minn qalbna ngħidulu grazzi, nwegħduh li niftakru fih fit-talb tagħna u li nkomplu, bil-grazzja t'Alla, inkunu fidili lejh, u hekk nħobbu bil-kliem u l-fatti, l-Knisja ta' Kristu li, kif nistqarru li nemmnu fil-Kredu, hija Waħda, Qaddisa, Kattolika u Apostolika.

**It-telegram li ntbagħat lill-Papa fl-okkażjoni**

Occasione quarto anniversario elezione Sua Santita', Arivescovo, clero, popolo, uniti in preghiera, promettono fedeltà e obbedienza incondizionata insegnamenti pontifici et impegno sincero rinnovo spirituale nazione maltese secondo direttive augusta lettera del 29 settembre.

## OMELIJA TA' MONSINJUR ARĊISQOF FIL-QUDDIESA TAL-BEATA JEANNE JUGAN FUNDATRIĊI TAL-LITTLE SISTERS OF THE POOR

**15 ta' Ottubru, 1982**

Fraħna lkoll: kemm min kellu x-xorti jkun fil-Bażilika ta' San Pietru fit-3 ta' dan ix-xahar u kemm min ra minn fuq it-T.V. il-beatifikazzjoni ta' JEANNE JUGAN. Dan il-ferħ kien jidher fuq wiċċ kulħadd u kien jidher ħafna wkoll fuq il-wiċċ tas-Sorijiet tal-Kongregazzjoni tal-Little Sisters of the Poor li kellhom magħhom numru sabieħ ta' benefatturi, morda u anzjani Maltin. Jiena kelli x-xorti niltaqa' magħhom fil-Pjazza ta' San Pietru.

Fraħna għax iltqajna flimkien u fraħna aktar għaliex smajna lil Qdusija Tiegħu il-Papa jiddikjara Beata lill-Fundatriċi tal-Little Sisters of The Poor li aħna l-Maltin napprezzaw, nammiraw u nħobbu ħafna.

Barra dan il-ferħ, illum ta' min jistaqsi: għalfejn il-Q.T. il-Papa iddikjara Beata mara li ilha mejta aktar minn mitt sena?

Ta' min jistaqsi wkoll: "din is-soru, li tat ħajjitha biex tgħin lill-foqra u l-batuti ta' żmienha x'għandha x'tgħid lilna llum meta f'ħafna pajjiżi hawn ħafna sistemi ta' għajnuna soċjali għax-xjuħ u għall-batuti?

Ir-risposta għal dawn id-domandi nistgħu insibuha fid-diskors li għamel il-Q.T. il-Papa biex ifakkar il-ħajja u x-xogħol ta' din is-soru fost ix-xjuħ u l-batuti li għexet magħhom. Il-

Papa qal li l-messaġġ ta' Jeanne Jugan għadu jgħodd għaż-żmenijiet tagħna għax dak li għamlet hi ma jinstabx dejjem kull fejn hemm is-sistemi soċjali għax-xjuħ u l-batuti. Is-sistemi ta 'għajnuna soċjali huma tajba ħafna, jeqirdu ħafna millmiżerja materjali iżda mhux dejjem jagħtu dak kollu li jitlob u jeħtieġ kull min hu marid jew daħal fiż-żmien. Jeanne Jugan rat il-qalb ta' dawn in-nies u tathom ir-rispett u l-imħabba li tant għandhom bżonn. Bl-imġieba tagħha għenet lil dawn in-nies biex iħossuhom nies tassew nies li għadhom tassew utli għas-soċjeta; għenet ħafna biex bl-imħabba li kellha għalihom, dawn in-nies jimlew ħafna millvojt ta' ħajjithom u jerġgħu jgħixu f'familja ġdida li taħseb għal ġisimhom u għal ruħhom.

Jeanne Jugan ġibdet il-qlub ta' ħafna xjuħ u morda għax għarfet tħobbhom tassew. Ħabbithom tassew għax għamlet ħilitha biex tara f'dawn il-morda u x-xjuħ il-preżenza ta' Ġesu' ħaj. Il-ħajja tagħha ma' dawn in-nies hija ta' eżempju għalina kif għandna ngħinu lis-soċjetà tagħna, ngħinu 'l Knisja u nħobbu tassew lil Alla, u b'hekk inkunu nagħtu servizz li jkun ekkleżjali u soċjali.

Din il-Beata li għandna tassew bżonnha f'dawn iż-żmenijiet tagħna imkissra mill-mibgħeda, mill-egoiżmu u mis-suppervja turina li biex inkunu nħobbu tassew lill-bniedem irridu nkunu nħobbu tassew 'l Alla u 'l Knisja tiegħu. Din il-Beata tgħallimna iktar permezz talħajja tagħha. Hija turina, mill-ftit kliem li ħallitilna li biex ngħinu lill-fqar irridu l-ewwel inkunu fqar aħna billi nistennew kollox minn Alla u nafdaw għal kollox fil-Providenza tiegħu Dan ma jfissirx li ma għandniex naħdmu; dan ma jfissirx li għandna noqgħodu b'idejna marbuta. Alla jħobb ix-xogħol u l-bżulija tal-bniedem, iżda biex ngħinu lil ħutna huwa meħtieġ li jkollna qalb waħda mal-Qalb ta' Ġesu', li għandu mħabba speċjali għall-fqar u l-batuti. Biex nagħmlu dan jeħtieġ fuq kollox li nkunu fqar fl-ispirtu billi nwarrbu minn kull ġibda li tbegħdna mill-imħabba li Ġesu' għandu lejn il-bniedem.

Jeanne Jugan waslet biex tħobb daqshekk lill-fqar billi għaddiet ħajja ta' talb. Il-qawwa tagħha kienet fuq kollox it-talb fis-skiet u fit-tul li kienet tagħmel waħedha, is-sehem tagħha fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa u t-tqarbin imqaddes, ir-reċita tar-Rużarju li ma ħalliet qatt u l-meditazzjoni fuq il-passjoni u l-mewt ta' Ġesu'. Din hi beata li għexet żmien ilu iżda hija wkoll qaddisa ta' żmenijietna: hija turina bil-ħajja tagħha stess li aħna kapaċi nħobbu l-bniedem daqskemm ikollna umiltà kemm quddiem il-bniedem u kemm quddiem Alla u b'hekk inkunu tassew qrib il-bniedem u qrib Alla. Fiż-żmenijiet tagħna ta' mibgħeda din hija Beata ta' l-imħabba.

Hija okkażjoni għalija li nirringrazja lil Little Sisters of The Poor li qed jagħmlu ġid kbir b'ġenerożita' kbira f'pajjiżna. Nirringrazzja wkoll kull min b'xi mod jgħinhom biex ikomp-

lu l-ħidma tagħhom fostna. Fl-aħħarnett nitolbu lil Alla biex l-ispirtu ta' mħabba tal-Fundatriċi tagħkom jinħass u jidher f'kull soru ta' din il-Kongregazzjoni li hija mxerrda mal-ħames kontinenti tad-dinja.

## L-ORDO PAENITENTIAE L-ĠDID

*Direttivi Prattiċi*

Bħala regola, ir-rikonċiljazzjoni tal-penitenti għandha ssir wieħed wieħed skond dawn id-direttivi:

1. is-saċerdot għandu jkun liebes is-suttana u juża l-istola vjola.

2. il-post fejn isir il-qrar għandu jkun tali li jkun għal kollox imħares is-sigriet tal-qrar. Tajjeb li jkun hemm kmamar fis-sagristiji, imdawlin tajjeb u b'bieb tal-ħġieġ, b'ġinokkjatur u siġġu għal min irid iqerr, u b'mejda u siġġijiet għal min irid direzzjoni spiritwali mis-saċerdot. Dan ma jfissirx li ma hemmx aktar lok għall-konfessinarji: dawn jibqgħu għax għad hemm użu għalihom, għax bħala regola, il-konfessinarju hu l-post għall-qrar tan-nisa: mhux għalhekk permess il-qrar tan-nisa fid-dar ħlief f'każ ta' mard jew għal xi raġuni ġusta u raġjonevoli.

3. Kull knisja, bħalma għandha l-orarju tal-Quddies, għandu jkollha wkoll orarju għall-qrar KULL JUM, orarju li jkun magħruf tajjeb min-nies kif inhu magħruf l-orarju tal-Quddies.

Fil-ġranet ordinarji biżżejjed ikun hemm saċerdot wieħed, nofs siegħa jew tliet kwarti qabel il-Quddiesa ta' filgħaxija, u f'xi ħinijiet ta' fil-għodu, skond il-ħtiġijiet tal-komunità li tkun; fil-ġranet li fihom issoltu n-nies jiġu għall-qrar għandu jkun hemm saċerdoti aktar u ħin aktar għall-qrar: f' dawn il-ġranet is-saċerdoti kollha tal-presbiterju jitqassmu għall-qrar skond 'roster' mif-tieħem f'laqgħa tal-presbiterju.

Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, bħala regola, il-qrar għandu jsir fis-sagristija jew fl-oratorju tal-knisja. In-nies għandhom jiġu mgħallmin, u għandha ssir insistenza magħhom, biex ma jqerrux fl-istess ħin li huma qegħdin jisimgħu l-Quddiesa: għandu jkollhom ħin għall-qrar u ħin għall-Quddiesa, biex il-Quddiesa jissieħbu fiha sewwa u l-qrara tagħhom jagħmluha sewwa — ma għandhomx jixxeħħu għall-ħin mal-Mulej! Ma jistax ikun li tagħmel sewwa fl-istess waqt żewġ affarijiet li m'humiex l-istess!

4. Jekk ikun hemm orarju fiss għall-qrar kull jum, wieħed ikun jista' jħajjar lin-nies jersqu għas-sagrament fi ġranet meta ma jkunx hemm ħafna nies, biex iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tkun verament ċelebrazzjoni li twassal il-messaġġ kollu mħabba ta' Alla l-Missier, għani fil-ħniena.

Ir-rit il-ġdid se jtawwal ftit iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament.

Il-qrara individwali bir-rit il-ġdid, "e' la forma consueta, ma con accentuata esigenza delle disposizioni personali e dei riferimenti a quella Parola di Dio dalla quale giunge a noi il beato messaggio della divina bontà e verso la quale dobbiamo polarizzare la nostra anima prima convertita e poi giustificata...! La forma consueta ma arricchita di coscienza, di gravità, di ascoltazione, oltre che di confessione, di deliberazione, se così si puo' dire, dell'Amore divino e del gaudio ineffabile di sapersi risuscitare alla vita divina..." (Papa Pawlu VI — 9/4/74).

"L'attuazione del nuovo rito e' minacciata da due tentazioni... vi e' da temere che vi saranno sacerdoti, i quali respingeranno il nuovo modo di amministrare il sacramento preoccupati di riuscire a confessare numerosi fedeli in breve tempo... la seconda tentazione e' quella di adottare i nuovi riti senza assumerne lo spirito nuovo... Non si tratta solo di osservare esattamente le rubriche ma nel scegliere nel quadro tracciato dal nuovo rituale le nuove forme penitenziali, nello spirito delle prescrizioni" (Padre Z. Alzeghy S.J., fiċ-Ċiviltà Cattolica 16/3/74). Ara LITURĠIJA TAL-KELMA n. 51 p. 139-141.

5. Nistgħu ngħinu lin-nies biex jidħlu fl-ispirtu tar-rit ġdid tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, permezz ta' ċelebrazzjoni regolari ta' ċelebrazzjonijiet penitenzjali.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali għandhom isiru

i. fi żmien l-Avvent bi tħejjija għall-festa tal-Milied
ii. fi żmien ir-Randan, waqt l-eżerċizzi, flok waħda mill-priedki, bi tħejjija għall-qrara ta' l-Għid
iii. bi tħejjija għall-festi ewlenin tas-sena v.g. San Pawl, Għid il-Ħamsin, Santa Marija, it-titular u l-festi sekondarji tal-parroċċa jew tal-knisja eċċ.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jistgħu jsiru

i. għall-komunità kollha
ii. għaż-żgħażagħ
iii. għat-tfal (fil-klassi tad-duttrina bi tħejjija għall-qrar)
iv. għall-morda.

L-Ordo Poenitentiae l-ġdid jagħti għadd ta' eżempji ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali.

L-aħjar ġurnata għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali hija l-ġurnata tal-Ġimgħa, il-jum li fih niftakru fil-mewt tal-Mulej għalina, biex niksbu l-maħfra tad-dnubiet.

6. In-nies li jieħdu sehem f'ċelebrazzjoni penitenzjali mhux bilfors se jqerru dak in-nhar taċ-ċelebrazzjoni: jistgħu jqerru ħin ieħor u f'post ieħor. Iżda ċ-ċelebrazzjoni sservihom bħala tħejjija xierqa għall-qrara tagħhom.

Jekk il-kappillan jew ir-rettur tal-knisja jidhirlu li għandu jagħti faċilità lin-nies li jqerru waqt iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali, allura din issir ċelebrazzjoni komunitarja tal-penitenza bi qrara u assoluzzjoni individwali (it-tieni forma).

Fil-każ li se ssir din iċ-ċelebrazzjoni komunitarja tas-sagrament, għandu jkun hemm saċerdoti biżżejjed għall-qrar, ħal-

li l-ħin taċ-ċelebrazzjoni ma jitwalx iżżejjed. Waqt iċ-ċelebrazzjoni, is-saċerdoti kollha jridu jkunu preżenti fuq il-presbiterju biex jieħdu sehem fiha. Jekk ma jkunx hemm saċerdoti biżżejjed, aħjar ma ssirx ċelebrazzjoni komunitarja tas-sagrament imma biss ċelebrazzjoni penitenzjali.

7. Is-saċerdoti kollha għandhom jibdew minn issa jagħmlu użu mill-formula l-ġdida tal-assoluzzjoni, u, bil-mod il-mod, jgħallmu individwalment linnies li jqerru għandhom, kif iqerru skond ir-rit il-ġdid.

Ma' tul l-Avvent fil-knejjes kollha għandhom isiru ċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali għal żmien l-Avvent li hemm fl-Ordo l-ġdid.

*KIF ISSIR IĊ-ĊELEBRAZZJONI*

1. Is-saċerdot u l-penitent flimkien iroddu s-salib.

2. Il-penitent igħid:

*Ġejt għandek u għand Alla*
*inti qiegħed tismagħni minflok Alla*

3. Is-saċerdot iwieġeb:

*Il-Mulej ikun f'qalbek u f'ruħek biex kollok sogħbien tistqarr dnubietek.*

u jaqra (jew igħid bl-amment) lill-penitent silta qasira mill-Iskrittura.

(Dan il-qari għandu jsir meta jkun hemm numru żgħir ħafna ta' penitenti u ż-żmien ikun jippermetti. Fil-każ li ma jkunx opportun li jsir dan il-qari mill-Iskrittura, biżżejjed li s-saċerdot iwieġeb:

*Jilqgħek il-Mulej Ġesu' li qalilna:*
*Indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba).*

4. Wara dan, jekk hemm iddrawwa, il-penitent igħid:

*Nistqarr 'l Alla......*
*...... bl-akbar ħtija tiegħi".*

5. Il-penitent iqerr dnubietu u jaċċetta t-tewba; igħid l-att ta' l-indiema mhux taħt l-ilsien, imma b'mod li s-saċerdot ikun jista' jisimgħu.

6. Meta l-penitent itemm l-att ta' l-indiema — mhux qabel — is-saċerdot igħid il-formula tal-assoluzzjoni, waqt li jżomm idu l-leminija merfugħa fuq il-penitent.

7. Imbagħad igħidlu

*Faħħru l-Mulej għax hu tajjeb*

u l-penitent iwieġeb:

*għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.*

8. Wara dan is-saċerdot igħid lill-penitent:

*Il-Mulej ħafirlek dnubietek: mur fis-sliem.*

Flok in-nr. 7 u 8 is-saċerdot jista' jgħid:

*Il-Passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu.... ħajja ta' dejjem. Mur bis-sliem.*

SKEMA TAR-RIT IL-ĠDID TAL-PENITENZA

A. Laqgħa tal-penitent (n. 1, 2, 3a).
B. Ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla (skond l-opportunita' —3b)
C. Rit tar-rikonċiljazzjoni (4-6):
i. "Nistqarr 'l Alla..."
ii. qrara
iii. twissijiet tas-saċerdot u l-

 għoti tat-tewba
iv. att ta' l-indiema
v. assoluzzjoni
D. Radd ta' ħajr lil Alla (n. 7)

E. Egħluq tar-rit (n. 8)
D u E jistgħu jingħaqdu flimkien bil-formula: "Il-Passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu...

## ITTRA TAL-VIGARJU ĠENERALI LILL-KLERU DWAR IĊ-ĊENSIMENT TAL-QUDDIES

Għażiż Ħija fis-Saċerdozju,

Kif taf, il-Pastoral Research Board tal-Arċidjoċesi, b'koperazzjoni mal-Kummissjoni Pjan Pastorali, qed jorganizza ċensiment dwar is-smigħ tal-Quddies fix-xahar ta' Ottubru Ilkoll nifhmu li ċensiment bħal dan għandu l-importanza tiegħu għal ħidma pastorali fid-Djoċesi.

Għal dan il-għan il-Pastoral Research Board ħatar 11-il District Census Officer, Census Officer f'kull parroċċa u madwar 2000 enumerators. Din il-ħidma ġie fdata f'idejn is-Sur Joe Agius. Nieħdu gost ngħidu li l-għajnuna tal-lajċi hija sodisfaċenti ħafna.

Peress li dan iċ-ċensiment, naturalment se jsir waqt il-Quddiesa inħasser il-ħtieġa li jsiru laqgħat apposta għas-saċerdoti, biex kull saċerdot ikun jaf x'se jsir fil-Quddiesa tiegħu u x'inhu mistenni minnu — u wkoll biex jinstemgħu xi kummenti utli li dak li jkun iħoss li għandu jagħmel.

Għalhekk, qed nistiednek għal din il-laqgħa li l-Pastoral Research Board qed jorganizza għas-saċerdoti kollha — sekulari u reliġjużi. Għal kumdita' ta' kulħadd il-laqgħa ser issir darbtejn, bittama li kulħadd isib ħin tajjeb għalih.

Il-laqgħat li se jsiru fl-Istitut Kattoliku f'dawn il-ġranet:

NHAR IT-TLIETA, 28 ta' Settembru, fl-10.00 a.m.
u
NHAR IL-ĠIMGĦA, 30 ta' Settembru, fil-5.15 p.m.

Nittama li ssib waħda minn dawn id-dati tajbin għalik. Sadanittant nieħu gost ninfurmak li l-Pastoral Research Board, għamel ħafna xogħol fuq ċensiment tal-kleru djoċesan, u bħal issa qed jaħdem fuq ċensiment tar-reliġjużi, ċensiment tas-sorijiet, u ċensiment tal-lajċi impenjati fi ħdan il-Knisja. Inħeġġiġkom biex tikkoperaw kemm tistgħu jekk tiġu mitluba biex tgħinu billi tagħtu xi informazzjoni.

Grazzi ħafna.

Tiegħek fis-Saċerdozju ta' Kristu
Mons. Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

## L-ANNIVERSARJU TA' L-ISQOF — IX-XAHAR TAR-RUŻARJU

ĊIRKULARI NRU. 107

Nhar il-Erbgħa, 29 ta' Settembru, Malta tfakkar it-tmien anniversarju tal-Ordinazzjoni Episkopali tal-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta.

Il-Konċilju Vatikan II jgħallem li l-Isqfijiet huma suċċessuri leġittimi tal-Appostli, xhieda ta' Kristu quddiem id-dinja, għalliema awtentiċi tal-fidi u l-magħżulin biex iħarsu l-integrita' tagħha. Il-Konċilju jkompli jgħallem li Kristu jinsab preżenti fost dawk li jemmnu u jkompli fosthom il-ħidma tiegħu fil-persuna ta' l-Isqof.

Minn dan it-tagħlim joħroġ ċar l-obbligu ta' kull nisrani li juri ubbidjenza filjali u mħabba sinċiera lejn l-Isqof tiegħu.

Dan iġagħalni biex f'isem l-insara Maltin inwassal lil Monsinjur Arċisqof, fl-okkażjoni tal-festa tiegħu, l-espressjoni ta' l-isbaħ xewqat għal ħajja twila dedikata lil Alla u lill-erwieħ fdati f'idejh.

Billi x-xewqat tajba jiġu msaħħin biss bit-talb, nistieden lis-saċerdoti ħuti biex nissieħbu ma' Monsinjur Arċisqof waqt il-Quddiesa konċelebrata ta' ringrazzjament li, bħas-soltu, iqaddes fil-Konkatidral ta' San Ġwann nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru fil-5.30 p.m.

Għal dil-Konċelebrazzjoni huma mistiedna l-Maltin kollha li jistgħu jattendu.

L-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof għandha tiġi mfakkra ukoll fil-Knejjes kollha Parrokkjali u dawk Sagramentali b'Quddiesa li għandha ssir fl-aktar ħin adatt għan-nies (Sagramentarju Malti p. 878).

*　*　*　*　*

Ninqeda b'din iċ-ċirkulari biex infakkar li qiegħed joqrob ix-xahar ta' Ottubru u li dan hu dedikat lill-Madonna tar-Rużarju.

Kienet dejjem id-drawwa tal-Maltin li matul dan ix-xahar jirreċitaw flimkien u bi ħrara r-Rużarju.

Id-dinja għaddejja minn żmenijiet imqallba. Il-vjolenza, is-serq, il-permissivita' fil-kostumi u l-mibegħda saru pjagi li qegħdin jheddu l-paċi tas-soċjeta'.

F'ċirkostanzi bħal dawn, jekk l-insara jridu tassew jagħtu kontribut siewi għal tiġdida morali tal-umanita', waħda mill-armi tagħhom hi t-talba tar-Rużarju.

Fl-1961 meta nqala' tliet sena serju, li seta' wassal għal gwerra dinjija oħra, l-Papa Giovanni XXIII bagħat ittra apostolika lill-Isqfijiet kollha li biha stedinhom biex l-insara jirreċitaw ir-Rużarju. U l-Qdusija Tiegħu l-Papa ma sabhiex bi tqila jgħid: "Morru għidu ma' kulliemkien li l-Papa jgħid ta' kuljum il-ħmistax-il posta tar-Rużarju."

Matul dan ix-xahar hi xewqa ta' Monsinjur Arċisqof li dawk kollha li jifhmu li r-Rużarju hu talba tant setgħana u fl-istess ħin tant miġjuba mill-Madonna, jinġabru fil-knisja li soltu jiffrekwentaw, biex bħala familja waħda jirreċitaw ir-Rużarju quddiem Ġesu' Sagrament espost solennement fuq l-altari tagħna.

*　*　*　*　*

Fl-aħħarnett Monsinujr Arċisqof iridni nfakkar ukoll li l-Missjoni Djoċesana, bi tħejjija għall-Kungress Marjan, li dwarha diġa' k[illegible]ilkom, se tiftaħ b'pellegrinaġġ mill-Parroċċi kollha għall-[illegible] tal-Mosta nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Ottubru.

*     *     *     *     *

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum, 17 ta' Settembru 1982.

Annetto Depasquale
Kanċellier

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

## IL-FESTA TAL-PAPA — IL-ĠURNATA MISSJUNARJA

ĊIRKULARI NRU. 108

Nhar is-Sibt, 16 ta' Ottubru, jaħbat ir-raba' anniversarju tal-Elezzjoni tal-Papa Giovanni Pawlu II.

Jum l-għażla tal-Papa għandu jkun għalina jum li fih inġeddu l-wegħda tal-fedelta' u l-lealta' tagħna lejn il-Vigarju ta' Kristu fuq l-art.

Bħal fis-snin ta' qabel, dakinhar Monsinjur Arċisqof sejjer iqaddes quddiesa konċelebrata flimkien mal-Membri tal-Kapitlu tal-Kattidral fil-Knisja Konkattedrali ta' San Ġwann fil-5.30 p.m.

Hi xewqa ta' Monsinjur Arċisqof li għal din il-konċelebrazzjoni jissieħbu miegħu dawk is-saċerdoti djoċesani u regolari kollha li ma jkunux marbutin b'xi ħidma pastorali. Fit-tmiem tal-quddiesa jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament lil Alla li għogħbu jagħni bl-għomor u b'żelu apostoliku lill-Missier tal-Insara Kattoliċi kollha.

Ikun ta' l-akbar sodisfazzjon għal Monsinjur Arċisqof li jara għadd kbir ta' Maltin preżenti madwaru għal din iċ-ċelebrazzjoni liturġika.

Fil-Knejjes kollha ta' Malta, f'ħin li jkun l-aktar adatt, għandha tiġi wkoll imfakkra dil-ġurnata b'quddiesa u b'Te Deum (Sagram. Malti p. 876).

*     *     *     *     *

Ninqeda ukoll b'din iċ-ċirkolari biex nfakkar li nhar il-Ħadd, 24 ta' Ottubru, taħbat il-ĠURNATA MISSJUNARJA.

Kien il-Papa Piju XI li ordna li mad-dinja kollha f'Ottubru ikun hemm Ħadd dedikat għall-Missjonijiet.

Dan għamlu biex iħeġġeġ aktar insara fl-imħabba tagħhom lejn il-ħidma tal-Knisja a favur ta' dawk li għadhom qatt ma semgħu bi Kristu. Dawn l-erwieħ, fil-parti kbira tagħhom, jinsabu f'artijiet li għadhom qed jiżviluppaw. Hu għalhekk dmir tagħna li nagħtu s-sehem tagħna ,fuq kollox bit-talb u bis-sagrifiċċji biex ngħinu lil dawn il-miljuni ta' bnedmin ħalli jaslu għat-tagħrif tal-Vanġelu ta' Kristu, jintrefgħu mill-miżerja materjali li jinsabu fiha, u jaslu biex jiksbu stat ta' għejxien li jixraq lid-dinjita' tal-persuna umana.

*     *     *     *     *

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 5 ta' Ottubru, 1982

Annetto Depasquale
Kanċellier

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

## ĊIRKULARI DWAR AUGUSTINE PUTHUA

27 ta' Settembru, 1982

Għażiż ħija fis-Saċerdozju,

L'Osservatore Romano — Edizzjoni Ingliża tat-13 ta' Settembru 1982 — ġab din l-aħbar:—

NOTICE

It has come to our knowledge that AUGUSTINE PUTHUA, formerly of the Archdiocese of Ernakulam (India), is writing under false names (as, for example, Fr. Augustine Jeerakath) and under false titles (as, e.g. "Superior General...", etc.) to dioceses and to ecclesiastical institutions and organizations in Italy, Germany and elsewhere, requesting Mass stipends and other offerings in support of non-existent projects.

Notice is hereby given that the priest in question is canonically irregular.

Billi Monsinjur Arċisqof ġie mgħarraf li Augustine Puthua bagħat jitlob quddies anki mingħand saċerdoti Maltin, xtaqni nwassallek din l-aħbar.

Ikun ukoll tajjeb li meta tiġi mitlub elemożina ta' quddies minn saċerdoti li ma tafhomx teżamina tajjeb jekk il-każ ikunx ġenwin.

Għoddni dejjem tiegħek,
Mons. Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

## KUMMISSJONI GĦAD-DJAR TAT-TFAL

## RAPPORT ANNWALI 1981

Il-Kummissjoni għad-Djar tat-Tfal tad-Djoċesi ta' Malta għalqet 25 sena fl-1981.

B'inizjattiva ta' Fr. Arthur Barbara u Fr. Philip Demarco li swiet ħafna xogħol iebes ġew organizzati diversi attivitajiet sabiex infakkru din il-ġrajja; uħud minnhom sejrin iħallu effetti tajbin ħafna għal quddiem.

Dawk kollha li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tagħna ġiet organizzata xi attività għalihom.

Kif kien xieraq l-ewwel attività kienet quddiesa mill-Arċisqof għall-istaff u t-tfal. Tifla ta' ħames snin irnexxielha tirrispondi għall-mistoqsijiet li l-Arċisqof għamel waqt l-omelija! Wara l-quddiesa kullħadd speċjalment it-tfal, kienu mistiedna għal repos.

Matul is-sena organizzajna wkoll: High Tea għat-tfal; Disco għaż-żgħażagħ; Tea Party u Tombola għax-xebbiet il-kbar li għadhom fid-Djar tagħna u pranzu sabiħ ħafna għal dawk li jieħdu ħsieb it-tfal u għal xi lajċi li jgħinuna fix-xogħol tagħna. L-Arċisqof għoġbu jkun il-mistieden prinċipali għal din l-ikla li ħolqot atmosfera tant sabiħa u ferrieħa.

Għamilna wkoll stedina għal 'drinks' lill-"helpers' u xi benefatturi u

repos ieħor għal dawk ir-reliġjużi li waqt il-25 sena kienu ħadmu fid-Djar u issa għandhom xogħol ieħor.

Id-Djar tagħna organizzaw ġurnata li fiha kienu miftuħin għall-pubbliku. Minħabba l-pubbliċità tajba li ngħatat lil din l-attività ħafna nies ġew biex jaraw id-Djar tagħna. Kulħadd faħħar l-indafa u l-atmosfera sabiħa li jeżistu. Ir-reliġjużi li jieħdu ħsieb it-tfal ġibdu l-ammirazzjoni ta' kulħadd.

Rapport fuq ix-xogħol matul il-25 sena ġie stampat u tqassmu ħafna kopji.

Iżda l-attività l-iktar importanti kienet il-Kors ta' lectures li sar għall-istaff. Sr. Winifred Mulleney tal-Bon Pastur u Mr. Anthony Glynn, Prinċipal ta' St. Thomas Moore Community House taw lectures ta' standard għoli u rnexxielhom joħolqu entużjażmu kbir fost dawk li attendew. Barra minn hekk taw għajnuna prattika lil kulħadd.

Madwar 80 ruħ attendew għal dan il-Kors. Sar ħafna emfasi speċjali fuq il-bżonnijiet emozzjonali tat-tfal u kif niddiskrivu u niflu l-karattru u l-problemi tagħhom.

Minn dawk it-taħditiet irriżulta li kellna ħafna xogħol x'nagħmlu millat emozzjonali tat-tfal tagħna. Dan ifisser li issa rridu nikkonċentraw aktar fuq dan l-aspett b'modi ġodda.

Issa rridu nibdew nagħmlu l-assessments fuq it-tfal, kuljum, fil-ġimgħa, u fix-xahar ibex igħin lill-istaff jistudjaw aktar il-karattru tat-tfal u jgħinuhom isolvu l-problemi tagħhom.

Riżultat importanti ħafna li ħareġ mill-Kors kien li l-lecturers offrewlna li nibagħtu sorijiet l-Ingilterra biex jagħmlu kors ta' prattika u teorija.

Għal dawn l-attivitajiet ma kellniex noħorġu flus minn ġewwa. Kull attività tħallset minn xi organizzazzjonijiet jew benefatturi.

B'riżultat tal-propaganda li għamilna kien hemm diversi li offrew biex igħinuna fix-xogħol tagħna. (Voluntary helpers).

Il-Kulleġġ tal-Kappillani kien ħafna ġeneruż magħna billi ddedika il-ġabra ta' Ħadd qabel il-Kandlora għat-tfal tad-Djar tagħna.

Matul l-1981 ħarisna lura lejn dawn il-25 sena. Issa rridu nħarsu 'l quddiem. Dan nistgħu nagħmluh aħjar minħabba l-Kors ta' lectures li organizzajna.

Issa jidher aktar ċar li rridu nieħdu ħsieb aktar il-bżonnijiet emozzjonali tat-tfal u b'riżultat ta' hekk inkunu nafu aktar x'għandna nagħmlu għall-futur tat-tfal.

Inħossu ħafna l-bżonn li nibqgħu inħarrġu lill-istaff tad-Djar.

Huwa mportanti ħafna li nsibu nies sabiex igħinu lill-istaff ħalli dawn ta' l-aħħar ikunu jistgħu jikkonċentraw iktar fuq il-bżonnijiet spiritwali, intellettwali u emozzjonali tat-tfal.

Kien ta' siwi kbir li mpjegajna qualified Social Worker fl-Uffiċċju. Dan igħina ħafna fix-xogħol tagħna.

Din is-sena urietna kemm il-poplu Malti jħobb u lest igħin id-Djar tat-Tfal u dan lilna jagħmlilna kuraġġ kbir.

## RAPPORT TA' ĦAJJA U ĦIDMA TAL-KUNSILLI PARROKKJALI GĦAS-SENA: JANNAR — DIĊEMBRU 1981

1. Il-Kwestjonarju dwar il-ħidma tal-Kunsilli Parrokkjali ġie mibgħut lill-Parroċċi kollha ta' Malta — 63 Parroċċa.

10 Parroċċi, jiġifieri 15.8% ma għandhomx K.P. għalkemm saru xi tentattivi fi tnejn minnhom biex jitwaqqaf. Dawn huma: Floriana, M'Xlokk, Mellieħa, Mġarr, Qrendi, Safi, S. Ġiljan, S. Venera, Ta' Xbiex u Żejtun.

10 Parroċċi, jiġifieri 18.8% mit-53 parroċċi, ma weġbux għall-kwestjonarju: Attard, B'Kara S. Ġużepp, B'Marrad, Għaxaq, Kalkara, Marsa M. Reġina, S. Luċija, Sliema S. Girgor, Żabbar u Żebbuġ.

Ir-Rapport qed jiġbor għalhekk it-tagħrif mogħti minn 43 Parroċċi ta' Malta, jiġifieri 68.2%. It-tweġibiet jirrappreżentaw in-naħiet kollha ta' Malta u l-Erba' Dekanati. Ir-rapport mhux maħdum fuq skema xjentifika, imma jipprova jagħti idea ċara, kemm hu possibbli, tal-qagħda tal-Kunsilli li rrispondew u tad-djoċesi.

2. 2 parroċċi, Għira u S. Bastjan, minħabba xi raġunijiet partikulari, ma setgħux ikomplu bil-laqgħat ma' tul is-sena '81.

| | |
|---|---|
| 19-il Parroċċa ltaqgħu minn 9 sa 12-il darba | 44.1% |
| 16-il Parroċċa ltaqgħu minn 6 sa 8 darbiet | 37.2% |
| 6 Parroċċi ltaqgħu minn 4 sa 5 darbiet | 13.9% |

Hija regolari ħafna l-attendenza tar-Rappreżentanti tal-Għaqdiet Kattoliċi għall-Laqgħat tal-KKPP, ħlief dawn l-eċċezzjonijiet:

| | |
|---|---|
| B'Kara S.G. ma jattendux | A.K. Ġuvintur; L. M. Rġiel |
| Bormla | A.K. Rġiel; Xirka |
| Lija | A.K. Ġuvintur |
| Mosta | A.K. Rġiel; GĦ. Studenti: Subien u Bniet |
| Rabat | A.K. Rġiel u Nisa; P. Sac. Xti. |
| S. Ġwann | Youth Centre (Mixed) |
| Siġġiewi | K.H.N. |
| Vittoriosa | T.O. (Dumnikani) |

F San Pawl il-Baħar, l-Għ.K. mhumiex rappreżentati fil-K.P.; jieħdu sehem fil-Kummissjonijiet. Il-Membri ġew eletti b'elezzjoni mill-Parroċċa kollha.

Fir-Rabat, il-għażla tal-Membri tal-K.P. saret bl-elezzjoni mill-Parroċċa kollha, imma l-Għ.K. għandhom ir-Rappreżentanti tagħhom fil-K.P.

In-numru tal-membri fil-KKPP li mhumiex fl-ebda Għ.K., jiġifieri huma magħżulin mill-kappillan (ara Statut), ivarja ħafna skond id-daqs tal-Parroċċa u ċirkustanzi oħra.

| | |
|---|---|
| 2 parroċċi biss m'għandhomx membri nominati | |
| 1 parroċċa għandha membru wieħed biss | |
| 1 | għandha 2 |
| 1 | 20 (madwar) |
| 4 | 10 (madwar) |
| 10 | 10 (madwar) |
| 2 | 32 (madwar) |

Dawn il-membri huma mpenjati fl-apostolat individwali fil-parroċċa; imma 14-il parroċċa jgħidu li xi wħud minnhom mhumiex attivi fil-ħajja

tal-K.P. u dawn stess ġie li ma jattendu xejn.

18 KKPP jgħidu li għandhom fost il-membri rappreżentanti ta' "Gruppi ta' Talb" li jinsabu fil-Parroċċi tagħhom; uħud minnhom jagħmlu sehem minn Movimenti Djoċesani.

3. L-Attendenza tal-Kleru, djoċesan u regolari, anki fil-parroċċi afdati f'idejn il-Kleru Regolari, hija dejjem baxxa ħafna.

9 Parroċċi jgħidu li l-attendenza tal-Kleru hija regolari; fil-maġġoranza l-kbira jattendu l-Kappillan u l-Viċijiet biss.

Minħabba nuqqas ta' statistika tas-sorijiet fil-parroċċi, ma jistax jingħata kwadru ċar tal-attendenza tagħhom:

| | | |
|---|---|---|
| 5 K.P. jgħidu li m'hemmx sorijiet fil-prroċċa | | 11.6% |
| 6 jgħidu li l-Attendenza hi | **nieqsa ħafna** | 13.9% |
| 6 | **nieqsa** | 13.9% |
| 24 | **tajba** | 55.8% |

4. Il-Membri tal-KKPP huma Rġiel, Nisa, Żgħażagħ u Xebbiet. Fi proporzjon jew perċentwal man-numru sħiħ tal-Membri f'kull K.P. jidher hawn; in-numru f'kull kolonna juri n-numru tal-KKPP li jgħodd għalihom dak il-%

| | Rġiel | Nisa | Ġuvintur | Xebbiet |
|---|---|---|---|---|
| 50% jew iżjed | 7 | 2 | — | 1 |
| 40% — 50% | 7 | 4 | — | 2 |
| 30% — 40% | 6 | 9 | 1 | 13 |
| 20% — 30% | 12 | 8 | 12 | 6 |
| 10% — 20% | 5 | 9 | 11 | 8 |
| 0 — 10% | — | 5 | 9 | 7 |
| 0 | — | — | 4 | — |

6 parroċċi ma weġbux għal dan.

5. Il-preżenza taż-żgħażagħ, miżżewġin u mhumiex tidher mit-tweġiba għal din il-mistoqsija:

12-il parroċċa — 27.9% — wieġbu li ż-żgħażagħ huma rappreżentati tajjeb fil-K.P.

22 parroċċa — 51.1% qalu li ż-żgħażagħ mhumiex rappreżentati biżżejjed.

3 parroċċi — 6.9% — qalu li huma rappreżentati xi ftit tajjeb.

6 ma wieġbux għal din il-mistoqsija.

6. Fost il-35 li rrispondew dwar il-preżenza taż-Żoni fil-K.P., 22 parroċċa — 62.8% qalu li ż-żoni huma rappreżentati;

13-il parroċċa — 37.1% qalu li ż-żoni mhumiex rappreżentati.

7. Biex il-K.P. jassigura ħajja aktar ta' servizz għall-parroċċa, ikun jiswielu li jsejjaħ xi barranin għal xi pariri dwar deċiżjonijiet jew ħidmiet: 22 parroċċa — 51.1% talbu pariri ta' nies barranin.

8. 23 Parroċċa — 53.4% — ħadmu ma' tul is-sena fuq Pjan studjat u mfassal minn qabel għal ma' tul is-sena kollha. Il-KKPP l-oħra kollha wettqu ħidmiet pastorali skond il-bżonn jew direttivi li ngħatawlhom.

18 KKPP studjaw u ħadmu fuq il-problema tal-handicapped

17 KKPP studjaw u ħadmu fuq il-problemi tal-familja ma' tul is-sena 1981, wara li kienu bdew dan l-istudju fis-sena ta' qabel.

9. 18 KKPP organizzaw Seminar jew laqgħa twila ta' talb u studju.

Is-Suġġett kien dak li jitlob il-pjan tal-parroċċa jew ta' xi siwi ieħor pastorali. Diversi kelliema barranin iltaqgħu mal-KKPP. L-attendenza kienet dejjem tajba. Uħud stiednu lil diversi kelliema barranin. Xi drabi attendew ukoll nies mill-parroċċa li mhumiex membri tal-K.P.

10. Fi ħdan il-KKPP hemm diversi Kummissjonijiet; iċ-Chairman hu dejjem membru tal-K.P.; il-membri huma membri tal-Kunsill jew barranin; ħafna minnhom huma membri attivi fl-għaqdiet.

15 KKPP għandhom 5 Kummissjonijiet jaħdmu

10 KKPP għandhom 4 jew 3 Kummissjonijiet.

13 KKPP għandhom 2 jew 1 Kummissjonijiet

3 KKPP m'għandhomx Kummissjonijiet imma wieġbu 'iva' għall-mistoqsija jekk għandhomx il-ħsieb li jwaqqfu Kummissjonijiet

2 KKPP ma wieġbux għad-domanda.

Il-ħidmiet tal-Kummissjonijiet huma diversi:

| | | |
|---|---|---|
| hemm 29 Kumm. | (67.4% tal-KKPP) | dwar il-Katekeżi |
| 28 | (65.1% tal-KKPP) | Liturġija |
| 19 | (44.1% tal-KKPP) | Żgħażagħ |
| 16 | (37.2% tal-KKPP) | Familja |
| 14 | (32.5% tal-KKPP) | Fuljett Parr. |
| 9 | (20.9% tal-KKPP) | Ħidma Soċjali |
| 6 | (13.9% tal-KKPP) | Festa |
| 2 | ( 4.6% tal-KKPP) | Promozzjoni Umana |
| 2 | ( 4.6% tal-KKPP) | Riżorsi |

Kummissjonijiet oħra huma dwar: Studenti, Xogħol fil-Knisja, Għarajjes, Missjonijiet, Tfal, Vokazzjonijiet, Librerija Parr., Ċentru Parr. u Żoni.

11. Fost il-KKPP hemm diversi li jippubblikaw il-Fuljett Parr.

| | | |
|---|---|---|
| 12 KKPP | (27.9%) joħorġu l-Fuljett | darba kull xahar |
| 14 | (32.5%) | darba kull xahrejn |
| 6 | (13.9%) | darba kull tlett xhur |
| 1 | ( 2.3%) | darba fil-ġimgħa |

10 KKPP ma joħorġux il-Fuljett parrokkjali; f'żewġ każi, il-fuljett hu ppubblikat minn xi bord li huwa ndipendenti mill-K.P.

4 KKPP biss għamlu stħarriġ dwar il-qari tal-fuljett minn nies tal-parroċċa: kollha huma sodisfatti.

12. Il-KKPP kollha qablu li hemm bżonn ta' Laqgħat ta' Talb flimkien għall-Membri tal-Kunsill; il-K.P. ma għandux jiltaqa' biss jew dejjem biex jiddiskuti l-problemi tal-parroċċa; jinħtieġlu jiltaqa' xi drabi ma' tul is-sena biex jitolbu.

13. Mhux il-Parroċċi kollha huma 'konxji' mill-eżistenza tal-K.P. fosthom:

27 parroċċa (62.7%) jafu bil-K.P.

8 (18.6%) jafu xi ftit dwar il-K.P.

2 ( 4.6%) ma jidhirx li jafu bil-K.P. tagħhom stess

7 KKPP ma rrispondewx.

14. Il-KKPP kollha jgħidu li jagħtu mportanza fil-ħajja tagħhom liddirettivi tal-Kurja u tal-K.D.A.L.

27.4.82

**Mons. A. Deguara**

1. Il-Magħmudija tagħni lil kull membru tal-Knisja bil-qawwa u d-dmir li jatgħi s-sehem tiegħu fil-missjoni tal-Knisja. L-Ispirtu t'Alla jsejjaħ lill-membri tal-Knisja għal diversi forom u ministeri ta' ħidma apostolika f'din il-missjoni waħdanija tal-Knisja.

2. Il-Lajċi, membri tal-poplu t'Alla f'Malta, huma msejħa għall-Apostolat fil-kommunità ekklesjali u għall-apostolat fid-dinja speċjalment bit-tqaddis tal-ordni temporali li huma stess jgħinu biex jimbena skond il-messaġġ tal-Evanġelju.

3. Il-Lajċi jwettqu dan l-apostolat fi gruppi u fl-għaqdiet kif ukoll permezz ta' inizjativa personali u ndividwali; dejjem għandhom iżommu ruħhom fir-rabta tal-kommunjoni mal-Knisja, u partikularment ma' l-Isqof tagħhom.

4. L-Uffiċċju tal-Lajċi mwaqqaf fil-Kurja jgħin lill-Isqof biex isaħħaħ u jsegwi mill-qrib l-Apostolat tal-Lajċi kemm individwali kif ukoll fil-gruppi u fl-għaqdiet. L-Uffiċju jgħin biex l-Għaqdiet, il-Moviment Kattoliċi u l-Individwi mpenjati fl-apostolat jiltaqgħu flimkien ħalli jaraw aħjar il-ġid u d-doni li bihom Alla jżejjen lill-poplu tiegħu u ħalli jaraw flimkien kif jistgħu jlaħħqu mal-ħtiġijiet pastorali fid-djoċesi. L-Uffiċċju jgħin biex dawn kollha jwettqu x-xewqat tal-Isqof u l-pjan tiegħu ta'. ħidma pastorali.

5. L-Uffiċċju tal-Lajċi jsegwi l-ħidma pastorali tal-għaqdiet u tal-gruppi jew individwi li ma għandhomx natura djoċesana imma li jaħdmu bl-istess għanijiet tal-għaqdiet kattoliċi fil-parroċċi jew f'naħat partikulari tad-djoċesi; lil dawn ukoll jgħinhom biex jidħlu fil-pjan tad-djoċesi skond iċ-ċirkustanzi tagħhom.

6. L-Uffiċċju tal-Lajċi huwa mmexxi minn Dlegat nominat mill-Arċisqof, li bħala dmir tiegħu:

a) iżomm informat lill-Arċisqof bil?ħidma kollha li qed jagħmlu l-Lajċi u bix-xewqat u bil-problemi tagħhom;
b) iwassal lill-Lajċi x-xewqat u d-direttivi tal-Arċisqof dwar il-ħidma li jkun jistenna minnhom.

7.1 Bil-għajnuna tal-K.D.A.L. u tal-Movimenti Kattoliċi, il-Delegat jorganizza u jikkordina l-apostolat tal-Lajċi fuq livell djoċesan, dekanali, distrettwali u parrokkjali.

7.2 Flimkien mal-K.D.A.L. u mal-organizzazzjonijiet l-oħra nteressati iwaqqaf kummissjonijiet għall-istudju tal-problemi taż-żgħażagħ, tat-tfal, tal-istudenti, tal-ħaddiema, tal-professjonisti u ta' sezzjonijiet oħra tal-poplu t'Alla fid-Djoċesi.

7.3 Jgħin lill-K.D.A.L. u lill-organizzazzjonijiet jew individwi mpenjati fl-apostolat biex jilħqu max-xewqat tal-Uffiċċji u tal-Kummissjonijiet djoċesani.

8. Id-Delegat tal-Arċisqof jistudja t-talbiet u jirrakkomanda l-approvazzjoni, jekk ikun il-każ, għat-twaqqif ta' Youth

Centres u għaqdiet kattoliċi jew ċentri fejn jingabru gruppi ta' apostolat u ta' talb; iżomm kuntatt magħhom u jagħti lill-Isqof rapport ta' kull sena dwar il-ħidma u l-ħajja tagħhom.

9. Il-Kap tal-Uffiċċju tal-Lajċi, bħala Delegat tal-Isqof, jara li f'kull għaqda, moviment jew grupp jinżammu n-noti li jgħażluhom minn għaqdiet, gruppi jew movimenti mhux ekklesjali, jiġifieri:

a) fedeltà għat-tagħlim tal-Knisja u qbil fil-metodi u fl-imġieba tat-tmexxija tagħhom.

b) qbil mal-għanijiet tal-missjoni tal-Knisja

c) rabta sħiħa mal-isqof u ubbidjenza lejh

d) disposizzjoni ta' koperazzjoni sħiħa ma' għaqdiet kattoliċi oħra fid-djoċesi.

10. Huwa jaħdem id f'id mal-Uffiċċju tar-Reliġjużi, tal-Kleru u tal-Parroċċi, skond iċ-ċirkustanzi, f'dak kollu li għandu x'jaqsam mat-terzjarji u mal-fratellanzi.

11. Iżur minn żmien għall-ieħor id-djar u ċ-ċentri tal-Għaqdiet u tal-Movimenti, u jiltaqa' mad-diriġenti ċentrali u djoċesani tagħhom biex jgħin fl-ispirtu ta' koperazzjoni bejniethom.

12. Jgħin lill-Uffiċċju tal-Parroċċi fit-twaqqif u t-tmexxija tal-Kunsilli Parrokkjali.

13. Jieħu sehem fil-Kunsill Pastorali Djoċesan u fil-Kummissjonijiet jew Kunsilli Djoċesani li għandhom bħala skop ewlieni l-ainmazjoni tal-apostolat fost il-lajċi u mill-lajċi stess.

1. Huwa japprova u jirrakkomanda lis-Segretarju Amministrattiv tad-Djoċesi kull talba magħmula mill-K.D.A.L. jew minn għaqdiet, gruppi jew individwi għall għajnuna finanzjarja biex ikunu jistgħu jorganizzaw aħjar il-ħidmiet tagħhom ta' apostolat.

15. Il-Kap tal-Uffiċċju tal-Lajċi jkun 'ex ufficio' il-Konsulent Ekklesjastiku Djoċesan tal-Apostolat tal-Lajċi.

## QUDDIESA ĠDIDA

P. Alberto Borg OSA stampa quddiesa bi tliet vuċijiet dispari (A.T.B.) bl-akkumpanjament tal-orgni: "Missa Pueri Cantores" faċli u effettiva.

Min irid jakkwista xi kopja jipprenota għand l-istess P. Alb. Borg permezz ta' ittra jew bit-telefon N. 625934. Il-prezz hu £M3 u tintbagħat bil-posta.

## SERVIZZ PASTORALI FI ŻMIEN IR-RANDAN 1983 FL-ARĊIDJOĊESI TA' FIRENZE

Il-Kurja Arċiveskovili ta' Firenze jistieden saċerdot Malti, reliġjuż jew djoċesan, li jaf bit-Taljan, ħa jagħmel ħidma pastorali tul ir-Randan kollu f'parroċċa tal-periferija ta' Firenze. Min hu nteressat hu mitlub javża lis-Segreterija tal-Kurja. Fil-każ ta' reliġjuż irid ikollu l-permess ta' l-Ordinarju tiegħu.

*Mistoqsija Liturġika*

KOMMENTATUR MARA

Waqt quddiesa tal-ħin, f'parroċċa, fejn in-nies huma kollha flimkien (imħallta), tista' mara jew xebba tagħmel is-servizz jew ministeru ta' kommentatur?

Dan tista' tagħmlu billi toħroġ mal-qassis mis-sagristija, toqgħod fuq il-presbiterju ma' ġenb is-sedja, tmexxi n-nies fit-talb u fit-tweġibiet, taqra l-lezzjoni (mill-Ambone), tkompli tmexxi t-talb sat-tqarbin, tieħu l-paċi minn għand is-saċerdot fuq it-tarġa (pradella) tal-artal, titqarben ma' ġenb l-artal, tmexxi minn rajha t-talb jew il-ħin tar-ringrazzjament, tidħol mal-qassis fis-sagristija jew warajh?

Jistgħu n-nisa u x-xebbiet jiġu nkuraġġiti għal dan il-ministeru u mogħnija tagħlim biex jagħmlu dan mill-Kummissjoni (?) Liturġika tal-Parroċċa?

Hemm xi dokument li juri li t-tfal bniet ma jistgħux ikunu jew iservu ta' Abbatini fil-funzjonijiet liturġiċi?

SAĊERDOT

*Tweġiba*

Kull lajk, jekk hu ppreparat tajjeb, jista' jagħmilha ta' kommentatur iżda meta l-kommentatur m'huwiex wieħed mill-ministri li qegħdin iservu fuq il-presbiterju u għalhekk huwa liebes ilbies liturġiku, postu hu barra mill-presbiterju.

L-ambone huwa biss il-post minn fejn titħabbar il-Kelma ta' Alla; il-kommentatur ma għandux imexxi lin-nies minn fuq l-ambone.

Kommentatur li mhux wieħed mill-ministri li qed iservu fuq l-altar ma għandux jieħu sehem fil-purċissjonijiet tal-ħruġ u tad-dħul, ma għandux joqgħod ma' ġenb is-sedja taċ-ċelebrant u għandu jitqarben u jieħu u jagħti l-paċi bħal bqija tal-fidili.

Hi ħaġa tajba li xi lajċi, irġiel jew nisa, jirċievu sħarriġ xieraq biex jaqraw il-lezzjonijiet minn fuq l-ambone u jagħmluha ta' kommentaturi waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi skond kif imfisser hawn fuq.

It-tfal bniet qatt ma jistgħu iservu ta' abbatini waqt funzjonijiet liturġiċi.

NOMINI ĠODDA

P. Manwel Borg Bonello, kappillan S. Wistin, il-Belt; Sur Joseph Portelli, rappreżentant tal-Azzjoni Kattolika fil-Board tal-Istitut Kattoliku; Sur Frank Portelli, rappreżentant tal-Moviment ta' Kana fil-Board ta' l-Istitut Kattoliku.

## KTIEB ĠDID TA' L-INNIJIET

Għadu kemm ħareġ ktieb ġdid ta' innijiet b'inizjattiva ta' xi kappillani u saċerdoti oħra. Dan il-ktieb, li minnu ġew stampati fuq il-25 elf kopja mill-Interprint Ltd, se jintuża f'xi erbgħin parroċċa u knisja oħra: fih jinsabu miġburin mal-142 innu magħrufin mill-kotra l-kbira tan-nies, flimkien ma' għadd ta' innijiet bil-Latin u talb ieħor popolari għal kull okkażżjoni.

Il-ktieb jiswa 35ċ u jista' jinkiseb minn għand P. Donat Spiteri O.F.M. Cap. (tel. 31744) jew minn għand Dun Karm Farrugia (Tel. 47318).

Hemm ħsieb li 'l quddiem tiġi pubblikata l-mużika għall-orgni ta' l-innijiet li jinsabu f'dan il-ktieb. Il-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb ġdid ta' innijiet għal waqt il-Quddiesa u l-laqgħat tat-talb ħajjarna nagħmlu dawn is-suġġerimenti li ġejjin għall-użu aħjar tiegħu. Qegħdin nissuġġerixxu wkoll ċelebrazzjoni qasira li tista' ssir fil-knisja l-ewwel darba li se jintuża dan il-ktieb ġdid.

NISSUĠĠERIXXU:

1. Li fil-knejjes tagħna, fejn se nużawh, ikollna TABELLA li tidher sewwa bin-numri ċari ta' l-innijiet. F'kull ċelebrazzjoni li nkunu se nagħmlu nqiegħdu fit-tabella n-numri ta' l-innijiet magħżula, maż-żmien in-nies jidraw u waħidhom jibdew ilestu l-innijiet li jkunu se jitkantaw skond in-numri immarkati.

2. F'kull quddiesa nistgħu nkantaw ħames innijiet jew aktar. Fid-Dħul, fl-Offertorju, waqt it-Tqarbin (wieħed jew aktar skond il-ħin), wara t-Tqarbin mill-innijiet ta' Radd il-Ħajr, u fl-aħħar tal-quddiesa (mill-innijiet tal-Madonna jew xi innu ieħor li jkun jaqbel).

3. L-innijiet nibdluhom minn żmien għall-żmien, mhux biss skond iż-żminijiet liturġiċi, imma wkoll minn Ħadd għall-ieħor. Ma nibqgħux dejjem bl-istess innijiet. Il-Ktieb tagħna fih 142 innu, barra ż-żjidiet tal-kant bil-Latin-Malti u tat-Talbiet, li x'uħud minnhom jistgħu jitkantaw ukoll.

4. Meta nkunu se ndaħħlu innu ġdid li ma jafuhx in-nies, nieħdu ħsieb li qabel ikun hemm xi ħadd jew xi wħud li jkunu jafuh sewwa. Jitgħallmu sewwa l-ewwel min ikun se jmexxi l-kant tal-poplu fil-knisja. Dan ftit qabel il-quddiesa/ċelebrazzjoni jista' joħroġ isemma l-innu l-ġdid lin-nies li jkunu waslu qabel. Kull innu popolari, wara darbtejn/tlieta li jibda jintuża, jibda dieħel sewwa f'widnejn kulħadd.

5. **Importanti ħafna:** li f'kull quddiesa/ċelebrazzjoni jkun hemm xi ħadd li jmexxi n-nies fil-kant, mhux biex ikanta u jgħajjat waħdu (!) — **dan ma għandu jkun qatt** — imma biex jistieden u jħajjar in-nies għall-kant u b'leħen moderat igħinhom ikantaw.

6. Biex l-innijiet jidħlu aktar malajr fost il-poplu, nissuġġerixxu li l-ewwel ngħallmuhom lill-gruppi żgħar fil-laqgħat tal-għaqdiet tagħna. B'daqsxejn ta' 'casette' malajr nistgħu nib-

għatu l-innijiet il-ġodda fl-għaqdiet kollha ta' kull eta'.

L-iskejjel jistgħu jgħinuna wkoll bil-koperazzjoni tal-"music-teacher", jekk ikun hemm.

7. Ma nserrħux fuq il-korijiet, li jista' jkollna, la tat-tfal u lanqas tal-kbar. Il-korijiet għandhom ikunu wkoll għall-kant aktar klassiku f'okkażjonijiet ta' xi solennita'. Imma ma għandniex inżommuhom biex minħabba fihom neżentaw lill-poplu mis-sehem attiv li għandhom jieħdu fil-kant waqt iċ-ċelebrazzjoni liturġika.

L-innijiet popolari huma tal-poplu kollu. Ukoll jekk ikun hemm il-kor għall-kant ta' xi partijiet oħra tal-quddiesa, l-innijiet popolari fil-partijet tagħhom għandhom isiru u n-nies kollha għandhom jieħdu sehem fihom.

## PUBBLIKAZZJONIJIET ĠODDA

Għadu kemm ġie pubblikat

**IT-TIFHIR TA' SBIH IL-JUM**

**u**

**L-GHOSRIEN**

**tal-**

**HDUD U L-FESTI**

ktieb ta' 350 paġna għall-użu tal-fidili biex jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Lawdi u l-Vespri mal-kleru f'Jum il-Mulej, skond ix-xewqa tal-Knisja. Il-ktieb fih ukoll il-Lawdi u l-Vespri tal-**Uffiċċju tal-Mejtin.**

Il-ktieb jinbiegħ £M1.25, iżda min jieħu 20 kopja jew aktar, il-prezz ikun £M1 il-kopja.

Harġet ukoll it-tieni edizzjoni tal-

**LEZZJONARJU TAL-HDUD — ĊIKLU C**

Il-ktieb fih qari alternattiv għal xi festi li ġa ġie pubblikat f'folji separati.

Il-prezz tal-ktieb hu £M4.

**Eżempju ta' omelija**

L-I ĦADD TA' L-AVVENT

## INĦEJJU RUĦNA BIEX NILTAQGĦU MAL-MULEJ

**Ilkoll imsejħin għall-ħena ta' dejjem**

Għal darb'oħra, il-Knisja llum qiegħda ssejħilna biex magħha ngħixu tul sena sħiħa l-ġrajja kollha tas-salvazzjoni tagħna, u f'dan l-ewwel jum qiegħda tistedinna biex inżommu quddiem għajnejna fejn irridu naslu bit-tħabrik kollu tagħna tul ħajjitna f'din id-dinja.

Aħna ma għandniex għamara għal dejjem f'din id-dinja, għaliex aħna msejħin għal għamara oħra, li qatt ma tintemm, f'dinja ġdida, fejn ma hemmx iżjed mewt, anqas biki, jew agħjat, jew tbatija, għax dan kollu jkun għeb għal dejjem; minflok ikun hemm hena u sliem bla qjies għaliex il-Mulej Alla jkun jiddi fuqna, naraw wiċċu u jkollna ismu fuq ġbinna, u nsaltnu miegħu għal dejjem ta' dejjem.

Il-Knisja llum turina kemm tixtieq li aħna lkoll naslu għal din l-għamara ta' dejjem, hija u tgħidilna bi kliem Missierna San Pawl: "Jalla l-Mulej ikattar u jfawwar fikom l-imħabba tagħkom għal xulxin u lejn kulħadd ... jalla jqawwilkom qalbkom u jkollkom qdusija bla għajb quddiem Alla u Missierna għal meta jiġi Sidna Ġesù Kristu mdawwar bil-qaddisin tiegħu."

Il-Knisja b'dan il-kliem turina kemm tixtieq li aħna lkoll niksbu l-ħajja ta' dejjem, imma fl-istess ħin twissina li jiksbuha biss dawk li huma "qaddisin u bla tebgħa quddiem Alla fl-imħabba" għax ebda ħaġa mniġġsa ma tista' tidħol fis-saltna tal-hena, id-dawl u s-sliem.

Huwa għalhekk li l-Mulej Ġesù stess iwissina llum biex nishru u nitolbu l-ħin kollu u noqogħdu għassa tagħna nfusna li ma nħallux qlubna jittaqqlu bl-ikel u xorb żejjed, u b'ħafna tħassib żejjed għall-ħtiġijiet tal-ħajja. Dan kollu jfisser li, jekk verament irridu ngħixu ta' nsara, ma għandna qatt ninsew li s-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi għalina, mingħajr ma nafu meta dan se jiġri; u għalhekk jeħtieġ li nkunu dejjem qaddisin u bla għajb quddiem Alla, biex meta jasal il-waqt isibna lesti biex nidhru quddiemu.

**Kif inħejju ruħna għall-ħajja ta' dejjem**

X'għandna, mela, nagħmlu tul ħajjitna f'din id-dinja? Il-Knisja tgħallimna bla heda kif għandna nġibu ruħna quddiem Alla biex inkunu nogħġbuh: tgħidilna li għandna nżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub, u minn kull xorta ta' qerq u ħażen — dan aħna kollu ċħadnieh fil-Magħmudija tagħna u, jekk irridu noħorġu ta' rġiel quddiem Alla, għandna nħossu d-dmir li dawn il-wegħdiet inżommuhom. U verament il-kotra l-kbira tagħna, dan qed jagħmluh: ħadd minna ma jixtieq joffendi lil Alla, u jekk nonqsu, nonqsu mhux għax ħżiena, imma għax dgħajfin. Iżda dan mhux biżżejjed — hemm bżonn nagħmlu xi ħaġa aktar, kif qaltilna l-Knisja bi kliem San Pawl fit-tieni qari tal-lum. U din il-ħaġa aktar hija l-egħmil ta' mħabba ma' kulħadd, hu min hu, ukoll jekk hu l-akbar għadu tagħna. Dan

għaliex hija l-imħabba li tgħatti kotra ta' dnubiet; hija l-imħabba li hi l-qofol tal-perfezzjoni.

Fil-bidu ta' dan l-Avvent imqaddes, li ma' tulu se nħejju ruħna għat-twelid mill-ġdid fostna tal-Mulej Ġesù, f'misteru, inħabirku wkoll biex inħejju ruħna għal meta l-Mulej Ġesù jerġa' jiġi mdawwar mill-qaddisin tiegħu biex jagħmel ħaqq mill-art. Nitolbu għalhekk illum lill-Mulej biex jurina triqatu u jgħarrafna l-mogħdijiet tiegħu ħalli, fil-kobor tat-tjieba tiegħu, jagħtina s-salvazzjoni, u jeħlisna mit-tiġrib kollu li għandna fuqna minħabba li nqasna ħafna mill-ispirtu tal-imħabba, dak l-ispirtu li jmissu jmexxina f'kollox, jekk aħna tassew irridu ngħixu ta' nsara.

**Kemm inqasna mill-imħabba!**

Kemm inqasna mill-imħabba għal xulxin u lejn kulħadd f'dawn l-aħħar żmenijiet! Kemm ippikajna bejnietna! Kemm urejna għira għal xulxin! Kemm għidna kontra xulxin u kasbarna 'l xulxin! Kemm żidna l-firdiet ta' bejnietna! Kemm webbisna rasna u ma ħfirniex lil xulxin. Kemm għalhekk hu meħtieġ li nergħu nitħabbu ma' xulxin, li jkun hemm vera rikonċil-jazzjoni bejnietna- Bħala nsara aħna għandna nkunu appostli ta' rikonċil-jazzjoni bejn l-aħwa, għandna ħabirku b'kull mezz biex dawk li huma mif-rudin minn xulxin jerġgħu jinħabbu bejniethom, dawk li huma miġġieldin jerġgħu jieħdu b'idejn xulxin, u dawk li ma jaħmlux lil xulxin jerġgħu jinħabbu bħal aħwa. Aħna għandna nkunu appostli ta' din il-ħbiberija ġdida ta' bejnietna. Għal dan qiegħda tħabrek il-Knisja Maltija f'dan iż-żmien, f'għaqda sħiħa mal-Knisja kollha. U dan qiegħda tagħmlu taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija, Omm il-ħniena u r-rikonċiljazzjoni bħala tħejjija għall-ġranet ta' Settembru li ġej, ġranet li fihom, flimkien ma' ħutna minn pajjiżi oħra, sejrin nagħtu ġieħ u tifħir lill-Verġni Marija permezz ta' żewġ Kungressi Internazzjonali. Jalla tul dawn ix-xhur li ġejjin, nimxu ħafna 'l quddiem fit-triq tar-rikonċiljazzjoni, biex il-festi li se nagħmlu lill-Verġni Marija ma jkunux biss wirja sabiħa li tpaxxi l-għajnejn, imma xhieda ta' bidu ġdid fil-ħajja tagħna ta' nsara, ħajja ġdida ta' fidi aktar sħiħa, ta' tama aktar qawwija u ta' mħabba aktar imħeġġa.

# TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nagħtu bidu għat-thejjija tagħna biex nilqgħu kif jixraq lill-Mulej Ġesù meta jitwieled mill-ġdid fostna fil-ġranet tal-Milied nitolbu 'l Alla jurina triqatu u jgħarrafna l-mogħdijiet tiegħu biex nimxu fis-sewwa tiegħu u niksbu s-salvazzjoni.

Bierek, Mulej, il-Knisja tiegħek fil-ħidma tagħha biex il-bnedmin kollha jinħabbu ma' xulxin u jgħixu fis-sliem bejniethom.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Saħħaħ il-Knisja Maltija ħa tgħix l-Evanġelju billi l-imġiba kollha tagħna tkun ta' eżempju għall-oħrajn biex iseħħ il-pjan tiegħek għalina.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma tal-bnedmin kollha biex jagħarfu li huma lkoll aħwa għax ilkoll ulied l-istess Missier, ilkol mifdijin mid-Demm għażiż ta' Kristu.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qawwi qalb kull min hu mġarrab mill-hemm u n-niket tad-dinja bil-ħsieb li l-Mulej Ġesù meta jiġi jixxotta kull demgħa minn għajnejhom u jagħtihom hena u faraġ bla qjies.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Wettaqna bil-grazzja tiegħek biex nibqgħu nishru u nitolbu l-ħin kollu u jkollna qdusija bla għajb quddiemek.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla li tista' kollox, uri magħna t-tjieba tiegħek u eħlisna mill-hemm kollu li qiegħed iġarrabna għax inqasna mill-imħabba tiegħek u ta' għajrna: agħtina l-ispirtu tiegħek biex isawwab fina l-imħabba tiegħek, ħa nirbħu kull ma qiegħed jifridna u jagħtina li ngħixu flimkien fis-sliem. Bi Kristu Sidna.

## IT-2 ĦADD TA' L-AVVENT

## INĦEJJU TRIQ IL-MULEJ

### Ħa tikber dejjem aktar fina l-imħabba

Illum ukoll, f'dan it-tieni Ħadd tal-Avvent, il-Knisja terġa' ttenni l-istedina li għamlitilna l-Ħadd li għadda biex ikollna qdusija bla għajb quddiem Alla. Il-Knisja llum qiegħda tistedinna, bi kliem Missierna San Pawl, biex l-imħabba tagħna tikber u tikber dejjem iżjed bil-għerf u b'kull dehen, ħa nistgħu nagħrfu dejjem dak li hu l-aħjar u hekk inkunu nistgħu nidhru safja u bla ħtija quddiem il-Mulej Ġesù, fil-Jum tiegħu, meta jerġa' jiġi, imdawwar mill-qaddisin tiegħu, biex jagħmel ħaqq mid-dinja.

L-imħabba li l-Knisja qiegħda tixtiqilna li tikber dejjem aktar u aktar fina, hija dik l-imħabba li ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna fil-Magħmudija tagħna, u li tad-don tiegħu aħna rċevejna s-siġill fil-Griżma.

Kien Alla stess li tana din l-imħabba, u hu jkompli jkabbarha fina sal-jum li fih inkunu rridu nidhru quddiem Ġesù, biex nirċievu minn għandu l-premju tal-ħajja ta' dejjem. Il-Knisja stess tiżgurana fuq dan bi kliem San Pawl stess. "Jiena żgur minn dan," tgħidilna, "dak li beda din l-opra tajba tal-imħabba fikom iwassalha għat-tmiem tagħha sa ma jasal il-Jum ta' Kristu Ġesù", jiġifieri l-Jum li fih irridu nidhru quddiem Kristu biex jagħmel ħaqq minna.

Minn dan il-ħaqq ma għandniex għax nibżgħu jekk aħna tul ħajjitna kollha ħallejna lill-Mulej imexxina fit-triq tal-imħabba, fit-triq tas-safa u tal-qdusija.

### Inqasna quddiem Alla, imma Hu baqa' jħobbna

Iżda aħna, għaliex bnedmin dgħajfa, mhux dejjem ħallejna l-Mulej Ġesù jmexxina fit-triq tas-sewwa, ma mxejniex mill-mogħdijiet li wriena hu, imma webbisna rasna u fittixna, mhux il-glorja ta' Alla, imma lilna nfusna: tbegħidna mit-triq it-tajba, għawwiġna l-mogħdijiet tagħna, ħallejna l-frugħat u t-tellix tad-dinja tad-dnub ibegħduna mit-triq tas-sewwa, u forsi sibna ruħna mill-ġdid imjassrin mix-xitan, għax riedna aħna, wara li konna ħlisna mill-madmad tiegħu fil-Magħmudija tagħna.

Ġralna bħan-nies ta' Ġerusalem fi żmien il-patt il-qadim. Ġerusalem kienet il-belt ta' Alla; f'nofsha kien igħammar Alla fit-tempju tiegħu; in-nies tagħha Alla għażilhom biex ikunu l-poplu tiegħu u ngħaġ tal-merħla tiegħu. Imma n-nies ta' Ġerusalem għamlu ħwejjeġ mistkerrħa quddiem Alla, warrbuh fil-ġenb, qiemu l-allat tal-ġnus, ma semgħux mit-twiddib li kien jagħmlilhom permezz tal-profeti tiegħu, u għalhekk ġabu fuqhom ħasra kbira — il-belt saret ħerba u nisha ġew imkaxkrin fl-eżilju. Imma Alla jħobb b'imħabba ta' dejjem il-belt tiegħu, il-poplu tiegħu, u permezz tal-profeta ħabbar il-ħelsien lil Ġerusalem: "Qum, Ġerusalem, itla' fil-għoli," iħabbar il-profeta, "Alla jmexxi lil Israel, lill-poplu tiegħek, bil-ferħ, fid-dawl tas-sebħ tiegħu, minħabba fil-ħniena u l-ġustizzja li ħierġa minn għandu."

Hekk jagħmel magħna wkoll. Permezz tal-Knisja tiegħu jħabbrilna żmien ta' maħfra u rikonċiljazzjoni, ta' ħbiberija mill-ġdid miegħu; għax Alla jħobbna u ma jrid lil ħadd minna jintilef għal dejjem. Hu jmexxina bit-tjieba u l-ħniena u jaħfrilna ħtijietna kollha. U dan qiegħed jagħmlu f'dan iż-żmien tal-Avvent, u tul iż-żmien kollu li fih qegħdin inħejju ruħna għall-Kungress Marjani ta' Settembru li ġej. Għalhekk qiegħed jistedinna u, bi kliem il-profeta, jgħidilna: "Ħejju triq il-Mulej, wittu l-mogħdijiet tiegħu, jitniżżlu l-muntanji u titwitta l-art, ħalli kull bniedem jara s-salvazzjoni ta' Alla."

## Inħejju triq il-Mulej

Meta l-profeta Isaija kiteb dan il-kliem kellu quddiem għajnejh biċċa opra tassew ta' l-għaġeb li seħħet fi żmienu: triq li mill-belt ta' Babel kellha twassal sax-xtut tal-Mediterran, triq li kienet tofroq id-deżert, u biex saret kellhom ibaxxu għoljiet u jodorumu widien; f'din l-opra l-profeta ra l-id tal-Providenza ta' Alla, li fetaħ triq fid-deżert biex il-poplu jerġa' lura b'ħeffa kbira mill-eżilju għal pajjiżu mill-ġdid. Din l-opra tal-għaġeb għal-hekk neħħiet kull tfixkil li wieħed seta' jiltaqa' miegħu biex minn Babel jasal bil-ħeffa sax-xtut tal-baħar il-kbir. Dan kollu jgħinna biex nifhmu aħjar xi trid tgħidilna l-Knisja llum, meta tistedinna nwittu t-triq għall-Mulej u nbaxxu l-muntanji u l-għoljiet u nimlew il-widien, ħalli kull bniedem jara s-salvazzjoni ta' Alla.

Taħt ix-xbieha tal-bini ta' triq kbira u sabiħa, il-Knisja tistedinna nibnu triq kbira u sabiħa li twassalna għand il-Mulej. Kif nibnuha din it-triq? Fejn se twassalna? Se twassalna għand il-Mulej, anzi se tiftaħ il-bieb biex il-Mulej bil-ħeffa kollha jiġi għandna u jgħammar fina ħa naraw u ngawdu s-salvazzjoni tiegħu. X'irid isir biex dan iseħħ? Inwittu l-muntanji u l-għoljiet tagħna: jiġifieri ma nkunux aktar suppervi, ma nitkabbrux bina nfusna, nikkoreġu d-difetti tagħna, nitgħallmu ma nieħdux għalina, nistabru b'xulxin. Niddrittaw il-mogħdijiet imgħawġa: jiġifieri nimxu sewwa quddiem Alla u mal-bnedmin dejjem u f'kull okkażjoni, nagħtu 'l kulħadd dak li ħaqqu, nimxu ma' l-oħrajn kif irridu li ħadd ieħor jimxi magħna skond is-sewwa, ma nħallux il-fruġħat tad-dinja, ir-regħba għall-unuri u għall-flus, il-ġenn għall-kumditajiet bla bżonn u l-infiq addoċċ, ibegħduna mit-triq it-tajba billi jġagħluna nonqsu mil-liġi ta' Alla ħa niksbuhom. Naħsbu fl-oħrajn, f'min hu fil-bżonn, f'min hu waħdu, f'min jeħtieġ kelma tajba li tqawwilu qalbu u tferrħu.

Jekk nagħmlu dan kollu, inkunu qegħdin inħejju t-triq tal-Mulej, biex jiġi għandna bil-grazzja u l-barka tiegħu fil-ġranet tal-Milied, u biex jilqagħna fis-saltna tiegħu meta għalina tgħaddi s-sura ta' din id-dinja.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nfaħħru l-Mulej għal dak kollu li għamel għas-salvazzjoni tagħna, nitolbuh bil-ħeġġa kollha ta' qalbna, igħinna nħejjulu t-triq biex jiġi jgħammar fina bil-grazzja u l-barka tiegħu fil-ġranet qaddisa tal-Milied.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tistedinna f'dawn il-ġranet inwittulek it-triq biex tiġi fostna fil-ġranet tal-Milied.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma ta' kull bniedem li hawn fid-dinja biex, bil-għerf u b'kull dehen, ifittex li jgħix fl-imħabba u s-sliem ma' kulħadd.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Qanqal qlub dawk kollha li jinsabu mbegħdin mit-triq it-tajba biex jirbħu kull ma qiegħed iżommhom li jerġgħu lura għandek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Għinna nirbħu n-nuqqasijiet kollha tagħna biex nagħarfu dejjem nagħżlu l-aħjar u nkunu safja u bla tebgħa quddiemek fl-imħabba.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Sawwab fina l-kariżmi ta' l-Ispirtu qaddis tiegħek biex inwasslu l-Bxara tajba lill-imbegħdin u l-faraġ lill-imnikktin billi nwettqu l-pjan pastorali tiegħek għalina.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, aħna qegħdin inħabirku bil-ħeġġa kollha biex ngħixu ħajja aħjar ħa nkunu nistgħu nilqgħuk kif jixraq meta titwieled mill-ġdid fostna fil-ġranet tal-Milied: id-dawwarx ma tiġi f'ruħna biex naraw is-salvazzjoni tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## IT-III ĦADD TAL-AVVENT

## X'GĦANDNA NAGĦMLU BIEX IL-FERĦ TAGĦNA JKUN KBIR

*Ifirħu fil-Mulej*

F'dan it-tielet Ħadd tal-Avvent il-Knisja tistedinna biex nuru l-ferħ tagħna fil-Mulej, għaliex il-Mulej hu fil-qrib, dalwaqt ikun fostna, u l-miġja tiegħu se tkun għalina għajn ta' sliem u hena liema bħalhom.

Din l-istedina tal-Knisja żgur nilqgħuha bil-qalb, għaliex ilkoll kemm aħna nixtiequ nkunu ferħanin u hienja, ilkoll nixtiequ s-sliem u l-hena, ilkoll irridu kieku nbegħdu minna kull ma jnikkitna, idejjaqna, iġarrabna u jweġġagħlna qalbna.

Imma, xi ħadd jista' jistaqsi, kif jista' jkun dan? Mela qatt jista' jkun li l-ħajja fid-dinja tkun nieqsa mill-agħjat, il-hemm, in-niket, it-tbatija, u t-tiġrib? Ħajjet il-bniedem mhix forsi xogħol bilfors fuq l-art? igħidilna t-twajjeb Ġob, Hi tant mimlija niket il-ħajja tagħna li bi nhar nixxenqu għad-dlam tal-lejl biex nistrieħu, u l-lejl narawh ma jispiċċa qatt għax ma jġibilniex mistrieħ.

*Kif se nkunu ferħanin fil-Mulej?*

Dan il-Knisja tafu, u taf ukoll għaliex ħajjet il-bniedem fuq l-art hija kollha tiġrib u niket. U għalhekk, hija u tistedinna nifirħu fil-Mulej, tgħidilna wkoll x'għandna nagħmlu biex il-ferħ tagħna jkun sħiħ minkejja t-tiġrib u n-niket kollu tal-ħajja tal-bniedem fuq l-art; Hi tgħidilna: "Fittxu li l-bnedmin kollha jkunu jafu bil-ħlewwa tagħkom.

"Tħabblu raskom b'xejn.

"Itolbu 'l Alla w uruh x'għandkom bżonn u roddulu ħajr.

"Jekk dan tagħmluh," tkompli l-Knisja, "is-sliem ta' Alla, sliem li jgħaddi kull ma' moħħ il-bniedem jista' jaħseb, iżommilna moħħna u qalbna sħaħ fi Kristu."

Fi kliem ieħor, il-Knisja trid tfakkarna llum li l-hemm u n-niket li hawn fid-dinja huwa kollu ħtija tad-dnub, u meta aħna nżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u ngħixu f'xirka waħda ta' mħabba ma' Alla, aħna ngawdu l-hena u s-sliem fil-Mulej, minkejja l-hemm u d-dwejjaq u t-tiġrib kollu li jdawwarna. X'għandna nagħmlu mela biex neħilsu mit-tiġrib li jiġi fuqna minħabba dnubitena, u jkollna ferħ u hena fil-Mulej?

*Nuru mħabba ma' kulħadd*

Iweġibna San Ġwann Battista stess bit-tweġiba li ta lin-nies li marru jisimgħuh f'xatt il-Ġurdan u li kienu għamlulu l-istess mistoqsija.

Nies ta' kull xorta kienu jmorru jisimgħu 'l Ġwanni jippriedka u jistieden lin-nies ħa jħejju ruħhom għall-miġja ta' Dak li kien aqwa minnu, ta' Dak li hu ma kienx jistħoqqlu jħollu l-qfieli tal-qorq, ta' Dak li kien ġej biex igħammed bl-Ispirtu s-Santu u n-nar, ta' Dak li għandu jiġi jagħmel ħaqq mill-bnedmin kollha u fl-aħħar taż-żminijiet jifred it-tajbin mill-ħżiena, bħalma jiġi mifrud il-qemħ mit-tiben wara l-ħsad, biex il-qamħ jitqiegħed fl-imħażen u t-tiben jinħaraq bin-nar li ma jintefiex.

Lin-nies Ġwanni kien igħidilhom jaqsmu ġidhom u l-ikel tagħhom ma' min ma għandu xejn; lill-pubblikani, lil dawk li kienu jiġbru t-taxxi, kien igħidilhom biex ma jissikkaw 'il ħadd u ma jieħdux minn għand ħadd aktar milli jmisshom jieħdu; u lissuldati kien igħidilhom biex ma jheddu 'l ħadd u lanqas jixlu 'l ħadd b'rapporti foloz biex jeħdulhom ġidhom.

F'kelma waħda San Ġwann kien jistieden lin-nies biex iħobbu 'l xulxin, jgħinu lil xulxin, jagħdru u jħennu u juru tjieba ma' kulħadd, jistabru b'kulħadd. San Ġwann qiegħed jistedinna, bħalma stedinna San Pawl fit-tieni qari tal-lum, biex nuru dejjem ħlewwa ma' kulħadd fl-imġieba kollha tagħna: ma nkunux suppervi, żorri, iebsin ma' ħadd, imma tkun l-imħabba li tqanqal l-egħmil kollu tagħna.

*Nafdaw f'Alla*

Iżda San Pawl igħidilna li jeħtieġ nagħmlu aktar minn hekk: jeħtiġilna wkoll ma nħabbtu rasna b'xejn: ma nħallux it-tħassib iżżejjed għall-ħwejjeġ tad-dinja u r-regħba għall-flus u għall-kumditajiet tal-ħajja, itellfuna l-hena tal-qalb, għaliex Alla jieħu ħsiebna u jipprovdilna kull ma neħtieġu għall-ħajja jekk ifittxu l-ewwel is-saltna u l-ġustizzja tiegħu. Hu jridna ngħidulu x'neħtieġu u nitolbuhulu, u dan, mhux għax ma jafx x'neħtieġu, hu li jaf kollox, imma għall-ġid tagħna, biex nifhmu li waħedna ma għandna ebda ħila ta' xejn, u kollox nistgħu bl-għajnuna tiegħu, u għalhekk inħossu l-ħtieġa li nroddulu ħajr għal kull ma jagħmel magħna.

U l-ewwel radd ta' ħajr tagħna għandu jkun proprju għaliex ħafrilna dnubietna, biegħed minna l-kawża tan-niket u l-hemm kollu tad-dinja: neħħa minn fuqna s-sentenza li kien hemm kontra tagħna minħabba ħtijietna, u għalhekk m'hemm xejn aktar li jista' jbeżżagħna.

Kif il-profeta Sofonija jistieden lill-belt ta' Ġerusalem sabiex tifraħ għax Alla neħħielha l-kundanna li kellha mniħabba ħtijietha u reġġagħha lura għall-ħbiberija miegħu, u reġa' mill-ġdid igħammar f'nofs il-poplu tiegħu, fit-tempju l-ġdid li l-Lhud bnew wara li reġgħu lura mill-eżilju ta' Babel, hekk il-Knisja tistedinna llum biex nifirħu, għaliex il-Mulej Ġesu' bil-mewt tiegħu fuq issalib ħassar b'demmu l-kundanna li kien hemm kontra tagħna, ħabbibna mill-ġdid mal-Missier u seħibna f'imħabbtu.

Nifirħu għalhekk u nithennew illum għaliex Alla jinsab f'nofsna, qiegħed ikellimna, irid iqisna bħala wliedu, u qiegħed isawwab fuqna s-sliem tiegħu, sliem li ebda moħħ tal-bniedem ma jista' jifhem, dak is-sliem li l-anġli se jħabbru lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba mis-sema fil-lejl qaddis tal-Milied minn hawn u ftit ġranet oħra.

Ferħanin fil-Mulej għaliex hu fil-qrib, nitolbuh illum jagħtina s-sliem tiegħu, u jżommna fl-imħabba tiegħu, biex meta jiġi fil-ġranet qaddisa tal-Milied nilqgħuh kif jixraq.

Ibgħat l-Ispirtu qaddis tiegħek fuq il-Knisja biex twassal il-Bxara t-tajba tiegħek lill-fqajrin kollha tad-dinja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Sawwab is-sliem tiegħek fuq id-dinja, biex il-bnedmin kollha jgħixu fis-sliem u l-hena tul ħajjithom kollha.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Agħti d-dehen ta' l-Ispirtu qaddis tiegħek lil dawk li qegħdin iħejju pjan pastorali għalina biex jagħarfu s-sinjali taż-żminijiet.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Ħabbeb mill-ġdid miegħek lil dawk kollha li tbegħdu minnek, u li issa kollhom sogħbiena reġgħu lura fi ħdanek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Qawwilna qalbna biex, kollna ferħana, nersqu lejk nitolbuk kull ma neħtieġu u nroddulek ħajr.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej

Mulej Alla li tista' kollox, ilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum, u fittex ejja fostna biex teħlisna mill-hemm kollu tal-ħajja tagħna fuq l-art u timliena bil-ferħ tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## IT-THEJJIJA GHALL-MIGJA TAL-MULEJ

*X'ħabbru l-profeti u kif seħħ it-tħabbir tagħhom*

Ma' tul din il-ġimgħa ta' qabel il-lejl tal-Milied il-Knisja tistedinna biex magħha ngħixu l-misteri qaddisa li seħħu fd-dinja qabel il-miġja tal-Mulej fostna f'sura ta' ġisem li jmut, misteri mħabbra tul iż-żmien tal-patt il-qadim mill-profeti u li seħħu fil-milja taż-żminijiet.

Il-profeti ħabbru li xebba kellha ssir omm u jkollha iben u li ssemmih Għimmanu-el, li fi lsienna jfisser "Alla magħna"; ħabbru li dan it-tifel kellu joħroġ minn Betlem Efrata, l-iżgħar fost il-familji ta' Ġuda, u kellu jkun rimja mill-għerq ta' Ġesse, missier David, jiġifieri jkun imnissel mis-sultan David; ħabbru wkoll li dan it-tifel se jġib il-paċi u s-sliem fil-ħolqien kollu u jeqred kull xorta ta' ġlied u ta' mibgħeda fost il-bnedmin; ħabbru wkoll li l-miġja ta' dan it-tifel titħabbar minn messaġġier li l-Mulej jibgħat fid-dinja jħejjilu t-triq.

Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat l-anġlu tiegħu għand Żakkarija biex iħabbarlu li fi xjuħitu se jkollu iben li, mimli bl-ispirtu u l-qawwa tal-profeta Elija jreġġa' 'l ħafna għall-għaqal tal-ġusti u jħejji qlub in-nies għall-miġja tas-Salvatur. U Alla bagħat ukoll l-anġlu tiegħu fil-belt ta' Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' Ġużeppi mid-dar ta' David, għand Marija, li kienet hi wkoll min-nisel ta' David, biex iħabbrilha li l-Ispirtu s-Santu ser jinżel fuqha u l-qawwa ta' l-Għoli se tgħattiha, biex dak li jitwieled minnha jkun qaddis u jissejjaħ bin Alla, u jkollu s-saltna ta' David missieru u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.

U meta Marija saret taf mingħand l-anġlu li qaribtha Elisabetta mart Żakkarija, kien se jkollha iben fi xjuħitha, marret iżżurha, u kif daħlet għandha u sellmitilha, it-tarbija qabżet bil-ferħ fi ħdanha, u Elisabetta, mimlija bl-Ispirtu s-Santu sellmet lil Marija bħala l-Imbierka fost in-nisa.

*Il-misteri li qegħdin niċċelebraw*

Huma dawn il-misteri li qegħdin niċċelebraw illum f'dan il-Ħadd ta' qabel il-festa kbira u qaddisa tal-Milied: huma l-misteri, imħabbrin minn Alla permezz tal-profeti tiegħu tul iż-żminijiet li fihom il-bnedmin tad-dinja kienu qed jistennew b'ħerqa liema bħalha l-miġja ta' Salvatur, li jeħlishom mill-miżerja li fiha kienu jinsabu, imjassrin kif kienu mix-xitan, minħabba d-dnub tal-ewwel bniedem.

Huma misteri li kienu jagħmlu parti mill-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja, pjan imfassal sa mill-bidu taż-żminijiet, iżda pjan li kien moħbi f'Alla tul iż-żminijiet kollha imgħoddija u li ġie rivelat lilna minn Ġesu' Kristu stess: il-misteru tal-imħabba ta' Alla għalina, li għażilna f'Ibnu l-waħdieni sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu f-imħabba, iddestinana biex inkunu għalih ulied adottivi tiegħu permezz ta'

Ibnu, Ġesu' Kristu, li taħtu Alla ried li kollox jingħabar kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema.

*Il-pjan tas-salvazzjoni*

Il-pjan tiegħu Alla ħejjieh tul iż-żminijiet: wiegħed Salvatur dak il-ħin stess li ta l-kundanna lill-bniedem minħabba d-dnub tiegħu: keċċieh mill-ġenna ta' l-art, imma fl-istess ħin ħabbarlu ġlieda qalila bejn mara u s-serp tal-infern, bejn nislu u nisilha, ġlieda li tintemm bir-rebħa ta' nisel il-mara li kellu jisħaq ras is-serp tal-infern. Meta wasal il-waqt, Alla sejjaħ lil Abram u għax kien bniedem ġust u emmen fuq li emmen fil-Mulej, sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus: kien il-missier tal-poplu Lhudi, poplu żgħir li Alla għażel għalih biex fih iżomm ħajja u bla mittiefsa l-wegħda tas-Salvatur, u biex minnu jitwieled, fil-milja taż-żminijiet, dak li kellu jeħles il-bniedem mill-jasar tad-dnub u l-mewt.

U waqt li fuq l-art, Alla, fil-provivdenza tiegħu, kien qiegħed imexxi l-ġrajjiet tal-bnedmin lejn il-waqt li fih l-Iben ta' Alla kellu jiġi fid-dinja bħala bniedem biex iseħħ il-pjan tas-salvazzjoni tad-dinja, fis-sema, igħidilna l-kittieb tal-ittra tal-Lhud, Ġesu' kien qiegħed joffri lilu nnifsu lill-Missier b'sagrifiċċju għad-dnubiet tad-dinja, sagrifiċċju li kellu jqaddisna darba għal dejjem: "Hawn jien ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla."

Ir-rieda ta' Alla kienet li jkun hemm tpattija xierqa għall-ħtija li saret bid-dnub tal-bniedem; tpattija xierqa li ebda bniedem ma seta' jagħmilha, u għalhekk Alla, għani fil-ħniena, fil-kobor tal-ġustizzja tiegħu, ried li Ibnu stess jiġi fid-dinja u jkun bniedem bħalna, biex bħala bniedem ikun jista' jidher għalina, u bħala Alla t-tpattija li jagħmel għall-dnubietna li biha tgħabba — hu li ma kienx jaf x'inhu dnub, sar dnub għalina — tkun togħġob u tixraq lil Alla. Ġesu' offra lilu nnifsu b'sagrifiċċju għalina darba għal dejjem u kisbilna l-fidwa u s-salvazzjoni; is-sagrifiċċju tiegħu kien imħabbar mis-sagrifiċċji u l-offerti li kienu jsiru lil Alla mil-Lhud, sagrifiċċji ta' vittmi maħruqa u ta' vittmi għad-dnubiet, li kienu biss xbieha dgħajfa tas-sagrifiċċju wieħed ta' Kristu. Dawn is-sagrifiċċji u l-offerti tilfu t-tifsir kollu tagħhom u s-siwi kollu li kellhom malli seħħ is-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu, u għalhekk ma setgħux jogħġbu aktar lil Alla.

Bis-sagrifiċċju tiegħu l-Mulej Ġesu' reġġa' d-dinja għall-qdusija li kellha fil-bidu, iżda din il-qdusija, biex aħna niksbuha, titlob minna s-sehem tagħna: għalhekk il-Knisja llum stednitna nitolbu u ngħidu lil Alla: Reġġagħna għal li konna, Mulej Alla tagħna. Hija din it-talba li għandna ntennu spiss matul dawn il-ġranet biex inħejju ruħna għal-festi kbar tal-Milied, biex inqimu u nagħtu ġieħ lil Iben ta' Alla li twieled fostna bħala bniedem, ħalli mbagħad bil-passjoni u s-salib tiegħu miegħu nqumu għall-ħajja ta' dejjem.

Ftit ġranet oħra u l-Mulej Ġesù jerġa' jitwieled fostna f'misteru u t-truf kollha ta' l-art jaraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna. Nitolbuh għalhekk bil-ħerqa kollha ta' qalbna: Ejja, Mulej Ġesù.

Ejja, Mulej Ġesù. ħa twettaq il-Knisja tiegħek fil-ħidma tagħha biex twassal is-salvazzjoni tiegħek sa truf l-art kollha.

Ejja, Mulej Ġesù

Ejja, Mulej Ġesù, sawwab fuq id-dinja kollha l-milja tal-ħniena tiegħek u agħtiha l-hena u s-sliem li tant tixtieq.

Ejja, Mulej Ġesù

Ejja, Mulej Ġesù, biex tbiegħed minna d-dlamijiet tal-injoranza u ssaħħaħna bil-għajnuna tiegħek ta' Alla.

Ejja, Mulej Ġesù

Ejja Mulej Ġesù, bierek il-ħidma ta' dawk li qegħdin iħejju pjan ta' ħidma pastorali għal pajjiżna.

Ejja, Mulej Ġesù, u naddaf qalbna minn kull frugħa biex nilqgħuk b'qalbna mħejjija għall-aħjar.

Ejja, Mulej Ġesù

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ejja żurna bid-dija tassebħ tiegħek u agħtina li, b'fidi sħiħa, inqimu l-misteru tas-salvazzjoni. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

**Aħbar ta' ferħ kbir**

Ara, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, li jkun ferħ għall-poplu kollu: illum tweldilkom Salvatur. . . issibuh tarbija mfisqija minduda f'maxtura.' Hekk ħabbru l-anġli dsatax-il mitt sena ilu lir-ragħajja ta' Betlem fil-lejl li fih twieled Ġesu', u hekk qegħdin iħabbru l-anġli lilna llum, għaliex illum ukoll tweldilna s-Salvatur, li hu Kristu l-Mulej, u d-dinja kollha hi mimlija bil-ferħ, għax kulħadd ferħan f'dawn il-ġranet, ukoll in-nies li ma jemmnux, ukoll min mhux nisrani.

Imma l-ferħ tad-dinja f'dawn il-ġranet hu ferħ tassew? It-tlellix u d-dawl u l-festi fid-djar u fit-triqat huma xhieda ta' ferħ tassew fil-Mulej?

Il-ferħ tagħna jkun ferħ tassew fil-Mulej jekk nifhmu x'ifisser għalina llum it-twelid ta' Ġesu', jekk nilqagħu ma' Ġesu' kif ilqagħu milegħu r-ragħajja ta' Betlem fl-ewwel lejl tal-Milied. X'għamlu r-ragħajja, wara li ħallewhom l-anġli? Marru jgħaġġlu lejn Betlehem biex jaraw dak li ġara, dak li l-Mulej għarrafhom bih. Bħalhom għamilna aħna, u ġejna hawn, imsejħin minn Alla stess, permezz tal-Knisja tiegħu, ħa naraw dak li seħħ għalina f'misteru, fil-misteru tat-twelid tal-Iben ta' Alla fostna, bniedem bħalna..

Sabu tarbija ċkejkna, minduda f'maxtura. Imma dik it-tarbija kienet l-Iben ta' Alla, kienet Dak li "għad li kellu n-natura ta' Alla ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla imma xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir, sar jixbaħ lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem" (Fil. 2, 6-7).

L-Iben ta' Alla sar għalina bniedem bħalna, u qagħad għar-rieda tal-bnedmin: beda l-ħajja bħala bniedem fuq l-art b'att ta' obbedjenza għar-rieda ta' Ċesari Awgustu: kien id-digriet ta' dan l-imperatur li wassal biex Ġesu' jitwieled f'Betlehem, fil-belt ta' David, biex hekk iseħħ dak li ħabbar Mikea: "U int Betlehem Efrata, l-iżgħar fost il-familja ta' Ġuda, minnek għad joħroġli dak li għad isaltan fuq Israel". U twieled f'Betlehem f'faqar kbir, u miegħu ma kien hemm ħadd ħlief San Ġużepp u ommu Marija "li fisqitu u medditu f'maxtura għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda". Kemm kien mod ieħor it-twelid ta' dak li kellu jħejjilu triqatu, ta' San Ġwann Battista, li għat-twelid tiegħu f'dar Zakkarija kienu ngabru tant qraba u ħbieb!

**Twieled fil-faqar**

Ġesu' twieled f'faqar kbir biex jgħallimna li l-veru hena jinkiseb bil-faqar tal-ispirtu, għax tal-fqar fl-ispirtu hija s-saltna tas-smewwiet.

Il-faqar li Ġesu' ġarrab fit-twelid tiegħu ġewwa għar f'Betlehem, u tul ħajtu kollha, fil-ħarba tiegħu lejn l-Eġittu, fil-ħajja moħbija f'Nażaret, fiż-żmien li kien jiġġerra mal-Galilija u l-Lhudija u ma kellux "imkien fejn imidd rasu", huma stedina għalina biex neħilsu mill-faqar talqalb li nsibu f'min moħħu biss fih innifsu u ma jimpurtahx mill-ħtiġijiet ta' ħutu fil-bżonn, u mill-faqar ta' min hu mkabbar bih innifsu u jmaqdar lill-oħrajn għax iqies 'il kulħadd agħar minnu; huwa stedina għalina ħa nkunu nixbhu 'l Ġesù fl-imħabba għaċ-ċkejknin, għall-imwarrbin, għall-maħqurin tad-dinja, u ngħinuhom kif kien igħinhom hu. Ma ninsewx għalhekk f'dawn il-ġranet sbieħ 'il dawk ħutna li jinsabu waħed-

hom, li huma morda, li qegħdin ibatu min-nuqqas ta' mħabba ta' ħuthom il-bnedmin. Niftakru fihom u nitolbu għalihom jaqsmu magħna l-ferħ ta' dawn il-ġranet sbieħ!

## Ħabbar is-sliem

Iżda l-Milied mhuwiex biss misteru ta' faqar: huwa wkoll tħabbira ta' sliem. It-twelid ta' Ġesù, kif ħabbru l-anġli, ta glorja lil Alla fl-għoli tas-smewwiet, u sliem fl-art għall-bnedmin ta' rieda tajba. Għaliex Ġesù huwa l-Prinċep tas-sliem li ġie fid-dinja biex jerġa' jħabbeb l-art u s-sema, biex iħabbeb mill-ġdid il-bnedmin ma' Alla u bejniethom. Kemm hi meħtieġa din il-ħbiberija mill-ġdid bejnietna u ma' Alla llum!

Id-dnub li jifridna minn Alla u jfarrak ix-xirka tal-imħabba li torbotna flimkien fi Kristu, dejjem aktar qed jokbor fid-dinja, u ħtija taddnub, fid-dinja qed issaltan l-vjolenza, il-ġlied, il-firdiet, l-għira u l-mibegħda. It-twelid ta' Ġesù fostna llum f'misteru huwa għalhekk sejħa biex nirbħu d-dnub li jinsab fina u madwarna: Hu li sar dnub għalina, għalkemm ma kienx jaf x'inhu dnub, iwettaqna llum bil-grazzja tiegħu ħalli nirbħu l-ħażen kollu u l-ġibdiet tad-dinja, u nwarrbu minna kull ma jifridna biex ngħixu bir-rażna u l-ġustizzja u t-tjieba tul ħajjitna fid-dinja, u hekk ingawdu s-sliem li tant nixtiequ.

## Tana d-dinjità' ta' wlied Alla

Konna sa issa poplu miexi fid-dlamijiet tad-dnub, konna nies noqogħdu f'art id-dlamijiet tal-qerq u l-ħażen, imma bil-miġja tal-Mulej fostna bħala bniedem, idda fuqna dawl tal-għaġeb u feġġet għalina t-tjieba t'Alla s-Salvatur tagħna u l-imħabba għalina l-bnedmin: rajna l-grazzja tiegħu li tat is-salvazzjoni lill-bnedmin kollha. Fil-milja taż-żminijiet, wara li Alla ħafna drabi u b'ħafna manjieri kien kellem il-bnedmin permezz talprofeti, kellimna permezz ta' Ibnu stess, li sar bniedem bħalna biex aħna l-bnedmin niksbu d-dinjità' ta' wlied Alla.

Hawn hu l-qofol tal-misteru tal-Milied; din hi r-raġuni tal-ferħ kollu tagħna fil-Mulej. Bil-miġja ta' Kristu fid-dinja m'aħniex aktar qaddejja, imma ħbieb ta' Alla, anzi wlied adottivi ta' Alla: sirna l-milfdijin tal-Mulej, il-poplu qaddis tiegħu; ksibna twelid ġdid u tiġdid mill-Ispirtu s-Santu bil-ħasil tal-Magħmudija; sirna werrieta, flimkien ma' Kristu stess, tas-saltna tas-sema.

Niftakru dejjem f'din id-dinjità' li ksibna permezz tat-twelid ta' Ġesù', u noqogħdu attenti li qatt ma nitilfuha billi nerġgħu lura għall-ħajja tad-dnub, tal-qerq u tal-ħażen.

Jalla d-dawl ġdid li idda fuq id-dinja fil-lejl qaddis ta' dan il-Milied, jimliena bid-dija tiegħu biex il-fidi tagħna tiddi fil-ħajja kollha tagħna u bil-ħeġġa kollha nimxu 'il quddiem fit-triq li twassalna għall-milja talhena fis-sema pajjiżna.

Infaħħru minn qalbna llum lill-Verb ta' Alla li kien qabel kull żmien u llum twieled mill-ġdid għalina, ħa jkollna s-salvazzjoni, u b'qalbna mimlija bil-ferħ nitolbuh u ngħidulu:

F'ġieh twelidek, Mulej, għin lil dawk li int fdejt

Mulej Ġesù, fit-twelid tiegħek, int urejtna l-kobor bla qjies ta' l-imħabba ta' Alla għalina: agħmel li l-bnedmin jitgħallmu minn għandek kif igħixu fl-imħabba ta' xulxin.

F'ġieh twelidek, Mulej, għin lil dawk li int fdejt

Mulej Ġesù, meta sirt bniedem bħalna int tajt dinjità ġdida lin-natura tagħna l-bnedmin: biegħed mill-bnedmin l-ebusija tal-qalb, i-mibegħda u l-għira ħa jkunu lkoll ħolqien ġdid fik.

F'ġieh twelidek, Mulej, għin lil dawk li int fdejt

Mulej Ġesù, int l-Iben ta' Alla li jista' kollox ridt titwieled fil-faqar u l-miżerja: ħares l-innoċenza tat-tfal Maltin kollha u agħtihom li jikbru f'imħabbtek.

F'ġieh twelidek, Mulej, għin lil dawk li int fdejt

Mulej Ġesù, fid-dar ta' Nazaret int kont toqgħod għal dak li kienu jridu ommok Marija u San Ġużepp: agħmel li l-Maltin kollha jagħarfu x'inhi d-dinjità u x'inhuma d-dmirijiet tal-ġenituri nsara.

F'ġieh twelidek, Mulej, għin lil dawk li int fdejt

Mulej Ġesù, it-twelid tiegħek ħabbruh l-anġli u r-ragħajja ġew iżuruk: sejjaħ għandek f'dawn il-ġranet il-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

F'ġieh twelidek, Mulej, għin lil dawk li int fdejt

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla ħaj, inroddulek ħajr illum għaliex għoġbok issir ħuna biex aħna nsiru wlied Alla: iġbidna lejk bil-qawwa ta' mħabbtek u kun is-Salvatur tagħna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## Il-familja ta' Nażaret

"U t-tifel baqa' jikber u jitqawwa u jimtela bil-għerf u l-grazzja ta' Alla kienet fuqu". B'dawn l-erba' kelmiet San Luqa jurina x'kienet il-ħajja moħbija ta' Kristu fid-dar ta' Nazaret sa ma wasal iż-żmien biex jibda l-missjoni tiegħu li jxandar il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni u jistieden il-bnedmin għall-indiema. Ħajja moħbija, imma ħajja ta' tagħlim kbir għalina, għaliex aħna bħala nsara għandna nfittxu li l-familji tagħna jkunu kollha kemm huma xbieha tal-familja ta' Nazaret, il-familja ta' Ġesu', Marija u Ġużeppi.

X'inhu l-qofol tal-eżempju li tagħtina l-familja ta' Nazaret? Kienet familja fejn kienu jsaltnu s-sliem, il-barka u l-għaqda: Marija, kollha medhija fix-xogħol tad-dar, kienet iżżomm sewwa f'qalbha kull ma kienet qiegħda tara jseħħ madwarha f'binha Ġesu', u kienet toqgħod taħseb fuqu bejnha u bejn ruħha u taqsam ma' żewġha l-hemm u l-ferħ ta' kull ġurnata; Ġużeppi, il-ma's'rudaxxa fqajjar li Alla għażel bħala missier putattiv ta' Ibnu magħmul bniedem, fis-skiet kien ifittex jaqla' l-ħobża ta' kuljum biex igħajjex lil Marija u 'l Binha; u Ġesu', tfajjel obbedjenti, l-iżgħar wieħed fosthom, imma s-Sultan ta' dejjem u l-Prinċep tas-sliem, minn qalbu kien jobdi u jaqdi lil Marija u lil Ġużeppi, l-istess qaddejja tiegħu. Kienet familja, dik ta' Nazaret, li fiha kienet issaltan l-imħabba ta' Alla, kienet familja li dejjem fittxet li tagħmel ir-rieda ta' Alla u tħares il-kmandamenti tiegħu; kienet fuq kollox familja li fiha kien igħammar Kristu.

## Kristu jgħammar fil-familja nisranija

Mela jekk irridu li l-familji tagħna jkunu tassew xbieha tal-familja ta' Nazaret, jeħtieġ li Kristu jkun jgħammar fil-familji tagħna; u Kristu jgħammar fil-familji tagħna jekk inħarsu l-kmandamenti tiegħu, jekk inkunu bħal Ġesu' li meta daħal fid-dinja qal lil Missier: "Hawn jien ġejt nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla"; Kristu jgħammar fostna jekk nagħmlu dejjem dak li Alla jrid minna, jekk ngħixu fl-imħabba ta' xulxin.

L-imħabba ta' xulxin fil-familja tfisser li l-ġenituri u l-ulied u l-aħwa bejniethom iħobbu verament 'il xulxin għax kull ma jagħmlu, jagħmluh mhux għall-interess jew għal xi qligħ imma għaliex huma familja waħda, huma qalb waħda bejniethom, lesti biex jaqdu 'l xulxin u jissagrifikaw lilhom infushom għal xulxin bil-ġenerożita' kollha ta' qalbhom, jaqsmu flimkien il-ferħ u n-niket tagħhom u jagħdru u jistabru b'xulxin meta jkun meħtieġ; hekk il-familja stess issir għalihom skola fejn jitħarrġu ħa jitgħallmu jġibu ruħhom mal-barranin bħal aħwa fi Kristu.

Iżda wieħed jista' jgħid li dawn kollha huma ħwejjeġ sbieħ ħafna, imma llum dan ma jistax ikun, għax il-ħajja tal-lum bla ebda mod ma tgħin biex ikollna din is-sura ta' familja.

Veru li llum hawn familji li fihom ma hemm ebda rabta ta' mħabba u ta' għaqda bejniethom, qisu kulħadd qiegħed igħix għal rasu, għalkemm taħt l-istess saqaf. Imma dan ġej mill-fatt li ġewwa familji bħal dawn ma hemmx Kristu, u minnhom imbiegħed għal kollox l-ispirtu ni-

srani: ma għandhomx aktar dak il-biża' ta' Alla li naraw fil-familja ta' Samwel li tuqha smajna fl-ewwel qari tal-lum: kien hemm vera mħabba bejn Elkana u martu Anna, u kif kien jitnikket magħha meta ma kellhiex tfal, hekk feraħ magħha meta Alla taha 'il Samwel u magħha tela' fit-tempju jrodd ħajr lil Alla u jagħti 'l ibnu lill-Mulej.

Mela x'jeħtieġ li jsir biex il-familji tagħna jgħixu fil-biża' ta' Alla u jgħożżu fihom l-ispirtu nisrani ħa jkunu tassew xbieha tal-familja ta' Nazaret?

**Il-familja nisranija: xbieha tal-Knisja fid-dar**

Qalulna l-Papa fl-it xhur ilu fl-esortazzjoni appostolika tiegħu dwar il-familja. Jekk irridu l-barka ta' Alla fuq il-familji tagħna, biex fihom isaltnu s-sliem u l-għaqda jeħtieġ li kull familja tagħna tkun xbieha tal-Knisja fid-dar.

X'ifisser dan?

Il-knejjes huma d-djar tat-talb, huma l-għamara tal-Mulej f'nofs il-poplu tiegħu: fihom ninġabru f'jum il-Mulej biex bħala l-poplu tiegħu aħna nagħtuh it-tifħir u l-qima tagħna. Id-djar tagħna wkoll għandu jkunu djar tat-talb: mhux djar tat-talb tal-poplu kollu ta' Alla, imma djar tat-talb tal-familja, bħala familja, li tgħix f'dik id-dar. Nagħmlu djarna djar ta' talb għall-familji tagħna, meta l-membri kollha tal-familja jitolbu flimkien: ir-raġel u l-mara flimkien, il-ġenituri u l-ulied flimkien. L-għaqda flimkien fit-talb fi ħdan il-familja jitolbu l-istess sagrament taż-żwieġ li bih ir-raġel u l-mara jsiru ġisem wieħed ħa jissieħbu ma' Alla biex ikun hemm bnedmin ġodda fid-dinja, u hekk ikun hemm familja sħiħa ta' ġenituri u wlied. Meta l-membri tal-familja jkunu jitolbu flimkien, iseħħ b'mod speċjali dak li l-Mulej Ġesu' qal: "Ngħidilkom ukoll li jekk tnejn minnkom fuq l-art jgħollu leħenhom flimkien biex jitolbu xi ħaġa, Missieri li hu fis-smewwiet jagħtihielhom, għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġburin f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom".

Il-familja tkun dar tat-talb għaliex fi ħdan il-familja l-ġenituri jgħallmu 'l uliedhom jitolbu u jissieħbu magħhom u hekk jonqxu fil-fond tal-qalb ta' wliedhom sinjal li, jiġri x'jiġri wara, xejn ma hu se jħassru.

Kull ma jiġri fil-ħajja tal-familja hu sejħa minn Alla għat-talb tal-familja flimkien; il-ferħ u t-tbatija, it-tamiet u n-niket, it-twelid u egħluq is-snin, għażliet importanti fil-ħajja, il-mewt ta' xi ħadd għażiż huma l-aqwa mumenti li fihom il-familja kollha trodd ħajr lil Alla jew titolbu l-għajnuna u l-faraġ u turi fiduċja sħiħa fih.

Hu fi ħdan il-familja li l-ġenituri u l-ulied iħejju ruħhom flimkien ħa jissieħbu fil-liturġija tal-Knisja; l-ulied jitgħallmu jkunu nies ta' talb bid-drawwa tat-talb ta' filgħodu u ta' filgħaxija, tat-talb qabel u wara l-ikel, bil-qari tal-Kelma ta' Alla, bil-konsagrazzjoni tal-familja lill-Qalb ta' Ġesu', bil-ħarsien tad-devozzjonijiet proprji tal-familja li tkun, u bir-Rużarju, li għall-mijiet tas-snin kien u għandu jibqa' jkun it-talba flimkien ta' kull familja nisranija.

Jekk il-familji tagħna jagħmlu djarhom verament djar ta' talb, Kristu jkun igħammar fosthom, kif kien igħammar fid-dar ta' Nazaret, u jagħmel id-djar tagħna xbieha vera tal-familja ta' Nazaret, fejn tikber kull virtu' u jkun hemm għaqda, barka u sliem.

Naduraw illum lill-Mulej Ġesù li għoġbu jsir iben ta' familja tal-bnedmin u nitolbuh u ngħidulu:

Mulej Ġesù, qaddes il-familji tagħna

Mulej Ġesù, ieqaf mal-Knisja hija u tnissel, tgħallem u tibni l-familja nisranija biex taqdi l-missjoni tagħha ta' salvazzjoni li rċeviet mingħand il-Mulej.

Mulej Ġesù, qaddes il-familji tagħna

Mulej Ġesù, dawwal il-fehma ta' kull min għandu xi setgħa fid-dinja biex ma jagħmel ebda liġi li tista' thedded is-sħuħija u l-qdusija tal-familja.

Mulej Ġesù, qaddes il-familji tagħna

Mulej Ġesù, agħmel li l-familji tagħna jkunu djar ta' talb biex iqaddsu lilhom infushom u hekk iqaddsu l-komunità tal-Knisja u d-dinja.

Mulej Ġesù, qaddes il-familji tagħna

Mulej Ġesù, kabbar kull virtu' fil-familja tagħna ħalli fihom isaltnu s-sliem, l-għaqda, il-barka u l-imħabba.

Mulej Ġesù, qaddes il-familji tagħna

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int ħabbejt b'imħabba kbira lil Ommok Marija u lil San Ġużepp u sawwabt fuqhom kotra ta' grazzja u ta' barka: sawwab fuq il-familji kollha tagħna llum, b'sinjal ta' mħabbtek, kotra ta' barka u sliem, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## L-EWWEL TAS-SENA
## DJALOGU GHALL-PAĊI TAĠT IL-HARSIEN TA' MARIJA

**Omm Alla**

Ta' kull sena, tmint ijiem wara l-festa kbira u għażiża tal-Milied, il-Knisja tistedinna biex nagħtu ġieħ lill-Verġni Marija bħala dik li tat lid-dinja l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina. "Meta waslet il-milja taż-żminijiet", qaltilna l-Knisja llum bi kliem Missierna San Pawl, "Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja, imwieled minn mara, imwieled skond il-liġi". Erba' kelmiet li fihom jiġbru l-qofol tal-misteru tal-Maternita' tal-Verġni Marija. Ġesu' twieled minn mara, mill-Verġni Marija, kif jitwieled kull bniedem li jiġi fid-dinja. Għalkemm Marija ma għarfitx raġel, imma nisslet fi ħdanha u saret omm bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, Ġesu' twieled bħalma jitwieldu l-bnedmin kollha, Marija saret omm meta wildet 'il Ġesu' f'għar f'Betlehem, fisqitu u qegħditu f'maxtura: hemm sabuh ir-ragħajja, meta telqu mill-għoljiet fejn kienu jirgħu n-ngħaġ tagħhom u marru jgħaġġlu ħa jaraw dak li kien seħħ kif ħabbrilhom l-anġlu tal-Mulej. U tmint ijiem wara, kif kienet titlob il-liġi tal-Lhud, lil Ġesu' għamlulu ċ-ċirkonċiżjoni, u Ġużeppi, l-għarus ta' Marija, semmih Ġesu' kif kien ordnalu l-anġlu meta kien dehrlu fil-ħolm u serraħlu rasu billi rrivelalu l-misteru tal-inkarnazzjoni, u qallu: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' teħu 'l Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben u int issemmih Ġesu' għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom". L-anġlu ta s-setgħa lil Ġużeppi li jagħti l-isem lit-tarbija li kellha titwieled minn Marija u hekk urieh li Alla kien għażlu biex ikun il-missier putattiv ta' Ġesu': fost il-Lhud kien dritt il-missier li jagħti l-isem lit-tarbi li jitwildulu.

**Il-missjoni ta' Ġesu'**

Ġesu' twieled minn mara, twieled skond il-liġi biex isalva lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni. F'erba' kelmiet oħra San Pawl jiġbor il-missjoni kollha li għaliha l-Iben ta' Alla ġie fid-dinja u sar bniedem bħalna. Ġesu' ġie fid-dinja biex jeqred id-dnub mid-dinja; hu li ma kienx jaf x'inhu dnub, sar dnub għalina, biex isammar mas-salib il-kont tad-dejn li kellna ma' Alla minħabba dnubietna u jħassru b'demmu stess; Ġesu' fdiena mill-jasar tad-dnub u l-mewt, mhux biss, imma kisbilna mill-ġdid dik id-dinjita' li biha Alla kien żejjen il-bniedem fil-ħolqien, dinjita' li l-bniedem kien tilef bid-dnub: id-dinjita' ta' wlied Alla, id-dritt li nissejħu wlied Alla u nkunu hekk tassew: Alla jerġa' jqisna wliedu, aħwa ma' Kristu, werrieta tas-sema flimkien ma' Kristu. Bi Kristu, m'aħniex aktar ilsiera tad-dnub u l-ħażen, imma wlied adottivi ta' Alla, li, bil-qawwa kollha ta' mħabbitna, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, lil Alla nistgħu nsejħulu "Missier".

**Il-ferħ tagħna llum**

Għandniex għaliex nifirħu llum! Għandniex għaliex infaħħru u nagħtu ġieħ lill-Verġni Marija, li biha l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna u huna! Għandniex għax inroddu ħajt lil Alla llum għal dan is-sinjal kbir ta' mħabbtu għalina! Għandniex għax nifirħu 'l xulxin għal din il-kotra ta' barka, u ta' ħniena u ta' sliem u ta' mħabba li Alla għoġbu jxerred illum fuq kull bniedem li hawn fid-dinja!

Għalhekk il-Knisja llum, fl-ewwel qari, xtaqitilna kull ġid u barka għad-dinja kollha: jalla tħaddar fid-dinja l-ġustizzja u jkun hemm sliem kotran għal kulħadd kemm itulu ż-żminijiet!

Dawn huma x-xewqat tajba li qiegħda tagħtina l-Knisja llum. Dawn huma x-xewqat tajba li f'kull imkien fid-dinja, il-bnedmin qegħdin jagħtu 'l xulxin.

Imma, nistaqsu, dawn ix-xewqat tajba ta' sliem u ta' ġid huma xewqat tassew jew huma biss xewqat fiergħa? Kull sena tennejnihom dawn ix-xewqat tajba ta' ġid u sliem, imma x'urewna l-fatti? Ġrajjiet traġiċi, vjolenza, ġlied, gwerer, qtil, nies igħibu u ħadd ma jisma' aktar fuqhom! Imbagħad tant opportunitajiet għall-ftehim li jtiru mar-riħ, tant konferenzi internazzjonali għall-paċi u għat-tnaqqis u għall-kontroll tal-armi qerrieda tal-gwerra li ma jaslu mkien. X'inhi r-raġuni ta' dan kollu?

**Ħtieġa ta' djalogu fid-dinja**

Tul is-sittax-il sena li għaddew, il-Papiet, kull l-ewwel tas-sena, filmessaġġi tagħhom għall-Jum il-Paċi dejjem qalu li l-paċi vera trid tim-bena fuq il-ġustizzja u l-imħabba ta' xulxin, li l-paċi hija d-don ta' Alla, imma don fdat lilna, u għalhekk il-paċi hi responsabbilta' tagħna lkoll, responsabbilta' li ma nistgħux naħarbu minna. Dan ifisser li hu dmir tagħna li nħabirku għall-paċi. Issib min igħidlek li dan id-dinja qiegħda tagħmlu, u qiegħda tagħmlu b'ħerqa kbira. Veru li qegħdin isiru ħafna diskussjonijiet u ħafna laqgħat u ħafna konferenzi għall-paċi u d-diżarm: imma qiegħed isir veru djalogu fid-dinja? Il-veru djalogu jrid ikun sinċier, bla ebda ħabi ta' xejn; irid ikn hemm il-fiduċja f'xulxin, irid ikun hemm l-għaqal u t-tjieba u sforz kbir biex wieħed jifhem lil ieħor. U dan id-djalogu veru kemm-il darba hu nieqes fid-diskussjonijiet u l-konferenzi u l-laqgħat li jsiru għall-paċi.

Id-djalogu, għall-paċi, qiegħed igħidilna l-Papa llum, hu sfida għad-dinja ta' żmienna. Sfida biex id-dinja turi ċar u sinċerament li ma tridx aktar il-vjolenza, li tiċħad l-użu tal-forza biex tikseb dak li trid. Sfida biex twarrab diskors vojt li jaħbi ħafna ħsibijiet li ma jkunux veramenti ħsibijiet ta' sliem imma aktarx ħsibijiet ta' ħsara u ta' egoiżmu. Sfida biex jinbeda djalogu veru, bl-onestà u s-sinċerità kollha, bla ebda ħabi: hekk biss jistgħu jiġu megħluba bla ebda ġlied id-differenzi li jkun hemm, u tiġi sgurata l-paċi fi żmienna. Djalogu vera li qatt ma għandu jieqaf, djalogu fi spirtu ta' mħabba bejn l-aħwa, b'rispett għal xulxin: djalogu fl-oqsma kollha tal-ħajja tal-bniedem fid-dinja, fi ħdan il-familji, bejn nies ta' etajiet differenti, bejn gruppi soċjali differenti, bejn popli u nazzjonijiet, bejn nies ta' reliġjon jew ta' ideoloġija differenti. Din hi l-isfida li għandha quddiemha d-dinja llum. Jalla tilqagħha!

Bħala nsara hu dmir tagħna, f'dan l-ewwel jum ta' sena ġdida, nitolbu u ma nieqfu qatt nitolbu, biex isehh veru djalogu fid-dinja ħalli l-paċi u s-sliem li ħabbru l-anġli fit-twelid ta' Ġesu' jseħħu tassew fid-dinja. U din it-talba tagħna noffruha permezz tal-Verġni Marija, Omm Ġesu', il-Prinċep tas-sliem u s-Salvatur tad-dinja.

## TALBA TAL-FIDILI

F'dan il-bidu ta' sena ġdida nitolbu 'l Alla jseddaq ħajjitna fis-sliem, jeħlisna minn kull tiġrib u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.

Wettaq, Mulej, il-Knisja tiegħek biex twassal is-sliem tiegħek lid-dinja kollha.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħmel li l-ġnus u n-nazzjonijiet kollha jaslu għal djalogu veru bejniethom ħalli l-bnedmin kollha jgħixu fil-paċi ħajjithom fuq l-art.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Żomm bogħod mid-dinja kull xorta ta' vjolenza, ġlied, gwerer, inkwiet, u niket u agħmel li l-bnedmin kollha jgħixu flimkien bħal aħwa.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Għallimna nfittxu djalogu veru fir-relazzjonijiet tagħna ma' l-oħrajn kemm fi ħdan il-familja, kemm fuq ix-xogħol u f'kull okkażjoni oħra.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, Ġesù twieled għalina biex aħna nkunu wlied adottivi tiegħek: bit-talb tal-Verġni Marija, agħtina l-grazzja li nġibu ruħna bħala wliedek u ngħixu fis-sliem ma' kulħadd. Bi Kristu Sidna.

## L-EPIFANIJA TAL-MULEJ

### Xi tfisser l-Epifanija

"Illum", tgħidilna l-Knisja fil-liturġija tagħha, "il-maġi raw il-kewkba u bdew igħidu lil xulxin: Dan huwa s-sinjal tas-Sultan il-kbir: immorru nfittxuh u noffrulu rigali ta' deheb, inċens u mirra". Dan il-kliem ifakkarna f'waħda mill-isbaħ ġrajjiet tat-tfulija ta' Ġesu', il-ġrajja tas-slaten maġi.

Imma din il-ġrajja hekk sabiħa x'tista tfisser għalina, għan-nies li qegħdin ngħixu fiż-żminijiet tallum? Ikolna twieġiba għal din il-mistoqsija jekk nagħarfu xi tfisser sewwa l-kelma "Epifanija". Hija kelma griega li tfisser "manifestazzjoni", jiġifieri "turi min int", u l-Knisja, fil-festa tal-Epifanija, turina l-misteru tar-rieda ta' Alla, il-pjan li hu fassal sa mill-bidu u li kellu jseħħ fil-milja taż-żmenijiet, pjan li ma kienx mgħarraf lil-bnedmin fil-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija, imma li ġie rivelat lilna minn Kristu stess.

X'inhu dan il-misteru? Iwieġibna San Pawl u jgħidilna li l-misteru hu Kristu stess, u l-Knisja llum qiegħda tistedinna biex niltaqgħu mal-Mulej Ġesu' ħalli hu, kif wera ruħu lill-maġi meta marru jżuruh mil-lvant disatax-il mitt sena ilu, hekk illum juri ruħu lilna bħala s-Salvatur u l-feddej tagħna, Alla magħmul bniedem għalina, biex aħna neħilsu mill-jasar tad-dnub u nsiru wlied adottivi ta' Alla.

### Ir-rigali tagħna

Il-maġi, meta waslu Betlehem u daħlu fid-dar fejn kien hemm Ġesu', sabuh ma' ommu Marija, u offrewlu d-doni tagħhom, deheb, inċens u mirra. Bid-doni tagħhom il-maġi riedu jistqarru li fit-tarbija ċkejkna li Marija kellha f'ħoġorha, huma kienu jaraw lil Alla magħmul bniedem, is-sultan tal-ħolqien kollu, u jroddulu ħajr għaliex għoġbu jsejjħilhom, permezz ta' kewkba ħalli jiġu mil bogħod iqimuh, l-ewwel nies minn fost il-pagani. Dan għaliex is-sejħa tal-maġi wriet il-kobor kollu tal-misteru tas-salvazzjoni: jiġifieri Kristu ġie fid-dinja għall-pagani wkoll; il-ġnus kollha ta' l-art kienu msejħin biex jaraw is-salvazzjoni ta' Alla; il-bnedmin kollha se jkollhom sehem mill-wirt tas-sema u jkunu membri tal-Ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja.

Aħna wkoll illum ġejna hawn, bħall-maġi, biex noffru r-rigali tagħna lill-Mulej Ġesu' u nroddulu ħajr għax għoġbu juri lilna l-misteru tas-salvazzjoni meta tana twelid ġdid u tiġdid fl-Ispirtu s-Santu permezz tal-Magħmudija. Mhux se noffrulu deheb, inċens u mirra, imma, minflok, se noffrulu dak li jfissru: il-qima tagħna, l-egħmejjel tajba tagħna, l-offerta tagħna nfusna, ta' ħajjitna kollha fid-dinja, imsoffija minn kull tinġis u tidnis tad-dnub permezz taċ-ċaħdiet u s-sagrifiċċji li titlob minna s-sejħa tagħna ta' nsara fid-dinja tallum.

Imma dan x'ifisser?

## Xi tfisser l-offerta tagħna

Ġejna għand Ġesu' llum mhux kull wieħed għal rasu, imma bħala membri tal-poplu tiegħu, bħala Knisja; l-offerta tagħna qegħdin nagħmluhom mhux kull wieħed għal rasu, imma flimkien f'xirka waħda ta' mħabba. U Ġesu' qiegħed juri ruħu lilna bħala l-poplu li hu kiseb għalih, bħala l-Knisja tiegħu, u qiegħed jafda f'idejna, bħala l-Knisja tiegħu, il-missjoni li nwasslu t-tagħrif tal-misteru tas-salvazzjoni tiegħu lil dawk kollha li għad ma jafux bih. Għalhekk l-offerta tagħna llum lil Ġesu' tfisser li kif hu meta daħal fid-dinja qal lill-Missier: "Hawn jien ġejt nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla", hekk aħna qegħdin illum ngħidu lil Ġesu': "Hawn aħna ġejna biex nagħmlu r-rieda tiegħek!" U r-rieda ta' Ġesu' hi li l-bnedmin kollha jsalvaw, imma jrid li aħna lkoll, bħala membri tiegħu, jkolna sehem fis-salvazzjoni tad-dinja.

Dan aħna nagħmluh bix-xhieda li rridu nagħtu kull jum ta' ħajja verament nisranija, mhux biss meta nkunu l-knisja, mhux biss bejn l-erba' ħitan ta' djarna, imma fil-beraħ, fil-ħajja tagħna ta' kull jum fid-dinja.

## X'tistenna minna d-dinja llum

Id-dinja llum, imġarrba kif inhi minn tant vjolenza, minn tant tiġrib, minn tant għira u mibgħeda, hi mxennqa għal xi tħabbira ta' sliem ta' paċi, ta' mħabba. U aħna l-insara biss nistgħu nagħtu dan l-aħbar, għaliex lilna ġie fdat is-sliem ta' Kristu u aħna ġarrabna l-imħabba ta' Alla u għarafna x'inhi. U s-sliem u l-imħabba li d-dinja tant tixtieq, aħna nagħtuhomlha jekk fostna ikun hemm is-sliem, jekk aħna xirka waħda ta' mħabba. Hu dmir tagħna għalhekk li nqawwu dejjem aktar fostna spirtu ta' rikonċiljazzjoni u ta' mħabba u ngħożżu fina sentimenti ta' mogħdrija, ħniena, tjieba, sabar u ħlewwa. Qegħdin fi żmien ta' tiġdid spiritwali, qegħdin inħabirku biex ngħixu ħajja aħjar, aktar tixraq l-isem li nġibu ta' nsara. Infittxup mela nilqgħu s-sejħa li qiegħed jagħmlilna l-Mulej biex bl-imġieba kollha tagħna, lill-bnedmin kollha li magħhom niltaqgħu fil-ħajja tagħna ta' kuljum, nuruh bħala l-Prinċep tas-sliem, u bħala dak li fdiena u jibqa' jifdina minn kull tiġrib tal-ħażen, minn kull hemm, min kull niket.

Imbagħad iva jseħħ dak li ħabbar il-profeta u li smajna fl-ewwel qari tallum. "Qum! Ħa jiddi wiċċek, Ġerusalem! għax is-sebħ tal-Mulej qiegħed jiddi fuqek u qiegħed iħarrab is-sħab iswed tal-ħażen u d-dlamijiet tad-dnub li qegħdin jiksu l-art." Minna, mill-imġiba kollha tagħna skond it-tagħlim tal-Evanġelju, jiddependi l-ġejjieni ta' sliem u paċi għad-dinja kollha, tal-veru sliem li jisboq kull ma l-moħħ tal-bniedem jista' jaħseb, ta' dak is-sliem li Kristu biss jista' jagħtih, ta' dak is-sliem li Kristu jrid li nkunu aħna li wassluh lid-dinja kollha.

# TALBA TAL-FIDILI

Illum il-maġi ġew jagħtu qima lill-Mulej Ġesù u joffrulu r-rigali tagħhom: nagħmlu bħalhom illum u bil-ferħ kollu ta' qalbna nqimuh aħna u nitolbuh u ngħidulu:

Ha jiddi fuqna d-dawl tiegħek, Mulej

Mulej Ġesù int ridt li l-Knisja twassal id-dawl tiegħek lil kull bniedem li hawn fid-dinja: agħmel li nagħarfu li bħala membri tal-Knisja aħna msejħin biex inkunu dawl għad-dinja bl-imġiba kollha tagħna.

Ha jiddi fuqna d-dawl tiegħek, Mulej

Mulej Ġesù, fil-kobor ta' mħabbtek għalina int ridt teħles il-bniedem mill-jasar tad-dnub: agħtina l-grazzja li nkunu xhieda ta' mħabbtek quddiem id-dinja biex niġbdu lejk il-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

Ha jiddi fuqna d-dawl tiegħek, Mulej

Mulej Ġesù, int ġejt biex teqred il-qerq u l-ħażen: mexxi l-poplu kollu tiegħek fit-triq tal-qdusija biex jegħleb il-ħażen kollu li hawn fid-dinja.

Ha jiddi fuqna d-dawl tiegħek, Mulej

Mulej Ġesù, int ridt li l-ġnus kollha ta' l-art jaraw is-salvazzjoni tiegħek: qanqal fostna ħafna qlub ġenerużi lesti biex ikunu appostli ta' l-Evanġelju kull fejn huma meħtieġa.

Ha jiddi fuqna d-dawl tiegħek, Mulej

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, uri ħniena mad-dinja kollha: biegħed minnha kull hemm u kull tiġrib, u agħtiha bil-kotra s-sliem u l-imħabba tiegħek, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## IL-MAGĦMUDIJA TAL-MULEJ

### Il-Magħmudija ta' Ġesu': epifanija oħra

Il-Ħadd li għadda ċċelebrajna l-Epifanija tal-Mulej, jiġifieri iċċelebrajna l-ġrajja ta' meta l-Mulej Ġesu' wera lilu nnifsu lill-Maġi li ġew mil-lvant, bħala Alla magħmul bniedem għalina għas-salvazzjoni tad-dinja. Illum niċċelebraw Epifanija oħra tal-Mulej, dik tal-Magħmudija ta' Ġesu, minn San Ġwann fix-xmara Ġordan.

Il-Magħmudija ta' Ġesu, hija wkoll Epifanija għaliex dak in-nhar il-Missier mis-sema, lin-nies kollha li kienu tgħammdu minn Ġwanni l-Battista, uriehom min kien Ġesu'; semgħuh igħid: "Inti Ibni l-għażiż: fik l-għaxqa tiegħi" waqt li l-Ispirtu s-Santu niżel fuq Ġesu' f'sura li tidher ta' ħamiema.

Il-Ħadd li għadda Ġesu, wera min kien lill-Maġi għaliex, imnebbħin mis-sema, bir-rigali li tawh, huma għarfuh bħala Alla magħmul bnedem, li ġie biex isalva d-dinja bil-passjoni u l-mewt tiegħu. Illum hu l-Missier stess li qiegħed igħidilna, kif qal lin-nies li kienu tgħammdu minn Ġwanni fil-Ġordan, li Ġesu' hu Ibnu l-għażiż, ikkonsagrat mill-Ispirtu s-Santu biex iwassal il-Bxara t-tajba lill-foqajrin, il-ħelsien lill-imjassrin, u jniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej għall-bnedmin kollha. B'hekk seħħ dak li ħabbar il-profeta, dak li smajna fl-ewwel qari tallum: feġġet il-glorja ta' Alla u l-bnedmin kollha rawha lkoll flimkien għaliex fomm il-Mulej tkellem.

### Min hu Ġesu'?

Il-Mulej tkellem meta fil-Magħmudija ta' Ġesu' qal: "Int Ibni l-għażiż, fik l-għaxqa tiegħi". X'ifisser dan il-kliem?

Ifisser li Ġesu' hu Iben Alla, jiġifieri "Alla minn Alla, Dawl minn Dawl, Alla veru minn Alla veru, imissel mhux magħmul natura waħda mal-Missier, li bih sar kollox", kif minn hawn u ftit ieħor se nistqarru fil-Kredu. F'Ġesu', il-Missier isib il-għaxqa tiegħu, għaliex ġie fid-dinja biex jagħmel ir-rieda tiegħu: meta daħal fid-dinja, igħidilna l-ktittieb tal-ittra lil-Lhud, Ġesu' qal: "Hawn jien ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla". Hu r-rieda ta' Alla kienet is-salvazzjoni tagħna. Ġesu' ġie fid-dinja biex, kif ħabbar il-profeta, "jitniżżlu l-muntanji u l-għoljiet, kull art imħattba ssir wita u kull art imħarbta ssir maqgħad u jintradam kull wied". Fi kliem ieħor Ġesu' ġie fid-dinja biex jiftaħ għall-bnedmin it-triq tas-sema, u jwarrab kull ma kien jista' jfixkel il-mixi tal-bniedem lejn is-sema billi jfejjaqhom mill-ġrieħi tad-dnub, ineżżaħhom mis-suppervja tagħhom, ineħħilhom il-qalb tal-ġebel u jagħtihom qalb ġdida u jordom għal kollox u jneħħilhom il-ħażen tagħhom, ħa jkunu kollha ħeġġa għall-egħmil it-tajjeb.

Ġesu' ġie fid-dinja biex bħalma ragħaj jiġbor il-merħla tiegħu minn kull fejn tkun xterdet u jdewwihom u jagħtihom mill-ġdid saħħithom, hekk il-Mulej Ġesu' jiġbor il-bnedmin kollha li kienu mxerrdin u mifrudin minn xulxin minħabba d-dnub u jagħmilhom il-poplu qaddis tiegħu. Din kienet tfisser il-kelma tal-Missier dak in-nhar li tgħammed Ġesu' u dan qiegħed igħidilna wkoll il-Missier illum, aħna u qegħdin nisimgħu. Il-Missier

qiegħed igħidilna wkoll b'liema mod il-Mulej Ġesu' wettaq ir-rieda tiegħu: qiegħed igħidulna fit-tieni qari tallum bi kliem l-Appostlu Missierna San Pawl lill-ħabib u dixxiplu tiegħu Titu.

**Il-magħmudija tagħna**

Meta feġġet għalina t-tjieba ta' Alla, is-Salvatur tagħna, u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin, li rajniha fil-ġranet sbiħ tal-Milied, Alla salvana bil-ħasil tat-twelid ġdid u tiġdid mill-Ispirtu s-Santu. Dan ifisser li s-salvazzjoni li Kristu kiseb għalina fuq is-salib aħna nibdew ingawduha malli jkollna l-ħasil tat-twelid ġdid, jiġifieri ma'li nitgħammdu.

Il-Magħmudija ta' Ġesu 'hi t-tħabbira tal-Magħmudija tagħna; Ġesu' tgħammed b'eżempju għalina; hu li ma kienx jaf x'inhu dnub sar dnub għalina u tgħabba bi dnubiet id-dinja kollha, u meta mar jitlob il-magħmudija li San Ġwann Battista li kien qiegħed igħammed lin-nies b'sinjal ta' ndiema għal dnubiethom, huwa ried jurina li, bil-Magħmudija li hu kien se jwaqqaf, aħna konna se neħilsu minn dnubietna u ruħna tissaffa minn kull tinġis ta' dnub.

Iżda mhux dan biss ried jurina Ġesu' bil-Magħmudija tiegħu: ried jurina wkoll li fil-Magħmudija tagħna aħna se nitġeddu mill-Ispirtu s-Santu. Kif l-Ispirtu s-Santu niżel fuq Ġesu' fil-Magħmudija tiegħu u kkonsagrah għall-missjoni tiegħu li jħabbar il-Bxara t-tajba lill-fqajrin, hekk fil-Magħmudija tagħna l-Ispirtu s-Santu jixxerred bil-kotra fuqna biex iqaddisna bil-qawwa tal-grazzja tiegħu, jikkonsagrana għall-qadi ta' Alla u jagħmilna werrieta tal-ħajja ta' dejjem.

Bil-qawwa tal-grazzja tiegħu l-Ispirtu s-Santu jrawwimna nicħdu l-ħażen u l-ġibdiet tad-dinja u ngħixu bir-rażna u l-ġustizzja u t-tjieba f'dan iż-żmien, nistennew il-miġja tal-Mulej ħa jsejħilna għall-premju ta' dejjem fil-glorja tas-smewwiet.

## TALBA TAL-FIDILI

Il-Mulej Ġesù llum ried jitgħammed minn San Ġwann Battista fil-Ġurdan biex jixhdilna li hu ġie fid-dinja biex jeħlisna mill-jasar ta' dnubietna: nitolbuh għalhekk u ngħidulu:

Henn għalina, Mulej, u aħfrilna dnubietna

Mulej Ġesù, agħmel li l-poplu li int ksibt għalik igħix fl-ispirtu tal-Magħmudija li biha kiseb twelid ġdid fik.

Henn għalina, Mulej, u aħfrilna dnubietna

Mulej Ġesù, wassal il-Bxara t-tajba tiegħek sa truf l-art kollha, biex kull bniedem jara s-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

Henn għalina, Mulej, u aħfrilna dnubietna

Mulej Ġesù, ibgħat l-ispirtu tiegħek fid-dinja, biex iġedded il-wiċċ ta' l-art.

Henn għalina, Mulej, u aħfrilna dnubietna

Mulej Ġesù, ieqaf magħna u agħtina li ngħixu bir-rażan u l-ġustizzja u t-tjieba f'dan iż-żmien, ħa niksbu l-hena ta' dejjem.

Henn għalina, Mulej, u aħfrilna dnubietna

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, fik il-Missier isib il-għaxqa tiegħu: fik aħna nemmnu u fik nafdaw: xerred fuqna bil-kotra l-Ispirtu qaddis tiegħek biex iqaddisna bil-grazzja tiegħu u jagħmilna għalik poplu mħeġġeġ għall-egħmil it-tajjeb, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## IT-TIENI ĦADD TAS-SENA

## IT-TIEĠ TA' KANA — ID-DONI TA' L-ISPIRTU

### Tliet Epifaniji

Il-festa ta' l-Epifanija tfakkarna tliet ġrajjiet kbar fil-ħajja ta' Ġesu' fid-dinja. "Illum," kantat il-Knisja nhar l-Epifanija, "il-kewkba wasslet il-maġi lejn il-maxtura, illum Kristu għogbu jitgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan biex isalvana, illum l-ilma nbidel fl-inbid għall-festa tat-tieġ."

Ħmistax ilu iċċelebrajna l-misteru taż-żjara li l-maġi għamlu lil Ġesu' u magħhom aħna offrejnielu r-rigali tagħna; il-Ħadd li għadda iċċelebrajna l-Magħmudija tal-Mulej u ftakarna fil-Magħmudija tagħna; illum qegħdin niċċelebraw it-tielet Epifanija tal-Mulej — l-ewwel miraklu tiegħu, il-miraklu li għamel fit-tieġ ta' Kana, meta biddel l-ilma fl-inbid. B'dan l-ewwel sinjal li għamel Ġesu' hu wera li kien Alla u li l-missjoni mogħtija lilu mill-Missier kienet is-salvazzjoni tad-dinja.

### Il-Qdusija taż-żwieġ

Bil-preżenza tiegħu fit-tieġ ta' Kana Ġesu' ried juri l-ħsieb tiegħu li jqaddes ir-rabta taż-żwieġ, dik ir-rabta li, fil-bidu, fil-ħolqien, Alla riedha tkun bejn raġel wieħed u mara waħda, għal għomorhom, tant li, fiż-żwieġ, ir-raġel iħalli 'l missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u jkunu ġisem wieħed: iżda din ir-ratba iddgħaj-

fet tul iż-żminijiet minħabba l-ebusija tal-qalb tal-bnedmin tant li Mose' kellu jippermetti d-divorzju, għalkemm fil-bidu, fil-ħolqien ma kienx hekk. Issa, Ġesu' bil-preżenza tiegħu f'Kana, bil-miraklu li hu għamel hemm, wera li hu ried jerġa' jagħti liż-żwieġ ir-rabta li kellu fil-bidu; u biex din ir-rabta tkun tassew sħiħa għollieha għad-dinjita' ta' Sagrament, hekk li ż-żwieġ tal-insara jkun xbieha tar-rabta ta' mħabba li torbot flimkien lil Kristu mal-Knisja tiegħu, dik il-Knisja li għaliha Ġesu' ta ħajtu, biex tkun qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba.

**L-għarusa ta' Kristu**

F'din il-verita' ifakkarna l-ewwel qari tallum. Ġerusalem il-ġdida, il-belt li l-Lhud bnew wara li reġgħu lura mill-eżilju ta' Babel, il-profeta ixebbaħha ma' għarusa, l-għarusa li fiha l-Mulej isib il-għaxqa tiegħu. Iżda kliem il-profeta għalina għandu tifsir wisq aktar għoli milli qatt kienu jobsru bih in-nies li semgħu l-profeta jitkellem għall-ewwel darba. Għalina Ġerusalem il-ġdida m'hijiex il-belt ewlenija tal-Palestina, il-belt li fiha jgħammru mijiet ta' Lhud u Għarab ippikati bejniethom; Gerusalem il-ġdida hija għalina l-Knisja, l-għaqda tad-dwieli tal-Mulej li trid ixxerred il-friegħi tagħha sa truf l-art kollha, il-merħla li fiha jridu jinġabru n-nagħaġ kollha tal-Mulej, l-Għarusa ta' Kristu, bla għajb u bla tikmixa u xejn minn dan, imma kollha ġmiel u sbuħija.

Hu permezz tal-Knisja li l-Mulej Ġesu' qiegħed ikompli l-missjoni tiegħu fid-dinja: hija l-Knisja li xxandar fost il-popli kollha l-egħġubijiet tal-Mulej Alla tagħna, dik li tistieden il-ġnus kollha biex jinxteħtu quddiem il-Mulej ħa jagħtuh sebħ u setgħa u jxandru l-glorja ta' ismu.

Il-Knisja hija aħna lkoll li ksibna twelid ġdid bil-ħasil ta' l-ilma tal-Magħmudija u tiġdid mill- Ispirtu s-Santu. Dan ifisser li l-missjoni ta' Kristu għas-salvazzjoni tad-dinja rridu nkomplu aħna bħala l-Knisja tiegħu, magħqudin flimkien f'xirka waħda ta' mħabba. Għalhekk l-Ispirtu s-Santu li ssawwab fina fil-Magħmudija tagħna u li tad-don tiegħu rċevejna s-siġill fil-Griżma, lilna lkoll jqassam id-doni, l-ministeri u l-ħidmiet tiegħu.

**Id-doni ta' l-Ispirtu.**

Huma ħafna doni, huma ħafna ministeri, huma ħafna ħidmiet li l-Ispirtu s-Santu jqassam fostna, fil-Knisja tiegħu: iqassamhomlna mhux għall-ġid tagħna biss, imma għall-ġid tal-Knisja kollha, għall-bini tal-Knisja fid-dinja, ħalli aħna lkoll inħabirku flimkien kull wieħed minna skond id-doni u l-ħidmiet li ġew fdati lilu, għall-kobor tal-Knisja kollha, sa ma tilħaq il-milja tal-perfezzjoni tagħha fit-tmiem ta' kollox, meta Alla jkun kollox f'kulħadd.

X'inhuma dawn id-doni; dawn il-ministeri, dawn il-ħidmiet? San Pawl semmielna xi wħud minnhom fit-tieni qari tallum: huma doni u kariżmi li l-Ispirtu s-Santu jqassam lil min irid hu u kif irid hu, tul iż-żmenijiet kollha; huma doni u kariżmi li wieħed irid jużahom mhux għal-glorja tiegħu imma għall-ġid tal-Knisja kollha, u għal-

hekk għandu jużahom taħt it-tmexxija ta' dawk li l-Ispirtu s-Santu stess għażel biex imexxu l-Knisja ta' Alla, taħt it-tmexxija tal-Papa u l-isqfijiet, li għandhom id-dmir japprovaw kollox, kif igħid San Pawl, u mingħajr ma jxekklu l-Ispirtu, jżommu biss dak li hu tajjeb.

Dawn id-doni u dawn il-kariżmi min jirċevihom mill-Ispirtu s-Santu ma jurihomx b'xi egħmejjel tal-għaġeb, imma jurihom fil-ħidma tiegħu ta' kull jum, f'kull ma jagħmel għall-glorja ta' Alla. Xi wħud għandhom id-don tal-għaqal u jafu jieħdu kollox bis-sabar u bl-imġiba tagħhom igħinu biex iġibu 'l quddiem is-sliem u l-paċi; oħrajn għandhom id-don tal-għerf u bil-kelma tagħhom jafu jwasslu lil kulħadd il-ħwejjeġ moħbija u għoljin tas-saltna tas-sema; oħrajn għandhom id-don li jfarrġu lil min hu mdejjaq u mġarrab mill-ħażen tad-dinja u jwasslu għall-fejqan fir-ruħ lil min iknu ilu snin kbar imjassar mill-ħażen; oħrajn għandhom id-don li juru kif il-kelma ta' Alla li titħabbar kull nhar ta' Ħadd fil-ġemgħa tal-insara tgħodd għal kull min qiegħed jismagħha f'dak il-ħin u dak il-waqt.

Dawn huma d-doni li l-Mulej dejjem jagħtihom lil dawk li jeħtiġuhom minħabba l-ministeru jew il-ħidma li jkollhom: hekk l-isqfijiet u s-saċerdoti għandhom id-doni u l-kariżmi meħtieġa biex jaqdu d-dmir tal-ministeru tagħhom, dawk id-doni li fakkar S. Pawl meta lid-dixxiplu tiegħu Timotju, qallu biex iqajjem fih id-don ta' Alla li jinsab fih bit-tqegħid ta' l-idejn; hekk ir-reliġjużi għandhom id-doni u l-kariżmi meħtieġa biex b'ħajja ta' safa, faqar u obbedjenza jaqdu 'l Mulej Ġesu' f'ħuthom fil-bżonn; hekk ukoll ir-reliġjużi ta' ħajja kontemplativa jirċievu d-doni u l-kariżmi ħalli jagħtu xhieda lid-dinja ta' 'l-aħjar sehem li l-bniedem qatt jista' jagħżel f'din id-dinja, dak li toqgħod f'riġlejn Ġesu' tisimgħu jitħaddet; u l-lajċi wkoll għandhom id-doni u l-kariżmi tagħhom biex bil-ħajja tagħhom ta' kull jum fid-dinja, bħala ġenituri jew ulied, bħala ħaddiema u professjonisti, bħala mexxejja f'pajjiżhom jew impenjati fl-appostolat, iqaddsu d-dinja u jibnu s-saltna ta' Kristu.

Jalla aħna lkoll nagħmlu użu tajjeb mid-doni u l-kariżmi li l-Mulej tana, ħalli s-Satna tiegħu fid-dinja tikber u tinxtered għall-glorja tiegħu u għall-ġid u s-salvazzjoni tad-dinja.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nroddu ħajr illum għad-doni u l-kariżmi li l-Ispirtu jqassam fostna, għall-kobor tas-Saltna ta' Kristu fid-dinja, nitolbuh il-grazzja li nużaw dejjem dawn id-doni għat-tifħir u l-glorja tiegħu.

Sawwab id-doni tal-Ispirtu tiegħek fuq il-Knisja, Mulej, hija u tħabrek għall-bini tas-Saltna tiegħek fid-dinja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħmel li s-setgħanin ta' l-art igħożżu u jħarsu s-sħuħija u l-qdusija taż-żwieġ nisrani.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Kun mal-miżżewġin insara kollha ħalli l-imħabba tagħhom għal xulxin tkun xbieha ta' l-imħabba ta' Kristu għall-Knisja tiegħu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Ieqaf magħna biex id-doni u l-kariżmi li int tagħtina nħaddmuhom għall-glorja tiegħek u għall-bini tal-Knisja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla li tista' kollox, int ridt li Ibnek Ġesù jibda l-missjoni tiegħu f'Kana tal-Galilija, fejn biddel l-ilma fl-inbid u hekk wera li hu Alla li ġie fid-dinja biex isalvana: wettaqna bil-grazzji tiegħek biex nagħmlu kull ma għallimna bil-kliem u bl-egħmil ħalli, meta jasal il-waqt, niksbu l-premju ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.

## IT-3 ĦADD TAS-SENA

## IL-LITURĠIJA TAL-KELMA

*Xirka waħda ta' mħabba*

"Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom membru tiegħu." Hekk qaltilna l-Knisja llum bi kliem Missierna San Pawl. Aħna membri tal-Ġisem ta' Kristu għaliex aħna lkoll tgħammidna fi spirtu wieħed, ilkoll xrobna minn spirtu wieħed. Dan ifisser li l-fil-Magħmudija aħna rċevejna d-don tal-Ispirtu s-Santu, u meta f'ruħna ssawwab l-Ispirtu s-Santu l-imħabba ta' Alla xterdet fina u sirna xirka waħda ta' mħabba ma' dawk kollha li huma mgħammdin u li qegħdin igħixu ħajja ġdida fl-Ispirtu s-Santu. Din "ix-xirka waħda ta' mħabba" hija l-Knisja, li tagħha aħna lkoll membri għaliex irċevejna l-Magħmudija, hija l-Knisja li San Pawl ixebbah ma' ġisem li tiegħu Kristu hu r-Ras.

Fil-ħajja tagħna ta' kull jum fid-dinja, fejn kull wieħed minna hu medhi bix-xogħol tiegħu tas-soltu, u bil-fehmiet u l-ħsibijiet tiegħu, ma tantx nidħru bħala "xirka waħda ta' mħabba", bħala Knisja. Issa aħna kull nhar ta' Ħadd ningabru flimkien fil-knejjes tagħna, għaliex inħossu li hu dmir tagħna bħala membri tal-Knisja ta' Kristu li ningabru flimkien f'jum il-Mulej — il-Ħadd — ħalli naqdu d-dmirijiet tagħna lejn Alla bis-smigħ tal-Quddies. U meta ninsabu miġburin flimkien għal dan il-għan, aħna nkunu nidhru quddiem id-dinja bħala Knisja, għaliex ningabru flimkien biex niltaqgħu mal-Mulej Ġesu', ir-Ras u Kap tagħna, ħalli miegħu, bih u fih nagħtu glorja, tifħir u radd il-ħajr lil Alla l-Missier fl-Ispirtu s-Santu.

Aktar minn qadi ta' dmir, il-Quddiesa tal-Ħadd għandha tkun għalina l-laqgħa ma' Kristu biex nisimgħu l-Kelma tiegħu u biex nieħdu sehem mill-mejda li hu jħejji għalina u minnha jqasmilna l-Ġisem u d-Demm għażiż tiegħu bħala ikel u xorb ta' ruħna, dak id-Demm li hu xerred b'sagrifiċċju għalina għall-maħfra tad-dnubiet.

*Il-Mulej ikellimna*

Fil-laqgħa tagħna ta' kull nhar ta' Ħadd mal-Mulej Ġesu', Hu jkellimna, isemmagħlna l-Kelma setgħana tiegħu, biex iħejjina ħalli mbagħad, b'fidi mħeġġa, nissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija.

Bħalma l-Lhud, kull nhar ta' Sibt, jinġabru fis-sinagogi tagħhom biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla li tħabbrilhom l-egħġubijiet li Alla għamel magħhom, il-poplu tiegħu tal-Patt il-qadim, hekk aħna ninġabru fil-knejjes tagħna biex jitħabbrulna l-egħmejjel tal-għaġeb ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja.

Meta darba waħda, nhar ta' Sibt, f'Nazaret, fejn kien trabba, Ġesu' daħal fis-sinagoga kif kien imdorri jagħmel, u qam biex jaqra, newlulu l-ktieb ta' Isaija l-profeta, u beda jaqra. U meta spiċċa jaqra, kebbeb il-ktieb u, fost is-skiet ta' kulħadd, qal: "Din il-kitba seħħet illum intom u tisimgħu."

Dan il-kliem ta' Ġesu' ma kienx minnu biss dak in-nhar li Ġesu' daħal fis-sinagoga ta' Nazaret, imma huwa minnu kull darba li fil-knisja jinqraw il-Kotba Mqaddsa waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa.

Fil-Quddiesa kull nhar ta' Ħadd l-ewwel nisimgħu silta minn xi ktieb tal-Patt il-Qadim jew, fi żmien il-Għid, mill-ktieb tal-Atti ta' l-Appostli. Għal dan l-ewwel qari aħna nwieġbu permezz tas-salm responsorjali: waqt li jkun jingħad is-salm aħna nkunu qegħdin naħsbu bejna u bejn ruħna ħa naraw xi jfisser għalina l-qari li smajna, u r-responsorju tas-salm li ntennu flimkien igħinna f' dan. Imbagħad jiġi t-tieni qari li jkun mill-ittri ta' San Pawl jew xi ktieb ieħor tal-Patt il-ġdid. U fl-aħħarnett jiġi l-Evanġelju.

F'kull qari li jsir huwa Kristu stess li jkun ikellimna permezz tal-ministru tiegħu: fl-ewwel u t-tieni qari Kristu jkellimna indirettament għaliex ikellimna b'fomm il-profeti jew permezz tal-ġrajja li seħħu fi żmien il-patt il-qadim jew fl-ewwel żminijiet tal-Knisja; u għalhekk il-ministru tal-qari għall-ewwel u t-tieni lezzjoni jkun lettur; imma mbagħad fl-Evanġelju, ikun Kristu stess bli jkellimna permezz ta' dak li qal u "dak li għamel tul iż-żmien tal-missjoni tiegħu fid-dinja; għalhekk l-Evanġelju jħabbarulna s-saċerdot jew djaknu, u qabel l-Evanġelju, bil-wieqfa nkantaw l-Hallelujah biex nuru l-ferħ tagħna għaliex Kristu stess se jkellimna.

*Il-kelma ta' Kristu sseħħ aħna u nisimgħuha*

Meta Kristu jkellimna, ma jkunx biss qiegħed ifakkarna f'dak li qal jew għamel mijiet ta' snin ilu, jew f'dak li ħabbru l-profeti fuqu, jew f'dak li ġara fiż-żmien ta l-imgħoddi u fl-ewwel żminijiet tal-Knisja. Il-Kelma ta Kristu hi setgħana u qawwija u tagħmel dejjem dak li Alla jrid minnha, u meta Kristu jkellimna, il-kelma

tiegħu sseħħ aħna u nisimgħuha, qisu qed igħidha lilna għall-ewwel darba. Il-qari kollu li jsir fil-Quddiesa m'huwiex biss tifkira ta' ġrajjiet li seħħu eluf ta' snin ilu, m'huwiex tifkira ta' kliem li ngħad dak iż-żmien; il-qari kollu huwa tħabbira li qiegħda ssir għalina u għandha tifsir sħiħ għalina aħna u nisimgħuha, tifsir li jgħodd u jiswa għall-ħajja tagħna dak il-ħin u dak il-waqt.

Aħna mhux dejjem naslu biex naraw dan, u għalhekk hu dmir iċ-ċelebrant igħinha naraw kif il-qari li nkunu smajna jolqotna fil-ħajja tagħna ta' kull jum; u dan iċ-ċelebrant jagħmlu fl-omelija tiegħu, li għaliha mbagħad inwieġbu bit-talba għall-ħtiġiet kollha tal-Knisja u tad-dinja — it-talba tal-fidili — u bl-istqarrija tal-fidi tagħna fil-Kredu.

Għalhekk hu dmir tagħna nissieħbu fil-Liturġija tal-Kelma tal-Quddiesa — hekk tissejjaħ l-ewwel parti tal-Quddiesa li fiha jsir il-qari mill-Kotba Mqaddsa u l-omelija — b'ħeġġa ta' qalb ħa nqawwu l-fidi tagħna biex, b'fidi sħiħa, nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija.

*Nitgħallmu mil-Lhud ta' żmien Esdra*

Għandu jkollna dik il-ħeġġa li kellhom il-Lhud dak in-nhar li, wara li reġgħu lura mill-eżilju f'Babel, inġabru biswit i-misraħ ta' ħdejn il-bieb ta' l-ilma f'Ġerusalem, biex jisimgħu lil Esdra l-qassis, jaqralhom mill-ktieb tal-Liġi. Il-poplu kou qagħad jum sħiħ jisma' l-qari tal-Kelma ta' Alla, u jisma' lis-saċerdoti jfissruhielu u jfehmuhielu. U ferħu u għamlu festà għax kellhom il-grazzja jerġgħu jisimgħu l-Kelma tal-Mulej, imwassla lilhom mill-ministri tiegħu.

Il-Lhud ferħu. Imma kemm għandna għax nifirħu aħna li kull nhar ta' Ħadd għandna x-xorti li nisimgħu l-Mulej Ġesu' stess ikellimna, iħeġġiġna għall-egħmil it-tajjeb, iqawwilna qalbna, iwiddibna u jċanfarna meta jkun hemm bżonn. Hu proprju f'dawn il-ġranet qiegħed jistedinna nissieħbu miegħu fit-talba li hu kien għamel lill-Missier wara l-aħħar ikla mad-dixxipli tiegħu għal dawk kollha li kienu se jemmnu fih tul iż-żminijiet: "Ħa jkunu ħaġa waħda fija, qal, kif int, Missier fija u jiena fik, biex id-dinja temmen li inti bgħattni."

F'dawn il-ġranet il-Mulej qiegħed jistedinna nitolbu biex l-insara kollha jkunu xirka waħda bejniethom fl-imħabba, biex meta jrid hu u kif irid hu, isseħħ l-għaqda tal-insara, billi nbegħdu minna d-dlam kollu li aħna lqajna fil-ħajja personali tagħna u fis-soċjetà. Jalla qalbna tkun dejjem miftuħa għall-kelma ta' Ġesu' għaliex kliemu huwa spirtu u ħajja, u jgħallimna, u jdawwalna u jferrħilna qalbna.

# TALBA TAL-FIDILI

Illum li għadna kemm smajna leħen il-Mulej, ma nwebbsux qalbna, imma, mixħutin għarkobbtejna quddiem Alla tagħna, nitolbuh il-grazzja biex il-kelma tiegħu tagħmel kotra ta' frott f'qalbna, aħna u ngħidulu:

Ħa tkun il-kelma tiegħek dawl għall-mixi tiegħi

Mulej Ġesù, int ridt li l-Knisja twassal il-kelma tiegħek sa truf l-art kollha: agħmel li jilqgħuha bil-qalb u jgħożżuha l-bnedmin kollha ta' rieda tajba li hawn fid-dinja.

Ħa tkun il-kelma tiegħek dawl għall-mixi tiegħi

Mulej Ġesù, bil-kelma tiegħek int sikkit il-qawwa tal-irwiefen u tal-ħalel tal-baħar: agħti s-sliem u l-paċi tiegħek lid-dinja mħabbtha mit-tempesti qalila tal-ħażen.

Ħa tkun il-kelma tiegħek dawl għall-mixi tiegħi

Mulej Ġesù, int tlabt li jkunu ħaġa waħda bejniethom dawk kollha li jemmnu fik: ħaffef il-jum li fih naraw isseħħ l-għaqda ta' l-insara kollha f'merħla waħda, ragħaj wieħed.

Ħa tkun il-kelma tiegħek dawl għall-mixi tiegħi

Mulej Ġesù, kull nhar ta' Ħadd aħna niltaqgħu miegħek biex nisimgħu l-kelma tiegħek u nieħdu sehem mill-mejda tiegħek: wettaqna bil-grazzja tiegħek biex il-laqgħa tagħna miegħek kull nhar ta' Ħadd tħalli fina frott li jibqa' għal dejjem.

Ħa tkun il-kelma tiegħek dawl għall-mixi tiegħi

Mulej Ġesu', int wegħidtna l-Ispirtu qaddis tiegħek: agħti l-Ispirtu ta' l-għerf u d-dehen lilna lkoll biex inwettqu l-pjan tiegħek għat-tiġdid tagħna bil-ħeġġa kollha ta' qalbna.

Ħa tkun il-kelma tiegħek dawl għall-mixi tagħna

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, aħna lqajna llum l-istedina li għammiltilna biex nieħdu sehem mill-mejda tal-kelma tiegħek u mill-mejda tal-Ġisem u d-Demm għażiż tiegħek: agħmel li din l-istedina tiegħek illum twettaqna fil-fidi, issaħħaħna fit-tama u tħeġġiġna bl-imħabba. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## IR-4 ĦADD TAS-SENA

## ĦABBARA TAL-KELMA TA' ALLA U MINISTRI TA' L-IMĦABBA

**Ġesu' niesu ma jilqgħuhx**

Mela Ġesu', fis-sinagoga ta' Nazaret, kif rajna l-Ħadd li għadda, fetaħ il-ktieb tal-profeta Isaija u qara silta minnu, u mbagħad qal dik il-kliba li kien għadu kemm qara, kienet qiegħda sseħħ dak il-ħin u dak il-waqt, in-nies ħaduha kontra tiegħu, għaliex wriehom li kliem il-profeta kien qiegħed iseħħ fih.

Il-kliem li Ġesu' kien qara mill-ktieb tal-profeta Isaija kien igħid: "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, hu kkonsagrani biex inwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin"; u Ġesù qalilhom li dak il-kliem kien qiegħed iseħħ fih għaliex l-Ispirtu s-Santu kien niżel fuqu meta tgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan, u hu kien ġie kkonsagrat minn Alla biex iħabbar il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni lil kull min kien maħqur, imsejken, imġarrab u mwarrab min-nies tad-dinja. In-nies ta' Nazaret stagħġbu meta semgħu dan il-kliem, u ma riedux jemmnu dak li Ġesu' kien qiegħed igħidilhom; ma riedux jemmnu li dak li kienu jafuh bħala bin il-mastrudaxxa kien l-Iben għażiż ta' Alla li fih Alla kien isib il-għaxqa tiegħu. Ma riedux jemmnu fih: biex jemmnu fih riduh jagħmel xi mirakli minn dawk li għamel Kafarnahum. Imma l-mirakli Ġesu' ma kienx jagħmilhom biex jogħġob lin-nies, u għalhekk ċanfarhom għan-nuqqas ta' fidi tagħhom u fakkarhom li kienu bħal missirijiethom li, minħabba l-ebusija ta' rashom il-Mulej ma kienx għamel magħhom egħġubijiet li kien għamel ma' nies pagani bħall-armla ta' Sarefta u Nagħman tas-Sirja. Dawn raw il-ħniena ta' Alla għaliex urew fiduċja fil-kelma tal-profeti tal-Mulej: l-armla ta' Sarefta semgħet mill-profeta Elija meta, fi żmien ġuħ kbir fil-pajjiż, dan talabha l-ewwel tagħmel ftira żgħira għalih u mbagħad taħseb għaliha u għal binha: għax emmnet f'dak li qalilha Elija t-tqiq u ż-żejt qatt ma naqsu minn darha tul iż-żmien tal-ġuħ; Nagħman sama mill-profeta Eliżew meta qallu jogħdos għal seba' darbiet fix-xmara Ġordan biex ifieq mill-ġdiem tiegħu, u għalhekk kiseb il-fejqan.

**Mhux dejjem nilqgħu l-kelma tal-ministru ta' Alla**

Iċ-ċanfira ta' Ġesu' għan-nies ta' beltu kemm-il darba tgħodd għalina wkoll, għaliex aħna, kemm-il darba, naslu biex ma nagħtux widen għall-kelma ta' Alla li taslilna permezz tal-ministri tiegħu. Għaliex nafuhom, għaliex nafu l-familji tagħhom, għax nafu bin-nuqqasijiet tagħhom, il-kelma li jgħidulna kull nhar ta' Ħadd niħmuha ħażin, ngħawġuha, nagħtuha tifsir ieħor: ma nqisuhiex aktar bħala l-Kelma ta' Alla, kif tassew hi, imma bħala l-kelma ta' bniedem.

Bħalma l-Mulej għażel lil Ġeremija biex ikun il-profeta tiegħu u bagħtu fost il-Lhud biex ikun "belt fortizza, kolonna tal-ħadid, ħajt tal-bronż kontra l-pajjiż kollu, kontra l-poplu kollu tal-pajjiż", hekk il-Mulej jagħżel il-ministri tiegħu biex ikunu ħajt tal-bronż kontra l-ħażen kollu, it-tagħlim qarrieq kollu, li jkun qed jinxtered fost il-poplu tiegħu. Il-Lhud ħaduha kontra Ġeremija u fittxewh għall-mewt għax kliemu ma kienx jogħġobhom; hekk ukoll in-nies tad-dinja tallum jeħduha kontra l-ministri ta' Alla għaliex il-kelma li huma jxandru hija ċanfira għalihom, hija kundanna tal-ħażen u ta' kull tagħlim qarrieq u ta' kull imġieba bla

razan. Il-ministri ta' Alla jxandru l-Evanġelju kif tgħallmu l-Knisja, immexxija mill-Papa u l-isqfijiet li l-Ispirtu s-Santu jagħżel ħa jieħdu ħsieb il-merħla tal-Mulej; ma jgħallmux l-Evanġelju kif iridu jifhmuh in-nies tad-dinja ħa jkun jaqbel mal-interessi tagħhom; għalhekk il-ministri ta' Alla kemm-il darba igħaddu minn ħafna tiġrib bħalma għadda Ġeremija, kemm-il darba jiġrilhom dak li ġralu Ġesu' f'Nazaret: in-nies ma jisimgħuhomx.

### Ministri ta' l-imħabba

Meta dan jiġri, xi tkun it-tweġiba tal-ministri ta' Alla? Jitolbu li jinżel nar mis-sema ħa jeqred il-ħżiena, kif darba talbu l-Appostli għannies ta' belt tas-Samarija li ma riedux jilqgħu 'l Ġesu' għax kien sejjer Ġerusalem? Fuq hekk l-Appostli ġew imċanfra minn Ġesu'. Il-ministri ta' Alla, meta jsibu ruħhom imaqdrin u mġarrbin, iwieġbu bl-imħabba u l-ħniena, kif kien iwieġeb Ġesu' lil-Lhud meta kienu jieħduha kontra tiegħu u jfittxu f'hiex ikollhom x'jixluh ħa jaqfgħuhielu għall-mewt. Dan għaliex il-ministri ta' Alla huma ministri tal-imħabba ta' Kristu.

L-imħabba hija l-qofol tat-tħabbira nisranija, u jekk tonqos l-imħabba mill-kliem u mill-egħmil tal-ministri ta'Alla, il-kelma tagħhom ma tibqax il-kelma ta' Alla, imma ssir kelma ta' bniedem. Iżda dan mhux aħna għandna narawh: jekk ikun hekk, kull darba li l-kelma talministru ta' Alla tolqotna fil-laħam il-ħaj għax hi ċanfira tal-imġiba tagħna, malajr nistgħu naslu biex ngħidu li ma hix il-kelma ta' Alla u għalhekk inkasbruha u nistmerruha, u b'hekk aħna wkoll inkunu qed nonqsu mill-ispirtu tal-imħabba nisranija.

### L-imħabba nisranija

X'inhi l-imħabba nisranija? Qalulna San Pawl fit-tieni qari tallum: Min tassew iħobb jaf jistabar u jħenn; min iħobb m'huwiex supperv, ma jgħirx għal ħaddieħor, ma jfittiex id-deni lil ħadd, jaf irażżan ilgħadab tiegħu, ma jagħmilx dak li mhux xieraq, jagħti 'l kulħadd dak li ħaqqu, jafda f'kulħadd, u joqgħod għal kollox biex jevita l-inkwiet u t-tilwim.

L-imħabba nisranija hija l-aqwa fost il-virtujiet kollha għaliex qatt ma tiġi nieqsa. Il-fidi li hi meħtieġa għas-salvazzjoni tagħna, neħtieġuha sakemm għadna f'din id-dinja, għaliex il-fidi hi l-pedament tal-ħwejjeġ li għadna nittamaw, il-prova tal-ħwejjeġ li ma jidhrux. Nittamaw li għad niksbu l-ħena ta' dejjem fis-sema, u nemmnu f'dan. Meta mbagħad niksbu l-ħena tas-sema u naraw 'l Alla wiċċ imb'wiċċ, il-fidi ma neħtiġuhiex aktar, għaliex il-fidi hi meħtieġa sakemm għadna f'din id-dinja meta naraw kollox bħallikieku f'mera mċajpra; hekk ukoll it-tama: meta niksbu dak li nittamaw għalih, it-tama m'hijiex aktar meħtieġa. Imma l-imħabba tibqa', għax il-qofol tal-ħena fis-sema huwa l-għaqda fl-imħabba ma' Alla għal dejjem; l-imħabba fis-sema tilħaq il-milja kollha tagħha f'Alla, li hu Mħabba.

Fost l-inkwiet kollu li miegħu niltaqgħu f'din id-dinja, fost in-nuqqas kollu li naraw madwarna u fina, infarrġu ruħna bil-ħsieb tal-imħabba biex kollox ikun sewwa għalina u għal kulħadd.

Nitolbu 'l Alla biex ikun għalina kenn u qawwa tagħna fost it-tiġrib kollu tal-ħajja tallum, u jwettaqna fl-imħabba tiegħu biex meta jasal il-waqt narawh wiċċ imb'wiċċ fis-saltna tiegħu ta' dejjem.

Agħmel, Mulej, li l-Knisja tiegħek tagħti xhieda ta' mħabba quddiem id-dinja billi tistabar u tħenn b'kull min iġarrabha, waqt li tħabrek li tiġbdu mill-ġdid lejha b'egħmil ta' mħabba.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Dawwal il-fehma ta' kull min jisma' l-kelma li titħabbar kull nhar ta' Ħadd fil-knejjes tagħna, biex fiha jara, mhux il-kelma ta' bniedem, imma l-kelma tiegħek, kif tassew hi.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Żomm sħaħ taħt il-ħarsien tiegħek lil dawk kollha li int għażilt biex ikunu l-ministri tal-Kelma tiegħek, ħa jwassluha lil kulħadd biex kull wieħed jagħraf it-triq li twasslu għandek.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħtina l-grazzja biex nitħeġġu għal doni akbar, ħalli ngħixu dejjem fl-imħabba tiegħek f'din id-dinja sa ma jasal il-waqt li ssejħilna biex narawk wiċċ imb'wiċċ fil-glorja.
Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Alla tagħna, ilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum: kebbes fina n-nar ta' mħabbtek biex il-fidi tagħna tkun ħajja u l-egħmil kollu tagħna jkun għas-sebħ u l-glorja tiegħek. Bi Kristu Sidna.

# IL-5 ĦADD TAS-SENA

## IS-SEJĦA TA' ALLA

"Hawn jien, ibgħat lili". Hekk wieġeb il-profeta Isaija meta Alla sejjaħlu biex ikun il-profeta tiegħu, wara li ħejjieh għall-missjoni li għaliha kien għażlu.

Bħalma Alla sejjaħ lil Isaija, hekk sejjaħ lill-Appostli biex imorru warajh ħa jkunu sajjieda tan-nies; hekk sejjaħ ukoll lil San Pawl; u hekk isejjaħ lilna wkoll.

Alla jsejjaħ lil kulħadd, u lil kulħadd iħejjih għall-missjoni li jridu jagħmel f'din id-dinja sa ma tasal il-waqt li jirċievi l-premju tal-ħidma tiegħu bħala qaddej fidil u għaqli tal-Mulej.

Fis-sejħa tal-profeta Isaija, fis-sejħa ta' San Pawl, fis-sejħa tal-Appostli, nistgħu naraw is-sejħa tagħna u hekk nagħarfuha aħjar. X'nitgħallmu minnhom? Naraw ftit kif seħħet is-sejħa tagħhom, biex fis-sejħa tagħhom nippruvaw nagħarfu s-sejħa tagħna wkoll.

### Is-sejħa ta' Isaija

Is-sejħa ta' Isaija seħħet waqt viżjoni li kellu tas-sebħ u l-kobor ta' Alla, li deherlu qiegħed fuq tron għoli merfugħ 'il fuq imdawwar bil-qtajja tas-serafini li bla heda kienu jfaħħruh u jgħidu: "Qaddis, qaddis, qaddis, hu l-Mulej ta' l-eżerċti: l-art kollha mimlija bis-sebħ tiegħu".

Quddiem din id-dehra tal-glorja ta' Alla, Isaija beża', għax ħass li ma kienx jistħoqqlu jara 'l Alla fil-glorja tiegħu, għax bniedem midneb, igħix fost poplu midneb. Imma Alla bagħat anġlu tiegħu biex b'ġamra ta' nar minn fuq l-altar tas-sema, inadfu minn ħżunitu u jaħfirlu dnubietu ħa jkun jistħoqqlu s-sejħa tal-Mulej. Alla sejjaħlu, ħejjieh għas-sejħa li għamillu, imma ħallih fil-libertà' jilqax jew le s-sejħa li kien qiegħed jagħmillu. U Isaija laqa' s-sejħa ta' Alla, u wieġeb: "Hawn jien, ibgħat lili".

### Is-sejħa ta' S. Pawl

San Pawl kien żagħżugħ kollu ħeġġa għal-liġi ta' Alla, wisq aktar minn sħabu ta' mparu, meta Alla sejjaħlu biex ikun l-Appostlu tiegħu ħa jwassal il-Bxara t-tajba ta' Kristu lill-ġnus pagani. San Pawl ma kellu ebda ħsieb li jkun dixxiplu u appostlu ta' Kristu: għalih Kristu kien qiegħed iġib fix-xejn il-Liġi u għalhekk kien sejjer fil-belt ta' Damasku biex minn hemm ikaxkar fil-ktajjen lejn Ġerusalem 'il dawk kollha li kienu jistqarru l-isem ta' Kristu. Imma Alla sejjaħlu u l-qawwa tal-grazzja ta' Alla biddlet lil San Pawl u minn persekutur għamlitu Appostlu ta' Kristu.

### Is-sejħa ta' l-appostli

San Pietru u San Andrija, San Ġwann u San Ġakbu kienu sajjieda fl-għadira ta' Ġenesaret, il-baħar tal-Galilija. Ġesu', iltaqa' magħhom meta kienu għadhom kemm reġgħu lura minn lejl jistadu u ma qabdu xejn; wara li minn fuq id-dgħajsa ta' Pietru Ġesu' kellem lin-nies li kienu ngabru, qal 'il Pietru jaqdef il-barra u jerġa' jistad. Pietru sema' mill-

Mulej, u quddiem il-qabda kbira ta' ħut li hu għamel, tħawwad għax ħass ruħu li kien midneb kbir u ma kienx jistħoqqlu l-miraklu li għamel miegħu Ġesu'. Imma l-Mulej qawwielu qalbu, u hu u sħabu, ħallew kollox u marru wara Ġesu'.

**Is-sejħa tagħna**

X'jolqotna l-aktar f'dawn it-tliet ġrajjiet? Isaija, San Pawl, San Pietru, it-tlieta jistqarru li huma midinbin, u ma jistħoqqilhomx is-sejħa li Alla jagħmlilhom. Imma Alla jqawwilhom qalbhom u bil-qawwa tal-grazzja tiegħu, iġib bidla kbira fihom, iwettaq ir-rieda tagħhom biex minn rajhom iwieġbu bil-ħeġġa kollha għas-sejħa tiegħu. Hekk jagħmel magħna wkoll. Hadd minna ma jistħoqqlu s-sejħat ta' Alla, għax aħna lkoll midinbin, imma Alla fil-ħniena tiegħu jnaddafna u jeħlisna minn dnubietna u jwettaqna bil-grazzja tiegħu u jagħtina d-doni u l-kariżmi li neħtieġu biex naqdu l-missjoni li jrid minna f'din id-dinja, waqt li jsawwab fina l-imħabba tiegħu biex il-ħidma tagħna tkun tassew għall-glorja tiegħu. Dan rajnih fiż-żewġt iħdud li għaddew.

Alla lil xi wħud minna jsejħilhom biex bħall-Appostli jkunu l-ministri tiegħu ħa jwasslu l-Kelma tiegħu lill-ġnus kollha u jqaddsuhom biċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa; lil xi wħud oħrajn isejħulhom biex b'ħajja ta' safa, faqar u ubbidjenza, jagħtu xhieda lid-dinja ta' ħajja aħjar; u oħrajn isejħilhom biex bil-ħajja tagħhom fid-dinja, fil-familja, fuq ix-xogħol, fil-qadi tal-professjoni tagħhom, fil-bini tas-soċjeta', huma jqaddsu d-dinja lil Alla.

**Inħabbru 'l Kristu rxoxt lid-dinja bl-imġieba tagħna**

Imma, hi x'inhi s-sejħa tagħna, ilkoll kemm aħna, bil-kelma u bl-imġiba rridu nħabbru lid-dinja 'il Kristu li miet u rxoxta għalina, lil Kristu li fih aħna nemmnu u li bih aħna salvati, lil Kristu l-paċi tagħna u s-Salvatur tad-dinja. Dan aħna nistqarruh kull darba li nieħdu sehem fil-misteri qaddisa: "Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, inxandru l-qawmien tiegħek, nistennewk tiġi fil-glorja". Imma dan kif se nagħmluh fil-ħajja tagħna ta' kuljum?

Nagħmluh billi kuljum immutu ma' Kristu għall-ħajja tad-dnub, ħalli miegħu nqumu għall-ħajja ġdida. Ħajjitna, kollha kemm hi, trid tkun ħajja ta' konversjoni dejjem sejra, ta' tiġdid bla heda, ħa nkunu dejjem aktar aħjar milli aħna, ġlieda bla serħan kontra l-ħażen li hemm fina u madwarna. Aħna lkoll imsejħin biex, fil-ħajja kollha tagħna, naqsmu ma' Kristu t-tbatijiet tiegħu, u nsiru nixbhuh fil-mewt, biex niksbu miegħu l-qawmien mill-imwiet. Dan għandna nfittxu li niksbu tul ħajjitna kollha: ninsew 'il ta' warajna kollu, u nfittxu nilħqu dak li għandna quddiemna, niġru lejn it-tmiem biex niksbu l-premju li għalih Alla qiegħed isejħilna hemm fuq fis-sema pajjiżna, fi Kristu Ġesu' (Ara Fil. 3, 12-14).

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lil Alla l-grazzja li nagħarfu sewwa x'inhi s-sejħa tagħna f'din id-dinja, biex inħabirku ħa niksbu l-premju li Alla qiegħed isejħilna għalih fis-sema pajjiżna.

Dawwal il-fehma ta' kull bniedem li hawn fid-dinja biex jagħraf x'inhi s-sejħa tiegħek għalih u jwieġeb għaliha bil-ħeġġa kollha ta' qalbu.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Wettaq il-Knisja tiegħek fil-ħidma tagħha hija u tħabbar il-mewt tiegħek, Mulej, ixxandar il-qawmien tiegħek, waqt li qiegħda tistennik tiġi fil-glorja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Sejjaħ għal warajk ħafna qlub ġenerużi biex bħall-Appostli tiegħek tibgħathom fid-dinja jkunu sajjieda tal-bnedmin.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Saffi qlubna u fehmietna minn kull tingis ta' dnub kif saffejt xofftejn il-profeta Isaija, biex jistħoqqilna nkunu xhieda tiegħek quddiem id-dinja.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, bil-mewt tiegħek qridt il-mewt tagħna, u bil-qawmien tiegħek mill-imwiet, tajtna ħajja ġdida: ieqaf magħna tul ħajjitna f'din id-dinja, biex inwieġbu dejjem bil-ħeġġa kollha ta' qalbna għas-sejħat tiegħek u nagħmlu dejjem dak li trid minna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## 10 TA' FRAR

## NGHOZZU L-WIRT TAGHNA TAL-VALURI NSARA

*Nifirħu lum fil-Mulej*

Illum il-Knisja qiegħda tistedinna nifirħu fil-Mulej u nroddu ħajr lil Alla għaliex, meta konna għadna poplu miexi fid-dlamijiet u dell il-mewt, idda fuqna dawl kbir, id-dija tad-dawl tal-Evanġelju imħabbar lilna minn dak li l-Mulej stess kien għażlu biex iwassal ismu lill-ġnus, minn dak li, biex jibgħatu fostna, il-Mulej qanqal tempesta qalila ħalli l-ġifen li kien qed jieħdu Ruma, priġunier ta' Kristu, jitfarrak fuq xtut gżiritna u hekk għal tliet xhur sħaħ jibqa' fostna jħabbrilna 'l Kristu msallab.

*Il-valuri nsara li ħallielna San Pawl*

Illum pajjiżna beda jgħix ħajja ġdida, għaliex kiseb twelid ġdid fi Kristu; illum aħna ċħadna l-allat qarrieqa u giddieba li konna nqimu u għażilna li nagħtu qima lil Alla veru u 'l Dak li bagħat Kristu Sidna; illum aħna għażilna li nimxu wara Kristu msallab u ma niftaħrux b'ebda ħaġa oħra ħlief bis-salib ta' Kristu; illum aħna mitna għad-dnub biex ngħixu għal Alla, warrabna minna l-ħajja tad-dnub u nżajna l-bniedem il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa, u ġġeddidna b'tibdila spiritwali tal-fehma tagħna u lbisna 'l bniedem il-ġdid, maħluq skond Alla fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità; illum warrabna minna l-qerq, il-faħx, il-gideb, il-għira, il-mibgħeda, il-ġlied, ir-regħba, il-vjolenza, u għażilna li jkollna l-istess sentimenti ta' Kristu Ġesu', sentimenti ta' tjieba, ħniena, umiltà, ħlewwa, sabar u, fuq kollox, imħabba; illum irxuxtajna ma' Kristu u għażilna li nfittxu fuq kollox il-ħwejjeġ tas-sema, u ma nħallux ir-rabta żejda mal-ħwejjeġ ta' l-art, mal-kumditajiet u l-pjaċiri tad-dinja, ibegħduna mill-ħajja ġdida li llum bdejna ngħixu, ħajja ta' tjieba, ġustizzja u verità.

Dawn huma l-valuri nsara li ħallielna San Pawl tul it-tliet xhur li dam fostna jħabbrek biex jagħtina twelid ġdid fi Kristu; dawn huma l-valuri nsara li missirijietna għożżew tul il-mijiet ta' snin u fdaw lilna biex ngħadduhom lil uliedna u lil ulied uliedna; dawn huma valuri nsara li sawru l-karattru tagħna l-Maltin u li jagħżluna mill-ġnus l-oħra kollha; dawn huma l-valuri li, kif xtaqilna l-Papa fl-ittra tiegħu ta' Settembru li għadda, iridu jgħinuna nirbħu d-diffikultajiet kollha tagħna u jwassluna għat-tielet elf sena bl-identità tagħna ta' Maltin u kattoliċi li aħna, bla mtiiefsa.

*Ngħixuhom fil-ħajja tagħna ta' kull jum*

X'se nagħmlu biex inħarsu għall-ġejjieni din l-identità tagħna ta' Maltin u ta' kattoliċi? X'jeħtiġilna nagħmlu biex ngħożżu l-wirt tal-valuri nsara li jgħaqqadna flimkien u jagħtina d-dehra vera ta' Maltin li aħna?

Il-valuri nsara ma nħarsuhomx bil-kliem biss; inħarsuhom meta ngħixuhom fil-ħajja kollha tagħna ta' kull jum. Aħna min aħna,

aħna x'aħna, huma x'inhuma r-responsabbiltajiet tagħna f'pajjiżna għandna nfittxu dejjem li kull ma nagħmlu, naħsbu u ngħidu, ikun jaqbel mal-fdii li aħna nħaddnu u nistqarru. M'hux se nħarsu l-wirt tagħna ta' valuri nsara billi mmorru l-Quddies u nqerru u nitqarbnu ta' spiss, imbagħad nonqsu mill-ġustizzja mal-proxxmu tagħna, inqarrqu bih u nigdbu fuqu; mhux se nħarsu l-wirt tagħna ta' valuri nsara jekk m'aħniex lesti naħfru lil min hu ħati għalina u ninsew il-ħtijiet tal-imgħoddi biex nerġgħu ninħabbu ma' xulxin u ngħixu flimkien bħal aħwa; ma nkunux inħarsu l-valuri nsara jekk ma ngħożux il-ħajja sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, jekk ma nħarsux is-safa u s-sħuħija taż-żwieġ. Il-ħarsien tal-wirt tagħna ta' valuri nsara jitlob għażla minn għandna, għażla li ma nkunux nistgħu nagħmluha jekk ma jkollniex spirtu ta' sagrifiċċju, għaliex il-vera ħajja nisranija hija ħajja tas-sagrifiċċju: it-triq tan-nisrani hija t-triq tas-salib, bħal dik ta' Kristu. Din il-ħajja ta' sagrifiċċju nistgħu ngħixuha, jekk nitolbu 'l Alla għaliha. Aħna ħarisna l-wirt għażiż tal-valuri nsara tul il-mijiet tas-snin li għaddew għaliex qatt ma naqas fostna l-ispirtu tat-talb: fil-ħtiġijiet kollha tagħna dejjem fittixna faraġ u għajnuna fit-talb u dan tixhdu l-ġrajja kollha ta' pajjiżna.

*Nafdaw fl-għajnuna ta', Alla*

U llum, aktar forsi milli fl-imgħoddi, jeħtieġ li nitolbu ħafna: it-tempesti tal-ħażen li qegħdin iheddu l-gżejjer tagħna dejjem aktar qegħdin jiħraxu; l-irwiefen ta' ħafna fehmiet ġodda li m'humiex l-Evanġelju ta' Kristu, qegħdin jippruvaw iqaċċtu s-siġra tal-fidi li ħawwel fostna San Pawl; ħafna qegħdin jitilfu kull sens ta' dnub, u jqisu li kollox hu permess għalihom jekk ikun jaqblilhom. Imma ma għandniex għax naqtgħu qalbna.

Kif San Pawl, tul l-erbatax-il jum li fihom ma kinux jafu fejn se titfagħhom it-tempesta, qawwa qlub in-nies li kienu miegħu fuq il-ġifen billi stedinhom jafdaw f'Alla li kien urih il kellhom jaħbtu ma' gżira, hekk ukoll San Pawl iqawwilna qalbna u jistedinna nafdaw fl-għajnuna ta' Alla. Kif hu fejjaq 'il missier Publju l-prinċep tal-gżira, u l-morda kollha li ġabulu, kif għeleb il-velenu tal-lifgħa li qabdet ma' jdejh, hekk illum S. Pawl ifejjaqna mill-mard kollu tagħna u jkeċċi minn fostna x-xjaten kollha tal-qerq u tal-ħażen li qegħdin ixerrdu fostna l-veleni tagħhom u jgħinna negħelbuhom biex ma jagħmlulniex aktar ħsara, u nżommu bla mittiefes il-wirt għażiż tal-fidi nisranija li hu ħawwel fostna sa mill-bidu tax-xandir tal-Evanġelju.

TALBA TAL-FIDILI mil-Lezzjonarju tal-Qaddisin p. 770.

# IT-TAMA TAGĦNA F'ALLA

## Inqumu ma' Kristu

"Jekk Kristu ma kienx imqajjem mill-imwiet", tgħidilna l-Knisja llum bi kliem Missierna San Pawl", il-fidi tagħkom hi fiergħa, u aħna l-aktar imsejknin fost il-bnedmin kollha", għaliex qegħdin inqegħdu t-tama kollha tagħna fi ħrafa, nibnu l-fidi kollha tagħna fuq ġrajja li qatt ma seħħet. Imma tkompli tgħidilna l-Knisja llum, "Kristu qam tassew mill-imwiet, l-ewwel fost dawk li raqdu", u aħna nġbarna hawn illum proprju biex niċċelebraw il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, għaliex kull nhar ta' Ħadd il-Knisja tistedinna nistqarru l-mewt tal-Mulej u nxandru l-qawmien tiegħu, u dana mhux bil-kliem biss, imma, kif rajna l-Ħadd li għadda, bl-imġiba kollha tagħna fil-ħajja tagħna ta' kull jum. Illum, u kull nhar ta' Ħadd, il-Knisja tistedinna mmutu għad-dinja tad-dnub ħalli ma' Kristu nqumu għall-ħajja ġdida; illum, u kull nhar ta' Ħadd, il-Knisja tistedinna ma' San Pawl, biex niġġeddu b'tibdila spiritwali tal-fehma tagħna u nilbsu l-bniedem il-ġdid maħluq skond Alla fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verita'. (Ara Ef. 4, 23-24)

## It-tama tagħna f'Alla

L-istess preżenza tagħna hawn illum, it-tisħib tagħna fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, hija xhieda tal-fidi tagħna fi Kristu rxoxt: aħna nemmnu li Kristu qam tassew mill-imwiet, għaliex aħna nemmnu fil-kelma tal-Knisja, għax nemmnu li l-Knisja tkellimna f'isem Alla, għax aħna nqegħdu t-tama tagħna mhux fil-bnedmin imma fil-Mulej, għax nafu li l-bnedmin jistgħu jqarqu bina, imma Alla qatt mhu se jqarraq bina, għaliex il-kelma tiegħu hija s-sewwa u l-verita'.

It-tama tagħna fil-Mulej ma tridx tkun bil-kliem biss, imma rridu nuruha fl-imġiba kollha ta' ħajjitna. U Ġesu' stess illum jurina kif għandha tkun l-imġiba ta' ħajjitna biex nuru li aħna tassew nittamaw fil-Mulej, li aħna verament fidili lejn Kristu u l-Knisja tiegħu. Inkunu fidili lejn Kristu u 'l Knisja tiegħu jekk aħna fqar fl-ispirtu, jekk aħna għandna l-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, jekk tassew jisgħobbina ta' dnubietna u jnikkitna l-ħażen kollu li hawn fid-dinja, jekk aħna lesti nilqgħu kull sagrifiċċju u niċċaħdu minn kull ma jista' jfixkel jew idgħajjef il-fedelta' tagħna lejn Kristu u l-Knisja tiegħu. Imma jekk aħna għandna qalbna marbuta mal-ġid ta' l-art u mal-għana tad-dinja tant li naslu biex niksru l-liġi ta' Alla u nonqsu mill-imħabba ta' ħutna l-bnedmin l-oħra; jekk aħna fl-imġiba tagħna fil-ħajja tagħna ta' kull jum ma nagħtux 'il kul-ħadd dak li ħaqqu imma nfittxu biss dak li jaqbel lilna; jekk aħna ma għandna ebda sogħba u ndiema għal dnubietna u bl-imġiba tagħna qegħdin ngħinu biex jikber u jinxtered il-ħażen fid-dinja; jekk qegħdin infittxu biss il-kumditajiet tal-ħajja, u aħna nsara biss meta u kif jaqbel lil-na; allura t-tama tagħna hi fil-bnedmin u mhux f'Alla, u mexjin lejn it-tiġrif sħiħ ta' ħajjitna, għaliex qegħdin nibnu l-ġejjieni kollu tagħna fuq ir-ramel u meta jasal it-tiġrib se niġġarrfu.

X'għandna nagħmlu biex nibnu t-tama kollha tagħna fil-Mulej?

## Kif nibnu t-tama tagħna fil-Mulej

L-ewwelnett għandu jkollna fedeltà' sħiħa lejn Kristu u l-Knisja tiegħu. Din il-fedeltà' tagħna nuruha l-ewwelnett permezz ta' l-obbedjenza tagħna għall-Papa u l-isqfijiet: f'idejhom il-Mulej Ġesu' ried jafda t-tmexxija tal-Knisja tiegħu, u meta huma jkellmuna, ikunu jkellmuna f'isem il-Mulej Ġesu': dak li jgħidulna qegħdin igħidulhulna għall-ġid tagħna, biex juruna t-triq tas-sewwa, tal-verità', tal-ġustizzja, tal-qdusija, u tas-sliem u l-paċi. L-obbedjenza tagħna għall-Papa u l-isqfijiet hija obbedjenza li tixhed l-imħabba tagħna għal Kristu u l-Knisja tiegħu u r-rispett tagħna lejn dawk li huma l-ministri ta' Kristu għas-salvazzjoni tad-dinja.

L-obbedjenza tagħna lejn il-Papa u l-isqfijiet ma tridx tkun bil-kliem biss. Dak li jgħidulna l-Papa u l-isqfijiet għandna nagħmluh u mhux nisimgħuh biss, kbir kemm ikun kbir ir-rispett li bih nisimgħu l-kelma tagħhom. U nkunu nagħmlu dak li jgħidulna l-isqfijiet jekk l-imġiba tal-ħajja tagħna tkun taqbel għal kollox mal-fidi tagħna. Għaliex dan igħidulna l-Papa u l-isqfijiet: kif għandha tkun l-imġiba tagħna biex tkun taqbel mal-fidi tagħna. U dan l-isqfijiet u l-Papa biss għandhom is-setgħa li jagħmluh, u ebda ħadd ieħor, għaref kemm hu għaref, kbir kemm hu kbir.

Jista' jiġri li dak li jgħidulna l-Papa u l-isqfijiet ma jogħġobniex, għax ma jkunx jaqbel mal-fehmiet u x-xewqat tagħna, għaliex iebes wisq għalina, għaliex jitlob sagrifiċċju minn għandna; imma l-Papa u l-isqfijiet għandhom id-dmir li jħarsu l-verità' u l-ġustizzja ta' Alla, u mhux li jogħġbu lin-nies: huma mhux sejrin qatt kontra dak li titlob il-verità' u l-ġustizzja. Dan rajnih fi żminijietna meta kotra kbira ta' nies, ta' nsara wkoll, ippretendew li l-Knisja tkun aktar moderna u tippermetti l-użu tal-kontraċċettivi, tippermetti l-abort, taċċetta d-divorzju, għaliex id-dinja tallum dawn kollha tridhom. Imma l-Papa u l-isqfijiet baqgħu jgħallmu li l-att taż-żwieġ għandu jkun dejjem miftuħ għall-ħajja, u għalhekk l-użu tal-kontraċċettivi u ta' kull mezz artifiċjali ma jħallix l-att taż-żwieġ jasal biex jagħti l-frott tiegħu hu dejjem ħażin, hu dejjem kontra l-liġi ta' Alla; baqgħu jgħidu li l-abort hu qtil ta' l-innoċenti, huwa qerda ta' ħajja u għalhekk kontra l-liġi ta' Alla, għax ħadd ma għandu setgħa fuq il-ħajja tal-bniedem jekk mhux Alla biss; u baqgħu jgħidu li d-divorzju huwa ħażin u jkisser il-familji u mhux igħaqqadhom u jħarishom, għaliex Alla ried li r-rabta taż-żwieġ bejn raġel wieħed u mara waħda ma tinħall qatt, tibqa' għal għomorhom sa ma l-mewt tifridhom. Jekk mela rridu tassew inqiegħdu t-tagħna tagħna f'Alla u mhux fil-bnedmin nagħtu widen dejjem għall-kelma tal-Papa u tal-isqfijiet, għaliex dawn, ma għandhom ebda ħsieb ieħor ħlief iħarsulna l-valuri nsara li jiffurmaw il-wirt għażiż ta' pajjiżna u jagħmluna dak li ilna għall-mijiet ta' snin minn meta San Pawl ra l-għarqa fuq xtut gżiritna: poplu nisrani, poplu kburi bit-twemmin tiegħu.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien illum biex inħabbru l-mewt tal-Mulej u nxandru l-qawmien tiegħu, nitolbuh l-għajnuna li neħtieġu biex ikun hemm qbil sħiħ bejn il-fidi u l-imġiba tagħna tul ħajjitna kollha.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek f'pajjiżna hija u tħabrek biex tħarsilna l-wirt għażiż tal-valuri nsara li ħallewlna missirijietna bit-tfassil ta' pjan pastorali xieraq għal żmenijietna.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħmel li l-Maltin kollha jieħdu bis-serjetà r-responsabbilta' tagħhom li jimxu fuq it-tagħlim ta' Kristu f'kull okkażjoni tal-ħajja tagħhom, kemm privata u kemm pubblika.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Bierek il-ħidma ta' dawk kollha li qegħdin iħabirku biex fostna jkun hemm għaqda sħiħa bejnietna fil-libertà, il-ġustizzja u l-imħabba.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Agħtina l-grazzja li nkunu fqar fl-ispirtu, ikollna ġuħ u għatx tal-ġustizzja u sogħba kbira għal dnubietna u għad-dnubiet tad-dinja, u li nilqgħu bil-qalb is-sagrifiċċji li jkollna nagħmlu biex nibqgħu fidili lejk.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum u ibgħat l-Ispirtu qaddis tiegħek biex jaħdem fina għas-safa ta' ħajjitna ħa niksbu l-qawwa meħtieġa biex ngħixu ħajja verament nisranija. Int li tgħix u ssaltnn għal dejjem ta' dejjem.

To my venerable and dear Brothers

Joseph Mercieca

Archbishop of Malta

and

Nicholas J. Cauchi

Bishop of Gozo

As the Church in Malta prepares to enter upon its *year-long observance* which will culminate in the Ninth International Mariological Congress, it is a joy for me to write you this Letter and, through you, to send greetings to the whole beloved Maltese people. With the Apostle Peter I say: "Peace to all of you that are in Christ" (I Pt 5:14).

It is particularly gratifying to know that on I October next you will inaugurate throughout Malta the Diocesan Mission, the aim of which is *the spiritual renewal of the Maltese people*. As Pastor of the universal Church of Christ, I am pleased to be associated with you, the local Ordinaries, in this solemn call of the People of God to ever greater holiness of life. At this propitious moment and acceptable time may the words of St. Paul echo throughout your land: "Be renewed in the spirit of your minds and put on the new nature, created after the likeness of God in true righteousness and holiness" (Eph 4: 23-24).

By its very nature, a call to spiritual renewal is *an invitation to prayer*. And so the Maltese people are invited to open their hearts to God, to turn their minds to his Son, our Lord and Saviour Jesus Christ, and to implore the purifying action of the Holy Spirit in their lives. It is through prayer — both personal and liturgical — that all the members of the community will attain the strength needed for authentic Christian living.

In prayer they will deeply perceive that a call to renewal means *a call to fidelity to Christ* as he lives on in the communion

of his Church. This communion is a communion of one faith — a communion of truth and life, of holiness and grace, of justice, love and peace. It is a communion which requires from its members mutual respect, fraternal support and loving obedience to the pastors of the flock. The Church is a universal communion in which priests, religious and laity live their vocation and cooperate in the salvific mission of Christ through common action in union with the Bishops and the Successor of Peter. And in this common and coordinated ecclesial action there is found the assurance of fidelity to Christ and the guarantee of an effective contribution to the Kingdom of God.

A call to renewal is likewise *a call to consistency* — consistency between faith and Christian living. A community of faith and prayer must show forth in its conduct what it professes and proclaims. The belief of the Church must be expressed in the private and public life of her members. Consistency must be manifested through an ever more visible and vital Christian witness in all the roles and functions in which the faithful find themselves. The Christian challenge — the call to consistency — involves decisive choices and sacrifices for everyone; it makes claims on those in humble conditions, as well as those with lofty responsabilities. For every category of people Christianity has the same requirements: to embrace Christ in faith and to apply his teachings to the concerte situations of life.

It is moreover, the experience of centuries of Christian living that fidelity to Christ and his Church, far from detracting from loyalty to one's homeland, *is an effective contribution to the well-being of the whole community*. Christ himself instructed us: "Render therefore to Caesar the things that are Caesar's, and to God the things that are God's" (Mt. 22:21).

At this important time, all Christians must, through a common commitment, take seriously their responsibility to promote *the Maltese patrimony of Christian values*, which unify and give an authentic visage to the Maltese nation and its people.

To foster Christian values which serve the common good of the whole nation, Catholics must support those educational and charitable and social instituitons which are so generously operated by the Church.

Spiritual renewal will also invlove further efforts at *reconciliation* in the pursuit of precious national unity — the unity of brothers and sisters in freedom, justice and charity. Renewal and reconciliation will mean a new era where division is replaced by harmony and where hostility is dissolved by the forces of fraternal respect and Christian love. This new era will likewise be the propitious climate for the material as well as spiritual well-being of every man, woman and child in Malta.

In all your efforts to achieve

spiritual renewal and to build up the religious and moral fabric of your nation, you rightfully count on *the intercession of Mary,* the Mother of God, who presides over the destiny of your people, helping them to overcome all difficulties and to arrive at the third millennium with their Christian cultural identity.

In this regard it is my hope that the Marian celebrations which are yet to come, together with the whole year of spiritual renewal, will be considered ecclesial events which will occasion, among other things, an ever greater union of faith and love among the sons and daughters of Malta, which proudly claims to be the Island of Saint Paul. And may it be thus under the protection of Mary, to whose loving and maternal care I confidently entrust all the inhabitants of Malta.

Through you, venerable Brothers, I send my special Apostolic Blessing to all the faithful, wit hthe assuring words of your own Apostle Paul: "My love be with you all in Christ Jesus" (I Cor 16:23).

From the Vatican, 29 September 1982

Joannes Paulus PP. II

TELEGRAMM TA' RADD IL-ĦAJR GĦALL-ITTRA TAL-PAPA

Ingenti folle fedeli pellegrini alla parrocchiale Mosta e Cattedrale Gozo iniziando Missione diocesana uniti Presuli et sacerdoti ascoltano commossi venerata lettera Santo Padre gratissimi benevolo messaggio stop promettòno fedeltà incondizionata Cristo et chiesa consistenza vita et fede impegno riconciliazione tutela patrimonio maltese valori cristiani sotto protezione Vergine Maria stop Arcivescovo Mercieca vescovo Cauchi con clero et pópolo cattolico maltese riconoscenti ringraziano Santo Padre benedizione apostolica speciale

Arcivescovo Mercieca

15 ta' Settembru, 1982

STEDINA TA' L-ARĊISQOF LIR-RELIĠJUŻI NISA GĦAT-TALB GĦALL-MISSJONI DJOĊESANA BI TĦEJJIJA GĦAD-IX KUNGRESS MARJOLOĠIKU INTERNAZZJONALI XVI-IL KUNGRESS MARJAN INTERNAZZJONALI

Rev.da Madre,

Kif naħseb li tafu mit-8 sat-18 ta' Settembru tas-sena d-dieħla f'Malta se jsiru żewġ Kungressi Internazzjonali fuq il-Madonna, u bħala tħejjija għal dawn iż-żewġ Kungressi, fl-1 ta' Ottubru ta' din is-sena se tiftaħ Missjoni Djoċesana li tibqa' sejra sa Ġunju tas-sena d-dieħla. L-għan ewlieni tal-Missjoni huwa tiġdid spiritwali ta' pajjiżna biex jintrebaħ kull ma qiegħed jifridna ħa nerġgħu nkunu, kif dejjem konna fl-imgħoddi, ilkoll aħwa fi Kristu.

Qiegħed isir ħafna xogħol biex kemm il-Kungressi u kemm il-Missjoni Djoċesana jirnexxu għall-akbar glorja ta' Alla, imma l-ħidma kollha tagħna tkun kollha kemm hi għalxejn, jekk ma tkunx imwettqa b'għajnuna mis-sema, għaliex "jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja". Għalhekk nixtieq nagħmel stedina ġenerali lill-komunitajiet kollha tar-reliġjużi nisa, u b'mod speċjali lir-reliġjużi tal-klawsura, biex matul ix-xhur li ġejjin jitolbu fuq li jitolbu lill-Verġni Marija għas-suċċess l-ewwel tal-Missjoni Djoċesana u mbagħad tal-Kungressi Marjani. Nistedinkom toffru t-talb kollu tagħkom, l-egħmil tajjeb u s-sagrifiċċji u ċaħdiet kollha tagħkom f'dan iż-żmien li ġej, biex pajjiżna jerġa' għal li kien fl-imgħoddi: xirka waħda ta' mħabba fl-għaqda tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.

Qed nibgħatilkom it-Talba li kienet tqassmet sena ilu, biex, jekk m'intomx tgħiduha, tibdew tgħiduha kuljum sa tmiem il-Kungressi.

Il-Mulej iberikkom, iħariskom minn kull deni, u jwettaqkom bil-grazzji tiegħu.

ĠUŻEPPI MERCIECA
ARĊISQOF TA' MALTA

## NOVENA TAL-MILIED

**Skemi ta' priedki**

*Jekk in-novena ssir fil-għaxija, l-iskemi al-priedki huma dawk mill-15 sat-23 ta' Diċembru; jekk issir filgħodu l-iskemi huma dawk tas-16 sal-24 ta' Diċembru*

### 15 TA' DIĊEMBRU

### "QATTRU SMEWWIET MILL-GHOLI"

**"Tinferaq l-art u tinbet is-salvazzjoni!"**

"Qattru, smewwiet, mill-għoli, u ħalli sħab iraxxax il-ġustizzja ħa tinferaq l-art u tinbet is-salvazzjoni u flimkien magħha tinbet il-ġustizzja". Hekk kien ħabbar il-profeta Isaija biex igħarraf lil-Lhud li kien wasal għalihom il-jum tal-ħelsien mill-jasar ta' Babel. Alla huwa dak li jmexxi kollox, u kien Alla, fil-provvidenza tiegħu, li wassal lis-sultan Ċiru biex jagħti l-ordni ħalli l-Lhud jerġgħu lura lejn pajjiżhom u jibnu mill-ġdid il-belt qaddisa ta' Ġerusalem u t-tempju tal-Mulej.

Imma kliem il-profeta għalina għandu tifsir aktar għoli minn dak li raw fih il-Lhud ta' żmien Isaija. Jekk mis-sema kien ġie l-ħelsien ta' Israel mill-jasar ta' Babel, għax Alla hu dak li jmexxi l-ġrajjiet kollha tal-bnedmin; wisq aktar ġie għalina mis-sema l-ħelsien tagħna mill-jasar tad-dnub u l-mewt. Meta l-Iben ta' Alla, mill-għoli tas-sema, niżel fostna u sar bniedem bħalna għas-salvazzjoni tagħna, bir-raġun kollu nistgħu ngħidu li s-smewwiet qattru mill-għoli u s-sħab raxxax il-ġustizzja fuq l-art, għaliex permezz ta' Kristu, Alla xerred mad-dinja kollha l-ġustizzja u s-salvazzjoni tiegħu hekk li l-ġnus kollha huma msejħin ħa jqimu lil Alla u hekk jiksbu s-salvazzjoni.

**Il-ġustizzja u s-salvazzjoni ta' Alla**

X'inhuma l-ġustizzja u s-salvazzjoni li Alla bagħtilna mis-sema permezz ta' Kristu, Ibnu wieħed Sidna? Igħidulna Ġesu' stess; qalu Ġesu' stess lid-dixxipli ta' Ġwanni li kienu marru jistaqsuh kienx hu l-Messija mistenni, jew kellux jiġi ħadd ieħor. Ġesu' wara li fejjaq ħafna nies mill-mard u t-tbatijiet tagħhom u mill-ispirti ħżiena, qalilhom: "Morru għidu lil Ġwanni kull ma rajtu u smajtu: l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin jitfejqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u lill-imsejknin titħabbrilhom il-Bxara t-tajba." B'dan il-kliem tiegħu Ġesu' ried igħid lid-dixxipli ta' Ġwanni li s-sinjali li l-profeta Isaija kien ħabbar li se jseħħu meta l-Messija jiġi fid-dinja kienu qegħdin iseħħu bih. Dawn is-sinjali li kien ħabbar Isaija u li Ġesu' kien wettaq, kienu kollha sinjali li juru li fid-dinja kienu qegħdin jixterdu l-ġustizzja u s-salvazzjoni ta' Alla. Għaliex Ġesu' fid-dinja mhux biss fejjaq mill-mard tal-ġisem, mhux biss qajjem il-mejtin fil-ġisem, imma fejjaq kotra kbira ta' nies, u għadu sallum u jibqa' sa l-aħħar tad-dinja jfejjaq minn kull xorta ta' mard fir-ruħ u jagħti ħajja ġdida lir-ruħ mejta minħabba d-dnub. Permezz ta' Ġesu' aħna ġejna salvati mill-jasar tad-dnub u tal-mewt; permezz ta' Ġesu' aħna ksibna ġustizzja quddiem Alla, sirna ġusti għaliex ġejna meħlusin mill-ħażen kollu tagħna, u sirna ħolqien ġdid fil-

Mulej; u dan għaliex emminna fil-Bxara t-tajba li tħabbritilna u ndimna minn dnubietna.

F'dawn il-ġranet li ġejjin, li fihom qegħdin inħejju ruħna għall-miġja mill-ġdid tal-Mulej fostna fil-ġranet tal-Milied, nitolbu bil-ħerqa kollha llum u ngħidu lil Alla: "Qattru, smewwiet, mill-għoli, ħa jinfetaħ is-sħab u jiġi fostna l-Feddej, il-Prinċep tas-sliem, biex iwettaqna bil-grazzji tiegħu u jagħmilna ġusti quddiemu.

## TALBA TAL-FIDILI

Alla l-Missier bagħtilna lil Ibnu biex iġibilna s-salvazzjoni u s-sliem għal dejjem. Fiċ-ċokon tagħna nitolbuh u ngħidulu:

Tiġi saltnatek, Mulej

Mulej qaddis, ħares il-Knisja tiegħek: ejja żur id-dielja li ħawlet il-leminija tiegħek.

Tiġi saltnatek, Mulej

Itfa' ħarstek fuq il-ġnus kollha u fil-ħniena tiegħek bla tarf sejħilhom biex jagħtu ġieh lit-tjieba tiegħek.

Tiġi saltnatek, Mulej

Ftakar fil-qaddej tiegħek NN u f'dawk kollha li ħallew din il-ħajja bis-sliem tiegħek: ilqagħhom miegħek fil-glorja għal dejjem.

Tiġi saltnatek, Mulej

Int li tbiddel ix-xwabel fis-sikek tal-moħriet u l-lanez fi mnieġel, biddel il-għira fl-imħabba u l-inġustizzji tagħna f'maħfra.

Tiġi saltnatek, Mulej

Int li se tibgħat 'l Ibnek il-għażiż fostna fil-ġranet tal-Milied, ħejjina biex nilqgħuh kif jixraq.

Tiġi saltnatek, Mulej

Mulej Alla li tista' kollox isma' t-talb li qegħdin nagħmlulek biex jitqaddes ismek, tiġi saltnatek u jkun dak li trid int kif fis-sema hekkda fl-art. Bi Kristu Sidna.

## 16 TA' DIĊEMBRU

## "HEJJU TRIQ IL-MULEJ"

**Kif se nhejju ruħna għall-Milied?**

F'dawn il-ġranet li ġejjin, f'dawn l-aħħar disat ijiem qabel is-solennità għażiża tal-Milied, il-Knisja tistedinna ngħixu magħha l-misteri kbar li seħħu fl-aħħar xhur u ġimgħat qabel twieled f'Betlehem is-Salvatur tad-dinja, ġrajjiet imħabbra mill-profeti fil-qedem li kellhom iseħħu fil-milja taż-żminijiet.

B'liema mod se nilqgħu din l-istedina tal-Knisja? Kif se nhejju ruħna f'dawn l-aħħar ġranet ħa nilqgħu lill-Mulej Ġesu' meta jerġa' jitwieled fostna fil-lejl qaddis tal-Milied?

Igħidulna l-Mulej Ġesù stess huwa u jkellimna fuq San Ġwann Battista u jistedinna naraw fih eżempju għalina. Huwa u jkellem lin-nies fuq Ġwanni l-Battista, Ġesù qalilhom: "Xi ħriġtu taraw fid-deżert? Qasba tixxejjer mar-riħ? imma intom xi ħriġtu taraw? Raġel liebes l-ilbies fin?" Dan il-kliem ta' Ġesù fuq San Ġwann Battista jurina b'liema mod għandna nhejju ruħna ħa nilqgħu l-Mulej Ġesu' fil-ġranet tal-Milied: irridu nkunu nixbhu lil San Ġwann Battista billi ma nkunux qasab imxejjer mar-riħ, ma nkunux nies medhijin fl-ilbies fin.

**B'konsistenza fl-imġieba tagyna...**

Dan x'ifisser? Ma nkunux qasab imxejjer mar-riħ, jekk inkunu dejjem konsistenti fl-imġiba tagħna, jiġifieri jekk l-imġiba tagħna bħala nsara tkun dejjem taqbel mal-fidi li nistqarru. Dan qalulna l-Papa stess fl-ittra li bagħtilna permezz tal-isqfijiet f'Ottubru li għadda: it-tiġdid spiritwali li għalih qegħdin inħabirku tul din is-sena, jitlob li l-imġiba kollha tagħna fil-ħajja tagħna ta' kuljum tkun taqbel mal-fidi li nħaddnu u nistqarru, u dan fl-oqsma kollha tal-ħajja tagħna, huma x'inhuma l-ħidmiet li msejħin nagħmlu fid-dinja: studenti, ħaddiema, professjonisti, ġenituri u wlied, għalliema, superjuri u sudditi, ilkoll kemm aħna, għandna naqdu dmirijietna skond ma nemmnu, fid-dawl tal-Evanġelju, u mhux kif ikun jaqblilna jew jogħġobna fil-waqt li jkun.

**....U lesti għal kull sagrifiċċju**

Ma nkunux nies medhijin fl-ilbies fin, jekk bħala għan ewlieni ta' ħajjitna għandna l-ħarsien tal-Evanġelju u mhux il-ħajja komda u ta' nfiq bla rażan tan-nies tad-dinja tallum: fi kliem ieħor, bħala nsara għandna nkunu dejjem lesti nilqgħu kull sagrifiċċju li jkun meħtieġ biex inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u nħarsu bla mittiefes is-safa ta' ruħna u l-qdusija u s-sħuħija tal-familja tagħna.

Jekk dan, aħna nkunu qegħdin inhejju ruħna kif jixraq ħa nilqgħu l-Mulej meta jiġi, u jkollna minn għandu kotra ta' barka u sliem. U din il-kotra ta' barka u sliem tkun ukoll għal dawk kollha li fost ħutna tbegħdu mit-triq it-tajba, imma mqanqlin mill-grazzja tal-Mulej qed jerġgħu lura fi ħdanu, sogħbenin u niedma minn ħtijiethom. Għalihom igħodd il-kliem tal-profeta Isaija lill-belt ta' Ġerusalem.

Il-ħtija ta' Ġerusalem kienet tassew kbira għaliex Ġerusalem kienet ċaħdet lil Alla u fittxet allat oħra: Alla telaqha f'idejn l-egħdewwa tagħha,

imma ma nsiħiex għal kollox; baqa' jħobbha l-belt tiegħu u ħenn għaliha; meta wasal il-waqt reġa' ħabbibha miegħu. Hekk iħabbeb miegħu lilna, jekk niedma u sogħbiena nerġgħu lura fi ħdanu: niċħdu l-frugħat u l-qerq tad-dinja u nfittxu kull ma hu tjieba, ġustizzja u verità.

Jalla dan nagħmluh mhux biss f'dawn il-ġranet tan-novena tal-Milied imma tul ħajjitna kollha.

## TALBA TAL-FIDILI

Ħuti egħżież. Kristu huwa l-għerf u l-qawwa ta' Alla li l-għaxqa tiegħu hi li jkun fost il-bnedmin. Nitolbuh b'tama kbira u ngħidulu: Ejja, Mulej Ġesù u agħtina dak li qed nitolbuk.

Mulej Ġesu', ieqaf mal-Knisja tiegħek f'dawn il-ġranet li fihom qiegħda thejjina għat-twelid tiegħek mill-ġdid fostna fil-ġranet tal-Milied.

Ejja, Mulej Ġesu' u agħtina dak li qed nitolbuk

Mulej Ġesù, agħtina l-grazzja li fil-ħajja tagħna ta' kuljum, l-imġiba tagħna tkun dejjem taqbel mal-fidi li nistqarru.

Ejja, Mulej Ġesu' u agħtina dak li qed nitolbuk

Mulej Ġesu', daħħal fis-saltna tiegħek ta' dejjem lill-qaddej tiegħek N.N. u lil ħutna kollha li fittxew dejjem jgħixu skond ma jemmnu.

Ejja, Mulej Ġesu' u agħtina dak li qed nitolbuk

Mulej Ġesu', tħalli qatt il-frugħat u tlellix tad-dinja jqarraq bina u jbegħdna mit-triq li twassalna għandek.

Ejja, Mulej Ġesu' u agħtina dak li qed nitolbuk

Mulej Ġesù, iġbed lura lejk lil ħutna kollha li jinsabu 'l bogħod minnek: erġa' ħaddanhom miegħek, niedma u sogħbiena għall-ħtijiethom.

Ejja, Mulej Ġesu' u agħtina dak li qed nitolbuk

Mulej Ġesù Kristu, fil-ħniena tiegħek ħares lejna u ferraħna bil-miġja tiegħek fostna fil-ġranet qaddisa tal-Milied. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## 17 TA' DIĊEMBRU

## "IL-MULEJ ALLA JAGHTIH IS-SALTNA TA' DAVID MISSIERU"

**Veru Alla u veru bniedem**

"Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru". Hekk ħabbar l-anġlu lil Marija meta, mibgħut minn Alla, mar għandha f'Nazaret biex igħidilha li Alla għażilha ħa tkun dik li tagħti lid-dinja 'l Bin il-Missier etern.

L-anġlu Gabrjiel lil Marija ħabbrilha li l-iben li kien se jkollha kien Bin Alla, Bin il-Għoli, u kien se jitnissel fiha bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu; fl-istess ħin ħabbrilha wkoll li binha se jkun min-nisel ta' David u li Alla kien se jagħtih it-tron ta' David missieru. Dak li ħabbar l-anġlu lil Marija, il-Knisja qiegħda tħabbru lilna llum hija u tgħidilna li Ġesu' huwa l-Iben waħdieni ta' Alla, imma huwa wkoll Bin il-bniedem; Ġesù hu veru Alla u veru bniedem. Bħala Alla, hu Alla minn Alla, dawl minn Dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel mhux magħmul, ħaġa waħda mal-Missier, u bih sar kollox. Bħala bniedem ġie konċeput mill-Ispirtu s-Santu u twieled minn Marija Verġni: twieled minn mara, twieled skond il-liġi, kif igħidilna San Pawl, biex aħna niksbu l-adozzjoni ta' wlied, jiġifieri biex aħna niksbu mill-ġdid id-dinjità ta' wlied Alla li konna tlifna bid-dnub: Alla sar bniedem, biex aħna nsiru allat jiġifieri jkollna d-dinjità ta' wlied Alla.

San Mattew meta beda l-Evanġelju tiegħu bi ktieb in-nisel ta' Ġesù ried jurina li Ġesu' kien veru bniedem ukoll u fih seħħu l-wegħdiet kollha li Alla kien għamel fl-imgħoddi: għalhekk igħaqqad lil Ġesù ma' Abraham, ma' David.

**Il-wegħdiet lil Abraham**

Lil Abraham Alla kien wegħdu li jagħmlu missier ta' kotra kbira ta' ġnus, kotra akbar mill-kwiekeb kollha tas-sema, aktar mir-ramel kollu ta' xatt il-baħar. Il-wegħda li saret lil Abraham għaliex emmen fuq li emmen fil-kelma li qallu Alla meta sejjaħlu. Abraham emmen meta Alla sejjaħlu biex iħalli dar missieru, lil ħbiebu, lil pajjiżu u jmur f'art oħra, f'art li l-Mulej kien se jurih: Abraham ma kienx jaf fejn Alla kien qiegħed isejjaħlu, imma kollu fiduċja fil-kelma ta' Alla, telaq għall-għonq it-triq. Abraham emmen meta Alla deherlu u ħabbarlu li martu, li ma setax ikollha tfal, kienet se tagħtih iben fi xjuħitu: Abraham emmen u meta wasal il-waqt twelidlu Iżakk, iben il-wegħda ta' Alla. Abraham emmen meta Alla ordnalu biex joffrilu bħala sagrifiċċju lil dan l-iben il-waħdieni tiegħu, li miegħu kienet marbuta l-wegħda li jkun missier ta' kotra kbira ta' ġnus: Abraham obda għax emmen li Alla għandu s-setgħa saħansitra li jqajjem mill-mewt.

**Il-wegħda lil David**

Lil David ukoll saret il-wegħda tal-Messija, meta fi xjuħitu, David ried jibni dar lill-Mulej; iżda l-Mulej bagħat igħidlu mal-profeta tiegħu li mhux hu, David, kellu jibni dar lil Alla, imma Alla stess kien se jibni dar għal David, dar li tibqa' għal dejjem. Din il-wegħda lil David seħħet f'Ġesu', kif ħabbar l-anġlu lil Marija: "il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem." U dan ukoll ħabbru Ġakob lill-ibnu Ġuda, huwa u jagħtih il-barka tiegħu fuq is-sodda tal-mewt: "Ma jitneħħiex ix-xettru minn idejn Ġuda, u l-ħatar minn bejn riġlejh."

**Il-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni**

L-ewwel erba' kelmiet tal-Evanġelju tallum juruna fil-qosor b'liema mod Alla beda jwettaq il-pjan tiegħu, pjan imfassal minn qabel kull żmien, għas-salvazzjoni tad-dinja. Sejjaħ lil Abraham u wegħdu li jkun missier ta' kotra kbira ta' ġnus; nisel Abraham fl-Eġittu saru poplu kbir, il-poplu li l-Mulej għażel għalih biex fih iżomm ħajja l-wegħda tal-Messija; ta' dan il-poplu David kien sultan skond il-qalb ta' Alla u ma' David Alla ġedded il-wegħda magħmula lil Abraham; għalkemm ħafna slaten li ġew wara David tbegħdu minn Alla, u ġabu fuq il-poplu kastigi kbar, Alla baqa' jħobbu l-poplu tiegħu u permezz tal-profeti żamm ħajja fostu l-wegħda tal-Messija, sa kemm waslet il-milja taż-żminijiet meta dak li Alla wiegħed seħħ bil-miġja tal-Iben ta' Alla fostna bħala bniedem.

Infaħħru għalhekk l-Għerf bla qjies ta' Alla li jagħraf iqassam kollox bil-qawwa u bil-ħlewwa, u jmexxi l-ġrajjiet tal-bnedmin skond il-pjan tal-provvidenza tiegħu, u jdawwar għall-ġid l-iżbalji u -nuqqasijiet tal-bnedmin. ...

## TALBA TAL-FIDILI

Kristu hu l-ferħ u l-hena ta' kull min jemmen fih. Insejħulu bil-qalb u ngħidulu: Ejja, Mulej, la tiddawwarx.

Ejja, Mulej, biex tħares il-qdusija tal-Knisja tiegħek.
Ejja, Mulej, la tiddawwarx.

Int li ħlaqt id-dinja u kull ma fiha, ejja ifdi egħmil idejk.
Ejja, Mulej, la tiddawwarx.

Ejja, Mulej, iġbor il-qaddej tiegħek N.N. u lil dawk kollha li qegħdin jistennew jarawk fil-glorja ta' dejjem.
Ejja, Mulej, la tiddawwarx.

Int li sirt bniedem bħalna, ejja ħa tagħtina d-dinjità ta' wlied adottivi ta' Alla.
Ejja, Mulej, la tiddawwarx.

Ejja, Mulej, u ferraħna bil-miġja tiegħek fostna fil-ġranet tal-Milied.
Ejja, Mulej, la tiddawwarx.

Mulej Ġesù, int l-Għerf li ħriġt minn fomm Alla l-Għoli, int tifrex il-qawwa tiegħek minn tarf għall-ieħor ta' l-art u tqassam kollox sewwa: ejja għallimna t-triq tal-għaqal, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## 18 TA' DIĊEMBRU

## "ISALVA L-POPLU TIEGĦU MINN DNUBIETHOM"

**It-tnissil ta' Ġesu'**

Il-bieraħ tħabbrilna l-Ktieb tan-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham: ħabbritulna l-Knisja bi kliem l-evanġelista San Mattew li ried jurina li l-Iben ta' Alla verament sar bniedem bħalna, li Ġesù Kristu kien, iva, veru Alla, imma kien ukoll veru bniedem, imnissel skond il-ġisem minn David, minn Abraham: fih, f'Ġesù, seħħu l-wegħdiet li Alla kien għamel lil Abraham u lil David.

Illum, bi kliem San Mattew ukoll, il-Knisja tħabbrilna li għalkemm Ġesù twieled minn mara, twieled skond il-liġi, kif igħid San Pawl Missierna, it-twelid tiegħu kien ta' l-għaġeb, għaliex ommu Marija ma għarfitx raġel u dak li tnissel fiha ġie bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu.

Dan ħabbar l-Anġlu lil San Ġużepp, meta dan intebaħ li l-għarusa tiegħu Marija, qabel ma marru joqogħdu flimkien, kienet se ssir omm. San Ġużepp kien raġel ġust, bniedem skond il-qalb ta' Alla, u għax kien bniedem ġust għaraf li dak li kien qiegħed iseħħ f'Marija kien xi ħaġa ta' l-għaġeb: intebaħ li l-qawwa ta' Alla l-Għoli kienet xeħtet id-dell tagħha fuq Marija, u fiċ-ċokon tiegħu ħass ma kienx jistħoqqlu jkun xhud ta' għaġeb bħal dan ta' Alla, u ried jitbiegħed minn Marija.

**Is-sejħa ta' San Ġużepp**

Iżda kif Alla sa minn qabel kull żmien kien għażel lil Marija biex tkun Omm Alla, hekk kien għażel ukoll lil San Ġużepp biex ikun missier putativ ta' Ġesù; għalhekk meta San Ġużepp intebaħ bil-misteru li kien qiegħed iseħħ f'Marija, Alla bagħatlu l-anġlu tiegħu biex iħabbarlu x'kienet il-missjoni tiegħu: "Ġużeppi, bin David," qallu, "la tibżax tilqa' għandek lil Marija b'martek għax dak li tnissel fiha ġie bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Hi jkollha iben u int issemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom." L-anġlu tal-Mulej mhux biss irrivela lil San Ġużepp il-misteru li seħħ f'Marija, imma ħabbarlu wkoll li Ġesù, għal għajnejn iin-nies se jkun jitqies bħala ibnu, iben Ġużeppi, il-mastrudaxxa ta' Nazaret. "Inti ssemmih Ġesù," qallu l-anġlu: u kien il-missier li, skond id-drawwa tal-Lhud, dak li kien jagħti l-isem lil uliedu.

U San Ġużepp, meta wasal il-waqt, qeda d-dmir tiegħu ta' missier: tmint ijiem wara li twieled Iben Alla magħmul bniedem u mwieled mill-Verġni Marija, hu taħ l-isem ta' Ġesù, kif kien qallu l-anġlu.

**Ġesu' ġie jsalvana minn dnubietna**

"Int issemmih Ġesu'," qallu l-anġlu, "għaliex hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom." L-isem stess ta' Ġesu' hu xhieda tal-missjoni tiegħu fid-dinja: Ġesù sar bniedem bħalna biex jeħlisna minn dnubietna: hu li ma kienx jaf x'inhu dnub sar dnub għalina billi tgħabba bid-dnubiet kollha tad-dinja ħalli jħassarhomlna bid-demm li hu xerred għalina fuq is-salib.

**Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja u s-sliem**

Bil-miġja ta' Ġesù fostna, bir-rebħa tiegħu fuq il-mewt u d-dnub, bdew isaltnu fid-dinja l-ġustizzja u s-sliem; u dan ħabbruh il-profeti b'għadd ta'

xbihat mill-isbaħ: is-sħab mis-smewwiet iraxxax is-sliem, igħidilna Isaija, u l-art tinferaq u tinbet is-salvazzjoni u flimkien magħha tinbet il-ġustizzja; il-lupu jibda jgħix mal-ħaruf, il-leopard mal-gidi, u jirgħu flimkien l-għoġol u l-ferħ ta' ljun, u tfajjel żagħżugħ isuqhom. U Ġeremija jħabbar li mid-dar ta' David toħroġ rimja qaddisa, sultan bil-għaqal li jagħmel id-dritt u l-ġustizzja fil-pajjiż.

Il-ġustizzja u s-sliem ta' Ġesù jinsabu fostna, imma ngawduhom biss jekk inkunu bnedmin ta' rieda tajba, jiġifieri jekk nagħarfu nirbħu lilna nfusna u nfittxu nagħmlu dak kollu li Alla jrid minna. Nagħmlu r-rieda ta' Alla jekk inħarsu l-kmanadmenti tiegħu, u Alla nnifsu jagħtina l-għajnuna kollha biex dan nagħmluh. Nitolbuh għalhekk illum lill-Mulej Ġesù, il-Mexxej tad-dar ta' Israel, il-Prinċep tas-sliem, nitolbuh jiġi jifdina mill-ħażen tagħna billi qawwa ta' driegħu ħalli nkunu nistgħu nħarsu sa l-iċken tikka l-liġi li Alla ta lil Mose' fuq il-għolja tas-Sinaj u li Ġesù stess wassal għall-perfezzjoni sħiħa tagħha.

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lill-Mulej Ġesù jwettaqna bil-qawwa tal-grazzja tiegħu ħalli nkunu nistgħu nħarsu l-kmandamenti tiegħu u neħilsu minn dnubietna.

Mulej Ġesù, salva l-poplu tiegħek minn dnubietu u wasslu għall-hena ta' dejjem.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej, Ġesù, biegħed mid-dinja kull għied u kull inkwiet biex iħaddru fostna l-ġustizzja u s-sliem tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, ferraħ il-qaddej tiegħek N.N. u 'l ħutna mejtin bid-dawl ta' wiċċek fis-sema.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, xerred kotra ta' tjieba u ħniena fuq ħutna l-midinbin biex jerġgħu lura lejk.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù, aħjina bil-miġja tiegħek u uri magħna l-qawwa tas-salvazzjoni tiegħek.

Ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Mulej Ġesù Kristu, Sid u Mexxej tad-dar ta' Israel u Prinċep tas-sliem, ejja żurna bil-qawwa tal-grazzja tiegħek biex teħlisna minn dnubietna u tagħtina l-hena ta' dejjem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

### 19 TA' DIĊEMBRU

Ara l-iskema ta' l-omilija għar-4 Ħadd ta' l-Avvent.

## 20 TA' DIĊEMBRU

## "IX-XEBBA SSIR OMM"

**It-tħabbira ta' Isaija**

"Arawha, ix-xebba ssir omm u jkollha iben u ssemmih Għimmanu-el (għax Alla magħna)". Hekk ħabbar il-profeta Isaija lis-sultan Aħaż meta l-Mulej bagħtu għandu jistiednu jitlob sinjal mis-sema li jurih li Alla kien miegħu biex jeħilsu mit-theddida tas-slaten tas-Sirja u ta' Israel. Alla minn Aħaż ried sinjal ta' fiduċja u ta' fidi, sinjal li Aħaż ma riedx jagħti għax kien nieqes mill-fidi. Iżda Alla s-sinjal tahulu lil Aħaż, imma s-sinjal li tah kien sinjal mhux għalih biss imma għad-dar kollha ta' David; għan-nisel tiegħu kollu: minkejja n-nuqqas ta' fidi li wrew is-slaten ta' Ġuda li kienu min-nisel ta' David, Alla ma kienx se jonqos mill-wegħda li kien għamel Alla lil David, li jibnilu dar li tibqa' għal dejjem: u s-sinjal ta' dan, is-sinjal tal-imħabba speċjali li Alla kellu għad-dar ta' David kien iben imwieled minn xebba, li ismu jkun Għimmanu-el, Alla magħna.

Alla wera li kien tassew mad-dar ta' David għal dejjem, meta l-Iben ta' Alla sar bniedem fil-ġuf tal-Verġni Marija. Dak in-nhar seħħ verament dak li ħabbar Isaija: Alla verament ġie fostna, ġie magħna, għaliex sar bniedem bħalna, jixbahna f'kollox, kif jurina l-evanġelista San Luqa fl-evanġelju li għadna kemm smajna.

**L-inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla**

Marija, minn Nazaret, xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David, kienet waħda miċ-ċkejknin tal-Mulej tistenna b'fiduċja kbira minn għandu s-salvazzjoni tad-dinja. Il-Missier ta' kull ħniena ried minnha tweġiba qabel fiha jseħħ il-misteru tal-Inkarnazzjoni, biex kif bis-sehem ta' mara kien daħal id-dnub fid-dinja, hekk mara oħra, it-tieni Eva, tagħti sehemha biex id-dinja jkollha mill-ġdid il-ħajja u ħajja bil-kotra.

Ħielsa minn kull tebgħa ta' dnub sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, l-anġlu tal-Mulej seta' jsellimilha "mimlija bil-grazzja" u jħabbrilha li fiha kienu se jseħħu l-wegħdiet kollha tal-imgħoddi li Alla għamel ħafna drabi u b'ħafna manjeri permezz tal-profeti, għaliex hi kien se jkollha iben, li jkun kbir u jissejjaħ Bin il-Għoli, u l-Mulej Alla kien se jagħtih it-tron ta' David missieru, u s-saltna tiegħu ma kienx se jkollha tmiem.

Fiċ-ċokon u l-umiltà tagħha, Marija tħawdet bi kliem l-anġlu u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'seta' kien ifisser dak il-kliem. Imma l-anġlu kompla juriha kif il-wegħdiet ta' Alla kienu se jseħħu fiha: l-Iben ta' Alla stess kien se jsir bniedem fil-ġuf safi tagħha biex ikun tassew Alla magħna. U Marija wieġbet għal kliem l-anġlu billi aċċettat dak li Alla ried minnha: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek."

U hekk Marija, bniedma bħalna, saret Omm Alla l-Għoli. B'qalb sħiħa, u ħielsa minn kull tfixkil ta' dnub, ħaddnet ir-rieda ta' Alla u, bħala l-qaddejja tal-Mulej, ingħatat kollha kemm hi għal Binha Ġesù fil-ħidma tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja.

Nagħtu ġieh għalhekk illum lill-Verġni Marija għax tat lid-dinja Bin il-Missier Etern u bla ma ttiefset il-glorja ta' xbubitha willdet is-Salvatur tad-dinja. Nitolbuha llum tidħol għalina ma' Binha Ġesù li bħala bniedem hu mnissel minn Ġesse, missier David, biex jeħlisna minn kull tigrib tal?

ħażen u minn kull deni, ħalli safja u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba, nimxu fit-triq li twassalna għall-glorja ta' dejjem.

## TALBA TAL-FIDILI

Tingħad dik li hemm għas-solennità tat-Tħabbira tal-Mulej p. 763 tal-Lezzjonarju tal-Qaddisin.

## 21 TA' DIĊEMBRU

## "QADDIS HU F'NOFSOK IS-SULTAN TA' ISRAEL"

Meta l-Anġlu Gabrjel, kif rajna l-bieraħ, ħabbar lill-Verġni Marija li kellha tkun Omm Alla, ħabbrilha wkoll li l-qariba tagħha, Elisabetta, kien se jkollha wkoll iben, għalkemm imdaħħla fiż-żmien u ma kienx jista' jkollha tfal. Marija għalhekk marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija, fejn kienet toqgħod Elisabetta u baqgħet magħha għal xi tliet xhur sakemm wasal iż-żmien li jitwieled San Ġwann Battista. Meta Marija daħlet għand Elisabetta u sellmitilha, it-tarbija qabżet bil-ferħ fi ħdanha u Elisabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu u ħabbret: "Imbierka inti fost in-nisa.... hienja int li emmint kull ma ntqal lilek min-naħa tal-Mulej."

**It-tqaddis ta' Ġwanni l-Battista**

Meta Marija u Elisabetta ltaqgħu flimkien, Ġesù minn ħdan ommu qaddes lil San Ġwann, u hekk seħħ dak li kien ħabbar l-anġlu lil Zakkarija li ibnu se jimtela mill-Ispirtu s-Santu sa minn ġuf ommu, għaliex kien ġie magħżul minn Alla biex, mimli bl-ispirtu u l-qawwa tal-profeta Elija, kellu jreġġa' l-ħafna minn ulied Israel lejn il-Mulej Alla tagħhom u jlesti poplu mhejji sewwa għall-miġja tal-Mulej.

Sa minn ħdan ommu Ġesù beda l-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni u kif ommu Marija ġiet meħlusa minn kull tebgħa ta' dnub sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha għall-meriti ta' Binha magħrufin minn qabel, hekk San Ġwann ukoll, qabel ma twieled, ġie mqaddes għall-missjoni li għaliha għażlu Alla. U l-ewwel waħda li ġarrbet il-qawwa tal-qdusija ta' San Ġwann, kienet ommu stess, Elisabetta, u għalhekk ħabbret u qalet lil Marija: "Imbierka inti fost in-nisa."

**Imbierka fost in-nisa**

Tassew imbierka, Marija, fost in-nisa, mhux biss għaliex kienet Omm Alla, għaliex mingħajr ma ttiefset il-glorja ta' xbubitha, tat lid-dinja Bin il-Missier Etern, imma wisq aktar imbierka għaliex emmnet li jseħħ dak li ntqalilha min-naħa tal-Mulej, għaliex kienet lesta tagħmel ir-rieda ta' Alla bħala l-qaddejja umli tiegħu, waħda miċ-ċkejknin tal-Mulej. Dan Ġesù stess stqarru meta darba waħda mara min-nofs folla faħħritu u qalet: "Imbierek il-ġuf li ġabek u s-sider li rdajt"; għal dan il-kliem Ġesù wieġeb: "Wisq aktar imbierka huma dawk li jisimgħu l-kelma tal-Mulej u jħarsuha". Marija hi kbira, igħidilna Santu Wistin, għax tat lid-dinja l-Iben ta' Alla, imma hija wisq aktar kbira għax willdet f'qalbha l-Kelma ta' Alla u dejjem għamlitha.

**Ġesu' jqaddisna għax hu fostna**

Dak li Ġesù għamel ma' San Ġwann meta Marija u Elisabetta ltaqgħu flimkien, jagħmlu kull jum magħna, kull darba li niltaqgħu miegħu filmisteri qaddisa. Għalhekk bir-raġun kollu llum nilqgħu l-istedina li l-Knisja qegħda tagħmlilna bi kliem il-profeta Sofonija: "Għajjat bil-ferħ ta' qalbek, semma' leħnek, infexx fil-hena, għaliex il-Mulej hu f'nofsok, u neħħa minn fuqek is-sentenza li kellek kontra tiegħek." Il-Mulej Ġesù hu f'nofsna, aħna u niċċelebraw il-misteri qaddisa, aħna u ninsabu miġburin flimkien fit-talb f'ismu; hu f'nofsna biex iqaddisna u jneħħilna l-kundanna ta' dnubietna. Għalhekk bir-raġun kollu llum nifirħu, aħna u nisimgħu l-Mulej Ġesù, minn ħdan ommu, jistedinna kif stieden lil San Ġwann fi ħdan Elisabetta, biex naqbżu bil-ferħ għax għaddiet ix-xitwa tan-niket u l-hemm u feġġet fuqna r-rebbiegħa ta' ħajja ġdida: il-qadim għadda, u issa se nibdew ngħixu ħajja ġdida f'għaqda sħiħa mal-Mulej Ġesù.

Aħna u niftakru f'dan kollu, nitolbuh illum il-Mulej Ġesù u ngħidulu jħaffef jiġi biex jiftħilna s-Saltna ta' dejjem tiegħu, ħa jeħlisna darba għal dejjem mill-jasar tad-dnub u l-mewt, biex inkunu dejjem qaddisa u bla għajb quddiemu fl-imħabba.

## TALBA TAL-FIDILI

Il-Mulej Ġesù fdiena u ħelisna mid-dlamijiet tad-dnub u l-mewt. Bl-umiltà kollha nitolbuh u ngħidulu: Ejja, Mulej Ġesu'.

Ejja, Mulej Ġesu', iġbor il-ġnus kollha ta' l-art f'għaqda waħda u daħħalhom għal dejjem fil-patt tiegħek.

Ejja, Mulej, Ġesù.

Ejja, Mulej Ġesù, ifdi lil dak li kien intilef u biegħed il-kastigi tiegħek minn dawk kollha li inti fdejt.

Ejja, Mulej, Ġesù.

Ejja, Mulej Ġesù, biex tħenn għall-qaddej tiegħek N.N. u għal ħutna l-mejtin kollha: ilqagħhom mal-qtajja' tas-sema.

Ejja, Mulej, Ġesù.

Ejja, Mulej Ġesù, ferraġna bil-miġja tiegħek u meta jasal il-waqt agħtina l-hena ta' dejjem.

Ejja, Mulej, Ġesù.

Ejja, Mulej Ġesù, agħti s-sliem u l-paċi lid-dinja kollha u eħlisha minn kull taħsir tal-ħażen.

Ejja, Mulej, Ġesù.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int il-Muftieħ ta' David u x-Xettru tad-dar ta' Israel, li tiftaħ u ħadd ma jagħlaq, tagħlaq u ħadd ma jiftaħ: ejja ħa toħroġ mill-ħabs lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet tad-dnub u fid-dell tal-mewt. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## "RUHI TFAHHAR IL-KOBOR TAL-MULEJ"

Wara t-tislima ta' Elisabetta lil Marija, din wieġbet b'innu ta' tifħir lil Alla, innu ta' tifħir li jfakkarna f'innu ieħor ta' tifħir lil Alla li nsibu fil-ktieb ta' Samwel, innu li hu s-salm responsorjali tal-Quddiesa tallum.

Il-kantiku ta' radd il-ħajr li Marija għamlet lil Alla għax il-Mulej xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tagħha u għamel magħha ħwejjeġ kbar, u l-kantiku ta' radd il-ħajr ta' Anna lil Alla għaliex fiċ-ċokon tagħha Alla sama' t-tnehid ta' qalbha u farraġha bit-twelid ta' binha Samwel, huma żewġ innijiet li jixhdu l-ferħ ta' qalb li jġarrab kull min jittama fil-Mulej, kull min jafda fil-Kelma setgħana tiegħu.

**Il-Kantiku ta' Anna**

Anna ma kellhiex tfal u ma kenitx tiflaħ għat-tagħjir ta' seħbitha li kienet tgħajjarha b'hekk, imma fdat f'Alla, u talbitu tifel. Alla sama' t-talb tagħha, taha tifel u semmietu Samwel, jiġifieri "Alla sama' t-talba tiegħi": meta fatmitu telgħetu fit-tempju biex tagħtih lill-Mulej u hekk twettaq il-wegħda li kienet għamlet lil Alla: "Jekk il-Mulej jagħtini tifel, jien nagħtih lilu għal ħajtu kollha." Meta Anna temmet il-wegħda tagħha, hija lissnet innu ta' radd il-ħajr lil Alla għall-provvidenza tiegħu ta' l-għaġeb għax jieħu ħsieb dawk kollha li jafdaw fih u jagħti ġieh u jgħolli ċ-ċkejknin u jfarraġhom bil-barka tiegħu.

**Il-Kantiku ta' Marija**

Huma l-istess ħsibijiet li nsibu fil-kantiku ta' radd il-ħajr li lissnet Marija mat-tislima ta' Elisabetta: Alla jħares lejn min hu umli u jgħollih u jfarrġu u jagħtih ġieh. Imma l-innu ta' Marija m'huwiex biss radd ta' ħajr lil Alla għal dak kollu li s-Setgħani għamel magħha; huwa wkoll tħabbira tas-sebħ li bih il-Mulej kien se jżejjen lil Marija, proprju minħabba ċ-ċokon u l-umiltà tagħha: "Il-Mulej ħares lejn iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu" ...u, ara... "minn issa 'l quddiem kull nisel jibda jsejjaħli hienja."

Marija, fiċ-ċokon tagħha tħawdet meta l-anġlu ħabbrilha li kellha tkun Omm Alla, imma bl-umiltà kollha laqgħet ir-rieda tal-Mulej: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek." Għaliex kienet umli, u ntelqet għal kollox f'Alla, il-Mulej ħelisha minn kull tebgħa ta' dnub sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, imlieha bil-grazzja, għażilha biex tkun Omm Ibnu, u telagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, l-ewwel waħda fost l-imwielda minn Adam li ma ratx it-taħsir tal-qabar, u għamilha s-sultana tas-sema u l-art: hi l-ħajja, il-ħlewwa u t-tama tagħna, l-avukata tagħna ma' Binha; hi x-xbieha ta' dak li l-Knisja kollha tittama u tistenna li għad tkun fis-sema. Tassew li f'kull żmien il-bnedmin ifaħħru lil Marija u jberkuha, għaliex magħha Alla s-setgħani għamel ħwejjeġ kbar!

**Radd ta' ħajr għas-salvazzjoni tad-dinja**

Marija, fl-innu tat-tifħir lil Alla ma troddlux ħajr biss għal dak li għamel magħha, imma troddlu ħajr għall-opra kollha tas-salvazzojni, troddlu ħajr għaliex fil-ħniena tiegħu ried li jseħħu l-wegħdiet kollha li kien għamel lil Abraham u lin-nisel kollu tiegħu — il-wegħda tas-salvazzjoni għad-dinja kollha, salvazzjoni li seħħet permezz ta' Binha Ġesù, li, kif hu stess

ħabbar fis-sinagoga ta' Nazaret, bi kliem il-profeta Isaija, ġie kkonsagrat mill-Ispirtu tal-Mulej biex iwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin, biex iħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, u jagħti d-dawl mill-ġdid lill-għomja, biex irodd il-ħelsien lill-maħqurin u jniedi sena tal-grazzja tal-Mulej.

Is-salvazzjoni m'hijiex għal dawk li huma mkabbra f'qalbhom, għal dawk li qalbhom marbuta ma' l-għana u mas-setgħa fid-dinja, imma hija għal min hu umli, għal min hu fqir fl-ispirtu, għal min għandu ġuħ u għatx tal-ġustizzja, għal min iħabrek għas-sliem, għal min hu mġarrab mill-ħżiena, għal min, bħal Marija, jagħraf iċ-ċokon tiegħu u jqis lilu nnifsu bħala qaddej li ma jiswa għal xejn, imma li kollox jista' jagħmel bil-qawwa tas-Setgħani.

Nitolbu għalhekk illum lill-Mulej Ġesù jiġi jdawwalna bid-dija tal-verità tiegħu, ħa nagħarfu x-xejn tagħna, ninżgħu mill-kburija ta' qalbna u nistqarru li l-iċken ħaġa ta' ġid li stajna għamilna, għamilniha biss għaliex imwettqa mill-qawwa ta' Alla, li fina jasal biex jagħmel ħwejjeġ kbar.

## TALBA TAL-FIDILI

Il-Mulej Ġesù, minħabba fina, ċekken lilu nnifsu u obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Nitolbuh u, bil-ferħ kollu ta' qalbna, ngħidulu: Ejja, Mulej Ġesù.

Ejja, Mulej Ġesu', biex tfejjaq il-poplu tiegħek minn kull xorta ta' regħba u ta' kburija tal-qalb.

Ejja, Mulej Ġesù

Ejja, Mulej Ġesù, wettaq il-Knisja tiegħek hija u tlissinlek innu ta' tifħir u radd il-ħajr għall-egħġubijiet li int għamilt għas-salvazzjoni tagħna.

Ejja, Mulej Ġesù

Ejja, Mulej Ġesù, ħa tieħu ħsieb il-qaddej tiegħek N.N. u lil dawk kollha li mietu għad-dinja biex jgħixu għalik fil-ħajja ta' dejjem.

Ejja, Mulej Ġesù

Ejja, Mulej Ġesù, u mliena b'kotra ta' ġid mis-sema biex ma nieqfu qatt infaħħru l-kobor tiegħek.

Ejja, Mulej Ġesù

Ejja, Mulej Ġesù, ħu ħsiebna fil-ħniena tiegħek, u tħallina qatt insiru barranin għalik.

Ejja, Mulej Ġesù

Mulej Ġesù Kristu, int se tidher fostna bħala x-Xemx tielgħa tal-ġustizzja li tħarrab id-dlamijiet tal-qerq u tal-ħażen: ejja u dawwal il-fehmiet mudlama tagħna u eħlisna minn kull dnub. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## 23 TA' DIĊEMBRU

## "SE NIBGĦATILKOM 'L ELIJA L-PROFETA"

"Qumu u erfgħu raskom għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib" hekk għadna kemm weġibna għat-tħabbira li saritilna bi kliem il-profeta Malakija. Il-profeta ħabbrilna li, qabel jiġi, il-Mulej se jibgħat il-messaġġier tiegħu, wieħed li jhejjilu t-triq, wieħed mimli bl-ispirtu tal-profeta Elija, wieħed li b'ħeġġa kbira se jerġa' jħabbeb il-bnedmin ma' xulxin biex jilqgħu l-Mulej kif jixraq meta jiġi.

Il-messaġġier li kellu jhejji triq il-Mulej għal meta jiġi, huwa San Ġwann Battista, li tiegħu l-Knisja qiegħda llum tħabbrilna t-twelid.

### It-tħabbira tat-twelid ta' San Ġwann

Għal San Ġwann Battista, il-Mulej darba qal li fost kemm twieldu minn nisa ħadd ma qam aqwa minn Ġwanni l-Battista. U bir-raġun kollu, għaliex it-twelid tiegħu u l-missjoni tiegħu ġew imħabbra mill-anġlu lil missieru Zakkarija, waqt li kien qiegħed jaqdi dmiru ta' qassis quddiem Alla. L-anġlu ħabbarlu li ħafna kienu se jifirħu fit-twelid tiegħu, għaliex kien se jreġġa' lura l-ħafna għat-triq tas-sewwa, lejn il-Mulej Alla tagħhom; kien se jkun bniedem li jgħix ħajja iebsa fid-deżert biex ihejji ruħu għall-missjoni li għaliha Alla sejjaħlu u għalija riedu jkun ikkonsagrat sa minn ġuf ommu, għax kif rajna jumejn ilu, meta Omm Ġesù ltaqgħet ma' Elisabetta, Ġesu' minn ħdan ommu qaddes lil San Ġwann u mlieh bl-Ispirtu s-Santu, hekk li qabeż bil-ferħ fi ħdan ommu, u hi mtliet bil-ferħ u ħabbret il-glorja ta' Marija.

### Il-missjoni ta' San Ġwann

Il-missjoni ta' San Ġwann kienet dik li jhejji triq il-Messija bl-ispirtu u l-qawwa tal-profeta Elija. Dan il-profeta, fi żmien li l-poplu kollu ta' Alla, kien twarrab mill-qima tal-veru Alla u beda jqim lil Bagħal, b'ħeġġa liema bħalha ssielet kontra l-qassisin ta' Bagħal u għelibhom u wera kemm kien fiergħ it-twemmin tagħhom — niftakru fil-ġrajja ta' meta fuq l-għolja tal-Karmel, Elija sfida lill-qassisin ħa jitolbu lil Bagħal jibgħat nar missema biex itemm is-sagrifiċċju tagħhom, u għalkemm għamlu jum sħiħ jitolbu, nar mis-sema ma niżilx, waqt li mat-talba ta' Elija mis-sema niżel in-nar u seħħ il-sagrifiċċju li Elija offra lil veru Alla. Kif Elija wera ħeġġa kbira biex jeqred il-qima ta' Bagħal minn fost il-poplu ta' Alla, hekk San Ġwann b'ħeġġa kbira xandar f'xatt il-Ġordan, magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet. U n-nies kienu jmorru bil-folol ħa jisimgħuh u jitgħammdu, u hekk ihejju ruħhom għall-miġja ta' dak li l-profeta Malakija, kif smajna fl-ewwel qari, isejjaħlu l-mistenni mill-ġnus, l-Anġlu tal-Patt, dak li kien se jwaqqaf patt ġdid bejn Alla u l-bnedmin, patt ġdid li jibqa' għal dejjem, imwettaq b'demmu stess, Ġesù, is-Salvatur tad-dinja. It-twelid ta' San Ġwann għalaq żmien il-patt il-qadim u ta bidu għaż-żmien talpatt il-ġdid: San Ġwann hu l-aħħar wieħed fost il-profeti għax ħabbar lil Ġesù qabel ġie, imma hu wkoll aktar minn profeta għax lil Ġesu' wrieh lid-dinja meta wasal u ta' xhieda għalih bil-martirju tiegħu.

Għalhekk fit-twelid ta' San Ġwann ħafna stagħġbu u qabadhom biża' kbir u bdew igħidu lil xulxin: "Mela x'għad ikun dan it-tifel?" It-tweġiba

taha missieru stess, għax meta nħallu lsienu, l-ilsien li kien żammlu għax ma emminx l-anġlu li ħabbarlu t-twelid ta' ibnu, beda jitkellem u jfaħħar lill-Mulej, u ried li ibnu jissemma' Ġwanni, għalkemm ma kien hemm ħadd ta' dan l-isem fost qrabatu: l-isem kien tahulu l-Mulej għax kien għażlu biex ikun profeta ta' Alla l-għoli ħa jmur quddiem il-Muelj ihejjilu triqatu.

San Ġwann illum jistedinna nhejju ruħna biex nilqgħu l-Mulej billi niġġeddu f'ħajjitna: nitolbu għalhekk lill-Mulej Ġesù, is-sultan tal-ġnus, ifittex jiġi fostna biex iwettaqna bil-grazzja tiegħu għall-tiġdid sħiħ f'ħajjitna biex ikollna s-salvazzjoni.

## TALBA TAL-FIDILI

Mil-Lezzjonarju tal-Qaddisin p. 772.

## 24 TA' DIĊEMBRU

## "MEXXI L-PASSI TAGHNA FIT-TRIQ TAS-SLIEM"

**Wasal il-Messija**

Meta twieled San Ġwann Battista, qrabatu staqsew lil missieru Zakkarija x'ried isemmih, u dan talab xi ħaġa biex jikteb, u kiteb hekk: "Ismu huwa Ġwanni." Kulħadd stagħġeb b'dan, kif rajna l-bieraħ, għaliex fost qrabatu ma kien hemm ħadd li kellu dan l-isem. Imma kien isem ġej minn Alla, u Zakkarija, malli nħallu lsienu, lissen kantiku ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla, għaliex dak kollu li l-profeti kienu ħabbru dwar il-Messija kien beda jseħħ. Kien wasal il-waqt li l-Messija, is-Salvatur tad-dinja, jiġi fostna biex, kif ix-Xemx tielgħa kull filgħodu min-naħa tal-lvant, tħarrab id-dlamijiet tal-lejl, hekk il-miġja tas-Salvatur tagħna tħarrab mid-dinja d-dlamijiet tad-dnub u teħles lill-bnedmin mid-dell tal-mewt, ħalli, b'rasħom merfugħa 'l fuq u mhux aktar baxxa taħt it-toqol ta' dnubiethom, ikunu jistgħu jibdew mexjin fit-triq li twassalhom għall-hena u s-sliem ta' dejjem.

Il-miġja tal-Messija, Alla kien wegħda lid-dinja fl-imgħoddi permezz tal-profeti qaddisin tiegħu li, matul iż-żminijiet, b'ħafna modi u f'bosta manjeri kienu ħabbru dak kollu li kellu jseħħ bil-miġja fostna tal-Feddej tad-dinja.

**It-thejjija għall-miġja tal-Messija: Abraham Missierna fil-fidi**

Alla stess kien hejja t-triq għall-miġja tal-Messija meta għamel patt qaddis ma' Abraham, u ħaliflu li jeħlisna mill-egħdewwa kollha ta' ruħna ħalli nkunu nistgħu naqduh bla biża' tul ħajjitna kollha bil-qdusija u l-ġustizzja quddiemu. Abraham hu missierna fil-fidi, għaliex tana eżempju liema

bħalu ta' kif għandha tkun il-fidi tagħna f'Alla: Abraham qatt ma naqas mill-fidi f'Alla, baqa' dejjem jemmen u jittama li jseħħu l-wegħdiet kollha li kien għamillu Alla, ukoll meta ma kienx jidher li kien hemm aktar tama li dawn iseħħu, u għax emmen kien ġust u qaddis quddiem Alla. Jekk aħna nemmnu u nittamaw bħalu f'Alla, bħalu aħna wkoll inkunu ġusti u qaddisin quddiem Alla, li għalhekk jeħlisni mill-egħdewwa kollha ta' ruħna li jheddulna l-mixi tagħna lejn is-sema, kif ħeles lil Abraham mill-egħdewwa kollha li magħhom iltaqa' tul ħajtu.

**It-tħejjija għall-miġja tal-Messija: il-wegħda lil David**

Alla wiegħed is-salvazzjoni lin-nisel kollu ta' Abraham meta wegħdu li jagħmlu missier ta' kotra kbira ta' ġnus u ħaliflu li n-nisel kollu tiegħu għad jaqdih bla biża' bil-ġustizzja u l-qdusija. Is-salvazzjoni mwiegħda lil Abraham kellha sseħħ permezz ta' rimja li toħroġ mid-dar ta' David, minn wieħed imnissel minn David: il-qawwa tas-salvazzjoni Alla waqqafha fid-dar ta' David, meta, permezz tal-profeta Natan, Alla ħabbarlu li se jibnilu dar li tibqa' għal dejjem.

Il-ħalfa li l-Mulej ħalef lil Abraham li jagħtina li, meħlusin minn idejn l-egħdewwa tagħna naqduh bla biża' tul ħajjitna kollha, il-Mulej reġa' tenniha lil David, meta permezz ta' Natan, kif smajna fl-ewwel qari tallum qallu: "Nagħmel patt għall-poplu tiegħi Israel, u nqiegħdu hemm fejn igħammar bla biża' u ma jgħakksuhx iżjed il-ħżiena." U lil David imbagħad wegħdu wkoll li jqajjimlu nisel warajh, nisel minn ħdanu li jkun iben għal Alla. Din il-wegħda lil David seħħet f'Ġesù, li, kif ħabbar l-anġlu lil Marija, kif rajna f'dawn il-ġranet, kellu jkollu t-tron ta' David missieru u li s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.

**Kantiku ta' radd il-ħajr**

Għal dawn l-egħġubijiet kollha, Zakkarija, imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu lissen il-kantiku ta' radd il-ħajr lil Alla, li tħabbrilna fil-qari tal-Evanġelju tallum: ma' Zakkarija aħna raddejna l-ħajr tagħna lil Alla għaliex illum għoġbu jgħarrafna li wasal għalina ż-żmien tas-salvazzjoni tagħna, waslet għalina l-maħfra ta' dnubietna u għada mas-sebħ se naraw lil Ġesù, is-Sultan tas-Slaten u l-Prinċep tas-sliem jitwieled mill-ġdid fostna biex jagħtina s-salvazzjoni. Nitolbuh għalhekk illum bil-ħeġġa kollha ta' qalbna ngħidulu: O Gimmanu-el sultan tal-ġnus u leġislatur tagħna, xewqa tal-ġnus u salvatur tagħhom, ejja ħa ssalvana, Mulej Alla tagħna.

# TALBA TAL-FIDILI

Huti egħżież, il-Feddej tagħna, Kristu Sidna, ġej b'sebħ u setgħa kbira u għada ma tlugħ ix-xemx se naraw il-glorja tiegħu. Nitolbuh bil-ġabra kollha, u fiċ-ċokon tagħna nsejħulu u ngħidulu: Ejja, Mulej Ġesù.

Ejja, Mulej Ġesù, imla d-dinja kollha bil-ferħ ta' l-istennija tiegħek.

Ejja, Mulej Ġesù

Ejja, Mulej Ġesù, wettaq il-Knisja tiegħek ħa xxandar dejjem is-salvazzjoni tiegħek.

Ejja, Mulej Ġesù

Ejja, Mulej Ġesù, ilqa' fil-mergħat ta' dejjem tiegħek N.N. u lil dawk kollha li dejjem għożżew il-kelma tiegħek.

Ejja, Mulej Ġesù

Ejja, Mulej Ġesù, farraġ bid-don tiegħek innifsek lil kull min hu mnikket bil-hemm tad-dinja.

Ejja, Mulej Ġesù

Ejja, Mulej Ġesù, ħares lejn iċ-ċokon tagħna u agħmel li tkun tistħoqqilna l-miġja tiegħek fostna.

Ejja, Mulej Ġesù

Mulej Ġesù Kristu, xewqa tal-ġnus kollha u salvatur tagħna, ejja, la tiddawwarx, biex iddawwalna bid-dija tas-sebħ tiegħek u tmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## L-Ewwel Librett Kateketiku

# MARIJA FIL-MISTERU TA' KRISTU U L-KNISJA

*DAĦLA*

Bħala tħejjija għall-Kungress Internazzjonali Marjoloġiku u għall-Kungress Marjan li ser jiġu ċċelebrati f'dawn il-ġżejjer f'Settembru tal-1983, il-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali tixtieq toffri erba' libretti kateketiċi bħala għajnuna għall-maturità aktar sħiħa tal-fidi.

Is-suġġett prinċipali li ġie magħżul għal dan il-Kungress huwa "Marija Omm il-Ħniena u Omm il-Maħfra". Dan is-suġġett prinċipali wassalna biex nifirxu l-programm kateketiku ta' matul is-sena, taħt erba' taqsimiet. L-ewwel taqsima ddur madwar kapitlu 8, tal-Kostituzzjoni fuq il-Knisja tal-Konċilju Vatikan II. Dan il-kapitlu jagħtina deħra ċara, soda u aġġornata ta' kif għandna nħarsu lejn Marija u lejn il-ħidma tagħha. It-taqsima tinħadem għax-xhur ta' Ottubru u Novembru.

It-tieni taqsima, li tinħadem għal żmien l-Avvent, iddur madwar l-Enċiklika tal-Papa preżenti "Għani fil-Ħniena". Żmien l-Avvent huwa ż-żmien ta' tħejjija għall-ġrajja li fiha dehret fl-aqwa tagħha il-ħniena u l-grazzja ta' Alla tagħna. fit-twelid ta' Ibnu Ġesu'.

It-tielet Taqsima tinħadem għal żmien ir-Randan, li huwa żmien ta' talb, ta' penitenza u fuq kollox ta' konverżjoni sħiħa lejn Alla. Il-katekeżi ta' din it-taqsima, iddur għalhekk fuq l-*Ordo Poenitentiae* l-ġdid li fih insibu l-messaġġ l-aktar aġġornat tal-Knisja dwar dan is-suġġett.

L-aħħar Taqsima tinħadem għax-xahar ta' Mejju, ix-xahar li aħna niddedikawh lil Marija. Għalhekk il-katekeżi ta' din it-taqsima iddur madwar l-Eżortazzjoni Apostolika *"Marialis Cultus"*, tal-Papa Pawlu VI. Fost l-oħrajn, f'din l-Eżortazzjoni naraw kif għandha tkun il-qima u d-devozzjoni tagħna lejn Marija fil-ħajja tagħna ta' kull jum.

Dawn l-erba' libretti jridu jservu bħala test ta' studju u ta' riflessjoni fl-għaqdiet, fl-iskejjel, fil-gruppi ta' talb, għaż-żgħażagħ u għall-kbar.

# MARIJA FIL-MISTERU TA' KRISTU U L-KNISJA

Skema: 1. Marija hi membru tal-Poplu Mifdi t'Alla
2. Ġabra fil-qosor tat-tagħlim tal-Konċilju dwar Marija (§52-69)
3. Il-Kelma ta' Alla u r-risposta tagħna: Servizz Bibliku.

## 1. MARIJA HI MEMBRU TAL-POPLU MIFDI T'ALLA

*A. Ftit Storja:*

Meta l-Isqfijiet waslu Ruma għall-Konċilju, marru b'żewġ ideat dwar kif se jkellmu lid-dinja fuq Marija. Iż-żewġ ideat kienu juru l-imħabba tagħhom lejn Marija. Xi aħbarijiet fil-ġurnali bdew igħidu li xi Isqfijiet riedu jnaqqsu l-importanza ta' Marija. Dawn ir-rapporti kienu fehmu ħażin l-iskop ta' l-Isqfijiet. Il-mistoqsija li fil-fatt l-Isqfijiet kienu qed jagħmlu lilhom infushom kienet din: "Liema hu l-aħjar mod biex nuru l-imħabba tagħna lejn Marija lid-dinja? Das-suġġett għandu jiġi studjat waħdu, separatament, jew għandu jiġi mdaħħal fil-Kostituzzjoni dwar il-Knisja (wieħed mill-iktar dokumenti importanti tal-Konċilju)?"

Għall-ewwel saret proposta li tinkiteb Kostituzzjoni speċjali fuq Marija. Imma fit-30 ta' Settembru 1963, Isqof Taljan talab li d-dokument fuq il-Madonna jkun marbut ma' dak fuq il-Knisja, għaliex fl-opinjoni tiegħu, ma tistax titkellem fuq il-Knisja mingħajr ma titkellem fuq Marija.

Dawk li kienu kontra dil-proposta, immexxija mill-Kardinal Santos, irraġunaw li billi Marija għandha post speċjali fil-Knisja, u, sa ċertu punt, hi 'l fuq mill-Knisja, ma jkunx hemm spazju biżżejjed għaliha fid-dokument dwar il-Knisja; ma setgħux jiġu studjati tajjeb il-privileġġi u l-unuri ta' Marija. Dawk li kienu jaqblu mal-proposta, qablu mal-Kardinal Koenig li Marija kienet membru tal-Knisja, u għalkemm mhux biss waħda fost l-oħrajn, hi ma kellhiex tiġi ppreżentata bħala separata mill-Knisja. Il-Kardinal Koenig qal li ħafna mid-devozzjoni popolari lejn Marija sofriet minn din il-"firda" (bejn Marija u l-Knisja), u din tagħmel ħsara għar-relazzjoni tagħna mal-Protestanti u ma' oħrajn.

Mela l-problema tal-Konċilju ma kenitx jekk tnaqqasx l-importanza ta' Marija jew le. Anzi l-problema kienet kif l-aħjar tiġi mgħallma d-devozzjoni lejn Marija. Stqarrija fuq Marija għandha ssir fid-dokument dwar il-Knisja, jew f'dokument apposta? L-Isqfijiet fil-Konċilju vvutaw hekk: 1074 favur dokument separat, u 1114 favur studju fl-istess dokument dwar il-Knisja. Mela b'40 vot, Marija ġiet imdaħħla f'wieħed mill-kapitli tal-istudju dwar il-Knisja.

*B. Marija hi mifdija*

Marija tidħol fl-Istorja ta' kif Alla salva l-umanità. Hi waħda mill-"għeġubijiet tal-Mulej", li Hu wettaq għas-salvazzjoni tagħna. Il-ħidma tiegħu għalina bdiet bil-għażla tal-poplu tiegħu. Kompliet bil-formazzjoni ta' dak il-poplu li kellu jilqa' 'l Messija u jagħtih lid-dinja. Marija kienet il-milja u r-rappreżentanta ta' Israel. Wieġbet għall-Kelma Ħelliesa ta' Alla, laqgħetha, għożżitha. Kienet is-salvazzjoni tagħha. Hi ma kenitx 'il barra mill-ħtieġa tas-salvazzjoni

bil-Kelma ta' Alla: bħall-poplu tagħha stess. Hi wkoll kienet teħtieġ il-Kelma li ġiet lil Israel. Mhux biss hi l-milja ta' Israel: hi l-mudell tal-Knisja, il-poplu l-ġdid ta' Alla, għax hi ġiet mifdija bil-fidi fil-mewt u l-qawmiet ta' Kristu. Marija ħtieġet is-salvazzjoni mhux fis-sens ta' maħfra tad-dnubiet, għax hi la wirtet l-ewwel dnub tal-bniedem u lanqas għamlet dnubiet tagħha. Imma ħtieġet lil Kristu bħala Salvatur tagħha, biex tiġi priservata mid-dnub. F'ċertu sens, il-ħelsien tagħha mid-dnub kellu bżonn iktar salvazzjoni mill-maħfra ta' dnubietna. Il-grazzja ta' Alla ħadmet fiha biex twettaq dak li dejjem tfittex li twettaq — li tinkiseb indafa perfetta tal-qalb, bla ebda dell ta' dnub.

Jeħtieġ li aħna naraw lil Marija bħala waħda mill-mifdija tal-Poplu ta' Alla. Hi membru tal-Knisja, il-komunità mifdija. Hi segwaċi ta' Kristu. Ma għandniex inħarsu lejha bħala waħda 'l fuq u 'l hinn mid-dinja tagħna, waħda li ta' min jammiraha u jinuraha u jitlobha l-għajnuna... imma qisha mhix waħda minna. Bil-mod kif tkellmu fuqha l-Isqfijiet, proprju fil-Kostituzzjoni dwar il-Knisja, hi waħda mill-membri tal-komunità li temmen. It-tweġiba fidila (i.e. ta' fidi) tagħha għall-Kelma ta' Alla, tagħmilha il-"ġabra" tal-Knisja kollha, il-mara li hi verġni, għarusa u omm qaddisa.

Forsi tidher stramba li Marija ħtieġet is-salvazzjoni. Imma qabel nifhmu dil-ħaġa, ma nintebħux x'wettqet il-grazzja ta' Alla magħna, il-poplu qaddis tiegħu. Jekk ma narawx il-ħtieġa li kellha Marija li tiġi salvata minn Alla, anqas naraw kif l-aħjar nilqgħu is-salvazzjoni tagħna. Marija hi l-aħjar eżempju ta' salvazzjoni milqugħa. Marija hi l-ewwel Nisranija u l-aqwa segwaċi ta' Kristu s-Salvatur.

*C. Fil-Prattika*

Xi tweġiba perfetta tat Marija għall-Kelma ta' Alla li tħabbritilha permezz ta' l-Anġlu!: "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ikun minni skond kelmtek" Din hi t-tweġiba li l-Knisja tfittex kuljum li tagħti lil Alla. Kemm tkun sabiħa l-ġurnata li fiha aħna lkoll nilqgħu is-salvazzjoni bil-mod miftuħ u ferrieħi li laqgħetha Marija! F'Marija, il-grazzja ta' Alla wettqet dak li ġurnata għad twettaq fina lkoll: il-milja tal-fidwa! X'jum sabiħ ikun dak meta l-Knisja, l-għarusa verġni ta' Kristu, tkun f'kull post dak li hi f'Marija, bla tebgħa jew tikmixa! Dan hu dak li ħadmu għalih l-Isqfijiet fil-Konċilju, u dak li kuljum naħdmu għalih aħna — biex inwieġbu b'mod sħiħ għall-Kelma ta' Alla, biex il-grazzja ta' Kristu twettaq fina r-rieda ta' Alla.

## 2. DISKUSSJONI FUQ KAPITLU 8, PARAGRAFI 52-69 TAL-KOSTITUZZJONI KONĊILJARI FUQ IL-KNISJA

Par. 52-54. *Introduzzjoni*

Hawn jiġi determinat is-suġġett ta' dan il-Kapitlu: għas-salvazzjoni tagħna, Kristu twieled minn Marija, li, fil-messaġġ ta' l-anġlu, irċeviet il-Kelma ta' Alla. Hi ġiet mifdija għall-merti ta' Binha, bħall-ulied kollha ta' Adam. Marija hi l-membru ewlieni tal-Knisja.

Par. 55-59 *Marija u Kristu*

Omm il-Feddej kienet bint Israel, waħda mill-fqajrin ta' Jaħweh, li stenniet il-Messija. Hi baxxiet rasha għall-Kelma ta' Alla, u tat lilha nnifisha b'mod sħiħ għar-rieda ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Kif il-mewt ġiet permezz ta' Eva, hekk il-ħajja ġiet permezz ta' Marija.

Imma Marija ssieħbet ukoll ma' Kristu fil-ħajja kollha Tiegħu ta' Feddej: fit-twelid, fil-preżentazzjoni, fiż-żgħożija, f'Kana meta għamel l-inbid mill-ilma, f'ħafna mix-xandir tiegħu, taħt is-salib u mad-dixxipli f'Pentecoste.

Par. 60-65 *Marija u l-Knisja*

Hemm Medjatur wieħed biss bejna u bejn Alla: dan hu Kristu l-Mulej. Il-post ta' Marija fis-salvazzjoni tagħna jiddependi kompletament mis-sehem ta' Kristu. Ma nistgħux "inġibu mingħand Marija dak li ma nistgħux nakkwistaw mingħand Kristu". Madankollu, hi ommna fl-ordni tal-grazzja, u dil-maternità, skond it-tagħlim ta' l-Isqfijiet, bdiet fit-Tħabbira (mill-anġlu), meta bil-fidi aċċettat li tkun Omm is-Salvatur tad-dinja. Din il-maturità, li għadha tħaddem mis-sema, hi r-raġuni ta' l-għaqda tagħha mal-Knisja, li tagħha hi l-mudell. Billi timitaha fil-mod kif laqgħet il-Kelma ta' Alla, il-Knisja stess issir l-omm tal-fidili.

Par. 66-69 *Devozzjoni lejn Marija*

Mill-bidu taż-żminijiet insara, Marija ġiet meqjuma bħala Omm Alla, għall-"ħwejjeġ kbar" li wettaq magħha l-Mulej. Jeħtieġ inkomplu din it-tradizzjoni. Imma jeħtieġ ukoll inkunu żguri li d-devozzjoni tagħna lejn Marija tkun ħielsa mill-esaġerazzjoni. Il-poplu ta' Alla hu poplu miexi, poplu tal-Għid, u jħares lejn Marija bħala sinjal ta' tama, u xbiha ta' dak li għad issir il-Knisja fil-glorja.

**Domandi għad-diskussjoni**

1. Biex igħinuna nifhmu lilna nfusna bħala Knisja, l-Isqfijiet fil-Kapitli tal-Kostituzzjoni dwar il-Knisja qalulna li aħna (a) misteru divin, (2) il-Poplu ta' Alla, (3) poplu li l-Mulej jirgħa personalment permezz ta' l-Isqof, (4) poplu dedikat għall-bini tas-Saltna ta' Alla, (5) poplu msejjaħ għall-qdusija, (6) poplu dejjem f'pellegrinaġġ. X'igħidu dwarna, l-Isqfijiet, f'dan il-Kapitlu fuq Marija?

2. Tant isir enfasi fuq dak li għandna nagħmlu biex insalvaw ruħna, li tidher ftit stramba taqra li dak li l-aktar neħtieġu biex insalvaw hu s-smiegħ tal-Kelma ta' Alla. Fid-dawl tal-ħajja ta' Marija u tat-tagħlim tat-Testment il-Ġdid fuq il-Knisja, taħseb li ssir wisq emfasi fuq l-osservanza tal-Kmandamenti u tal-liġijiet?

## 3. SERVIZZ BIBLIKU: IL-KELMA TA' ALLA U R-RISPOSTA TAGĦNA

Min ikun qed imexxi jitlob li kulħadd jisma' l-Kelma ta' Alla u jwieġeb għaliha.

1. Qari mill-Ktieb tal-Esodu 19, 1-8

Fit-tielet xahar mill-ħruġ ta' wlied Israel mill-art ta' l-Eġittu, dak in-nhar stess, waslu fid-deżert ta' Sinaj. Wara li refgħu t-tined, minn Rafidim waslu fid-deżert ta' Sinaj u waqqfu t-tined fid-deżert. Israel waqqaf it-tined hemm, biswit il-muntanja.

Mose' tela' ħdejn Alla, u l-Mulej sejjaħlu mill-muntanja u qallu: "Dan tgħid lil dar Ġakob u tgħarraf lil ulied Israel: 'Intom rajtu x'għamilt lill-Eġizzjani. Jiena rfajtkom fuq ġwienaħ l-ajkli u ressaqtkom lejja. Issa, jekk tisimgħu sewwa leħni u tħarsu l-patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost il-ġnus kollha. Għaliex l-art kollha kemm hi hija tiegħi. Tkunu għalija saltna ta' qassisin, ġens qaddis'. Dan hu l-kliem li għandek tgħid lil ulied Israel."
Mose' mar u sejjaħ ix-xjuħ tal-poplu u qiegħed quddiemhom kull ma ordnalu l-Mulej. Il-poplu kollu, b'leħen wieħed, wieġeb: "Kull ma qalilna l-Mulej nagħmluh."
Il-Kelma tal-Mulej
Risposta: Missierna

2. Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 1, 26-38
(Ara Lezzjonarju tal-Qaddisin paġ. 48)
Risposta: Sliem għalik Marija
3. Omilija:
Risposta: Glorja lill-Missier

*Attività'*

1. Kulħadd iqum, wieħed wara l-ieħor, u jaqra s-sentenza li l-aktar tolqtu mill-Kapitlu 8 tal-Kostituzzjoni dwar il-Knisja.
2. Kant: Innu Marjan (possibilment konness mal-Annunzjazzjoni).

*IL-KONCILJU DWAR MARIJA*

Dak li riedu jgħidulna l-Isqfijiet fil-Konċilju dwar Marija qaluhulna prinċipalment fil-Kostituzzjoni Dommatika, Lumen Gentium (L.G.), dwar l-Imqaddsa Verġni Omm Alla fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja (paragrafi 52-69). F'din il-Kostituzzjoni, *dan huwa l-uniku kapitlu li għandu t-tqassim tiegħu uffiċjali,* u l-paragrafi ingħataw it-titlu tagħhom uffiċjalment. Jiġifieri dak hu l-mod kif l-Isqfijiet riedu jittrattaw dan is-suġġett. Xi riferenzi għal Marija jinsabu wkoll f'xi dokumenti oħra.

Dawn ta' hawn taħt huma r-riferenzi għal tqassim ieħor fuq is-suġġett "Marija", li jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-priedki, meditazzjoni, katekeżi u l-bqija (L.G. jirreferixxi għall-Kostituzzjoni Lumen Gentium, dwar il-Knisja).

ĠENERALI:
— Marija għandha tiġi studjata fil-misteru tal-Knisja u fid-dawl tal-Verb Inkarnat (L.G. 54, 65)
— il-Konċilju ma jridx iwaqqaf kwistjonijiet diskussi (L.G. 54)
— jiġu evitati esaġerazzjonijiet meta titqies id-dinjità tagħha, u l-kult tagħha għandu jkun attent għall-ekumeniżmu (L.G. 67)

MARIJA FL-ISTORJA TAS-SALVAZZJONI
— Marija predestinata minn dejjem (L.G. 56, 61)
— Marija fl-Istorja tas-Salvazzjoni (L.G. 52, 55, 65)
— imħabbra fl-Antik Testment (L.G. 55)
— il-Missier ried il-kunsens tagħha għall-Inkarnazzjoni (L.G. 56)
— Marija fit-tfulija ta' Ġesu' (L.G. 57, 61)
— Marija fil-ħajja pubblika (L.G.58)

— Marija fuq il-Kalvarju taqbel mas-sagrifiċċju ta' Binha (L.G. 58, 61, 62)
— Marija f'Għid il-Ħamsin (L.G. 59)
— Marija fit-twelid tal-Knisja (L.G. 53, 59, 69)

RELAZZJONI MAT-TRINITA'
— bint maħbuba tal-Msisier (L.G. 53)
— fit-tempju tippreżenta 'l Binha lill-Missier (L.G. 61)
— tnissel bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu (L.G. 52, 63, 65) (Ad Gentes 4)
— tempju tal-Ispirtu s-Santu, li jgħallem il-Knisja tqim lil Marija (L.G. 53)
— magħquda ma' Kristu b'mod li ma jinħallx, li hi minnu mifdija b'mod perfett (Sac. Con. 103) (L.G. 53)
— taħt Kristu, tieħu sehem miegħu fil-fidwa (Sac. Con. 103) (L.G. 56, 61, 62)
— konformità mal-Iben fl-għotja (L.G. 58)
— konformità ma' Kristu fir-regalità (L.G. 59)
— il-privileġġi ta' Marija għandhom bħala skop lil Kristu (L.G. 67)

RELAZZJONI MAL-BNEDMIN
— solidali mal-bnedmin għas-salvazzjoni, u ġġib il-ħajja fid-dinja (L.G. 53)
— hi bint Adam (L.G. 56)
— tkompli l-missjoni salvifika tagħha fis-sema (L.G. 62, 69)
— is-setgħa fejjieda tagħha hi don li taha Alla l-ħanin, ġejja mill-merti u l-medjazzjoni ta' Kristu, u tħaffilna l-kuntatt tagħna miegħu (L.G. 60)
— hi kawża ta' salvazzjoni għaliha u għall-bnedmin (L.G. 56)
— issejħilna lejn l-Iben, lejn is-sagrifiċċju tiegħu u għall-imħabba tal-Missier (L.G. 65)
— il-kult tagħha iressaq għall-kult ta' adorazzjoni lil Kristu (L.G. 66)

MARIJA U L-KNISJA
— Marija tokkupa fil-Knisja l-ogħla post, dak l-eqreb lejn Kristu (L.G. 54)
— Marija hi xbieha u bidu tal-Knisja (L.G. 68)
— Marija hi membru singulari tal-Knisja (L.G. 53)
— magħquda mal-Knisja bl-għaqda tagħha mal-Feddej u bil-ħidma u l-grazzji tagħha (L.G. 63)
— Marija xbieha tal-Knisja bil-verġinità u l-maternità tagħha, fil-fidi, it-tama, l-imħabba u l-għaqda ma' Kristu (L.G. 63-65)
— Marija hi l-mudell ta' perfezzjoni għall-Knisja (L.G. 53, 65)

TITLI U KWALITAJIET
— tisboq lil kull ħlejqa (L.G. 53, 66, 69)
— Omm Ġesu' (L.G. 56) (Nostra Aetate 4) (Gaudium et Spes 22)
— Omm il-Feddej (L.G. 53, 61)
— Omm Alla (L.G. 53, 56, 61, 63, 66)
— Eva ġdida (L.G. 63)
— Qaddejja tal-Mulej (L.G. 56, 61)

— bla tebgħa u mimlija bil-grazzja (L.G. 56, 59)
— qaddisa (L.G. 53, 56, 64, 65)
— dejjem verġni (L.G. 46, 57, 59, 63)
— imtellgħa s-sema u gglorifikata (L.G. 59, 66, 68, 69)
— sultana tad-dinja (L.G. 59)
— il-maternità spiritwali tagħha (L.G. 53, 60, 61)
— Avukata, Għajnuna, Awżiljatriċi, Medjatriċi (L.G. 62)
— Omm il-ħajjin kollha (L.G. 54, 56, 69)

IL-KULT
— irrikmandat u prattikat mill-Knisja (Sac. Conc. 103)
— forom ta' devozzjoni skond iż-żminijiet (L.G. 50, 52, 53, 65, 66, 67)
— frott ta' fidi vera, il-kult ta' Marija għandu jkun magħmul b' imħabba ta' wlied u ta' imitazzjoni, mhux b'sentimentaliżmu u superstizzjoni (L.G. 67)
— Marija meqjuma wkoll mill-Insara mhux Kattoliċi (L.G. 15, 69) (Unit. Red. 14, 15, 20)
— għandu jsirilha talb biex il-bnedmin jingħaqdu fil-Paplu wieħed ta' Alla (L.G. 69)
— il-kult Marjan fis-sena liturġika (S.C. 103)
— Marija u l-lajċi (Apos. Actuos. 4)
— Marija u r-Reliġjużi (Ptrf. Cat. 25)
— Marija u l-Kjeriċi (Opt. tot. 8)
— Marija u s-Saċerdoti (Pres. Ord. 18)
— Marija u l-Missjonijiet (Ad gentes 42)
— Marija u l-Musulmani (Nostra Aetate 3)

## L-IMQADDSA VERGNI MARIJA

### *I. DAĦLA*

*Il-Verġni Mqaddsa fil-misteru ta' Kristu*

52. Alla, ta' l-akbar tjubija u ta' l-ogħla għerf, rid illi jtemm il-fidwa tad-dinja u għalhekk, "mtea wasltt il-milja taż-żminijiet, bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara... biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied" (Gal. 4, 4-5). "Għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna niżel mis-smewwiet u ħa l-ġisem bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni." Dan il-misteru ta' salvazzjoni kien irrivelat lilna u jitkompla fil-Knisja li l-Mulej għamilha ġismu u li fiha l-fidili kollha, f'għaqda ma' Kristu r-ras tagħhom u f'xirka mal-qaddisin kollha, għandhom iqimu qabel kollox il-glorjuża Verġni Marija, Omm Alla u Sidna Ġesu' Kristu.

*Marija u l-Knisja*

53. Infatti l-Verġni Marija, li mat-tħabbira ta' l-anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb ta' Alla u tat il-Ħajja lid-dinja, hi magħrufa u meqjuma bħala vera omm ta' Alla u tal-Feddej. Mifdija b'mod iżjed sublimi minħabba l-merti ta' Binha u magħquda miegħu b'rabta qawwija li ma tinħallx, il-Verġni Marija kienet mogħnija bir-responsabbiltà u bid-dinjità ta' Omm l-Iben ta' Alla. Għalhekk hija l-bint l-aktar maħbuba tal-Missier u s-santwarju ta' l-Ispirtu s-San-

tu. Bl-għoti ta' din il-grazzja hekk kbira hija tisboq bil-ħafna lill-kreaturi l-oħra kollha, fis-sema u fl-art. Fl-istess ħin hija tinsab magħquda, min-nisel ta' Adam, mal-bnedmin kollha; anzi "hija tassew l-Omm tal-membri kollha (ta' Kristu)... għaliex hija ikkooperat bl-imħabba tagħha għat-twelid fil-Knisja ta' l-insara li huma l-membri ta' l-istess ras". Huwa għalhekk illi hi magħrufa bħala membru għoli u singulari tal-Knisja u bħala x-xbieha u l-mudell tagħha l-aktar perfttt fil-fidi u fil-karità. Mgħallma mill-Ispirtu s-Santu, b'sentimenti ta' mħabba ta' bint, il-Knisja Kattolika tqimha bħala omm l-aktar maħbuba.

*L-intenzjoni tal-Konċilju*

54. Għalhekk il-Konċilju Mqaddes, waqt li qiegħed jesponi t-tagħlim dwar il-Knisja li biha l-Feddej divin iħaddem is-salvazzjoni, irid b'mod xieraq ifisser x'kien is-sehem tal-Verġni Mqaddsa fil-Misteru tal-Verb magħmul bniedem u tal-Ġisem Mistiku u x'inhuma d-dmirijiet tal-bnedmin mifdija lejn Omm Alla, Omm Kristu u omm il-bnedmin u, fuq kollox, omm il-fidili. Iżda l-Konċilju m'għandux ħsieb jagħti tagħlim sħiħ dwar Marija u anqas irid jaqta' l-kwistjonijiet li l-istudji teoloġiċi għad ma waslux biex jitfgħu dawl sħiħ fuqhom. Bid-dritt kollu għalhekk jistgħu jibqgħu jinżammu dawk l-opinjonijiet li huma mgħallma bil-libertà kollha fl-iskejjel kattoliċi dwar dik li fil-Knisja mqaddsa tokkupa, wara Kristu, il-post l-aktar għoli u fl-istess ħin l-aktar qrib lejna.

## *II. SEHEM IL-VERĠNI MQADDSA FIL-PJAN TAS-SALVAZZJONI*

*Omm il-Messija fit-Testment il-Qadim*

55. Il-kotba tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid u t-Tradizzjoni mqaddsa juruna b'mod dejjem iżjed ċar is-sehem ta' Omm il-Feddej fil-pjan tas-salvazzjoni u bħal jippreponuhielna għall-kontemplazzjoni tagħna. Il-kotba tat-Testment il-Qadim, infatti, jiddeskrivu l-istorja tas-salvazzjoni li tħejji bil-mod il-mod il-miġja ta' Ġesu' Kristu fid-dinja. Dawn l-ewwel dokumenti, kif jinqraw fil-Knisja u jinftiehmu fid-dawl tar-rivelazzjoni aktar sħiħa li ġiet wara, iqiegħdu f'dawl aktar ċar ix-xbieha tal-mara, Omm il-Feddej. F'dan id-dawl hi diġà msemmija profetikament fil-wegħda, magħmula lill-ewwel ġenituri wara li waqgħu fid-dnub, li s-serpent kellu jkun mirbuħ (cf. Ġen. 3, 15). Bl-istess mod hi dik il-Verġni li kellha tnissel u tiled Iben li kellu jissejjaħ Għimanu-el (cf. Is. 7, 14; cf. Mik. 5, 2-3; Mt. 1, 22-23). Hi l-ewwel fost l-umli u l-fqar tal-Mulej, li minnu jittamaw b'fiduċja s-salvazzjoni u jiksbuha. U fl-aħħar huwa magħha, il-bint l-aktar glorjuża ta' Sijon, li wara l-mistennija tal-wegħda jintemmu ż-żminijiet u sseħħ ekonomija ġdida meta l-Iben ta' Alla ħa minnha n-natura umana biex jeħles il-bniedem mid-dnub bil-misteri li ġarrab fil-ġisem tiegħu.

*Marija fit-tħabbira ta' l-anġlu*

56. Missier il-ħniena ried illi l-aċċettazzjoni ta' dik li kienet magħżula biex tkun omm issir qabel l-inkarnazzjoni biex b'hekk kif mara tat sehem biex tiġi l-mewt mara wkoll tagħti sehem biex tiġi l-ħajja. Dan igħodd b'mod li jisboq kull mod ieħor għal omm

Ġesu' li tat lid-dinja l-istess ħajja li kollox iġġedded, l-omm li kienet mogħnija minn Alla b'doni li jixirqu dmir hekk għoli. Xejn m'hu tal-għaġeb, għalhekk, illi fost is-Santi Padri daħlet id-drawwa illi jsejħu 'l-Omm ta' Alla bħala kollha kemm hi qaddisa, il-meħlusa minn kull tebgħa ta' dnub, dik li bħal kienet ipplasmata mill-Ispirtu s-Santu u minnu magħmula kreatura ġdida. Għalhekk lill-Verġni ta' Nazaret, li sa mill-ewwel mument tal-konċepiment tagħha kienet mogħnija mid-dija tal-qdusija, l-anġlu, li jagħtiha t-tħabbira, isellmilha, b'rieda tal-Missier, bħala "l-mimlija bil-grazzja" (cf. Lq. 1, 28) u għal din l-aħbar tas-Sema hija twieġeb: "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ikun minni skond kelmtek" (Lq. 1, 38). Għalhekk Marija, bint Adam, meta laqgħet il-kelma ta' Alla saret Omm Ġesu' u waqt li ħaddnet bil-qalb kollha u mingħajr ebda tfixkil ta' dnub ir-rieda ta' Alla li jsalva hi tat ruħha kollha kemm hi, bħala qaddejja tal-Mulej, lill-persuna u lill-ħidma ta' Binha; b'hekk taħt Kristu u ma' Kristu, bil-grazzja ta' Alla li jista' kollox, hija qdiet il-misteru tal-fidwa. Bir-raġun is-Santi Padri jżommu li Marija ma kenitx biss strument passiv f'idejn Alla iżda li ikkooperat għas-salvazzjoni tal-bniedem bil-fidi u bl-ubbidjenza li hi tat bil-libertà kollha tagħha. Infatti, bħalma jgħid S. Irenew, "meta obdiet, hija saret il-kawża ta' salvazzjoni għaliha stess u għall-ġens kollu tal-bnedmin". Għalhekk mhux ftit mis-Santi Padri tal-qedem, fil-predikazzjoni tagħhom, sostnew bil-qalb: "L-għoqda tad-disubbidjenza ta' Eva nħallet bl-ubbidjenza ta' Marija; dak li l-Verġni Eva kienet rabtet bin-nuqqas ta' twemmin, il-Verġni Marija ħallet bil-fidi"; u waqt li jxebbhuha ma' Eva, isejħu lil Marija "omm il-ħajjin" u spiss ħafna jistqarru: "il-mewt permezz ta' Eva, il-ħajja permezz ta' Marija".

*Marija u t-tfulija ta' Ġesu'*

57. Din l-għaqda ta' l-Omm ma' Binha fil-ħidma tas-salvazzjoni tidher sa minn żmien it-tnissil verġinali ta' Kristu sal-ħin ta' mewtu; l-ewwelnett, meta Marija qamet u marret tħaffef iżżur lil Eliżabetta, din sellmitilha hienja għaliex emmnet fis-salvazzjoni mwiegħda u l-prekursur qabeż bil-ferħ f'ġuf ommu (cf. Lq. 1, 41-45); imbagħad fit-twelid, meta Omm Alla wriet ferħana lir-ragħajja u lill-maġi l-Iben waħdani tagħha li ma kienx naqqas iżda qaddes l-integrità verġinali tagħha. Iżda meta ppreżentatu lill-Mulej fit-tempju u tat l-offerta tal-fqar, hija semgħet lil Xmun iħabbrilha illi Binha kellu jkun sinjal li jmeruh u illi sejf kellu jinfdilha ruħha biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna (cf. Lq. 2, 34-35). Meta t-tfajjel Ġesu' ntilef u l-ġenituri tiegħu fittxewh bin-niket f'qalbhom u sabuh fit-tempju medhi fil-ħwejjeġ ta' Missieru, huma ma fehmux il-kliem ta' Binhom. Iżda Ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom (cf. Lq. 2, 41-51).

*Il-Verġni Mqaddsa fil-Ministeru pubbliku ta' Ġesu'*

58. Fil-ħajja pubblika ta' Ġesu', Ommu narawha tispikka qabel xejn fil-bidunett meta, fit-tieġ ta' Kana, imqanqla mill-ħniena, seħħ bis-saħħa tagħha l-ewwel fost is-sinjali ta' Ġesu' l-Messija (cf. Ġw. 2, 1-11). Matul il-predikazzjoni ta' Binha hija laqgħet il-kliem li bih huwa għolla s-saltna 'l fuq mill-kondizzjonijiet u r-rabtiet tal-

ġisem u tad-demm u sejjaħ hienja lil dawk li jisimgħu u jgħożżu l-kelma ta' Alla (cf. Mk. 3, 35 par.; Lq. 11, 27-28) bħalma hi kienet fedelment tagħmel (cf. Lq. 2, 19 u 51). Hekk ukoll il-Verġni Mqaddsa mxiet 'il quddiem fil-pellegrinaġġ tagħha ta' fidi u żammet bil-fedeltà l-għaqda tagħha ma Binha sas-salib fejn, mhux mingħajr pjan ta Alla, hi baqgħet wieqfa (cf. Ġw. 19, 25), qasmet b'qawwa ma' Binha t-tbatijiet tiegħu u ngħaqdet b'qalb ta' Omm mas-sagrifiċċju tiegħu waqt li b'imħabba tat il-kunsens tagħha għall-offerta tal-vittma li hi kienet wildet. U fl-aħħar, mill-istess Kristu Ġesu' li kien qiegħed imut fuq is-salib, hi ngħatat lid-dixxiplu bħala omm b'dan il-kliem: "Mara, hawn hu ibnek" (cf. Ġw. 19, 26-27).

*Il-Verġni Mqaddsa wara t-tlugħ fis-sema ta' Ġesu'*

59. B'danakollu, billi Alla ried li ma jurix b'mod solenni l-misteru tas-salvazzjoni qabel ma jinżel l-Ispirtu mwiegħed minn Kristu, aħna naraw illi, qrib Pentekoste, l-Appostli "ilkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa, u ma' Marija, omm Ġesu', u ma' ħutu" (Atti 1, 14); naraw ukoll lil Marija titlob hi stess id-don ta' l-Ispirtu li fit-tħabbira ta' l-anġlu kien xeħet dellu fuqha. Fl-aħħar, il-Verġni Immakulata, li kienet inżammet ħielsa minn kull tebgħa tad-dnub oriġinali, wara li temmet il-kors ta' ħajjitha fuq l-art, ittellgħet fil-glorja tas-sema bir-ruħ u l-ġisem u tgħolliet mill-Mulej bħala sultana ta' l-univers kollu biex issir tixbaħ iżjed bis-sħiħ lil Binha, Sultan tas-slaten (cf. Apk. 19, 16) u rebbieħ fuq id-dnub u fuq il-mewt.

## *III IL-VERĠNI MQADDSA U L-KNISJA*

*Marija, qaddejja tal-Mulej, fil-ħidma tal-fidwa u tal-qdusija*

60. Wieħed hu l-medjatur tagħna skond il-kliem ta' l-Appostlu: "Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-bniedem Kristu Ġesu', li ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal kulħadd" (1 Tim. 2, 5-6). Is-sehem ta' Marija bħala omm bl-ebda mod ma jdallam jew inaqqas il-medjazzjoni ta' Kristu, iżda juri kemm hi qawwija. Għaliex kull influwenza ta' salvazzjoni tal-Verġni Mqaddsa fuq il-bnedmin m'hix ġejja minn xi ħtieġa iżda mir-rieda ta' Alla u toħroġ mill-kotra mfawra tal-merti ta' Kristu, tistrieħ fuq il-medjazzjoni tiegħu, tiddependi għal kollox u tieħu l-qawwa minnha. Din l-influwenza tal-Madonna bl-ebda mod ma tfixkel l-għaqda immedjata ta' dawk li jemmnu ma' Kristu, anzi tħaffifha.

*Kooperazzjoni mal-fidwa*

61. Il-Verġni mbierka kienet mill-eternità ippredestinata biex tkun Omm Alla b'digriet wieħed flimkien ma' l-Inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla. Il-provvidenza ta' Alla reditha tkun f'din l-art l-Omm twajba tal-Feddej u l-qaddejja umli tal-Mulej, li b'qalb kbira u b' manjiera speċjali ssieħbet miegħu f'ħidmietu. Hi nisslet lil Kristu, wilditu, rabbietu, offrietu lill-Missier fit-tempju, u sofriet ma' Binha huwa u jmut fuq is-salib; b'hekk hi kellha sehem speċjali fil-ħidma tas-Salvatur, u bl-ubbidjenza tagħha, bil-fidi, it-tama u l-ħeġġa

tal-karità tagħha, hi ikkooperat miegħu biex l-erwieħ jiksbu mill-ġdid il-ħajja soprannaturali. Minħabba f'hekk hija kienet għalina omm fl-ordni tal-grazzja.

*Ħidma ta' salvazzjoni subordinata*

62. Marija bdiet tkun Ommna fil-pjan tal-grazzja sa minn mindu hi tat il-kunsens tagħha għat-tħabbira ta' l-anġlu, kunsens li hi żammet bla eżitazzjoni taħt is-salib; u għadha u tibqa' ommna sa ma sseħħ għal kollox il-ġemgħa tal-magħżulin kollha. Għax għalkemm ittellgħet fis-sema, hi ma telqitx minn taħt idejha din il-ħidma għas-salvazzjoni tagħna imma għadha tidħol għalina b'kull mod biex Alla jagħtina l-grazzji meħtieġa għas-salvazzjoni ta' dejjem. Fl-imħabba tagħha ta' omm hija taħseb il-ħin kollu f'dawk l-aħwa ta' Binha li, fit-triq tagħhom lejn is-sema, għadhom jitħabtu fost perikli u diffikultajiet, u tibqa' tieħu ħsiebhom sa ma jidħlu fil-patrija tal-hena. Għalhekk fil-Knisja l-Verġni mbierka tissejjaħ bl-ismijiet ta' Avukata, Awżiljatriċi, Għajnuna, Medjatriċi. Madankollu ħadd m'għandu jaħseb li b'daqshekk qiegħed jitnaqqas jew jiżdied xi ħaġa fil-kobor u l-qawwa ta' Kristu, li hu waħdu l-Medjatur.

Infatti ebda kreatura ma tista' qatt titqabbel ma' l-Iben ta' Alla magħmul bniedem u Feddej. Imma kif il-ministri sagri u l-poplu tal-fidili, b'modi diversi, għandhom sehem mis-saċerdozju ta' Kristu, u kif il-Ħlejjaq kollha, b'modi diversi, jieħdu tassew mit-tjubija ta' Alla, hekk ukoll jiġri fil-medjazzjoni waħdanija ta' Kristu: mhux biss ma teskludix, iżda tqanqal ukoll il-ħlejjaq biex jikkooperaw b'modi diversi u jieħdu sehem f'ħidma li ġejja minn għajn waħdanija.

Il-Knisja ma tiddubitax li tistqarr din il-funzjoni subordinata ta' Marija; hija tħossha l-ħin kollu u tirrikkmandaha lill-qalb tal-fidili biex, imqawwija minn din l-għajnuna ta' omm, jingħaqdu iżjed intimament mal-Medjatur u Salvatur.

*Marija, Verġni u Omm, mudell tal-Knisja*

63. Il-Verġni mbierka, bid-don u d-dmir tal-maternità divina li tgħaqqadha ma' l-Iben Feddej, u bil-grazzji u d-dmirijiet singulari tagħha, hi intimament marbuta wkoll mal-Knisja: Omm Alla, kif diġà għallem S. Ambroġ, hija x-xbieha tal-Knisja fl-ordni tal-fidi, tal-karità u tal-għaqda perfetta ma' Kristu. Infatti fil-misteru tal-Knisja, li wkoll ġustament tissejjaħ verġni u omm, l-Imqaddsa Verġni Marija hi l-ewwel u tagħti eżempju għoli u singulari ta' Verġni u Omm. Għaliex bil-fidi u bl-ubbidjenza tagħha iġġenerat fuq l-art l-istess Iben tal-Missier mingħajr ma għarfet raġel, imma taħt id-dell ta' l-Ispirtu s-Santu, bħal Eva ġdida, emmnet mhux lis-serpent il-qadim iżda lill-ħabbâr ta' Alla, u emmnitu b'fidi mhux mittiefsa b'xi dubju. Hija mbagħad wildet Iben, li Alla għamlu l-kbir fost ħafna aħwa (Rum. 8, 29), jiġifieri fost il-fidili, li għat-twelid mill-ġdid u l-formazzjoni tagħhom hija tikkoopera b'imħabba ta' Omm.

*Il-Knisja, Verġni u Omm*

64. Il-Knisja, li tikkontempla l-qdusija misterjuża ta' Marija, timita fiha l-karità u tagħmel bil-fedeltà r-rieda tal-Missier, issir hi

wkoll omm waqt li tilqa' b'fedeltà l-kelma ta' Alla; għaliex bil-predikazzjoni u l-magħmudija hi tiled għal ħajja ġdida u li ma tintemm qatt ulied li huma mnisslin minn Alla bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-Knisja hi wkoll verġni li tħares sħiħa u safja l-kelma li tat lill-Għarus tagħha u, waqt li timita l-Omm tal-Mulej tagħha, tħares verġinalment sħiħa l-fidi, qawwija t-tama, sinċiera l-karità.

*Il-virtujiet ta' Marija li l-Knisja għandha timita*

65. Waqt li l-Knisja diġà laħqet fil-Verġni mbierka l-perfezzjoni li biha hija bla tebgħa u bla tikmixa (cf. Ef. 5, 27), il-fidili għandhom jitħabtu biex jirbħu d-dnub u jikbru fil-qdusija; u għal dan l-iskop huma jgħollu għajnejhom lejn Marija li tiddi bħala mudell ta' virtu' għall-komunità kollha tal-magħżulin. Il-Knisja, waqt li taħseb fiha bit-tjieba u tikkontemplaha fid-dawl tal-Verb magħmul bniedem, tidħol bil-qima aktar fil-fond fil-misteru l-aktar għoli ta' l-Inkarnazzjoni u ssir tixbah dejjem iżjed lill-Għarus tagħha. Marija, infatti, minħabba s-sehem tagħha fl-istorja tas-salvazzjoni, b'xi mod tgħaqqad fiha u tirrifletti l-ġrajja ewlenija tal-fidi; għalhekk, waqt li titħabbar u tingħatalha qima, hija ssejjaħ lil dawk li jemmnu biex jersqu lejn Binha, lejn is-sagrifiċċju tiegħu u lejn l-imħabba tal-Missier. Min-naħa tagħha l-Knisja, waqt li tfittex il-glorja ta' Kristu, issir dejjem aktar tixbah lil dan il-mudell tant għoli tagħha waqt li timxi 'l quddiem il-ħin kollu fil-fidi, fit-tama u fil-karità u f'kollox tfittex ir-rieda ta' Alla u tagħmilha. Minn hawn jiġi li wkoll fil-ħidma appostolika tagħha l-Knisja tħares ġustament lejn dik li ġġenerat lil Kristu mnissel mill-Ispirtu s-Santu u mwieled minn Verġni biex, permezz tal-Knisja, jitwieled u jikber ukoll fil-qalb tal-fidili. Il-Verġni Marija, tul ħajjitha kollha, kienet il-mudell ta' dik l-imħabba ta' Omm li għandu jkollhom dawk kollha li jikkooperaw fil-ħidma appostolika tal-Knisja għat-twelid mill-ġdid tal-bnedmin.

## *IV. IL-KULT TAL-VERĠNI MQADDSA FIL-KNISJA*

*Natura u Fundament tal-kult tal-Madonna*

66. Marija, li bil-grazzja ta' Alla tgħolliet, wara Binha, fuq l-anġli u l-bnedmin kollha, hi bir-raġun meqjuma mill-Knisja b'kult speċjali għaliex kienet l-omm ta' Alla l-iżjed qaddisa li ħadet sehem fil-misteri ta' Kristu. Fil-fatt, sa mill-eqdem żmien tal-Knisja, il-Verġni Mqaddsa kienet meqjuma bħala Omm Alla, li għandha l-fidili jmorru jitolbu l-ħarsien fil-perikli u l-kenn fil-ħtiġiet tagħhom kollha. Huwa għalhekk illi, l-aktar mill-Konċilju ta' Efesu 'l hawn, il-qima tal-poplu ta' Alla lejn Marija baqgħet tikber b'mod tal-għaġeb, b'venerazzjoni u mħabba, fit-talb u fl-imitazzjoni, skond il-kliem profetiċi tagħha: "Kull nisel isejjaħli hienja, għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar" (Lq. 1,, 48). Dan il-kult, hekk kif baqa' jeżisti fil-Knisja, għalkemm huwa għal kollox singulari, huwa fl-istess ħin essenzjalment differenti mill-qima ta' adorazzjoni li tingħata lill-Verb magħmul bniedem hekk kif tingħata lill-Missier u lill-Ispirtu s-Santu. Iżda l-qima lejn il-Madonna twassal għall-adorazzjoni ta' Alla. Il-forom ta' devozzjoni lejn Omm Alla li l-Knisja, fil-limiti ta' tagħlim żgur u ġenwin, approvat skond il-kondizzjonijiet taż-żmien, tal-post u tal-karattru u l-mentalità tal-fidili, iwas-

slu biex, waqt li tingħata qima lill-Omm, l-Iben li fih kien maħluq kollox (cf. Kol. 1 15-16) u, "fih għogobha tgħammar il-milja kollha (ta' Alla)" (Kol. 1, 19), ikun magħruf, maħbub, imsebbaħ kif għandu jkun u l-kmandamenti tiegħu miżmuma.

*L-ispirtu tal-predikazzjoni u tal-kult*

67. Dan it-tagħlim kattoliku l-Konċilju Mqaddes qiegħed igħallmu espressament, waqt li fl-istess ħin iħeġġeġ lill-ulied kollha tal-Knisja biex ġenerożament iġibu 'l quddiem il-qima, l-iżjed dik liturġika, lejn il-Verġni Mqaddsa. Il-Konċilju jħeġġeġ ukoll lill-fidili biex igħożżu ħafna d-drawwiet ta' devozzjoni lejha li l-Maġisteru tal-Knisja inkoraġġixxa matul is-sekli li għaddew u li dak kollu li kien iddegretat fl-imgħoddi dwar il-kult tax-xbihat ta' Kristu, tal-Verġni Mqaddsa u tal-qaddisin jinżamm b'rispett reliġjuż. Il-Konċilju jħeġġeġ ukoll lit-teoloġi u lill-predikaturi tal-kelma ta' Alla biex meta jitkellmu fuq id-dinjità singulari tal-Verġni Mqaddsa joqogħdu attenti li jevitaw kemm esaġerazzjonijiet foloz u kemm ċertu egħluq eċċessiv tal-moħħ. Jalla taħt it-tmexxija tal-maġisteru huma jkomplu l-istudji ta' l-Iskrittura Mqaddsa, tas-Santi Padri u tad-Dutturi tal-Knisja, u wkoll tal-liturġiji differenti, b'mod illi jqiegħdu f'dawl ġust is-sehem u l-privileġġi tal-Madonna li dejjem għandhom bħala skop tagħhom lil Kristu, bidu ta' kull verità, qdusija u tjieba. Joqogħdu attenti illi jevitaw bir-reqqa, fil-kliem u fil-kitba, dak kollu li jista' jwassal lill-aħwa mifrudin jew kull persuna oħra għal idea żbaljata ta' dak li hu t-tagħlim awtentiku tal-Knisja dwar il-Madonna. Il-fidili mbagħad għandhom jiftakru illi d-devozzjoni vera m'hix qiegħda f'xi sentiment sterili u li jgħaddi, u anqas f'xi kredulità fiergħa, iżda ġejja minn fidi vera li twassalna biex nagħarfu l-kobor ta' Omm Alla u tħeġġiġna biex inħobbu b'imħabba ta' wlied lil din Ommna u nimitaw il-virtujiet tagħha.

## V. MARIJA, SINJAL TA' TAMA U TA' FARAĠ GĦALL-POPLU TA' ALLA PELLEGRIN

*Marija, sinjal tal-poplu ta' Alla*

68. Sadattant bħalma Omm Ġesu' fis-sema, fejn hi diġà fil-glorja bir-ruħ u l-ġisem, hija l-bidu u x-xbieha tal-Knisja kif għad tkun ipperfezzjonata fiż-żmien li ġej, hekk ukoll hija fuq din l-art, sakemm jasal jum il-Mulej (cf. 2 Pt. 3, 10), bħal sinjal jiddi ta' tama żgura u ta' faraġ għall-poplu ta' Alla fil-mixja tiegħu lejn is-sema.

*Marija titlob għall-għaqda ta' l-insara*

69. Għal dan il-Konċilju Mqaddes huwa ta' hena u faraġ kbir il-fatt illi wkoll fost l-aħwa mifrudin ma jonqsux dawk li jagħtu lil Omm il-Mulej u s-Salvatur il-qima li jixirqilha; dan hu minnu l-aktar fost l-Insara tal-Lvant li dejjem fittxew b'ħerqa u b'devozzjoni li jkunu minn ta' l-ewwel li jagħtu qima lill-Omm dejjem Verġni ta' Alla. Jalla l-insara kollha jgħollu talb ħerqan lil Omm Alla u Omm il-bnedmin biex hi, imsebbħa fis-sema fuq i-qaddisin u l-anġli kollha, tinterċedi, fix-xirka tal-qaddisin kollha, quddiem Binha biex il-familji kollha tal-popli, kemm dawk li jiżżejnu bl-isem ta' Nsara kemm dawk li għadhom ma jafux is-Salvatur tagħhom, jingħaqdu fil-hena, fil-paċi u fil-ftehim, f'poplu ta' Alla wieħed għall-glorja tat-Trinità Mqaddsa Alla wieħed.

MISSJONI DJOĊESANA

It-Tieni Librett Kateketiku

# MARIJA OMM IL-ĦNIENA

## WERREJ

1 Daħla

2 Preżentazzjoni qasira ta' l-enċiklika *Għani fil-Ħniena* (minn *Problemi ta' Llum,* Jannar 1982)

3 Introduzzjoni għall-enċiklika *Għani fil-Ħniena* (minn *Problemi ta' Llum,* Ġunju-Lulju 1981)

4 Alla ħanin (fit-Testment il-Qadim) (minn *Bible Themes* ta' Thierry Maertens OSB I pp 39-40)

5 Alla ħanin (fit-Testment il-Ġdid) (minn *Bible Themes* vol. I pp 41-42)

6 Il-ħniena (minn *Dictionary of the Bible* ta' John L. Mckenzie SJ pp 565-567)

7 Ħniena (minn *Encyclopedia of Theology* ta' Karl Rahner p 954)

8 Marija Omm il-ħniena (mill-enċiklika *Għani fil-Ħniena n. 9)*

*Daħla*

Billi s-suġġett prinċipali magħżul għall-Kungress Marjan huwa "Marija Omm il-Ħniena u Omm il-Maħfra", deħrilna li għal żmien l-Avvent, il-programm kateketiku għandu jitfa' l-attenzjoni fuq it-tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II, kif mogħti lilna fl-Enċiklika GĦANI FIL-ĦNIENA.

Fil-fatt, din l-Enċiklika ħarġet fit-30 ta' Novembru 1980, l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, u paragrafu 9 jitkellem proprju dwar Marija "Omm tal-Ħniena", kif insejħulha fis-Salve Regina.

Permezz ta dan il-librett, nixtiequ ngħinu lill-katekisti kollha tagħna, biex jidħlu aktar fil-fond f'dan is-suġġett tant ċentrali fit-tagħlim nisrani, ħalli jkunu jistgħu jgħadduh, sabiħ kif inhu, liż-żgħażagħ u lill-adulti tagħna.

Kull ma għamilna kien li ġbarna, u f'xi każi qlibna għall-Malti, materjal serju li kien ġa jeżisti fuq is-suġġett. F'dan is-sens nixtiequ niżżu ħajr lil Fr. J.M. Ghigo S.J., Editur tal-PROBLEMI TA' LLUM, li tana l-permess nippubblikaw mill-ġdid żewġ atrikli li deħru fir-rivista tiegħu. Fl-istess ħin inħeġġu lill-katekisti jagħmlu użu mill-kotba l-oħra li minnhom ġibna xi siltiet f'dan il-librett.

Il-katekisti għandhom iwasslu wkoll liż-żgħażagħ u lill-adulti biex jaqraw l-Enċiklika GĦANI FIL-ĦNIENA, kollha kemm hi. Traduzzjoni tagħha kienet ħarġet mill-Kummissjoni Komunikazzjoni Soċjali.

Nagħalqu din id-daħla b'silta mill-paragrafu 15 ta' l-istess Enċiklika: "F'isem Kristu msallab u rxoxt, fl-ispritu tal-missjoni tiegħu bħala Messija — li għadha sejra fil-ġrajja tal-bniedem — ngħollu leħenna u nitolbu li l-Imħabba li l-Missier għandu għalina, għal darb'oħra tiġi rivelata lilna f'dan il-mument tal-ġrajja tal-bniedem, u li bil-ħidma ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, tidher fid-dinja ta' llum, u turi li hi aktar qawwija minn kull deni, aktar qawwija mid-dnub u l-mewt. Nitolbu dan bl-interċessjoni ta' dik li ma tehdiex ixxandar il-ħniena ta' Alla — "f'kull żmien", u bl-interċessjoni ta' dawk ukoll li għalihom seħħu għal kollox il-kliem tad-diskors tal-muntanja: "Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena."

*Preżentazzjoni qasira ta' l-Enċiklika ta' Papa Ġwann Pawlu II "Dives in Misericordia"*

## GĦANI FIL-ĦNIENA

### A. TAQSIMA TEOLOĠIKA (par. 1-9)

#### *I. Min jara lil Kristu jara lill-Missier*

1. *Ir-Rivelazzjoni tal-Ħniena* Alla Missier "għani fil-ħniena" (Ef. 2:4) urihulna u għarrafhulna Ġesu', l-Iben. "Min ra lili ra lill-Missier" (Ġw. 14:9). Il-Knisja tipprova tifhem il-verità dwar il-bniedem, li l-Papa fissirhielna fir-"Redemptor Hominis": id-dinjità sħiħa tal-bniedem nifhmuha biss meta nħarsu lejn il-misteru tal-Mssier u ta' mħabbtu (ara "Gaudium et Spes", 22). Kristu stess għallimna li biex "nimxu mit-triq tal-bniedem" irridu ngħaddu mit-triq tal-Missier u ta' mħabbtu.

Ma nistgħux u m'għandniex bħala Knisja nifirdu l-idea tagħna tal-bniedem mill-idea ta' min hu l-bniedem iben Alla Missierna. Il-bniedem jistagħna iktar ma jinfetaħ għal Kristu, u jinfetaħ għal Kristu iktar ma jinfetaħ għall-Missier u għal imħabbtu.

2. *Kristu l-Inkarnazzjoni tal-Ħniena.* Alla jkellem lill-bniedem permezz tal-ħolqien, li hu għarfien indirett t'Alla. Iżda d-deħra sħiħa tal-Missier għarrafhielna l-Iben, li wriena lil Alla wieħed fi tliet Persuni u iktar u iktar irrivelalna 'l Alla fil-"filantropija" Tiegħu, fl-imħabba Tiegħu għalina l-bnedmin. Din l-imħabba deħret fi Kristu f'egħmilu, kliemu, fil-mewt Tiegħu fuq is-Salib, fil-Qawmien Tiegħu mill-imwiet. Fil-persuna ta' Ġesu', Alla jidher bħala l-ħniena inkarnata, tad-demm u l-laħam, fostna. Il-bnedmin qed ifittxu li jwarrbu mill-ħajja u mill-qlub l-idea tal-ħniena, waqt li jaqtgħu qalbhom minħabba fi problemi dejjem iktar serji. Il-Papa jird ifisser it-tħassib tiegħu u jaqsam xi ftit il-qtigħ ta' qalb ta' żminijietna: fl-istess ħin irid jerġa' jfakkar il-bnedmin li l-vera tama tagħna tinsab fil-verità dwar Alla, "Missier ta' kull ħniena" (2 Kor 1:3), dik il-ħniena inkarnata fostna f'Ibnu.

#### *II. Il-Messaġġ Messjaniku*

3. *Kristu beda jagħmel il-ġid u jgħallem.* Ġesu' lin-nies ta' Nazaret (Lq 5:18) u lid-dixxipli ta' Ġwann il-Battista (Lq 7:22) jintroduċi lilu nnifsu bħala l-Midluk tal-Mulej mibgħut iwassal il-Bxara t-Tajba lill-foqra: għax wasal Hu, l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, jiġifieri fiġġ żmien il-Messija u l-Imħabba tinsab fid-dinja! Alla ħenn għall-bniedem fil-miżerji kollha tiegħu.

Ġesu' għażel il-ħniena bħala wieħed mit-temi ewlenin tat-tħabbir Tiegħu: ried juri 'l Alla l-aktar bħala Missier ta' mħabba u ħniena (p.eż. fil-parabboli ta' l-Iben il-ħali u tas-Samaritan it-tajjeb, u fix-xbiha tar-Ragħaj it-tajjeb), u b'hekk iqiegħed pedament ta' mħabba u ħniena għall-imġiba tal-bnedmin bejniethom.

#### *III. Il-Patt il-Qadim*

4. *(Xi tfisser il-"Ħniena").* Il-Poplu t'Alla fil-Patt il-Qadim ġarrab il-ħniena t'Alla bħala soċjetà u komunità li ta' spiss kisret

il-Patt, ħaġa li l-Profeti qabblu ma' infedeltà fiż-żwieġ: għalihom "ħniena" tfisser il-qawwa ta' mħabba li tirbaħ id-dnub ta' nuqqas ta' fedeltà tal-Poplu. L-istess ġarrbu midinba bħal David: id-dnub personali jew kollettiv iwaqqa' f'miżerja lill-individwu jew il-poplu li jwettqu, iżda għal min idur lejn Alla u hu midħla tiegħu, hemm dejjem il-maħfra.

Il-kliem kollu li fit-Testment il-Qadim ifisser il-"ħniena" t'Alla flimkien jisħaq fuq l-għana bla qies ta' l-imħabba t'Alla għalina (Nota 52: Il-kelma *hesed,* barra milli tirreferi għar-rabta legali bejn Alla u l-Poplu tal-Patt, tfisser ukoll imħabba ta' għotja aqwa minn kull tradiment u dnub, jiġifieri li Alla fidil għalih innifsu u għal kollox responsabbli ta' mħabbtu, ħaġa li tidher fir-raġel; il-kelma *raħamin* tfisser imħabba ta' omm, bla interess egoistiku, imħabba li l-qalb stess ta' l-omm teħtiegħa u titlobha: din il-fedeltà tidher iktar fil-mara. Alla, kif jurihulna t-Testment il-Qadim igħaqqad fih il-ħniena "soda" tar-raġel mal-ħniena "affettiva" tal-mara).

### *IV. Il-Parabbola ta' l-Iben il-Ħali*

5. *Analoġija.* Marija u Żakkarija flimkien ifaħħru l-ħniena ta' Alla (Lq 1:50, 54.72.78). Il-parabbola ta' l-iben il-ħali titkellem dwar il-ħniena t'Alla bla ma qatt ma ssemmiha. L-iben hu l-bniedem ta' kull żmien, ibda minn Adam: iberbaq ġidu, agħar anzi jitlef id-dinjità ta' iben f'dar missieru. Fil-ħtieġa materjali l-ewwel iħoss li "ma kellux" kif "kellhom" il-lavranti f'dar missieru, imbagħad jasal biex jagħraf li kien tilef dak li "kien"; id-dinjità ta' iben kien irmieha! Iqum u jmur jitlob lil missieru: mhux bi dritt, għax jaf skond il-ġustizzja x'jistħoqqlu! Hawn jinħass ċar kemm hu meħtieġ li l-Imħabba turi ruħha, tinbidel fi ħniena, meta r-regola tal-ġustizzja tkun eżatta u dejqa wisq.

6. *Id-Dinjità tal-Bniedem.* Il-missier tal-parabbola hu xbiha ta' Alla l-Missier: minsuġa hawn issibu b'mod sempliċi u ġdid l-ideja dwar il-ħniena tat-Testment il-Qadim, l-Alla fidil għan-natura Tiegħu ta' Missier u fl-istess ħin imqanqal minn imħabba profonda. Din l-imħabba kollha salvat mit-telfien id-dinjità ta' l-iben: u d-dinjità tiegħu ta' bniedem reġgħet instabet!

Kontra dak li ta' sipss naħsbu, il-ħniena vera ma ċċekkinx lil min jirċeviha, anzi tgħaqqdu fid-dinjità tiegħu ta' bniedem ma' min itiha. Flok tnaqqaslu ġieħu, il-ħniena tafferma kemm jiswa bħala bniedem: "tirbaħ il-ħażin bit-tajjeb" (Rum 12:21).

### *V. Il-Misteru tal-Għid*

7. *Il-Ħniena tintwera fis-Salib u l-Qawmien mill-Imwiet.* Il-fidwa turi l-kobor li ma bħalu tal-bniedem, li stħoqqlu "Feddej kbir bħal dan" (Exsultet): turi wkoll kemm hi għolja l-imħabba li bl-ebda mod ma tistmerr is-sagrifiċċju tal-għaġeb ta' l-Iben.

Dak li "għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq" (Atti 10:38), maqbud u mżeblaħ talab il-ħniena u ma sabhiex, anqas dawk li ħabbewh ma setgħu jgħinuh: dar fuq Missieru, li ma ħelsux, anzi "għamlu dnub għalina" (2 Kor 5:12). Fis-sabar u l-mewt ta' Kristu tintwera b'mod sħiħ il-ġustizzja għax Kristu jbati u jmut minħabba d-dnubiet u hekk "ipatti" għalihom: iżda lil hinn minn dan, l-imħabba tiegħu

tnissel mill-ġdid fina l-kapaċità li nilqgħu l-milja tal-qdusija ġejja minn Alla. Saħansitra l-Imħabba li dehret fuq is-Salib twassalna biex nissieħbu fl-istess ħajja ta' Alla (2 Pt 1:4). Il-Missier qal l-aħħar kelma tal-Patt il-Ġdid mal-bniedem meta qajjem lil Ġesu' mill-imwiet: b'hekk wera li tinsab fid-dinja Mħabba aqwa minn kull deni!

8. *L-Imħabba iktar qawwija mill-mewt u d-dnub.* Fuq is-Salib il-ħażen dar kontra l-Iben t'Alla. Fi Kristu sar ħaqq mid-dnub bl-ubbidjenza tiegħu sal-mewt, u mill-mewt bil-mewt ta' Kristu stess. bil-mewt Tiegħu ta l-mewt lill-mewt. Is-Salib jurina li l-egħruq tal-ħażen jaslu 'l isfel sew, sad-dnub u l-mewt. Is-Salib hu sinjal li juri li bdiet rebħa li sseħħ bis-sħiħ fit-tmiem ta' kollox.

Fl-istorja Alla juri l-ħniena Tiegħu meta jistieden il-bniedem juri ħniena ma' Ibnu Msallab: iħabbat issa fil-bieb ta' qalbna (Apok 3:20) biex nifthulu ħalli jidħol jiekol magħna. Ma jisfurzaniex. Kulma nagħmlu ma' ħutu nagħmluh miegħu (Mt 25:40): il-ħniena jit-lobna nagħmluha miegħu f'ħutna.

Il-fidi u t-tama tagħna jmorru fuq l-Irxoxt, li fil-qawmien Tiegħu ġarrab il-Ħniena u l-Imħabba tal-Missier, li huma aqwa mill-mewt.

9. *Omm tal-Ħniena.* Marija b'mod tal-għaġeb bla m'hemm bħalu għarfet x'inhi l-ħniena: permezz tas-sagrifiċċju ta' qalbha, f'rabta mas-sagrifiċċju ta' Binha, seħħ it-tisħib tagħha fir-rivelazzjoni tal-ħniena t'Alla. Bħal Marija Omm l-Imsallab ħadd ma ġarrab il-Misteru tas-Salib, li fih l-imħabba/ħniena "bieset" il-ġustizzja (ara Salm 85:11). Marija laqgħet f'qalbha l-misteru tal-ħniena ta' Alla: b'ruħha, moħħha, kollha kemm hi, għarfet li "l-ħniena Tiegħu... f'kull żmien" (Lq 1:50). Personalment ġarrbet il-ħniena l-aktar fejn is-Salib ta' Binha u ntgħażlet biex, Omm tal-Ħniena, twassal lill-bnedmin l-Imħabba li Binha ġie jurihom, li tintwera konkretament ma' dawk li jbatu. F'Marija s-sentimenti sbieħ ta' omm huma kkon-sagrati u mdaħħla fil-misteru tas-salvazzjoni b'mod li jagħtu kotra kbira ta' frott. Fl-imħabba tagħha ta' omm, mis-sema tibqa' taħseb f'ħut Binha.

B TAQSIMA SOĊJALI (par. 10-12)

*VI. Ħniena f'kull żmien*

10. *Xbiha għan-nisel tagħha.* Iż-żmien tagħna jqis ruħu xxurtjat minħabba fil-progress teknoloġiku, il-ħidma kreativa intelliġenti li tirrendi setgħa fuq il-ħolqien possibbli, il-mezzi fit-teknika tax-xandir. Iżda dan żmienna jaf li hemm ukoll bosta elementi negattivi fih, li qed joħolqu żbilanċ ikraħ mill-qiegħ, fl-egħruq tal-qalb. Il-bniedem ta' żmienna mħawwad dwar it-tbatija, id-deni, il-mewt. F' dawn l-aħħar snin ċerti tensjonijiet u theddid deħru x'inhuma.

11. *Min fejn ġej il-qtigħ il-qalb ta' żmienna.* Il-biża' u l-periklu reali ta' xi gwerra ta' qirda qegħdin jikbru. Il-mezzi li għandna f'idejna għandhom setgħa li jaħkmu individwi, komunitajiet, nazzjonijiet sħaħ "paċifikament". Qed titħaddem bla skrupli t-tortura mis-setgħana. L-iżbilanċ kbir bejn il-pajjiżi jġib qtigħ ta' qalb għax il-problemi jidhru kbar wisq, in-nuqqasijiet fl-ħajja soċjali

serji, u l-kontradizzjonijiet li jxekklu d-dinja enormi. Jidhru meħtieġa deċiżjonijiet serji.

12. *Il-Ġustizzja biżżejjed?* Is-sens tal-ġustizzja qed jissaħħaħ u l-Knisja bit-tagħlim u l-ħidma soċjali tagħha tappoġġa l-isforzi għal ġustizzja ikbar fl-oqsma kollha. Dawn l-isforzi f'isem "ġustizzja" — tàparsi spiss imorru żmerċ, u jiddeġeneraw f'kefrija u mibegħda, u f'passjoni li xxekkel l-għadu tiegħek. Dan kollu jmur kontra l-ġustizzja li min-natura tagħha trid li jseħħu l-qbil u l-armonija.

L-esperjenza fl-istorja wrietna li l-ġustizzja waħedha mhix biżżejjed, tista' anki teqred u tiċħad lilha nfisha jekk ma tħallix il-qawwa ta' l-imħabba ssawwar il-ħajja fl-oqsma kollha.

Il-Knisja ġġarrab qtigħ il-qalb meta tara mkasbra ħafna prinċipji ta' għana għall-imġiba tal-bniedem bħala bniedem u għall-kultura morali tiegħu: tinsab imħassba dwar l-abort, id-divorzju, il-fedeltà fiż-żwieġ, il-kriżi tal-verità fir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin, it-tfittxija egoistika ta' dak li jaqbel lilek biss, in-nuqqas ta' rispett għall-ġid komuni, l-eliminazzjoni ta' xejn ta' dak li hu tajjeb, l-użu ħażin ta' kull ħaġa maħluqa.

C. TAQSIMA PASTORALI (par. 13-15)

*VII. Il-Ħniena t'Alla fil-Missjoni tal-Knisja*

13. *Il-Knisja tistqarr il-ħniena t'Alla u xxandarha.* Il-Knisja tistqarr u xxandar il-ħniena t'Alla fil-verità sħiħa tagħha mfissra fil-Kotba ta' l-Iskrittura, verità li dehret inkarnata fi Kristu. Hija tħares lejn il-Qalb ta' Ġesu' u turihielna: f'dik il-Qalb ġiet irrivelata l-imħabba kollha ħniena tal-Missier. Minn dik il-Qalb ħarġu egħjun ta' salvazzjoni li l-Knisja tressaqna lejhom fis-Sagramenti ta' l-Ewkaristija u r-Rikonċiljazzjoni. F'dawn iż-żewġ Sagramenti kbar jidher biċ-ċar li l-imħabba qawwija iktar mill-mewt u li ebda dnub ma jista' jegħleb il-qawwa tal-ħniena Tiegħu.

Il-bniedem jista' jillimita l-ħidma t'Alla billi jwebbes qalbu, ma jindimx, ma jkunx irid il-"konverżjoni" vera: din il-konverżjoni mhix bidla ta' mument iżda stat fundamentali ġdid fir-ruħ. Min jikkonverti għax irċieva l-ħniena b'qalbu ħielsa minn kull irbit falz igħix bħala vjaġġatur fuq din l-art. Il-Knisja tistqarr il-ħniena li jagħti Alla kontinwament lill-Poplu kollu kemm hu, fit-taħbit tal-ħajja.

14. *Il-Knisja tħabrek biex turi ħniena.* Il-bniedem mhux biss isib iżda msejjaħ juri l-ħniena: "imbierka dawk li jħennu, għaliex huma jsibu ħniena" (Mt. 5:7). Nersqu lejn Alla ħanin daqskemm ninbidlu u nagħtu ħniena lil ħutna: fl-istess ħin li nagħtu, nirċievu l-ħniena.

Il-bnedmin iridu jeliminaw l-idea ta' ħniena għax ma jifhmux li, waqt li l-ġustizzja ġġib "arbitraġġ" fit-tqassim tal-ġid materjali, hi l-imħabba/ħniena biss li tlaqqa' żewġ bnedmin fid-dinjità tagħhom: għalhekk il-ħniena hi inkarnazzjoni iktar perfetta tal-ġustizzja. Għax anki min jirċievi l-ħniena jista' jtiha u b'hekk jagħmel ġid lill-ieħor: anki fil-ħniena hemm bdil.

Iċ-"ċiviltà ta' l-imħabba" (Pawlu VI) isseħħ biss jekk fir-relazzjonijiet umani kollha nitgħallmu nħennu u fil-ħajja soċjali negħilbu l-prinċipju dejjaq ta' "għajn b'għajn u sinna b'sinna". Bla maħfra

s-soċjetà qatt m'hi ser issir iktar umana.

Għalhekk il-Knisja għandha dmir mhux biss ixxandar iżda ddaħħal fil-ħajja tal-bniedem il-misteru tal-ħniena, ħniena li għandha tingħata bla waqfien ("sebgħin darba sebgħa" Mt 18:22), anki jekk b'dan ma nićħdux il-ħtieġa ta' ġustizzja biex il-ħażen u l-iskandli jispiċċaw.

*VIII. It-Talba tal-Knisja fi żminijietna*

15. *Il-Knisja titlob ħniena lil Alla.* Aktar ma l-kuxjenza tal-bniedem iċċedi quddiem is-sekularizzazzjoni, titlef it-tifsir tal-kelma "ħniena", u tasal biex tikkonsidra lil Alla bħala "żejjed", aktar il-Knisja b'leħen għoli titlob lil Alla fidil għalih innifsu li ma jistmerrx dak li għamel Hu (Għerf 11:24; Salm 145.9). Bħala Knisja nxandru għal żmienna: nitolbu l-maħfra għal ħutna li joffendu u jiċħdu lil Alla, għax ma jafux x'qegħdin jagħmlu (Lq 23:34).

Qawwija kemm hi qawwija r-reżistenza tal-bniedem, nitolbu lill-Missier li, bil-ħidma ta' l-Iben u l-Ispirtu, u "bl-interċessjoni ta' dik li ma tehdiex ixxandar il-ħniena t'Alla... f'kull żmien", tidher mill-ġdid fi żmienna l-Imħabba iktar qawwija minn kull deni, mid-dnub u mill-mewt.

(L-enċiklika ġġib id-data tat-30 ta' Novembru 1980)

## "GĦANI FIL-ĦNIENA"

*Charles Fenech*

Dan li ġej mhu xejn għajr ftit ħjiel bħala introduzzjoni għall-enċiklika tal-Papa Ġwanni Pawlu II "Dives in Misericordia" — dokument meqjus bħala wieħed mill-aktar profondi u attwali. Il-Papa nnifsu jispjega l-iskop ta' din l-enċiklika meta jgħid: "Kbira kemm tkun kbira n-negazzjoni ta' Alla fid-dinja umana, ser ngħollu leħenna flimkien biex f'dan il-mument ta' l-istorja tiġi rrivelata għal darba oħra l-imħabba, li hija bil-wisq aktar qawwija mill-ħażen."

### I ĦARSA TAL-MISSIER

L-enċiklika, li tiftaħ bil-kliem ta' San Pawl: "Alla, mogħni bil-ħniena" (Ef. 2, 4), tibda b'ambjentazzjoni storika, li fiha t-talba ta' Filippu lil Ġesu': "Mulej urina l-Missier u jkun biżżejjed għalina" (Ġw. 14.7), hija mqabbla mat-talba li l-bniedem ta' llum qed jagħmel lill-Knisja: "Urina l-veru wiċċ ta' Alla." U l-Papa jwieġeb li dan hu sewwasew dak li ser jipprova jagħmel f'din l-enċiklika, permezz tal-katekeżi tiegħu, wara li fl-ewwel enċiklika tiegħu kien wera x'inhija tabilħaqq il-ħarsa ta' Kristu li: "jirrivela l-bniedem lill-bniedem", f'din l-enċiklika ser naraw il-ħarsa ta' Alla rrivelata minn Kritsu, fil-karatteristika prinċipali tagħha, dik tal-ħniena.

Din il-ħidma ta' Ġesu' spikkat fih sa mill-ewwel dehriet tiegħu fid-dinja, minħabba li Hu jippreżenta lilu nnifsu bħala l-mibgħut dirett tal-Missier bl-iskop li jsalva dak li kien mitluf, fil-waqt li jippriedka u joffri l-maħfra u r-rikonċiljazzjoni.

Bil-predikazzjoni tiegħu indirizzata lill-bnedmin li, bħala l-poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim, ħadu mill-istorja tagħhom esperjenza

pekuljari tal-ħniena ta' Alla, Ġesu' jgħinhom sabiex jieħdu nota u jinterpretaw il-ġrajjiet storiċi u s-sejħiet profetiċi fil-kuntest tal-"ħniena provvidenzjali". Huwa każ tassew sinjifikanti li fost l-awturi l-aktar ikkwotati nsibu lil San Pawl, ex-persekutur ikkonvertit, li kellu esperjenza ħajja u qawwija ta' l-effiċjenza tal-ħniena ta' Alla.

Ħniena u Ġustizzja

Il-ħniena murija minn Ġesu' hija r-rivelazzjoni awtentika tal-Missier, u l-essenza u n-nukleju tagħha huma l-IMĦABBA. Din l-affermazzjoni hija ta' Ġwanni li fi kliem ieħor ried jgħid "Alla huwa ħniena". Huwa veru li fil-ktieb tal-Profeti nsibu l-esklamazzjoni: "Alla huwa Ġustizzja", iżda b'danakollu din b'ebda mod ma hija kontradittorja għall-ħniena. Bejn il-ħniena u l-ġustizzja m'hemm ebda kuntrast anzi t-tnejn huma paralleli, għaliex il-ħniena hija estensjoni tal-ġustizzja. Infatti l-ġustizzja ta' Alla m'hix bħal dik tal-bniedem limitata u fl-istess waqt tillimata, jew ġest konklussiv, imma għall-kuntrarju, il-ġustizzja ta' Alla hija ġest estiż li ma jxekkel qatt il-proċess tal-mixja progressiva u l-iżvilupp soċjali uman. Saħansitra Alla li jkun jaf bil-ħtijiet umani, ma "jirreaġixxix" billi jirrifjuta jew jagħlaq imma jużа l-ġustizzja tiegħu li iżjed hija komprensjoni milli tolleranza; għaliex Alla biss jaf id-dimensjoni u s-sinjifikat veri tal-ħażen tal-bniedem. Din il-ġustizzja kbira m'hi xejn ħlief ħniena.

*Il-fatt importanti.*

Il-parabbola ta' l-iben il-ħali (Lq. 15:11-31) skond l-eseġesi ta' Ġwanni Pawlu II, tiddeskrivi sitwazzjoni li tibqa' dejjem attwali; hija l-parabbola ta' l-umanità. L-iben il-ħali jirrappreżenta "il-bniedem ta' kull żmien", kapaċi li jberbaq il-patrimonju tad-dinjità tiegħu, dejjem sakemm fil-qiegħ ta' qalbu jiskopri l-parentela tiegħu ma' missieru. Il-missier, min-naħa tiegħu jagħraf li ġiet salvata parti mill-ġid fundamentali — l-'umanità' ta' ibnu.

Il-ferħ ta' din is-salvazzjoni huwa messaġġ mill-aktar qawwi u konvinċenti ta' mħabbet Alla. Il-ħniena għalhekk hija bbażata fuq il-fedeltà qatt mittiefsa ta' Alla lejn il-paternità tiegħu, u fuq l-istima leali ta' Alla lejn il-bniedem.

*I-kelma definittiva tal-ħniena*

Ġesu' ma kienx kuntent bil-predikazzjoni biss tal-ħniena, iżda ried jibqa' jattwaha sa l-aħħar nifs ta' ħajtu. Ma qagħadx jintilef fit-tpaċpiċ fieragħ fuq il-ħniena iżda għexha, saħansitra akkost ta' ħajtu stess. Ġesu' offra lilu nnifsu quddiem il-Missier bħala l-bniedem responsabbli mill-umanità kollha u aċċetta li jitwettaq FIH il-ġudizzju kontra d-dnub tad-dinja. Għaldaqstant il-passjoni ta' Kristu kienet ir-rivelazzjoni definittiva tal-qdusija ta' Alla" li quddiem il-ħażen tidher bħala "ġustizzja assoluta". Hija dejjem xhieda wkoll li r-rivelazzjoni radikali li ġabet magħha l-imħabba qawwija ta' Alla hija ferm aqwa mill-mewt u aktar b'saħħitha mid-dnub.

Għalhekk is-salib sar sinjal permanenti tal-"ġustizzja ħanina ta' Alla tagħna". Għalhekk ukoll "Kristu, fil-misteru tal-Għid, huwa dejjem l-inkarnazzjoni tal-ħniena u sinjal ħaj tagħha: sinjal ta'

salvazzjoni storika u eskatoloġika", huwa għalhekk ġust li l-liturġija tal-Għid tippreżentalna l-kliem tas-Salm 88 (89) 2: "il-ħniena tal-Mulej irrid dejjem ngħanni".

*Marija Omm tal-Ħniena*

Fl-innu tal-"Magnificat" insibu lil Marija tgħid: "Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien". Iżda qabel ma qalet dan il-kliem, Marija kienet diġà esperimentatu f'ħajjitha mill-bidu tal-konċepiment Immakulat tagħha, sa taħt is-salib ta' binha Ġesu'. Il-Papa jenfasizza dan meta jgħid: "Bħal Marija, Omm l-Imsallab, ħadd ma ġarrab tabilħaqq il-misteru tas-Salib, jiġifieri l-għaqda tal-Ġustizzja ta' Alla ma' l-Imħabba tiegħu tal-għaġeb: il-bewsa mogħtija lill-ġustizzja mill-ħniena". Minkejja l-innoċenza tagħha, "Marija hija dik li għarfet il-għoli kollu tal-misteru tal-ħniena ta' Alla; għarfet ukoll kemm tiswa u fehmet kemm kienet tassew tal-għaġeb... U fiha u biha, din l-imħabba ma tehda qatt tidher fil-knisja u fil-ġrajja tal-bniedem."

Alla għalhekk iħobb jinqeda bil-ħniena biex jilħaq lil dawk — "li l-aktar malajr lesti biex jilqgħu l-imħabba kollha ħniena li turi omm". F'Marija, il-ħniena tiġi rrivelata bħala "imħabba materna" ta' Alla.

## II IL-PASTORALI TAL-ĦNIENA

It-tieni parti ta' l-enċiklika hija iqsar imma aktar densa. F'din il-parti nsibu indikazzjoni ta' xi oqsma li fihom il-Knisja tista' taħdem għall-ġid tad-dinja ta' llum.

Din l-analisi tibda bil-kuntrast bejn il-ġenerazzjoni tagħna u dik ta' ħmistax-il sena ilu. Il-Papa juri li d-diffikultajiet li dehru tqajmu għall-ewwel darba u ġew mistħarrġa fil-Konċilju. Mhux talli dawn id-diffikultajiet ma ġewx superati jew għebu, iżda talli saru aktar gravi u qed jikkostrinġu l-bniedem biex jagħmel appelli drammatiċi għall-ħniena ta' Alla. (Cfr. l-aħħar paragrafu ta' Kap. 10).

X'inhuma dawn is-*sitwazzjonijiet gravi* li jeżistu llum? Nistgħu nisiltu xi eżempju mill-ħajja ta' kuljum, bħal ngħidu aħna: il-periklu teknoloġiku militari; il-materjaliżmu li qed joħnoq kull sens ta' umaniżmu u jpoġġi l-ġid tad-dinja qabel il-persuna tal-bniedem, l-iżbilanċ fl-ekonomija li jirriżulta fil-problema tal-ġuħ;. l-inġustizzji li jeżistu fi żimenna fejn xi kultant anke l-istess ġustizzja qed tiġi strumentalizzata (Cfr. it-tielet paragrafu ta' Kap. 12), id-deklin tal-kuxjenza morali, eċċ.

Quddiem dan it-theddid il-Papa jistaqsi:

"Huwa kapaċi l-bniedem isib soluzzjoni ta' dan kollu?" Jew fi kliem ieħor, tista' l-ġustizzja umana ssalva 'l din is-soċjetà? Ir-risposta, igħid il-Papa, hija fin-negattiv. Il-Papa jgħid li l-esperjenza tal-passat u tal-preżent turina li l-ġustizzja waħedha m'hix biżżejjed, anzi tista' twassal għan-negazzjoni tagħha nfisha.

"Għalkemm ikomplu jgħidu li qed iħabirku għall-ġustizzja, l-esperjenza turina li l-ġustizzja fil-fatt tingħeleb mill-mibegħda u xi kultant mill-moħqrija wkoll, u minn qawwiet negattivi oħra."

Il-Papa jkompli:

"Mhux ta' b'xejn li Kristu ċanfar lil dawk li kienu jisimgħuh,

għax kienu jġibu rwieħhom skond it-tifsir litterali tat-tagħlim tal-Patt il-Qadim, bħal p.eż. Għajn għal għajn u sinna għal sinna."

Is-salvazzjoni tasal biss mingħand Alla l-Missier, minn dik il-ġustizzja li tintroduċi l-ħniena lill-bniedem, kemm individwalment kif ukoll soċjalment.

*It-tliet ħidmiet tal-Knisja*

Il-poplu ta' Alla għandu risposta adattata għad-dinja ta' llum; din tingħata sewwasew mat-tliet ħidmiet ewlenin tiegħu:

— billi jagħti xhieda tal-ħniena ta' Alla u jxandarha bħala verità tal-fidi li ssalvana;

— billi jdaħħal il-ħniena u jinkarnana fil-ħajja tal-bnedmin kollha ta' rieda tajba;

— billi jitlob il-ħniena ta' Alla meta jara tant suriet ta' deni tar-ruħ u tal-ġisem.

*Ix-xandir tal-Ħniena*

Ix-xandir tal-ħniena għandu jsir fil-verità sħiħa tiegħu skond ir-rivelazzjoni, il-ħajja ekklesjali u l-eseġesi biblika, il-liturġija, l-esperjenza tal-ħajja kristjana, il-katekeżi, it-tqarbin u l-qrar, u oħrajn. Partikolarment f'dan is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, "kull bniedem iġarrab b"mod speċjali l-ħniena, jiġifieri dik l-imħabba, li hi aktar qawwija mid-dnub.". Hawn Alla jirrivela lilu nnifsu b'mod aktar evidenti, għaliex b'konfrontazzjoni mad-dnub, Alla ma setax juri lilu nnifsu jekk mhux bħala ħniena"; hawn il-Knisja tipproklama: "ir-rieda mħeġġa ta' Alla, li jilqa' kull Iben il-Ħali li jerġa' lura d-dar." Il-Knisja tħeġġeġ lill-bnedmin biex jindmu u tgħid li l-konverżjoni lejn Alla dejjem tfisser is-sejħa tal-ħniena. Mill-konverżjoni ta' l-individwu tiġi l-konverżjoni ta' komunitajiet sħaħ li twassal għall għaqda ekumenika. B'hekk nistgħu faċilment naraw li anke l-ekumeniżmu huwa frott tal-ħniena.

## NAGĦMLU D-DINJA AKTAR UMANA

*Inpoġġu fil-prattika l-Ħniena*

L-attwazzjoni tal-ħniena hija l-ħtieġa fundamentali tal-vokazzjoni Kristjana. Il-ħniena hija wkoll prova ta' kemm tittwa l-fidi tiegħek u hija d-dimensjoni soċjali ta' l-eżistenza Kristjana.

Minn dan jintgħarfu s-segwaċi ta' Kristu. "Minn dan jagħarfukom li intom dixxipli tiegħi, jekk tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" — jiġifieri b'imħabba ġejja mill-ħniena.

Dan kif diġà ntqal jiswa mhux biss għall-individwu iżda għas-soċjetà. Il-ħniena tumanizza u tirrealizza l-ġustizzja.

"Is-soċjetà tista' ssir aktar umana" biss jekk fir-relazzjonijiet kollha tal-bnedmin bejniethom fejn jixhdu s-sura morali tas-soċjetà ikun hemm żmien u lok għal maħfra li hi l-qofol tal-messaġġ ta' l-Evanġelju. Il-maħfra turi li fid-dinja teżisti mħabba aktar qawwija mid-dnub. Il-maħfra hija kondizzjoni li mingħajrha ma jistax ikun hemm rikonċiljazzjoni, mhux biss bejn Alla u l-bnedmin, imma wkoll bejn il-bnedmin infushom.

Permezz tal-ħniena biss, li tibda mill-ambjent familjari u tes-

tendi ruħha għal dak soċjali u internazzjonali, nistgħu noħolqu "ċiviltà ta' mħabba".

Il-ħniena jgħid il-Papa Ġwanni Pawlu II, m'hix tolleranza tal-ħażen iżda mod kif tegħleb u tfejjaq il-ħażen. Anke fid-djalogu bejn l-Istati, il-maħfra m'hix telfa jew abdikazzjoni, imma l-uniku mezz biex twaqqaf gwerra, ġlied, vendetti, vendikazzjoni, eċċ.

Il-Papa jistqarr li għalhekk il-Knisja:

"tagħmel sewwa tqis bħala dmirha u bħala skop tal-missjoni tagħha li tħares il-verità tal-maħfra kemm fil-ħajja kif ukoll fl-imġiba, kemm fil-ħidma edukattiva kif ukoll f'dik pastorali."

*Il-Knisja titlob il-Ħniena ta' Alla fuq id-dinja*

L-egħluq ta' din l-enċiklika ma fih l-ebda ottimiżmu superfiċjali, anzi jpoġġi l-problema tal-ħniena fil-post l-aktar reali, fid-dinja tagħna ta' llum miksija bil-ħażen u d-dnub. Għalhekk il-Papa jħeġġiġna biex ilkoll nagħmlu ħaġa waħda:

NITOLBU.

Għalhekk:

"Fl-ebda żmien ta' l-istorja tagħha — speċjalment fi żminijiet kritiċi bħal tagħna — ma tista' l-Knisja tinsa dik it-talba li hi l-għajta għall-ħniena ta' Alla quddiem il-qawwiet kollha tal-ħażen li qed jagħfsu fuq il-bnedmin u jhedduhom."

Anzi:

"Aktar ma l-kuxjenza umana twarrab minn Alla u titbiegħed mill-misteru tal-ħniena, aktar għandha l-Knisja titlob ħniena minn Alla b'leħen għoli."

Titlob din il-ħniena jfisser:

— temmen fl-imħabba ta' Alla l-Missier;
— taqsam is-solitudni tal-ħajja ma' Marija;
— tħobb lil għajrek anke lil dawk li jagħmlulek id-deni.

Il-Papa jikkonkludi billi jgħid:

"U jekk xi wħud min-nies ta' żmienna ma għandhomx il-fidi u t-tama li qed imexxu lili, bħala qaddej ta' Kristu u amministratur tal-misteri ta' Alla biex nitlob il-ħniena ta' Alla għall-bnedmin kollha f'din is-siegħa ta' l-istorja, għallinqas jippruvaw jifhmu t-tħassib tiegħi, li ġej mill-imħabba tiegħi għall-bniedem li, kif jaħsbu ħafna nies ta' żmienna, hu mhedded minn periklu tassew kbir."

U din l-imħabba hija realtà akbar u aktar qawwija mill-ħażen.

*JEĦTIEĠ GĦALHEKK*
*LI NAGĦARFU MILL-ĠDID*
*X'INHI VERAMENT IL-ĦNIENA;*
*MINKEJJA L-ĦAFNA PREĠUDIZZJI TA' LLUM*
*IL-ĦNIENA HI VERAMENT*
*MEĦTIEĠA GĦAL ŻMINIJIETNA.*

ĠWANN PAWLU II

Minn BIBLE THEMES ta' Thierry Maertens O.S.B.

ALLA ĦANIN (Vol. 1, p. 39 40)
(Fit-Testment il-Qadim)

*Introduzzjoni.*

Il-kelma Lhudija prinċipali għall-"ħniena" ta' Alla (*hesed*) hi l-istess kelma wżata biex tesprimi d-dmirijiet ta' għajnuna lil xulxin li jiġu mill-komunità naturali jew minn rabta ta' kuntratt. Hemm kuntratt bejn Alla u l-poplu. Il-"ħniena" ta' Alla hi l-mod kif Alla jaqdi l-obbligi tal-kuntratt tiegħu: fedeltà, għajnuna, imħabba. Imma dan il-"Patt" mhux kuntratt bilaterali (taż-żewġ naħat). Ġej b'inizjattiva ħielsa ta' Alla biss. Kważi nistgħu ngħidu li l-kuntratt qed jagħmlu biss Alla. Għalhekk nitkellmu mill-*hesed* (ħniena) ta' Alla, u mhux minn dik tal-bniedem. B'dan il-mod, il-ħniena ta' Alla tieħu l-aspett ta' rigal mogħti b'xejn. Meta l-poplu dineb, induna li Alla baqa' fidil miegħu. B'hekk il-*hesed* saret mogħdrija, paċenzja, u maħfra. Saret is-sentiment prinċipali ta' Alla li jixtieq ikun Salvatur, u li għalhekk jixxabbat għad-debboli u l-midinbin, u jagħtihom il-grazzja Tiegħu.

*Siltiet mill-Bibbja*

■ Il-kelma *hesed* tfisser kull ma jġib flimkien membri ta' komunità: tjubija, rieda tajba, imħabba... Spiss hi msieħba mill-"ġustizzja".
Ġen. 20, 13; 47, 29; 1 Slat. 20, 8-15; Salm 35, 6-11.

■ Fil-komunità mwaqqfa bejn Alla u l-poplu tiegħu permezz tal-Patt, *hesed* tirreferixxi biss għal Alla, għax il-kuntratt kien minnaħa tiegħu biss. Għalhekk *hesed* bdiet aktarx tfisser ir-rigal ta' l-imħabba.
Dewt 7, 7-13; 9, 4-6, Eżek. 14, 3-14; Ġer. 31, 3, Salm 24, 6-7

■ Aktar 'il quddiem *hesed* (il-favur ta' Alla) bdiet tfisser kważi biss *berith* (Patt).
2 Slat. 7, 12-15; 3 Slat. 8; 23; Isa. 54, 10; Dan. 9, 4

■ It-tjubija u l-ħniena ta' Alla jintwerew b'mod speċjali lill-umli. Alla "jinżel" lejhom. Innota l-espressjonijiet differenti.
Salm 68, 17-19; 102, 13-18; Isa. 14, 1-2; 49, 13-15
(Lq. 10, 29-37; Ġw. 10, 1-21)

■ Hu jagħti l-grazzja Tiegħu lid-debboli u lill-midinbin, għax Hu jissaporti ħafna. Hawn "il-grazzja" u "il-ħniena" jfissru l-istess.
Goel 2, 13; Es. 34, 617; Salm 50, 3; 102, 8-14;
Is. 27, 11; 30, 18; (Lq 7, 36-50; 15, 1-31)

■ Din il-grazzja u din il-ħniena ta' Alla huma personifikati fi Kristu nnifsu. Hu kien "bniedem fqir" li Alla tah il-grazzja: imbagħad sar grazzja u tjubija għall-fqajrin u l-midinbin.
2 Kor 5, 18-21; 8-9; Gal. 2, 21; Lhud 2, 5-13; Efes. 2, 4-7; Kol 2, 13-14

Minn BIBLE THEMES ta' Thierry Maertens O.S.B.

ALLA ĦANIN (Vol. 1 p. 41-42)

(Fit-Testment il-Ġdid)

*Introduzzjoni.*

Il-*hesed* ta' Jahweh hi l-ħniena mimlija mħabba għall-bniedem: imħabba tant konkreta li mhix biss sentiment, imma prinċipalment ta' azzjoni. Hekk il-ħniena ta' Alla fit-Testment il-Qadim thejji għar-rivelazzjoni ta' l-agape (ikla ta' mħabba) ta' Alla f'Ġesu' Kristu. Titlob li n-Nisrani jitlaq ruħu f'idejn din il-ħniena.

*Siltiet mill-Bibbja*

■ Il-*hesed* ta' Alla kienet fil-bidu tal-ħolqien u l-provvidenza. Il-kittieba tal-Bibbja spiss jagħtu lill-ħolqien il-kwalitajiet ta' l-ordni tas-salvazzjoni.

Salm 32, 5-22; 106; Eccles. 18, 8-14

■ "Il-ħniena Tiegħu tibqa' għal dejjem." Din hi waħda mill-iktar frażijiet li tidher fil-Bibbja. Hi l-espressjoni tar-rabta bejn il-*hesed* u l-Patt. Hi l-espressjoni tal-gratitudni ta' poplu infidil li dejjem isib Alla ħanin kull darba li jerġa' jdur lejn Alla.

Salm 56, 10-11; 117; 1-29; 135, 1-26; Hos 2, 21-22; 11; 1-6; Ġer. 33, 11; Mik. 7, 20; Goel 2, 12-14

■ F'ħafna testi, *hesed* insibuha ma' ħafna espressjonijiet li jagħmlu emfasi fuq il-wisgħa tat-tifsira tagħha: tjubija, fedeltà, verità, ġustizzja u ġudizzju, salvazzjoni, paċi, grazzja, favur eċċ. Dawn is-suġġetti nsibuhom miġbura fil-*Benedictus* u fil- *Magnificat.*

Salm 35, 6-11; 39, 10-12; 84, 11-14; 88; Lq. 1-46-55, 69-79; I Tim. 1, 2

■ Il-ħniena tiegħu hi rigal misterjuż, mogħti b'xejn minn Alla skond ir-rieda Tiegħu. Hu "Missier il-ħniena, fis-sens li Hu ħabbna l-ewwel.

Es. 33, 10; Rum 9, 14-18; 2 Kor 1, 3-7; Efes 2, 4-8

■ Din l-attitudni ta' mħabba min-naħa ta' Alla lejn il-poplu Tiegħu titlob tweġiba mill-bniedem. Il-*hesed* tal-bniedem, iktar meħtieġa minn kull sagrifiċċju, hi sinjal ta' "sagrifiċċju" ġewwieni.

Os 6, 6; Matt 5, 7; 9, 10-13; 12, 1-7; 23; 23; Lq 10, 29-37; 6, 36-38

■ Parabboli tal-ħniena ta' Alla: ħennu bħalma Alla hu ħanin.

Lq 13, 6-9; 15, 1-31

Minn DICTIONARY OF THE BIBLE ta' John L. Mckenzie S.J. (pp. 565-567)

IL-ĦNIENA

Il-kelma Lhudija *hesed,* maqluba fit-traduzzjoni tas-LXX bil-kelma Griega *eleos* u fil-vulgata bil-kelma Latina *misericordia,* fit-traduzzjonijiet moderni Ingliżi kważi kollha hi mfissra bil-kelma *mercy.* Dil-kelma mhix tant feliċi. Imma l-istudjużi ma jaqblux fuq it-traduzzjoni eżatta tal-kelma *hesed.* Ilkoll jaqblu iżda li bl-Ingliż

ma tistax tittraduċiha eżatt b'kelma waħda. Jaqblu wkoll li l-attitudni divina u umana murija fil-kelma *hesed* hi l-attitudni-qofol firreliġjon u l-moralità Lhudija. F'dan l-artiklu jinsab tifsir fil-qosor tal-użu ta' dil-kelma.

Biex tara ċar it-tifsir ta' *hesed,* jaqbel tistudja l-kliem li huma msieħbin magħha. Mhux sa ssib konsistenzà perfetta, għax fis-sekli li ntużat fihom kien hemm żviluppi. Imma jidher tifsir li hu qofol: jiġi minsus imma mhux mibdul fis-sustanza.

L-iktar kelma komuni wżata ma' *hesed* hi *'emet,* li tfisser qawwa, lejaltà. B'hekk *hesed* hi msieħba mal-kwalità li tagħmel bniedem ieħor dehen ta' fiduċja: tista' tafdah. Meta ż-żewġ kelmiet jingħaqdu, isiru jfissru *hesed* li tista' tafdaha. *Hesed* hi xi ħaġa li wieħed jista' "jagħmel" għal ħaddieħor — kemm għal Alla (Ġen 24, 12) u kemm għall-bniedem (Ġen. 40, 14). Fiż-żewġ każi, il-persuna li twettaq il-*hesed* tkun f'qagħda ogħla. Fl-istorja ta' Ġużeppi, hi t-tweġiba għal tjubija li hi mistennija. Imma meta Abner iwettaq il-*hesed* lid-dar ta' Sawl (2 Slat. 3, 8), hu jkun jagħmel ħaġa li hu mistenni jagħmel bħala qaddej fidil.

Il-kelma, f'dawn il-każi u oħrajn bħalhom, tidher tissuġġerixxi li persuna tagħmel xi ħaġa li mhix obbligata tagħmel: l-oġġett ta' l-egħmil jiddependi mill-ġenerożità, u mhux mill-obbligu.

It-twissija li Lot irċieva mingħand il-mistednin tiegħu biex iħalli Sodoma hi *hesed* kbira (Ġen. 19, 19). Waqt li l-mistieden u min jistiednu jsiru membri ta' l-istess familja waqt dan l-att ta' ospitalità, Lot jidher qed jifhem li l-mistednin qed imorru lil hinn middmirijiet ta' mistednin, meta ħelsuh.

F'ċirkustanzi oħra, *hesed* hi mistennija bħala parti normali ta' relazzjonijiet umani tajbin. Meta s-Salmista jisħet lill-għadu tiegħu, hu jixtieq li ħadd ma jurih *hesed* (Salm 109, 12), għax l-għadu stess ma wrihiex (Salm 109, 16). Il-kotba ta' l-għerf ifaħħru l-*hesed* bħala dik li tirbaħ il-*hesed* għal min iwettaqha, u tassigura suċċess (Prov. 11, 17; 14, 22; 19, 22; 21, 21).

*Hesed* insibuha msieħba wkoll mal-kelma *mispat,* ġudizzju, li f'dal-każ tfisser ġustizzja: iż-żewġ virtujiet huma parti mill-konverżjoni mitluba minn Jahweh (Hos. 12, 7), u huma tnejn mit-tliet ordnijiet li, skond Mikea (6, 8), fihom tikkonsisti r-rieda ta' Alla. Flimkien mat-tjubija ("righteousness"), huma l-attributi ta' Alla fl-imġieba tiegħu mal-bnedmin (Ġer. 9, 23). Żakkarija (7, 9), jimponihom bħala dmir, u huma l-ewwel attributi msemmija fil-lista ta' virtujiet ta' mexxej (Salm 101, 1).

*Hesed* fl-għoti tal-ġudizzju hi parti minn kif għandu jkun imħallef: mhux wieħed li jaqta' ("arbiter") imma wieħed li jagħti ("deliver"). Hawn tista' tiġi mfissra bħala r-rieda li tagħti s-salvazzjoni (Ġen. 19, 19; 40, 14)

*Hesed* hi wkoll imsieħba mal-kelma *sedakah,* tjubija ("righteousness"). Dawn huma attributi li Alla juri lit-tajbin u lil dawk li jafuh (Salm 36, 11; 40, 11; 143, 11). Fl-aħħar silta, hemm ukoll it-tifsira tar-rieda tas-salvazzjoni. Huma wkoll l-attributi ta' mexxej uman, is-sultan tas-saltna ta' David: fuqhom hu mwaqqaf it-tron tiegħu (Is. 16, 5; Prov. 20, 28). Il-*hesed* tas-sultan tidher fil-mod kif jagħti l-ġudizzji.

*Hesed* bħala r-rieda tas-salvazzjoni tidher iktar meta l-kelma hi msieħba ma' *yesu'a,* salvazzjoni, u kelmiet ġejjin minnha. Is-salmista li jafda fil-*hesed* ta' Jahweh, jifraħ fil-ħelsien li taħ Jahweh (Salm 13, 6), u jitlob li Jahweh ikompli juriħ il-*hesed* u jagħtih is-salvazzjoni (Salm 85, 8). L-istess ideat jidhru meta *hesed* hi msieħba mal-kelma *shalom,* paċi. Fejn Jahweh jirtira l-*hesed* tiegħu, ma hemmx aktar *shalom* (Ġer. 16, 5).

*Hesed* ġieli tkun imsieħba minn kliem li jfissru sentimenti, mhux biss kwalità u attribut. Bħala għarusa żagħżugħa ta' Jahweh, Israel turi *hesed* u mħabba (Ġer. 2, 2). Fit-tiswir mill-ġdid ta' Israel, Jahweh juri l-*hesed* u l-imħabba Tiegħu għal Israel (Ġer. 31, 3).

Spiss tidher ukoll mal-kelma *rahamim,* kelma oħra diffiċli tfissirha. Għandha x'taqsam ma' *rehem* (ġuf, żaqq). Allura turi stat ġenwin u emozzjonali: aktarx tfisser ħniena, tħassir. Is-sentiment ta' *rahamim* jintwera lejn dawk li sofrew xi tbatija, jew dawk, bħat-tfal, li ma jistgħux jiddefendu lilhom infushom. Tidher fil-ġenituri. Fil-fatt Jahweh juri dil-kwalità Tiegħu ma' Israel bħall-ġenituri (Salm 103, 13).

L-egħmejjel ta' fidwa ta' Jahweh juru l-*hesed* u r-*rahamim* Tiegħu għal Israel. Hu jista' joħodhom lura għal kollox (Ġer. 16, 5). Jurihom mat-tjubija u l-ġustizzja Tiegħu, meta jitgħarras ma' Israel (Hos. 2, 21). Il-Lhud għandhom juruhom lil xulxin (Żakk. 7, 9). Is-Salmista meta jitlob il-maħfra jappella għal dawn l-attributi (Salm 25, 6; 40, 12; 51, 3).

Il-*hesed* ta' Jahweh l-aktar li tissieħeb mal-patt. Fir-rakkonti tal-patt (Es. 20, 6; 34, 6), il-kontinwazzjoni tal-*hesed* ta' Jahweh ma' Israel hi marbuta mal-fedeltà ta' Israel għall-kmandamenti tiegħu. Jahweh jżomm il-Patt Tiegħu u l-*hesed* tiegħu ma' dawk li jimxu quddiemu (I Sla. 8, 23).

Il-Patt innifsu hu msejjaħ *hesed* (Is 55, 3). Din ir-rabta bejn *hesed* u patt tihder b'mod speċjali fil-patt li bih David ġie mwiegħed saltna għal dejjem. Il-patt hu hesed, żamma u wirja tagħha (2 Sam 7, 15; 1 Slat. 3, 6; Salm 89, 29).

Waqt li, kif għidna fuq, iż-żamma tal-*hesed* tiddependi mill-fedeltà ta' Israel għall-patt, din hi biss parti mid-dehra tal-*hesed* tal-patt. Fil-fatt, il-Lhud u r-rappreżentanti tagħhom, għall-*hesed* tal-patt kienu jappellaw lil Jahweh biex jaħfrilhom in-nuqqas ta' fedeltà għall-patt. *Hesed* f'Jahweh ittul iktar minn *hesed* fil-bniedem. Hi attribut ta' maħfra, li jżomm relazzjonijiet tajbin anke meta l-bniedem jipprova jkissirhom (Es. 34, 6; Num. 14, 19; er. 3, 12).

Bħala konsegwenza tal-Patt, Jahweh jistenna *hesed* f'Israel (Osea 4, 1; 64-6). Il-kuntest f'dawn is-siltiet juri li l-*hesed* mixtieqa hi diretta lejn Jahweh iktar milli lejn il-bniedem. Din il-*hesed* ma' Alla tista' tkun biss dik ir-rieda tajba u ta' min jorbot fuqha li hi riflessa f'ħafna każi li semmejna fuq.

Aktar 'il fuq rajna kif il-*hesed* ta' Jahweh kultant tfisser ir-rieda Tiegħu li jsalva lill-oħrajn. Temm siltiet li fihom *hesed* tidher bħal moviment tar-rieda ta' Jahweh li jibda u jżomm l-Istorja ta' Israel (Is. 54, 10; 63, 7; Ġer. 31, 3; Mik. 7, 20). L-Istorja kollha ta' l-imġieba ta' Jahweh ma' Israel tista' tingabar fil-kelma *hesed.* Hi tidher il-ħin kollu fl-egħmejjel Tiegħu, u tagħti għaqda u tifsira

lill-imġieba kollha Tiegħu mal-bnedmin, inklużi l-korla u l-ġudizzju. Dan li qegħdin ngħidu hu emfasizzat f'bosta siltiet li jgħidu li l-*hesed* ta' Jahweh tibqa' għal dejjem (Is. 54, 8; 55, 3; Ġer. 33, 11; Mik. 7, 20; Salm 85, 8; 90, 14; 100, 5; 106, 1; 107, 1). Il-*hesed* iżżomm l-Istorja tas-salvazzjoni ta' Israel għal futur bla limiti. Il-*hesed* ta' Jahweh hi bħaċ-ċavetta għall-għarfien tal-karattru Tiegħu.

*Fil-Ġdid Testment*, il-kelma Griega *eleos* hi wkoll tradotta, fil-verżjonijiet Ingliżi, bil-kelma *"mercy"*: imma tfisser aktar minn mercy. *Eleos* tidher spiss f'kuntesti li jfissru f'*hesed* jew ifakkru fiha. Dan jidher fil-Benedictus u fil-Magnificat (Lq. 1).

Il-Vanġeli juru *eleos* bħala d-dmir ta' bniedem lejn ieħor. Ġesu' japplika Hos. 6, 6 għal dan id-dmir, u juri l-attitudni Tiegħu lejn il-midinbin bħala l-mudell ta' l-*eleos*. L-attitudni tiegħu hi waħda lesta tissieħeb magħhom — kontra dik ta' l-Iskribi, li kienu jeskluduhom — u jsejħilhom biex jidħlu fis-saltna ta' Alla (Mt. 9, 13). L-istess vers hu applikat minn Ġesu' f'Mat. 12, 7, għall-ġudizzju aħrax tal-Fariżej fuq dawk li ma josservawx it-tradizzjonijiet tal-Fariżej u l-Liġi kif interpretawha huma.

Flimkien mat-tjubija ("righteousness") u l-fedeltà, *eleos* hija waħda mill-fatturi l-aktar importanti tal-liġi (Mt. 23, 23): din hi riferenza, għal darb'oħra, għall-interpretazzjoni riġida tal-liġi. F' dawn is-siltiet, *eleos* tfisser nifs, tolleranza. Ġesu' għamel l-*eleos* li wieħed juri lil ieħor, il-kundizzjoni ta' l-*eleos* li wieħed jista' jistenna mingħand Alla (Mt. 5, 7; 18, 33).

Il-prova ta' l-imħabba tal-proxxmu hi l-wirja ta' l-*eleos* (Lq 10, 37). F'din il-parabbola *eleos* tfisser: tagħti l-għajnuna lil min għandu bżonnha. F'Mt. 18, 33, *eleos* tfisser ir-rieda li taħfer, u Mt 5, 7 probabilment jingħata l-istess tifsira. Ġak. 2, 13 hu eku ta' l-istess: hawn, ġudizzju bla *eleos* tista' tiġi tradotta bħala ġudizzju bla ħniena. *Eleos* hu parti mill-għerf li ġej minn fuq, u f'kuntrast ma' l-għerf tad-dinja, juri ruħu f'egħmejjel tajba.

L-*eleos* ta' Alla spiss jidher bħala r-rieda ta' Alla li jsalva l-istess bħall-*hesed* fl-Antik Testment. Filmkien ma' l-imħabba, hi l-*eleos* ta' Alla li ċċaqalqu biex jagħti l-ħajja fi Kristu Ġesu' (Efes 2, 4; 1 Pt 1, 3). L-*eleos* ta' Alla hi l-motiv tar-rieda Tiegħu li jsalva, mhux il-merti tal-bniedem (Tit. 3, 5).

F'Rum. 9, 22, *eleos* u l-korla nsibuhom f'kuntrast, bħala l-motivi ta' l-imġieba ta' Alla mal-bnedmin. Is-silta hi tqila. Imma *eleos* hi ċar u tond ir-rieda li ssalva, li tiġi qabel. *Eleos* hu l-mottiv li jċaqlaq 'l Alla biex jagħti l-uffiċċju apostoliku lil Pawlu (I Kor 7, 25; 2 Kol. 4, 1). Hi wkoll l-attribut divin li jfejjaq il-mard (Filip. 2, 27).

Fil-Ġdid Testment, *eleos*, meta hi l-*eleos* ta' Alla, tista' tinftiehem aktar faċilment bħala r-rieda Tiegħu li jsalva, li tiġi qabel kull għemil tal-bniedem. Hi tibda u ttemm il-proċess tas-salvazzjoni fi Kristu. Fil-bnedmin toqrob ħafna lejn l-*agape*. Tidher l-aktar fir-rieda li tagħmel il-ġid u li taħfer. Il-Kelma "ħniena" hi limitata wisq biex tfisser dan kollu.

L-*eleos* bejn il-bnedmin, fil-Ġdid Testment, tinbidel bl-imħabba nisranija, li hi żvilupp rivoluzzjonarju fil-Ġdid Testment, u tqiegħed skop aktar profond wara l-*eleos* milli nsibu fl-Antik Testment.

ĦNIENA — minn *Encyclopedia of Theology, a concise Sacramentum Mundi*, edited by Karl Rahner p. 954

Il-ħniena ta' Alla tfisser li Alla bħal jidħol fil-ħin biex igħin il-ħolqien imtaqqal tiegħu, u dan għax irid, bi grazzja. L-esperjenza ewlenija ta' Alla bħala Alla tal-ħniena, mogħdrija u maħfra, hija mniżżla b'ħafna modi fil-kotba tal-Patt il-Qadim u tal-Patt il-Ġdid.

Fit-teoloġija, il-ħniena hi normalment ikkunsidrata bħala wieħed mill-attributi essenzjali ta' Alla: billi Hu infinit f'kull perfezzjoni, in-natura ġusta u qaddisa Tiegħu ma tħallix wisgħa għall-krudeltà u ħruxija inġusta. Barra minn hekk, il-ħniena hi attitudni attwali ta' Alla lejn il-bniedem midneb, li jixraqlu tassew l-ġudizzju diivn, attitudni li l-bniedem jista' jintebaħ biha permezz ta' l-esperjenza li ta Alla, li juri lilu nnifsu bħala ħanin.

Dil-ħniena tidher fir-rieda ta' Alla li jsalva lil kulħadd, bl-azzjoni ta' fidwa li permezz tagħha jitgħabba bid-dinja għalih, fl-inkarnazzjoni u l-glorifikazzjoni ta' Ibnu, fil-ġustifikazzjoni ta' l-individwu, u fit-temmija aħħarija ('konsumazzjoni eskatoloġika') tad-dinja.

L-imħabba u l-ħniena ta' Alla jaħdmu fuq xulxin. Huma preżenti, b'mod definittiv u irrevokabbli fid-dinja, fil-ħniena tal-Kelma Inkarnata ta' Alla (Lhud 2, 17; 4, 15). Billi hi attitudni ta' Alla mogħtija lilna b'xejn, bi grazzja, il-ħniena tiegħu ma tistax tkun imkejla bil-quddiem. M'hemmx mod ta' kejl għall-forom, il-manjieri, il-kundizzjonijiet u l-miżura li bihom Alla jogħġbu jxerred ħnientu fuq l-individwi. Għalhekk ma nistgħux naħduha 'for granted" (għall-effetti tagħha) bħal attributi oħra ta' Alla (e.g. il-ġustizzja).

Il-bniedem ma jisatx jistrieħ fuq dak li sa jagħmel Alla. Tabilħaqq ħadd ma jagħraf tassew il-ħniena ta' Alla qabel ma jilqagħha bħala inkalkulabbli: għalhekk il-bniedem ma għandux jidneb kontriha bi preżunzjoni.

Il-mod kif jiġu rikonċiljati l-ħniena ta' Alla u l-ħażen fid-dinja, il-ġudizzju u l-kastig ta' dejjem, jirriduċi ruħu għall-misteru tal-libertà sovrana ta' Alla qaddis (Rum. 9-11), li jkun imdawwal biss fl-aħħar taż-żmien (2 Kor. 4, 14).

Meta Alla juri ħniena ma jkunx qed jegħleb il-ġustizzja tiegħu: ikun qed jogħla 'l fuq minnha, u juri l-milja tagħha meta jdawwar midneb għal bniedem ġust (Summa Theol. 1, q. 21, a. 3). B'hekk, permezz tal-ħniena, Alla jsir ġust mal-bniedem li hu stess ikun għamel ġust.

Bħala mod ta' l-imħabba ta' Alla lejn il-ħolqien dgħajjef, il-ħniena hi mitluba mill-ġudizzju ġust ta' Alla u mill-ħlas ġust li jagħti. It-talba ta' petizzjoni hi l-appell tal-bniedem lill-ħniena ta' Alla u tifħir lilha wkoll.

Il-ħniena kollha tal-bnedmin hi mibnija fuq dik ta' Alla u msejħa minnha. Tista' tissejjaħ ħniena (f'sens ta' tixbiha) biss bħala risposta, għax taf li hi stess u kull ma għandha x'tagħti huma dejjem mogħtija b'self. Fil-fatt, il-ħniena tal-bnedmin ma tagħti xejn minn tagħha imma biss dak li rċeviet. U dan ma jsirx jekk irid il-bniedem, imma għax il-ħniena ta' Alla mal-bniedem iġġiegħlu anke hu juri ħniena.

Il-ħniena tara t-toqol ta' l-oħrajn bħala tagħha. Hemm solidar-

jetà li fiha kemm min jagħti u kemm min jirċievi ikunu rċevew mill-istess milja. Min juri ħniena jirċievi iktar milli jagħti — il-viżjoni ċara tax-xejn tiegħu, li hi l-uniku mezz biex il-bniedem ma jitlifx il-milja li jkun irċieva.

Adolf Darlap

MARIJA OMM TAL-ĦNIENA — mill-Enċiklika Għani fil-Ħniena n. 9

F'dan il-kliem tal-Knisja fi żmien l-Għd ("Il-ħniena tal-Mulej irrid dejjem ngħanni") jidwi l-kliem profetiku li qalet Marija meta żaret lil Elisabetta, mart Żakkarija: "Il-ħniena tiegħu... f'kull żmien" Dan il-kliem mill-ewwel mument tal-Inkarnazzjoni, juri dehra ġdida tal-istorja tas-salvazzjoni. Wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet din id-dehra hi ġdida kemm fl-aspett storiku u kemm fl-aspett eskatoloġiku tagħha. Minn dak iż-żmien kien hemm nisel wara l-ieħor ta' bnedmin, dejjem jiżdiedu fil-għadd, kien hemm nisel wara l-ieħor tal-Poplu ta' Alla, immarkat bis-sinjal tas-Salib u tal-qawmien mill-imwiet, u "issiġillat" bis-siġill tal-misteru ta' l-Għid ta' Kristu, għax f'dan il-Poplu jseħħ ir-rivelazzjoni sħiħa ta' dik il-ħniena li Marija ħabbret fuq il-għatba tad-dar tal-qariba tagħha Elisabetta: "Il-ħniena tiegħu... f'kull żmien".

Marija hija dik li b'mod tassew ta' l-għaġeb, b'mod li ma hemmx ieħor bħalu, għarfet x'inhi l-ħniena, u ebda ħadd ieħor ma għarafha qatt daqsha; fl-istess waqt, b'mod tassew speċjali, permezz tas-sagrifiċċju ta' qalbha seta' jseħħ it-tisħib tagħha fir-rivelazzjoni tal-ħniena ta' Alla. Dan is-sagrifiċċju ta' qalbha hu marbut b'rabta liema bħalha mas-sagrifiċċju ta' Binha fuq is-Salib, li fejnu qagħdet fuq il-Kalvarju. Is-sagrifiċċju tagħha hu tisħib tassew speċjali fir-rivelazzjoni tal-ħniena, jiġifieri hu tisħib fil-fedeltà sħiħa ta' Alla għal imħabbtu, u għall-patt li sa minn ewl id-dinja ried u, tul iż-żminijiet, għamel mal-bniedem, ma' poplu, mal-bnedmin kollha; hu tisħib fir-rivelazzjoni li saret darba għal dejjem permezz tas-Salib. Bħal Marija, Omm l-Imsallab, ħadd ma ġarrab il-misteru tas-Salib, jiġifieri l-għaqda tal-ġustizzja ma' Alla, li tiżboq, kollox, mal-imħabba tiegħu tal-għaġeb: "il-bewsa" mogħtija lill-ġustizzja mill-ħniena. Daqs Marija ħadd ma laqa' f'qalbu dan il-misteru: jiġifieri l-qofol tal-ħidma ta' Alla fil-fidwa li seħħet fuq il-Kalvarju bil-mewt ta' Binha flimkien mas-sagrifiċċju tal-qalb tagħha ta' omm u bil-"fiat" sħiħ tagħha ("Ikun minni skond kelmtek").

Marija għalhekk hija dik li għarfet l-għoli kollu tal-misteru tal-ħniena ta' Alla; għarfet ukoll kemm tiswa u fehmet kemm kienet tassew tal-għaġeb. Għalhekk insejħulha Omm il-ħniena, Sidtna tal-ħniena, Omm il-ħniena ta' Alla. F'dawn it-titoli hemm moħbija qawwa teoloġika kbira, għaliex juru kemm u kif kienet imħejjija ruħha, l-intelliġenza tagħha, anzi hija kollha kemm hi, biex tagħraf il-ħniena, l-ewwel fil-ġrajja mqallba ta' Israel, imbagħad fil-ġrajja ta' kull bniedem u fl-aħħar tal-bnedmin kollha kemm huma, dik il-ħniena li "f'kull żmien" għandna sehem minnha għax hekk minn dejjem riedet it-Trinità Qaddisa.

It-titoli mogħtijin lil Omm Alla, li għadna kemm semmejna, jitkellmu l-ewwelnett fuqha bħala Omm l-Imsallab u l-Irxoxt: jiġifieri jitkellem fuq dik li ġarrbet ħniena b'mod tassew tal-għaġeb u bl-is-

tess mod speċjali "immeritat" din il-ħniena tul ħajjitha kollha fuq l-art u l-aktar fejn is-Salib ta' Binha; u fuq dik li, fil-moħbi imma fl-istess ħin imsieħba b'mod tal-għaġeb fil-missjoni ta' Binha bħala Messija, intgħażlet b'mod speċjali biex twassal lill-bnedmin dik l-imħabba li Binha ġie biex jurihom, dik l-imħabba li tintwera b'mod l-aktar konkret ma' dawk li qed ibatu, mal-fqar, ma' dawk li huma mċaħħdin mil-libertà tagħhom, mal-għomja, mal-maħqurin, mal-midinbin, kif qal Kristu fuqhom bi kliem il-profeta Isaija l-ewwel fis-sinagoga ta' Nazaret, imbagħad meta wieġeb għall-mistoqsija ta' dawk li bagħat għandu San Ġwann Battista.

Hi proprju f'din l-imħabba "kollha ħniena", li l-aktar tidher fejn hemm id-deni tar-ruħ u tal-ġisem, li kellha sehem b'mod tassew speċjali u singulari l-qalb ta' dik li kienet Omm l-Imsallab u l-Irxoxt: li kellha sehem Marija. U fiha u biha din l-imħabba ma tehda qatt tidher fil-Knisja u fil-ġrajja tal-bniedem. Dan il-mod kif tintwera l-imħabba jagħti kotra ta' frott għaliex, f'Omm Alla, ġej minn kif taħdem il-qalb tagħha ta' omm, minn kif tħoss għall-oħrajn, minn kemm tasal biex tilħaq lil dawk kollha li aktar malajr lesti biex jilqgħu l-imħabba kollha ħniena li turi omm. Dan huwa wieħed mill-misteri kbar tat-twemmin nisrani, misteru li jagħti l-ħajja, misteru marbut b'rabta liema bħalha mal-misteru tal-inkarnazzjoni.

Fuq dan il-Konċilju Vatikan II igħallimna li Marija saret ommna u għadha ommna fl-ordni tal-grazzja: bdiet tkun ommna minn dak il-waqt li, b'fidi kbira, laqgħet il-messaġġ li tħabbrilha mill-Anġlu; bla biża' ta' xejn baqgħet iġġib ruħha ta' ommna fejn is-Salib; u għadha u tibqa' dejjem ommna sa ma sseħħ għal kollox ix-xirka kollha tal-magħżulin. Għax għalkemm ġiet imtellgħa s-sema hija ma telqitx minn taħt idejha din il-ħidma għas-salvazzjoni tagħna, imma għadha tidħol għalina b'kull mod biex Alla jagħtina l-grazzji meħtieġa għas-salvazzjoni ta' oejjem. Fl-imħabba tagħha ta' omm hija l-ħin kollu taħseb f'ħut Binha fil-mixi tagħhom lejn is-sema, fost it-tiġrib u d-dwejjaq kollu tal-ħajja, sa ma jaslu fil-hena tas-sema pajjiżhom."